# Minn Xiħ għal Pops:

# Ir-Rappreżentazzjoni tal-Missier mid-Disgħinijiet ’il Hawn

**Jean Paul Borg**

Teżi mressqa

lill-Fakultà tal-Arti

fl-Università ta’ Malta

għall-grad ta’ Maġisteru tal-Arti (M.A) fil-Malti

Mejju 2025

L-Università ta' Malta

**University of Malta Library – Electronic Thesis & Dissertations (ETD) Repository**

The copyright of this thesis/dissertation belongs to the author. The author's rights in respect of this work are as defined by the Copyright Act (Chapter 415) of the Laws of Malta or as modified by any successive legislation.

Users may access this full-text thesis/dissertation and can make use of the information contained in accordance with the Copyright Act provided that the author must be properly acknowledged. Further distribution or reproduction in any format is prohibited without the prior permission of the copyright holder.

L-Università ta' Malta

**FAKULTÀ/ISTITUT/ĊENTRU/SKOLA** Fakulta' Tal- Arti

**DIKJARAZZJONI TA' STUDENTI POSTGRADWATI**

**(a) L-Awtentiċità tad-Dissertazzjoni**

Niddikjara li jien l-awtur/l-awtriċi leġittimu/a ta' din id-Dissertazzjoni u li hija x-xogħol oriġinali tiegħi. Il-kodiċi tal-formula tal-Etika fir-Riċerka u l-Ħarsien tad-Data ARTS-2024-00182.

L-ebda parti minn dan ix-xogħol ma tressqet bħala sostenn ta' xi applikazzjoni għal grad jew kwalifika oħra f'din l-università jew kwalunkwe università jew istituzzjoni tal-edukazzjoni ogħla oħra.

Inżomm lill-Università ta' Malta mingħajr ħtija f'każ ta' talbiet minn terzi persuni b'rabta mal-ksur taddritt tal-awtur, ksur tal-kunfidenzjalità, malafama jew kull ksur ieħor tad-drittijiet tat-terzi persuni.

**(b) Il-Proċeduri tal-Kodiċi ta' Prattika għar-Riċerka u tal-Verifika tal-Etika fir-Riċerka**

Niddikjara li mxejt mal-Proċeduri tal-Kodiċi ta' Prattika għar-Riċerka u tal-Verifika tal-Etika fir-Riċerka tal-Università.

Bħala student/a tal-Master, skont ir-Regolament 77 tar-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad , naqbel li jekk id-dissertazzjoni tiegħi tikseb il-Grad A, tkun aċċessibbli pubblikament fir-Repożitorju Istituzzjonali tal-Università ta' Malta.

## Sinteżi

Fil-qofol tagħha, din ir-riċerka tistħarreġ ir-rappreżentazzjoni tal-missier fil-letteratura Maltija ta' wara s-snin disgħin. L-istudju jibda billi jikkontestwalizza din il-figura u jħares lejn l-attributi tal-missier fil-mitoloġija Griega Nordika, u fil-Bibbja, bħala s-sorsi meqjusa l-pedament tal-kultura tal-Punent u li għadhom jinfluwenzaw din il-kultura sal-lum.

Imbagħad l-istudju jħares lejn il-missier kif sawruh il-kittieba Romantiċi, Realisti, u Moderni, li kienu kollha esklużivament irġiel.

Fil-kapitli ċentrali l-istudju jħares lejn ix-xogħol ta' poeti u prożaturi kontemporanji rġiel, u l-kitbiet tal-awturi nisa tas-seklu wieħed u għoxrin. Dan il-perjodu jippermetti għall-ewwel darba tqabbil bis-sħiħ bejn il-kittieba taż-żewġ sessi, minħabba li huwa propju fih li l-kittieba nisa jidħlu fix-xena letterarja Maltija kwantittivament u kwalitattivament, kif jixhed ir-rikonoxximent li jikseb xogħolhom. F'dawn il-kapitli tiġi analizzata r-rappreżentazzjoni tal-missier mill-missirijiet infushom, imma anki minn binhom, binthom u s-sieħba tagħhom bħala koġenituri ta' wliedhom, f'polifonija ta' esperjenzi u vuċijiet.

## Radd ta' Ħajr

Fl-2021, fi żmien ta' pandemija, kont qed nikteb ir-radd ta' ħajr għat-teżi tal-Baċellerat, u dakinhar kont bdejt minn Dr Immanuel Mifsud, li kien it-tutur tiegħi. Fiha, stqarrejt li kien ta' privileġġ għalija li naħdem miegħu. Illum, erba' snin wara, l-unika differenza hija li Dr Mifsud sar Profs Mifsud. L-opportunità li nerġa' naħdem miegħu, qalbet privileġġ f'xorti kbira. Jekk erba' snin ilu, konna nqattgħu sigħat niddiskutu minn fuq kompjuter, din id-darba kellna ċ-ċans inqattgħu sigħat nitkellmu wiċċ imb wiċċ fl-uffiċċju tiegħu, li għalkemm żgħir u mudlam, b'aktar kotba minn madum, dejjem ħriġt minnu bi ftit aktar tama u perspettivi ġodda.

Grazzi wkoll lis-Sa Justine Somerville, li permezz tal-kordinazzjoni tagħha tal-Appuntamenti mar-Riċerka toffri spazju ta' skambju ma' studenti oħra, u wens waqt vjaġġ li kultant jaf ikun kemxejn solitarju. Grazzi wkoll lid-Dipartiment tal-Malti, li joffri ambjent mill-isbaħ għalina r-riċerkaturi. Wara sentejn nieqes, ħassejt ġibda li ma stajtx nirreżisti aktar u kuntent ħafna li rġajt sirt student tiegħu.

Fl-aħħar nett, grazzi lil Katel, li temmen fija aktar minni nnifsi. Xi darba niddiskutu dan ix-xogħol sew, sakemm mhux diġà ħadtlek rasek dwaru.

# Werrej

*0. Daħla* ........................................ *1*

0.1. L-Għanijiet tar-Riċerka ........................................ 1

0.2. It-Tqassim tal-Kapitli ........................................ 2

*1. L-Attributi tal-Missier* ........................................ *5*

1.1. Il-Mitoloġija Griega ........................................ 6

1.2. Il-Mitoloġija Nordika ........................................ 14

1.3. Il-Bibbja ........................................ 18

1.4. Konklużjoni ........................................ 28

*2. Il-Letteratura Maltija Qabel is-Seklu Wieħed u Għoxrin* ........................................ *30*

2.1. Il-Moviment Romantiku ........................................ 30

2.2. Il-Moviment Realista ........................................ 36

2.3. Il-Moviment Modern ........................................ 41

2.4. Konklużjoni ........................................ 51

*3. Il-Missier fil-Proża tal-Kittieba Rġiel* ........................................ *53*

3.1. Pierre J. Mejlak ........................................ 53

3.2. Walid Nabhan ........................................ 63

3.3. Alex Vella Gera ........................................ 76

3.4. Immanuel Mifsud ........................................ 88

*4. Il-Missier fil-Poeżija tal-Kittieba Rġiel ............................................................ 109*

**4.1. Adrian Grima ........................................................................................... 109**

**4.2. Antoine Cassar ........................................................................................ 115**

**4.3. Immanuel Mifsud ..................................................................................... 123**

*5. Il-Missier fil-Proża tal-Kittieba Nisa ................................................................ 134*

**5.1. Clare Azzopardi ....................................................................................... 134**

**5.2. Loranne Vella .......................................................................................... 147**

**5.3. Nadia Mifsud ........................................................................................... 158**

**5.4. Lara Calleja ............................................................................................. 167**

*6. Il-Missier fil-Poeżija tal-Kittieba Nisa .............................................................. 174*

**6.1. Maria Grech Ganado ................................................................................ 174**

**6.2. Nadia Mifsud ........................................................................................... 183**

**6.3. Leanne Ellul ............................................................................................. 192**

*7. Konklużjoni: Minn Missier Prepotenti għal Pops Impotenti? ............................ 201*

**7.1. Qabel Dan is-Seklu ................................................................................... 202**

**7.2. Il-Missier Skont il-Prożaturi Rġiel Wara l-Qlib tas-Seklu ....................................... 204**

**7.3. Il-Missier Skont il-Prożaturi Nisa Wara l-Qlib tas-Seklu ........................................ 208**

**7.4. Il-Missier Skont il-Poeti Wara l-Qlib tas-Seklu ..................................................... 211**

**7.5. Għeluq ..................................................................................................... 213**

*Biblijografija ........................................................................................................ 214*

# 0. Daħla

Din ir-riċerka tistħarreġ ir-rappreżentazzjoni tal-missier fil-letteratura Maltija ta' wara s-snin disgħin, u bħala punt tat-tluq għandha l-għan li tiddokumenta figura li minkejja l-għeruq fondi tagħha fl-istorja tal-bniedem, ftit li xejn hija mistħarrġa mir-riċerkaturi u parti mid-diskors letterarju lokali. Il-missier jinħass konsistentement fid-dell tal-omm, u dan jista' jinħass bħala anomalija meta tqis li l-arketip tiegħu għandu tant awtorità. Waqt li tradizzjonalment l-omm hija figura ċentrali, speċjalment fil-moviment Romantiku, il-missier qajla jissemma u ħafna drabi hija l-assenza tiegħu li tagħmlu osservabbli. Dan huwa fatt kurjuż, speċjalment meta tqis li l-moviment Romantiku lokali huwa msejjes fuq valuri Kristjani u kien qrib ħafna tal-Knisja li qieset il-familja nukleari bħala mudell, bl-enċiklika *Rerum Novarum* tal-Papa Ljun XIII tqisha bħala predeċessur tas-soċjetà ċivili, waqt li tpoġġi lill-missier bħala l-kap tagħha u l-ulied bħala proprjetà u estensjoni tal-personalità tiegħu (Kap 11). Barra minn hekk, sa tmiem is-seklu għoxrin, il-letteratura Maltija hija ddominata għalkollox minn vuċijiet ta' kittieba rġiel, bi wħud minnhom missirijiet infushom.

## 0.1. L-Għanijiet tar-Riċerka

L-għan ewlieni ta' dan l-istudju huwa li jinkiseb għarfien dwar il-missier, is-saffi diversi tiegħu, kif inbidel maż-żmien u kif dan jiġi ppreżentat minn kittieba diversi. Minħabba li din il-figura kienet kostantement fid-dell tal-omm, ftit li xejn inkiteb dwarha, għall-inqas lokalment. Waqt li saru diversi studji fuq il-memoir ta' Immanuel Mifsud, *Fl-Isem tal-Missier (u tal-Iben)*, din il-figura partikolari ftit li xejn ġiet investigata kif tidher fil-letteratura Maltija u għalhekk din ir-riċerka se tindirizza din il-lakuna.

Il-perjodu mistħarreġ f'dan l-istudju, l-ewwel deċennji tas-seklu l-ġdid, joffri għall-ewwel darba polifonija ta' vuċijiet ta' kittieba rġiel u nisa. Dan huwa punt kruċjali għax il-figura fiċ-ċentru ta' dan l-istudju mhijiex newtrali fil-qasma ta' bejn is-sessi. Ir-rappreżentazzjoni tal-missier se titqies minn sfond Psikanalitiku, partikolarment minn Massimo Recalcati, li fid-diversi xogħlijiet tiegħu janalizza kif il-profil tal-missier qiegħed isir dejjem aktar kumpless u jikkonċentra wkoll fuq kif, fi kliemu dan għaddej minn bidla storika, li biha l-awtorità tiegħu qed titnaqqar b'mod "trawmatiku" (*Son's Secret* 1). Barra minn hekk, din ir-riċerka tqis il-ħsieb Femminista li jisfida lil din il-figura; ngħidu aħna Kate Millett tosserva u tilmenta mill-fatt li l-poter ekonomiku jinsab kollu f'idejn il-figura tal-missier, sal-punt li l-membri l-oħra tal-familja jsiru dipendenti fuqha u b'hekk jirrelegaw ruħhom bħala sudditi tiegħu (33-35). Se jitqies ukoll ix-xogħol ta' R.W. Connell li studjat qatigħ il-maskulinità minn lenti Femminista.

L-għan aħħari ta' dan ir-riċerka huwa li dak kollu li tiskopri f'forom letterarji differenti mill-kittieba rġiel u nisa jitqabbel, biex minn naħa tippreżenta l-fili komuni bejniethom u minn naħa oħra dawk kunfliġġenti. Trid ukoll tistħarreġ xi nbidel mill-arketip tal-missier fil-mitoloġiji u l-Bibbja, kif ukoll kemm il-missier irrappreżentat fil-letteratura Maltija ta' dan is-seklu nbidel mis-seklu preċedenti.

## 0.2. It-Tqassim tal-Kapitli

Permezz tal-ewwel kapitlu nistħarreġ l-attributi tal-missier f'kuntest storiku. Fih nindaga l-missirijiet differenti fil-mitoloġija Griega, dik Nordika, u l-Bibbja. Għażilt dawn it-tliet sorsi minħabba li huma meqjusa l-pedament tal-kultura tal-Punent u għadhom jinfluwenzaw din il-kultura sal-lum. Minbarra l-fatt li dawn huma kollha sinifikanti fihom

infushom, il-varjetà tagħhom tippermetti tqabbil bejniethom. Dawn it-tliet sorsi jipprovdu wkoll punt ta' referenza għas-sejbiet fiż-żmien kontemporanju.

Fit-tieni kapitlu, nistħarreġ ir-rappreżentazzjoni tal-missier fil-letteratura li tippreċedi dik tas-seklu wieħed u għoxrin. B'hekk nindaga xi nkiteb qabel dan is-seklu, u kemm dan ivarja minn dak li qed jinkiteb fi żmienna. F'dan il-kapitlu, biex fl-istess waqt il-firxa tkun kemm jista' jkun wiesgħa, inħares lejn il-kittieba tat-tliet movimenti ewlenin – ir-Romantiċi, ir-Realisti, u l-Moderni.

Fit-tielet kapitlu nibda nanalizza r-rappreżentazzjoni tal-missier fil-letteratura ta' dan is-seklu, li hija l-qofol ta' din ir-riċerka. F'dan il-kapitlu, nirriċerka l-proża ta' erba' kittieba rġiel – Pierre J. Mejlak, Walid Nabhan, Alex Vella Gera, u Immanuel Mifsud – li huma meqjusa bħala kittieba ewlenin ta' dan is-seklu, kif jixhed ir-rikonoxximent li kiseb xogħolhom. Huma wkoll kittieba li kuntrarju għal kittieba preċedenti joffru letteratura li tmur lil hinn mill-konfini tal-gżira: Nabhan jidentifika ruħu bħala Palestinjan u jwassal rakkonti mid-dinja Għarbija; Mejlak u Vella Gera huma residenti barra minn Malta, bi wħud minn xogħlijiethom ambjentati lil hinn mill-Mediterran; u I. Mifsud joffri kitba li għall-ewwel darba taqbeż il-purtiera tal-ħadid.

Fir-raba' kapitlu nkompli nanalizza kittieba rġiel, din id-darba poeti. Il-poeti magħżula – Adrian Grima, Antoine Cassar, u Immanuel Mifsud – huma għal darba oħra meqjusa l-ewlenin ta' dan is-seklu, b'xogħolhom saħansitra rikonoxxut lil hinn minn Malta. Grima u I. Mifsud jippreżentaw ruħhom fl-irwol doppju ta' missier u iben, waqt li

Cassar, joffri xogħol li fl-istudju preċedenti tiegħi nistqarr li joffri sfida konsistenti għall-istituzzjoni tal-familja, li fil-qalba tagħha hemm il-missier (Borg 71).

Fil-ħames kapitlu, nibda nanalizza l-kittieba nisa, permezz tal-prożaturi, u nintroduċi ħarsa lejn il-missier minn lenti li mhix maskili bħall-figura nnifisha. L-għażla tal-kittieba – Clare Azzopardi, Loranne Vella, Nadia Mifsud, u Lara Calleja – bħal fil-każ tal-kapitli preċedenti, hija mnebbħa mill-fatt li xogħolhom huwa rikonoxxut fuq livelli varji. Fil-każ ta' Vella u Mifsud, l-istess bħall-kontemporanji tagħhom irġiel, xogħlijiethom jimirħu lil hinn mill-għeluq tal-gżira, filwaqt li Azzopardi u Calleja jibqgħu Malta iżda konsistentement jippreżentaw missirijiet differenti bħal uħud li jrabbu lil uliedhom waħedhom jew li t-tluq tagħhom jitqies bħala providenzjali.

Fis-sitt kapitlu nkompli nanalizza l-kittieba nisa poeti. L-għażla hija ta' tlieta – Maria Grech Ganado, Nadia Mifsud, u Leanne Ellul. Tnejn minn dawn huma Poeti Lawreati waqt li Ellul rebħet diversi premjijiet u tipprovdi vuċi ta' ġenerazzjoni differenti minn dawk ta' qabilha. Bejniethom jippreżentaw missier minn lenti ta' bint u minn lenti ta' koġenitur.

Fis-seba' kapitlu, nikkonkludi billi nqabbel is-sejbiet dwar ix-xogħol tal-kittieba rġiel u dawk nisa, u nippreżenta x'inhuma l-punti l-aktar diverġenti bejn it-tnejn u l-fili komuni ta' bejniethom. Dan kollu nistħarrġu fid-dawl tal-arketip tal-missier skont l-ewwel kapitlu u r-rappreżentazzjoni tal-missier fis-seklu preċedenti li dwarha nikteb fit-tieni kapitlu.

# 1. L-Attributi tal-Missier

Il-missier huwa figura b'għeruq fondi fl-istorja tal-bniedem. Erin Serracino-Inglott f'*Il-Miklem Malti* jiddefinih bħala "kull min ikun imqiegħed bħala mexxej ta' ġens; ir-ras ta' tajfa bħala titolu ta' qima u mħabba, eż. Missierna San Pawl." Iqis ukoll lill-missier bħala "il-benefattur ta' ġens, nazzjon" (164). Huwa jidher sa mill-eqdem rakkonti tal-mitoloġiji u l-kotba sagri. Ir-reliġjon Ġudajka tagħfas fuq ix-xbieha tal-missier bħala l-ħallieq ta' kollox. Wara, fit-twemmin Nisrani, Alla l-missier jitqies bħala l-ewwel persuna fit-trinità qaddisa b'kollox ġej minnu. Din il-figura testendi għall-ħajja kwotidjana: kull min ivvinta jew iwaqqaf organizzazzjoni jissejjaħ il-missier tagħha.

Madankollu, jidher li dan mhux dejjem kien il-każ. Marija Gimbutas tikkummenta li fiż-żmien preistoriku, l-irwol tal-missier mhux dejjem kien mifhum. Hija tistqarr li ma teżistix evidenza arkeoloġika li turi l-importanza tiegħu, u skont l-artefatti misjuba jidher ċar li hija l-abbiltà tal-mara li twelled u titma' lil uliedha minn ġisimha li hija meqjusa bħala sagra u l-metafora tal-ħolqien divin (*Civilization of the Goddess* 223). F'xogħol ieħor tagħha, *The Living Goddesses*, Gimbutas tgħid li waqt li l-ġisem femminili kien jagħti evidenza tal-maternità, il-ġisem maskili ma jagħti ebda evidenza ta' paternità, u l-inabbiltà tar-raġel li jistabbilixxi l-paternità kellha effett fuq l-istruttura soċjali, minħabba li meta l-missier bijoloġiku ma jistax ikun ikkonfermat, awtomatikament l-omm u wliedha jsiru l-qafas tal-familja, u tinħoloq struttura matrilineari (xx). L-ewwel sejbiet li juru bidla mill-matrilinearità għall-patrijarkalità huma l-oqbra misjuba fil-Lvant tal-Irlanda u ċ-ċentru tal-Ingilterra ta' nofs ir-raba' millennju QEK li fihom instabu rġiel midfuna individwalment. Hija tinterpreta dan bħala sinjal tal-wasla tal-ewwel nies bi

tradizzjonijiet Kurgani, u huwa f'dan iż-żmien li bdew jidhru l-ewwel sinjali ta' gwerra u vjolenza. L-ekonomija tal-Ewropa Antika nbidlet minn waħda esklużivament agrikola għal waħda agrikola u pastorali u l-kultura nqalbet għal waħda patrijarkali (*Civilization of the Goddess* 365).

Lil hinn mill-arkeoloġija, il-letteratura li segwiet tagħti importanza kbira lill-missier. F'dan il-kapitlu, nirriċerka kif jiġi ppreżentat il-missier fil-mitoloġija Griega, Nordika u fil-Bibbja, u permezz ta' dawn is-sorsi nistudja lill-figura tal-missier f'kuntest storiku. Għażilt il-mitoloġija Griega minħabba li meqjusa bħala l-pedament tal-kultura tal-Punent u għadha tinfluwenza din il-kultura sal-lum. Għażilt il-mitoloġija Nordika ma' dik Griega, għax toffri opportunità ta' paragun u kuntrast ma' dik Griega, u hija siewja fiha nnifisha. Ma' dawn għażilt il-Bibbja għax minbarra li għandha l-iskritturi sagri tal-Ġudaiżmu u l-Kristjaneżmu, titqies bħala l-aktar sors disponibbli, familjari u ta' min joqgħod fuqu, u hija r-riga ta' ideali intellettwali, morali u spiritwali fil-Punent ("Bible"). L-influwenza tal-Bibbja fuq il-ħajja Maltija hija wkoll indubbjament qawwija, u l-letteratura Maltija toffri konsistentament intertestwalità magħha.

F'dawn it-tliet sorsi, il-figura tal-missier hija dominanti u naturalment twassal għal kunflitti u ambivalenza.

## 1.1. Il-Mitoloġija Griega

Ir-relazzjoni ambivalenti bejn il-missier u wliedu, speċjalment dawk maskili, tidher sa mill-ewwel poeżija tal-mitoloġija Griega, it-*Teoġeni* ta' Eżjodu, li tirrakkonta l-ħolqien tal-kożmos u t-twelid tal-allat. Sa minn vers 137, Kronos, dixxendent tal-allat

primordjali Gaia u Uranus, jiġi ddikjarat bħala makakk u jobgħod lil missieru setgħan. L-ulied kollha ta' Gaia u Uranus huma wkoll iddikjarati li jobogħdu lil missierhom, saħansitra mill-ewwel jum tat-twelid tagħhom minħabba li malli joħorġu minn ġuf ommhom, missierhom jerġa' jaħbihom fih u ma jħallihomx jaraw id-dawl. Wara, Kronos skont il-wegħda lil ommu Gaia, jikkastra lil missieru u jarmilu l-ġenitali minn fuq l-art mnejn ikun għal fuq il-baħar imqalleb. Ftit qabel dan l-att, jiddikjara l-konferma li jobgħod lil missieru minħabba li skontu dan isensel azzjonijiet tal-mistħija. Rheia taqa' għall-imħabba ta' Kronos u tagħtih tliet ulied, imma Kronos, sforz il-biża' tiegħu li jsiru rejiet minfloku jiblagħhom wieħed wieħed. Żews jiskansaha għax ommu tintbagħat f'Lyktos u wara li twelldu taħbih f'għar. Eventwalment, ommu tqarraq bi Kronos, billi tippreżentalu lil Żews bħala blata mgħottija bil-ħwejjeġ li huwa jibla' mingħalih li dik ibnu. Bis-saħħa tal-makakkerija ta' ommu, Żews jegħleb lil missieru u jsir re tal-immortali. Madankollu, min-naħa tiegħu, Żews, bħal missieru, ukoll għandu biża' kbir li wliedu se jaqilbuhielu u meta Metis tkun tqila b'wild minn tiegħu, biex iwaqqafha mit-twellid ta' dak li kellha f'ġufha jiblagħha biex jaċċerta ruħu li huwa dejjem se jibqa' r-re. Wara din l-assimilazzjoni ta' martu, Żews innifsu jwelled lil bintu minn rasu, azzjoni li twasslu biex isir patrijarka assolut. Waqt li maż-żmien Żews jidħol f'relazzjonijiet ma' nisa oħrajn li jagħtuh l-ulied u huwa jħallihom jgħixu, Hugo Koning jikkummenta li Żews jippermetti dan wara li jistabbilixxi lilu nnifsu bħala re u għalhekk ma jħossux aktar mhedded, b'uħud minn uliedu, bħal Dike (Ġustizzja) u Eirene (Paċi) jkunu manifestazzjoni tal-poter tiegħu (57).

Fit-*Teoġeni*, tinħass ukoll l-importanza tal-missier permezz tal-element patronimiku. Żews jiġi rreferut bħala "iben Kronos" diversi drabi, u kif jirrimarka Koning,

dan isir l-aktar wara li jegħleb lil missieru u jidħol fil-proċess li jistabbilixxi ordni ġdida (51). Apostolos N. Athanassakis jikkummenta li fil-biċċa l-kbira tal-poeżija ġenerali, hija l-omm li hija importanti, iżda għal Eżjodu, id-dominanza maskili hija ekwivalenti għal-liġi u l-ordni tant li l-ewwel ulied ta' Żews mit-tieni mara tiegħu Thetis, huma Eunomia (il-Liġi), Dike (il-Ġustizzja) u Eirene (il-Paċi). Athanassakis jirrimarka li fil-bidu d-Dinja ma jkollhiex bżonn sieħeb maskili, li jfisser il-proċess evoluzzjonarju jibda minn matrijarka suprema. Gaia twelled lis-sema, il-muntanji u l-baħar waħedha, mingħajr bżonn ta' sieħeb maskili. Din hija xhieda ta' primordjalità matrijarkali u Gaia tista' titqies bħala proġenitriċi tal-ħajja nnifisha, hija mwaħħda mad-dinja-omm, u meqjusa bħala s-sors tal-ħolqien u tan-nutriment kollu tal-ħlejjaq. Hija l-omm tat-titani, iċ-ċiklopi, u l-ġganti, apparti l-allat li ġew wara. Madankollu, Athanassakis jirrimarka wkoll li l-istess process evoluzzjonarju jispiċċa b'patrijarka suprem. Din is-supremazija maskili tieħu ż-żmien, u s-soluzzjoni aħħarija tinstab meta Żews jibla' lil Metis u jirnexxilu jwelled lil Atena minn rasu. Waqt li Atena għandha ċerta qawwa u hija potenzjalment perikoluża, ma għandha ebda rbit ma' ommha u konsegwentement Żews ikisser is-supremazija femminili (13-27).

Traġedja oħra mill-mitoloġija Griega li għal darb'oħra turi l-ambivalenza tar-relazzjoni bejn il-missier u l-iben hija dik ta' Edipu. Bħalma jiġri fit-*Teoġeni* ta' Eżjodu, fir-rakkont ta' Edipu jiġi pprezentat missier, f'dan il-każ ir-Re Laius, li jħossu tant mhedded minn ibnu li jara x'jagħmel biex jeħles minnu. Fid-dramm ta' Sofokli, skont Jokasta, aktar milli wieħed mill-allat, ikunu l-qaddejja ta' Apollo li jtarrfu lir-Re Laius li ibnu se jkun kaġun ta' mewtu (vv. 710-715). Ir-Re Laius ma juri ebda kumpassjoni lejn ibnu, u Edipu jirnexxilu jgħix minħabba l-qalb tajba ta' ragħaj li jsibu u jagħtih lil koppja rjali li ma jkollhiex ulied. Meta r-Re Laius isib quddiem wiċċu l-għażla bejnu u ibnu, jagħżel

mingħajr ebda ħjiel ta' rimors lilu nnifsu. L-għażla ma tippreżentalu ebda dilemma, u jissagrifikah b'mod krudili u bla ebda empatija. Silke-Maria Weineck tikkummenta li skont il-verżjoni ta' Eskilu, li ppreċediet dik ta' Sofokli, l-oraklu ma jbassarx li l-iben se joqtol lil missieru, imma li sakemm ir-Re Laius imut mingħajr tfal, il-belt ta' Tebe ma taqax għand l-għedewwa. Għalhekk, skont din il-verżjoni, ir-Re Laius, aktar milli jagħżel ġildtu fuq ibnu, jagħżel ir-renju tal-belt fuq ibnu. Bejn il-polis u ibnu, jagħżel il-polis ("The Laius Syndrome" 140-42). Għar-Re Laius, il-poter aktar sagru minn ibnu.

It-traġedja ta' Edipu tingħata prominenza mit-teorija ta' Sigmund Freud, li minnha jinħoloq it-terminu "il-kumpless ta' Edipu." Freud juża l-mit ta' Edipu biex jispjega kif it-tfal żgħar iħobbu lil ommhom u jindirizzaw l-ewwel impulsi sesswali tagħhom lejha, waqt li jobogħdu u jgħiru għal missierhom. Għal Freud, it-traġedja ta' Edipu hija wkoll waħda li tippreżenta l-poter irreżistibbli tad-destin. Edipu jagħmel minn kollox biex jevita li joqtol lil missieru u jiżżewweġ lil ommu, imma qatt ma jista' jaħrab mid-destin tiegħu. Fuq kollox, id-destin ta' Edipu huwa universali minħabba li kulħadd iddestinat li jħobb lil ommu u jobgħod lil missieru (Mulroy xxxi). Dan iwassal biex Edipu jiġi eżonerat mill-akkuża ta' parriċidju u inċest għax dawn iż-żewġ għemejjel ħżiena jwettaqhom mingħajr ma jaf, u għax dan id-destin miktub għalih. Weineck tikkummenta li kollha kemm aħna rridu nkunu Edipu u ħadd minna ma jrid ikun Laius ("The Laius Syndrome" 134–35). Hija tirreferi għal Ross li jagħraf lil Laius bħala wieħed mill-ewwel missirijiet ħatja ta' infantiċidju psikiku, u konkretizzazzjoni tal-marda paterna, kif ukoll prototip tal-missier ħażin (171). Min-naħa tiegħu, Bergmann li jgħid li dwar Laius ma tista' tgħid xejn pożittiv, tant li jqisu bħala missier il-pederastija (298). Dan imur kontra l-mod kif kien jitqies Edipu fi żmien il-mitoloġija Griega. Fl-*Odissea* ta' Omeru, fi Ktieb XI,

hemm referenza għalih u fiha huwa ċar li Edipu jitqies bħala parriċida, u l-fatt li jsib lil Epikaste, ommu u martu fl-istess ħin mgħallqa, huwa biss prezz li jkollu jħallas ta' għemilu:

> Fis Epikaste, ġiet ukoll biex tixrob,
> mart is-sultan li bosta bata, Edipus.
> Għax bla ma ntebaħ, lil missieru qatel
> u 'l ommu b'martu bla ma nduna ħa.
> Dan l-għemil faħxi lill-allat kien kexkex
> u dlonk ġagħ'luh tad-dnub il-ħtija jġorr,
> x'ħin f'Tebe mnikket qalbu kiel bl-imrar
> u 'l Epikaste b'ħabel mgħallqa sab. (vv. 362-369)[*]

It-traġedja ta' Edipu tippreżenta wkoll missier li huwa assenti, fid-dramm ta' Sofokli, ir-Re Laius lanqas biss huwa wieħed mill-karattri. Minkejja li jissemma diversi drabi, leħnu ma jinstema' qatt. Madankollu, kif tikkummenta Weineck, dan wieħed mill-aqwa eżempji letterarji ta' preżenza qawwija permezz ta' assenza, tant li għall-qarrejja ta' *Edipu s-Sultan*, il-figura tar-Re Laius la għandha bżonn immaġni u lanqas deskrizzjoni ("The Laius Syndrome" 133).

Is-sagrifiċċju ta' wild mill-missier jerġa' jidher fid-dramm ta' Ewripides *Iphigenia in Aulis.* Agamemnon, il-missier, ikun fi triqtu mal-armata Griega tiegħu lejn Trojja, imma nuqqas ta' riħ jimpedixxi l-vjaġġ. Il-mexxejja jindunaw li dan in-nuqqas ġej mill-alla

[*] Ir-referenzi minn *L-Odissea* meħuda mit-traduzzjoni għall-Malti ta' Victor Xuereb.

Artemis li tinsab urtata ma' Agamemnon talli joqtol ċerva f'art ikkonsagrata lilha. Bi tpattija għal dan, Agamemnon jintalab joffri lill-bintu l-kbira Ifiġenja bħala sagrifiċċju. Daqskemm għall-bidu jirrifjuta, eventwalment iċedi. Dina Bacalexi tikkummenta li l-vjaġġ lejn Trojja huwa importanti għal Agamemnon għax huwa speċi ta' kampanja elettorali għalih, u minħabba l-għatx tiegħu għall-poter u l-glorja. Fid-dawl ta' dan, l-offerta tiegħu ta' bintu Ifiġenja hija għall-interessi personali tiegħu (62). Għall-ewwel, ħuh Menelaws iħoss li Ifiġenja għandha tiġi ssagrifikata, iżda jibdel fehmtu u jagħtih parir biex jabbanduna l-espedizzjoni ħalli jsalva ħajjet bintu. Agamemnon jirribatti dan billi jqis din l-espedizzjoni bħala neċessità, minkejja t-theddid ta' martu Klytemenestra jekk jissagrifika lil bintu. Għal darba oħra, bħal fil-każ tar-Re Laius, il-missier jiġi ppreżentat li jagħżel iħallas b'demm wild minn tiegħu biex iżomm il-poter.

L-*Odissea,* il-poeżija epika ta' Omeru, ma tippreżenta ebda sagrifiċċju tal-wild, imma bħal fil-każ ta' *Edipu s-Sultan,* l-assenza tal-missier hija ċentrali. Il-missier, Odissews iħalli daru biex jiġġieled il-Gwerra tat-Trojja u fi triqtu lura jgħaddi minn avventura wara oħra li jżommuh 'il bogħod minn daru għal dsatax-il sena sħaħ. Odissews huwa meqjus eroj għal dak li jagħmel fil-gwerra msemmija u huwa wkoll il-ħakem ta' Itaka, imma għal ibnu Telemakus dan ma jfissirx wisq. Meta fl-ewwel ktieb jiġi mistoqsi minn Mentes, ħabib ta' missieru, jekk hux veru li huwa iben Odissews, Telemakus l-ewwel jiddubita min huwa missieru: "Minn dejjem ommi tgħid li jiena ibnu: / jien ngħid għalija, dlonk intella' u nniżżel. / Min minna jista' jaħlef bin min hu?" (vv. 227-229) u għalhekk ifakkar fil-proverbju Latin *pater semper incertus est*. Wara, jistqarr li jippreferi li kieku missieru kien preżenti f'ħajtu u mhux assenti, minkejja l-glorja kollha tiegħu, "Li kien għalija kont b'missieri nagħżel / xi ħadd li f'daru laħqet ix-xjuħija" (vv. 230-231). Din

l-assenza taffettwa tant lil Telemakus li jiddeċiedi li jitlaq minn Itaka u jibda jbaħħar biex ifittex lil missieru minn wara dahar ommu.

Telemakus jista' jkun li jħoss daqstant l-assenza ta' missieru minħabba li jħossu impotenti jara l-għarajjes iqisu l-palazz ta' familtu daqslikieku darhom, iħarbtulu ġidu, u jippruvaw jingħoġbu ma' ommu Penelopi biex xi darba jiżżewġuha. Madankollu, ir-relazzjoni bejn il-missier u l-iben f'*L-Odissea* hija differenti minn kif tidher fit-*Teoġeni* u *Edipu s-Sultan*. Ma jseħħ ebda parriċidju, u fil-wiċċ tidher kordjalità bejn il-missier u l-iben. Missier Odissews, Laertes, jieħu n-nuqqas ta' ibnu tant ħażin li jitlaq mill-belt u jgħix fir-razzett maqtugħ minn kulħadd, u meta Odissews jara lil missieru għall-ewwel darba jħalli d-dmugħ iġelben minn għajnejh. L-istess jiġri meta jara lil ibnu Telemakus għall-ewwel darba wara l-odissea, id-dmugħ iġelben minn għajnejh u jgħannqu.

Minkejja li, għall-inqas fil-wiċċ, hemm din il-kordjalità, Telemakus, bħala l-iben huwa mgħobbi b'figura ta' missier eroj, u jinsab kontinwament fid-dell tiegħu. Fit-tieni ktieb, f'wieħed mill-indirizzi tagħha lejh, Atena tistqarr, "Uħud mit-tfal joħorġu għal missierhom; / il-biċċa l-kbira, miegħu ma jlaħħqux; / ftit ferm mit-tfal joħorġu aqwa minnu!" (vv. 331-333). Madankollu, daqskemm Telemakus huwa mweġġa' bin-nuqqas ta' missieru, l-assenza tiegħu ġġiegħlu jidealizzah. Wara kollox, dwaru jisma' biss li huwa raġel mill-aktar qalbieni. Iżda S.R. Knighten jikkummenta li Odissews huwa karattru kumpless, b'għemil kultant moralment diskutibbli, bħalma turi l-infedeltà tiegħu lejn martu Penelopi meta jitħabbeb ma' Kalypso, u li t-tmexxija tal-ekwipaġġ tiegħu kienet fqira (55). Bħala iben, Telemakus għandu bżonn l-approvazzjoni ta' missieru u jivverbalizza din ix-xenqa bir-risposta tiegħu għall-pjan ta' missieru kontra l-għarajjes,

"X'sa nsarraf jien, dalwaqt b'għajnejk tarah/ M'iniex xi ġwejjef jew lablab bla rażan!" (vv. 440-441) (62). Lejn l-aħħar ta' *L-Odissea*, il-missier jikkonferma d-dell li ibnu qed jgħix fih, u jgħabbih bir-responsabbiltà tas-suċċessjoni, "Telemakus, xħin it-taqbida fl-aqwa tagħha tqellel, / la twaqqagħlix għaċ-ċajt lil isem dari, / u tqabad b'ħila, biex ta' raġel toħroġ" (vv. 764-766). Penelopi, mart Odissews u omm Telemakus hija assenti minn din ix-xena. Ikun biss Laertes, missier Odissews, xhud ta' dan kollu, li min-naħa tiegħu jilqa' din l-istqarrija b'ferħa għax hija possibbiltà tal-kontinwazzjoni tal-unur fil-familja.

Sadattant, minkejja li l-iben jinħass ħafna drabi fid-dell ta' missieru, Massimo Recalcati jikkummenta li raġel jista' biss jikseb l-irwol ta' missier permezz ta' ibnu (*Telemachus* 113). Raġel isir missier meta jitwelidlu wild. Sheila Murnaghan tikkummenta li daqskemm il-missier huwa l-kap tal-oikos, u teżisti dipendenza minnu, kif ukoll li l-missier huwa s-sors ewlieni tal-identità tal-iben, (Nestor iwieġeb lil Telemakus billi jgħidlu "Kont naħlef li ebd'iben lill-missieru / ma jista' jqaxxru kif qed tqaxxru int" (vv. 181–182), min-naħa tiegħu l-missier jiddependi wkoll mill-oikos tiegħu (25). Odissews f'Itaka biss isib persuni li magħhom għandu relazzjoni ta' appoġġ reċiproku li jippermettulu jieħu rwol dominanti. Huwa f'Itaka biss li jista' jegħleb l-għedewwa tiegħu billi jgħaqqad armata żgħira magħmula minn membri tal-familja u qaddejja personali. Lil hinn minn daru jkollu jikkopera ma' oħrajn li mhumiex subordinati tiegħu. Daqskemm f'*L-Odissea*, Odissews jidher potenti, huwa biss f'daru li jikseb dominanza (54-55). Għalhekk, daqskemm l-ulied jinħassu subordinati tal-missier, l-awtorevolezza tal-missier tinkiseb minnhom biss.

Recalcati jikkummenta li għal Telemakus, il-figura tal-missier tfisser ordni. Mingħajr missier, l-attitudni tal-għarajjes turi nuqqas ta' rispett u tirrenja d-diżordni. Għalih, ir-ritorn tal-missier ifisser it-twaqqif mill-ġdid tal-liġi. Recalcati jistqarr li ħafna tfal tal-lum jistennew li xi ħadd jieħu l-irwol tal-missier, li xi ħadd jiġi lura mill-baħar u jġib miegħu l-ordni. Recalcati jidher li qed iqabbel lill-missier ma' ankra, li twaqqaf lil persuni li għandhom il-libertà kollha milli jħossuhom qed iduru fil-vojt tal-infinit. Huwa jgħid ukoll li fil-verità, minkejja l-assenza tal-missier li ħass Telemakus, Odissews qatt ma jabbanduna l-familja. Skont ommu Penelopi, missieru ntilef u mhux abbandunahom (*Telemachus* 110). Din hija waħda mill-isfumaturi differenti tal-assenza tal-missier.

## 1.2. Il-Mitoloġija Nordika

Il-mitoloġija Nordika toffri tieqa fuq poplu ieħor u żmien differenti mill-mitoloġija Griega, u simultanjament l-opportunità ta' paragun tar-rappreżentazzjoni tal-figura tal-missier ma' dik Griega.

Neil Gaiman, fl-introduzzjoni tiegħu għal *Norse Mythology*, jgħid li l-miti Nordiċi huma miti ta' poplu li fil-biċċa l-kbira ma jafdax jew ma jħobbx lill-allat tiegħu għalkollox, minkejja li jirrispettahom u jibża' minnhom (xiv). Alla minn dawn huwa Odin li huwa meqjus bħala missier kulħadd. Madankollu, bħal fil-każ tal-allat fil-mitoloġija Griega, Odin mhuwiex alla assolut. Paradossalment, flimkien ma' żewġ ħutu oħra, joħloq id-dinja permezz tal-qtil tan-nannu Ymir, li demmu jispiċċa jservi bħala oċean, il-ġilda tiegħu bħala l-ħamrija, u għadmu bħala muntanji u rdum.

Bħal fil-każ tal-mitoloġija Griega, f'dik Nordika jinħass il-kunflitt minflok il-kontinwazzjoni bejn ġenerazzjonijiet differenti. Meta Odin jissagrifika ruħu billi jitgħallaq ma' siġra għal disat ijiem li matulhom la jiekol u lanqas jixrob, la jissagrifika ruħu għal missirijietu u lanqas għal uliedu. Għalih, is-sagrifiċċju mhuwiex att li permezz tiegħu jċedi xi ħaġa għal ħaddieħor. Odin iwettqu għalih innifsu, u permezz ta' dan l-att jiġu żvelati esklużivament għalih ir-runi li jwassluh biex jikseb il-poter kollu. Fi strofa 138 tal-poeżija "Hávamál" li tinsab fil-*Poetic Edda*, Odin jitkellem fl-ewwel persuna u jistqarr "offrejt lili nnifsi lil Odin, / jiena lili". Kimberley Christine Patton tikkummenta li Odin wettaq awtosagrifiċċju f'ambitu kożmiku (215). Odin, bħal Żews huwa dixxendent ta' razza tal-ewwel żminijiet tad-dinja, u li bħalu jieħu l-irwol ta' missier kulħadd (213). Hija żżid li Odin ma għandux kwiet, qarrieq, u strateġista u ma jipproteġix lill-umanità komuni (220). Għalhekk, bħala l-missier ta' kulħadd, Odin ma jipproteġix lil uliedu.

Katherine Marie Olley tikkummenta li fil-mitoloġija Nordika l-familja hija ħafna drabi metaforizzata bħala siġra, u l-atti ta' persuna jħallu implikazzjonijiet fuq ta' warajhom minħabba l-interdipendenza ta' xulxin, iżda xorta teżisti rivalità bejn il-missier u l-iben, bil-missier iħossu mhedded minn ibnu li se jkun is-suċċessur tiegħu u l-iben ħerqan li jistabbilixxi l-indipendenza tiegħu (*Kinship* 27). Is-solidarjetà bejn il-missier u l-iben mhix ibbażata fuq ir-relazzjoni emozzjonali bejn it-tnejn imma fuq il-fatt li din ir-relazzjoni hija meqjusa bħala solidari fiha nnifisha. Il-missier huwa l-kap tal-familja waqt li l-iben huwa l-eqreb eredi tiegħu. Cathy Jorgensen Itnyre tgħid li r-relazzjoni bejn il-missier u l-iben tippreżerva l-valuri li jibnu s-soċjetà Iżlandiża, u li daqskemm fis-soċjetà Nordika Antika l-parentela tikkunsidra wkoll il-linja materna, dik paterna titqies aktar

importanti (191). Għalhekk, ir-relazzjoni bejn il-missier u l-iben hija waħda b'valur politiku aktar milli emozzjonali.

Il-mitoloġija Nordika, bħal dik Griega, daqstant ieħor tippreżenta lill-missier bħala assenti. Fl-istorja "The Children of Loki" fil-ġabra *Norse Mythology* miġbura minn Neil Gaiman, in-narratur jirrakkonta li minn żmien għal żmien Loki jisparixxi għal perjodi twal imbagħad jiġi lura. Fl-assenza tiegħu jpoġġi mal-ġganta Angrboda li magħha jkollu tliet ulied. F'dan il-każ, kuntrarju għal kif inhi ppreżentata l-assenza tal-missier f'*L-Odissea*, l-assenza hija waħda minħabba mara u wlied oħra – ta' abbandun – bil-potenzjal li tweġġa' aktar. Olley tikkummenta li l-mewt tal-missier hija l-aktar mod komuni biex tiġi ppreżentata l-assenza tiegħu, kultant qabel it-twelid tal-iben, u din timmarka lil dawn l-ulied bħala speċjali minħabba li minn xħin jitwieldu jibdew jitqiesu bħala rġiel minflok bħala tfal. Eżempju ta' dan huwa l-każ ta' Sigurdr, li missieru Sigmundr imut f'battalja fiż-żmien li ommu tkun tqila bih (*Kinship* 34). Il-mewta tal-missier tittrasforma lill-missier fi preżenza simbolika, u bħal kif jiġri f'*L-Odissea* ta' Omeru, titqies biss bħala waħda ta' ispirazzjoni minħabba li l-missier qatt ma jitlewwem ma' ibnu, u n-nuqqas tiegħu jġiegħel lill-iben jistħajjel lill-missier bi kwalitajiet erojċi biss.

Daqskemm il-missier huwa kultant assenti, daqstant ieħor ir-relazzjoni bejn il-missier u l-bint hija rari. Olley tosserva li l-mitoloġija Nordika tippreżenta ftit kuntesti li fihom il-missier u l-bint jidhru flimkien, u f'dawk il-ftit li jidhru flimkien, jiddomina d-dell ta' persuna oħra minħabba li normalment jidhru flimkien sabiex jiġu diskussi l-prospetti matrimonjali tal-bint. Huwa wkoll żmien meta l-firda hija imminenti, meta l-bint dalwaqt titlaq minn dar missierha biex tmur f'dik ta' żewġha u tibni l-familja tagħha (*Kinship* 67).

L-awtorità tal-missier fuq bintu hija assoluta, kif jidher fil-poeżija "Alvíssmál" fil-*Poetic Edda*, li fiha Alvis jistqarr ma' Tor li se jiżżewweġ lil bintu għax għandu wegħda li ħadd mhu se jikser, iżda Tor iwieġbu bl-aktar mod ċar li jista' jikser din il-wegħda għax bħala l-missier għandu l-akbar jedd fuqha u l-wegħda saret meta ma kienx preżenti, u għalhekk hija nulla.

Rakkont stramb fil-mitoloġija Nordika huwa dak ta' Atlakvida, li għandu paralleliżmu ma' *Medea* ta' Ewripides, u jitwassal permezz ta' poeżija fil-*Poetic Edda*. Atli joqtol lil tnejn minn ħut martu Gudrun, wara li ma jgħidulux fejn huwa t-teżor tagħhom. Bi tpattija, talli joqtol lil tnejn minn ħutha, Gudrun isservi lil żewġha Atli l-qlub ta' wliedu stess (u tagħha) fl-ikla li tlestilu. Huwa ma jindunax b'dan l-ingann u jikolhom bl-għasel imferra' fuqhom. James V. McMahon jargumenta li b'hekk Atli l-missier jiġi ppreżentat b'karatteristiċi ta' lupu (187). Il-lupu dejjem għandu konnotazzjonijiet negattivi minħabba li fil-Medju Evu, dan kien ippreżentat bħala annimal li jasal fil-post tal-battalja wara li tintemm biex jiekol il-katavri, u għalhekk tip ta' annimal xejn onorabbli minħabba li jieħu vantaġġ mill-mewt ta' ħaddieħor. Mal-ewwel daqqa t'għajn, hija l-omm li hija l-qattiela ta' wliedha, karatteristika li tagħmilha l-akbar mostru fir-rakkont, iżda Élisabeth Badinter tikkummenta li l-infantiċidju huwa ġeneralment ir-riżultat ta' ansjetà umana konsiderevoli u li l-qtil ta' wild mhu qatt prova ta' indifferenza (327). Jista' jkun ukoll li Gudrun hija mmotivata mill-fatt li wliedha s-subien huma l-eredi ta' missierhom bi probabbiltà kbira li fil-futur ikollhom poter fuqha (Olley *Kinship* 140). Fl-artiklu tagħha, "Co-Presence and Consumption: Eating Kin(ship) In Old Norse Myth And Legend," Olley tasserixxi li l-att ta' Atli li jiekol qlub uliedu juri l-falliment tiegħu bħala missier li ma jindunax li l-qlub servuti lilu huma ta' wliedu stess (501). Minkejja l-awtorità li l-missier

għandu fuq uliedu, ħafna drabi dan ma jafhomx biżżejjed minħabba d-distanza li teżisti bejniethom.

## 1.3. Il-Bibbja

Il-Bibbja, bħall-mitoloġija Griega u Nordika, toffri diversi rappreżentazzjonijiet tal-figura tal-missier. Hija toffri wkoll l-opportunità ta' tqabbil maż-żewġ mitoloġiji msemmija qabel. Fl-għeruq tagħha tippreżenta alla wieħed u assolut, punt ewlieni li mill-bidu nett jiddistingwiha minn dawn iż-żewġ mitoloġiji.

Il-Ġenesi, bħat-*Teoġeni* ta' Eżodu, jirrakkonta l-istorja tal-ħolqien tad-dinja primordjali. Ma' dan jirrakkonta wkoll l-istorja patrijarkali tal-poplu Iżraelit, u f'kapitlu 12 Abraham isir patrijarka Lhudi permezz ta' sejħa minn Alla li fiha jgħidlu, "Jien nagħmlek poplu kbir, u nbierkek, u nagħmel ismek kbir, u int tkun barka għal oħrajn" (Ġen. 12.2). Abraham, minkejja li jkun il-patrijarka tal-poplu, ikollu l-ewwel wild tiegħu fil-mitt sena tiegħu, u jsemmih Iżakk. Daqskemm kien att straordinarju daqstant ieħor ma kienx mistenni, tant li martu Sara tgħid, "Min kellu jgħidlu lil Abraham li jien se jkolli tifel? Iżda jien wellidtlu iben fi xjuħitu" (Ġen. 12.7). Iżakk huwa l-iben il-kbir ta' Abraham u l-uniku, fi żmien f'ħajtu meta, skont kliem martu, kien qata' qalbu li qatt ikollu l-wild tiegħu stess. Għalhekk Iżakk ma setax ma jkunx iben speċjali għal Abraham. Madankollu, meta Abraham jintalab minn Alla biex jissagrifika lil ibnu ma jaħsibhiex darbtejn, u jbakkar mas-sebħ biex iwettaq dak mitlub minnu. Fi triqtu lejn Morija, xħin Abraham jiġi mistoqsi minn ibnu Iżakk fejn huwa l-ħaruf tas-sagrifiċċju, iqarraq bih billi jwieġbu li Alla se jaħseb huwa għalih, u Iżakk ikompli jimxi ma' missieru lejn l-għolja inkonsapevoli li qed jittieħed għall-qatla minn missieru stess. Eventwalment, is-sagrifiċċju ma jseħħx minħabba li

Abraham jitwaqqaf minn Alla. Iżda ma hemm ebda dubju li Abraham kien lest jissagrifika lil ibnu, tant li Alla jgħidlu, "ma ċaħħadtnix minn ibnek il-waħdieni" (Ġen. 22.16) u jħallsu lura b'wegħda li se jbierek u jkattar lil nislu.

F'din l-istorja Abraham jiġi ppreżentat bħala raġel b'żewġ irwoli. Daqskemm huwa missier Iżakk, huwa wkoll metafiżikament iben Alla. Dan ipoġġih f'dikotomija, fi rwoli kontra xulxin. Minn naħa waħda, huwa persuna b'poter – fuq ibnu – min-naħa l-oħra, huwa persuna suġġetta għall-poter – minn Alla. Martin Bergmann jgħid li r-rieda ta' Abraham biex jissagrifika lil Iżakk tissimbolizza rebħa tal-filjolanza tiegħu (bħala iben Alla) fuq il-paternità tiegħu (bħala missier Iżakk) (299). Abraham juri ubbidjenza għamja lejn missieru, ikun pront fl-eżekuzzjoni tiegħu u fl-ebda ħin ma jipprova mqar jinnegozja miegħu. Dan jimplika biża' mill-missier, u huwa xhieda tal-poter assolut tal-missier fuq uliedu. Min-naħa tagħha, Weineck tikkummenta li l-filiċidju, il-qtil tal-ulied mill-missier, huwa aktar komuni mill-parriċidju u li l-figura tal-missier abbużiv ċertament mhix fittizja jew ta' fantasija. Il-missirijiet għandhom ċerta aggressjoni lejn uliedhom, xi drabi minħabba neċessità universali, drabi oħra minħabba normi kulturali jew inklinazzjoni idjosinkratika (*Tragedy* 71). Hija tissuġġerixxi li l-aggressjoni tal-missirijiet lejn uliedhom hija inerenti fihom minħabba l-psikoloġija umana, l-istrutturi soċjali, u dawk bijoloġiċi – bħal kif f'ħafna speċi teżisti dominanza ġerarkika li titqies bħala mekkaniżmu ta' sopravivenza, fis-sens li l-missier jipprepara lil uliedu għar-realtajiet tad-dinja biex jiżgura s-suċċess tagħhom. Min-naħa l-oħra, permezz ta' inklinazzjoni idjosinkratika, Weineck tinħass li qiegħda timplika li xi missirijiet huma aggressivi ma' wliedhom minħabba tendenzi personali u individwali, bħal pereżempju kwistjonijiet psikoloġiċi jew temperamentali. Fl-istess kapitlu hija tikkonkludi li din l-istorja mhix narrattiva li

tippermetti s-sagrifiċċju tal-ulied imma waħda li tippermettilna nissagrifikaw ħajjet l-ulied u mhux tagħna nfusna (*Tragedy* 74). Il-fehma tagħha timplika li daqskemm għal xi missirijiet l-ulied jitqiesu bħala estensjoni tagħhom infushom, fil-verità l-missier u l-iben huma indipendenti minn xulxin, u l-ego tal-missier dejjem se jagħti valur akbar lil ħajtu milli jagħti lil dik ta' ibnu.

Jinħass ukoll paralleliżmu bejn din l-istorja ta' Abraham u dik ta' Edipu. Ir-Re Laius jissagrifika lil ibnu minħabba li jġib ir-renju tal-belt qabel ibnu. Abraham isir patrijarka wara li jkun lest jissagrifika lil ibnu. Weineck, f'xogħol ieħor tagħha, tikkummenta li l-prezz tal-ġens Iżraelit huwa s-sagrifiċċju tal-iben mill-missier, u l-ulied għadhom sa issa jiġu ssagrifikati meta dawn jintbagħtu mill-istat għall-gwerra (*Tragedy* 137).

Kapitlu 25 tal-Ġenesi jippreżenta lil Abraham bħala missier ta' wlied oħra, il-konkubina tiegħu Ketura troddlu sitt ulied. Ir-regoli u t-tradizzjoni jinfurmaw l-imġiba ta' Abraham ma' wliedu, u minħabba fihom jagħti ġidu kollu lil Iżakk, u lil uliedu minn Ketura jagħti biss xi rigali. Madankollu, xorta jeżerċita l-awtorità paterna tiegħu fuqhom u jibgħathom 'il bogħod minn Iżakk. Din l-attitudni tikkonferma li r-relazzjoni bejn il-missier u wliedu timxi aktar fuq normi soċjali milli dawk bijoloġiċi.

Iżakk innifsu jkollu żewġ ulied – Għesaw u Ġakobb – tewmin b'karattri differenti, wieħed kaċċatur tas-sengħa u l-ieħor kwiet jgħix fl-għarajjex. Iżakk, bħal missieru wkoll juri favoritiżmu bejn uliedu, anki jekk tewmin u mill-istess omm. Vers 28 ta' kapitlu 25 tal-Ġenesi impliċitament jistqarr li Iżakk iħobb lil Għesaw, li għandu karatteristiċi maskili aktar minn ħuh it-tewmi, "U Iżakk kien iħobb lil Għesaw, għax il-kaċċa kienet togħġbu."

Iżakk juri l-akbar diskriminazzjoni bejn iż-żewġ uliedu lejn l-aħħar ta’ ħajtu, meta nieqes mid-dawl sforz xjuħitu jsejjaħ lil Għesaw biss u jwiegħdu li, wara li jagħmillu ikla tajba mill-kaċċa li jaqbad, ibierku. Waqt li wieħed irid jirrikonoxxi li Għesaw meqjus bħala ibnu l-kbir, li skont in-normi soċjali dejjem kellu aktar valur, Kent R. Lenhof jikkummenta li Iżakk bħala l-missier juri li l-wirt tiegħu, bħall-affezzjoni tiegħu, huwa indiviżibbli. Għal dan il-missier, jew kollox jew xejn. Lenhof jikkummenta li skont it-tradizzjoni Lhudija fi żmien it-Testment il-Qadim, l-ulied subien kollha kienu dovuti għal parti mill-wirt ta’ missierhom. L-uniku privileġġ tal-iben il-kbir kien li jieħu d-doppju tas-sehem individwali tal-oħrajn u mhux kollox. Din id-diskriminazzjoni tinħass aktar qawwija fid-dawl tal-fatt li Għesaw jiddiżappunta lil missieru permezz taż-żwieġ tiegħu ma’ Ġuditta u Baxemat li huma mill-komunità tal-Ħitti li hija barra mill-komunità tagħhom. Barra minn hekk, Għesaw ibigħ il-primoġenitura tiegħu lil ħuh Ġakobb. Meta missier jagħti kollox lil wieħed ifisser li jikkundanna lill-ieħor għall-faqar u jnissel mibegħda bejn l-aħwa (124). Fil-fatt, waqt li Iżakk jitqarraq u jagħti l-barka tiegħu lil Ġakobb sforz it-tqarriq ta’ martu, Ġakobb ikollu jaħrab mnejn qiegħed għax Għesaw ikun lest li joqtlu.

L-istorja ta’ Abraham hija fost l-aktar imsemmija għal raġunijiet varji, iżda f’kapitlu preċedenti fil-Ġenesi wkoll jintefa’ dawl fuq il-missier permezz ta’ Noè. Fih, Noè jisker u jorqod għeri. Ibnu Ħam meta jarah hekk, jikxfu maż-żewġ ħutu, li jgħattuh mingħajr ma jaraw l-għera tiegħu. Meta Noè jqum u jsir jaf x’għamillu Ħam, jisħet lil Kangħan, iben Ħam, u jagħmlu qaddej fost il-qaddejja ta’ ħutu. Għal darb’oħra, tidher l-awtorità assoluta tal-missier u l-ħruxija tiegħu. Il-kastig mill-missier jinħass wisq aħrax meta jitqies l-att tal-iben.

Studji dwar din l-istorja jimplikaw li l-istorja mimlija lingwa figurattiva. Rab jikkonkludi li Ħam jikkastra lil missieru u li l-kastrazzjoni hija figurazzjoni ta' iben li jrid jaħtaf b'qerq l-awtorità ta' missieru (kwt minn Bergsma u Walker Hahn 28). John Sietze Bergsma u Scott Walker Hahn jikkummentaw li l-att ta' Ħam huwa saħansitra ta' inċest matern u li l-oriġini ta' Kangħan frott ta' dan, u huwa minħabba f'dan li Noè jisħet lil ulied Ħam minflok lil Ħam innifsu, bħala l-awtur tal-azzjoni (35). Iż-żewġ argumenti jaqblu li l-istorja ddur madwar relazzjoni ambivalenti bejn il-missier u l-iben, li l-awtorità tal-missier hija sors ta' għira u rivalità bejn it-tnejn, u li fl-aħħar mill-aħħar il-missier jikkastiga bl-eħrex mod meta l-awtorità tiegħu tiġi mhedda.

F'kapitlu 11 tal-istess ktieb, Lot jiġi ppreżentat għall-ewwel darba bħala neputi ta' Abraham. F'kapitli sussegwenti, Lot jivvjaġġa ma' Abraham lejn in-Negeb, imma hemmhekk jinfirdu għax it-tnejn jistagħnew u jidher li Negeb ma jiflaħx għall-ġid kbir tagħhom it-tnejn, u sforz ta' dan ir-ragħajja tagħhom jitlewmu. Dan iwassal biex Lot jiġbed lejn ix-xellug u Abraham lejn il-lemin. F'kapitlu 19, Lot jiġi ppreżentat għall-ewwel darba bħala missier. Lot joffri kenn fid-dar tiegħu lil żewġ anġli li jaslu f'Sodoma filgħaxija. In-nies tal-belt isiru jafu bihom, idawrulu daru u jitolbuh dawn iż-żewġ anġli biex jistuprawhom. Lot jirrifjuta u minflok joffrilhom liż-żewġ uliedu l-bniet verġni, "Le, ħuti, tagħmlux id-deni. Araw, jien għandi żewġt ibniet li għadu ma għarafhom ħadd, ħa noħroġhomlkom it-tnejn u għamlulhom kulma jogħġobkom f'għajnejkom" (Ġen. 19.7-8). In-nies tal-belt ma jiħdux l-offerta ta' Lot u wara ħafna prokrastinazzjoni, jaħrab flimkien maż-żewġ uliedu u fil-proċess jitlef lil martu. Eventwalment jibda jgħammar ma' wliedu fuq l-għoljiet, fejn iż-żewġ uliedu jsakkru lil missierhom u waħda wara l-oħra torqod u titqal minnu biex iżommu nislu ħaj.

Qabelxejn, Lot bħala missier joffri lil uliedu l-bniet fuq platt lin-nies ta' Sodoma. Huwa jinnegozja lil uliedu biex jissalvagwardja lill-anġli li jżuru l-belt u jilqa' f'daru. Il-missier, minflok jipproteġi lil uliedu, joffrihom għas-sagrifiċċju. Il-missier huwa abbużiv fl-ogħla grad possibbli. Phyllis Trible tgħid li f'din l-istorja, Lot ipprova jasal għal medjazzjoni bejn żewġ gruppi ta' rġiel u joffri soluzzjoni permezz ta' sagrifiċċju ta' nisa [li huma wliedu](78). Hija wkoll storja li turi li r-regoli tal-ospitalità f'Iżrael jipproteġu biss lill-irġiel. Aktar tard, fl-istess kapitlu nsibu l-ewwel rappreżentazzjoni ta' inċest fil-Bibbja. Mal-ewwel daqqa t'għajn, huma l-ulied bniet li jaħtu minħabba li jsakkru lil missierhom u jorqdu miegħu. Il-vittmi jinqalbu f'eżekuturi. Madankollu, Kirsi Cobb targumenta li l-imġiba ta' wlied Lot hija riżultat ta' trawma u tikkwota lil Root li juża t-terminu "imġiba ta' sopravivenza," li hija tip ta' mġiba li fiha l-vittmi jiffokaw l-enerġija kollha tagħhom biex jissopravivu u minħabba f'hekk jitilfu kull sens jew attitudni meqjusa mixtieqa bħall-empatija jew l-altruwiżmu (193). Cobb targumenta wkoll li dan l-inċest jista' jkollu għeruqu f'vendetta mill-ulied u li sentimenti ta' vendetta waqt li mhux inevitabbli jistgħu jkunu proċess naturali biex tiġi proċessata t-trawma. Hija tikkwalifika dan l-avveniment bħala trawma minħabba li l-vittmi jiġu mqarrqa minn dawk li huma konvinti li jipproteġuhom (200). F'dan il-każ, il-missier minflok jiddefendi lil uliedu, joffrihom fuq platt, biex joħroġ ta' raġel mal-mistednin tiegħu. Għal uliedu l-bniet, id-dar, minflok isservi ta' kenn, isservi bħala sit tas-sagrifiċċju. Il-missier minflok iservi bħala gwardjan tagħhom, iservi bħala l-eżekutur tagħhom.

Bħal f'din l-istorja, id-differenza fl-istatus tal-ulied bniet u subien terġa' toħroġ b'mod kruċjali fl-Eżodu li jippreżenta l-mit li l-poplu Iżraelit jinħall mill-iskjavitù tiegħu fl-Eġittu permezz tal-alla tagħhom. Fit-tħabbira tal-aħħar kastig, il-Mulej jgħid lill-Fargħun

permezz ta' Mosè li se "jmut l-iben il-kbir fid-djar tal-Eġizzjani, mill-kbir tal-Fargħun bid-dritt għat-tron sal-kbir tal-ilsiera, li ddawwar il-mitħna; u kull ferħ tal-ewwel tal-bhejjem" (Ġen. 11.5). Wara sensiela ta' kastigi ħorox, Alla jiddeċiedi li l-kastig finali jkun il-qtil tal-iben il-kbir tal-familja. Huwa l-iben il-kbir li huwa importanti. L-ulied l-oħra mhumiex imsemmija u dan jimplika li huma inqas importanti. L-importanza ta' dan il-wild jerġa' jinħass f'kapitlu 13, meta Alla, bħala tpattija għall-wasla tal-Iżraeliti fl-art tal-Kangħanin jitlob minnhom li jinfeda l-ewwel iben.

F'kapitlu 11 tal-Ktieb tal-Imħallfin, Ġeftaħ jagħmel wegħda lill-Mulej li jekk jerħilu f'idejh ulied Għammon, joffrilu b'sagrifiċċju tal-ħruq lill-ewwel persuna li tilqgħu minn bieb daru. Konsegwentement, Ġeftaħ jiftaħ probabbiltà kbira li din il-persuna li tilqgħu tkun waħda qribu, u tabilħaqq tkun bintu li tilqgħu bit-tnabar u ż-żfin. Ġeftaħ ma jmurx lura minn kelmtu u xahrejn wara joffriha lill-Mulej. Fil-bidu, Ġeftaħ juri dispjaċir li jkollha tkun bintu li tiġi ssagrifikata billi jqatta' ħwejġu, iżda xorta waħda jikkommetti l-att ta' sagrifiċċju u bħal Abraham jagħżel l-irwol tiegħu ta' iben metafiżiku ta' Alla fuq l-irwol ta' missier bintu. L-awtorità assoluta tal-missier tinħass ukoll minn bintu li taċċetta li tiġi ssagrifikata mingħajr protesta u titlob minnu biss li qabel tiġi offruta tqatta' xahrejn tiġġerra l-għoljiet biex tibki xbubitha.

Eżempju ieħor ta' filiċidju jinsab fit-tielet kapitlu tal-ktieb tas-Slaten, li fih is-sultan ta' Mowab jaqbad lil ibnu l-kbir, l-eredi tiegħu, u jaħarqu ħaj fuq sur bħala sagrifiċċju. Jon D. Levenson jikkummenta li s-sagrifiċċju jaħdem għax wara l-Iżraeliti jduru lura lejn arthom (15). Għal darb'oħra, is-sagrifiċċju tal-ulied mill-missier huwa aċċettat u ġġustifikat.

It-tieni ktieb ta' Samwel jippreżenta ġrajjiet is-Sultan David u r-rivoluzzjoni ta' ibnu Absalom kontrih. Fih jidher kif missier jiddiskrimina bejn uliedu subien u wliedu bniet. Amnon l-iben il-kbir tar-Re David jistupra lil oħtu Tamar, u meta r-Re David jisma' b'dan ir-reat atroċi jagħdab iżda ma jieħu ebda azzjoni għax "ma riedx jagħmel ħsara lil Amnon, billi kien ibnu l-kbir, u kien iħobbu" (Sam. 2.13-21). Bħal fil-każ ta' Lot, l-inċest u l-istupru tal-ulied bniet huma normalizzati.

Fir-relazzjoni tiegħu ma' ibnu Absalom, is-Sultan David huwa ppreżentat bħala missier li jaħfer. Fl-erbatax-il kapitlu, huwa jbus lil ibnu Absalom minkejja li eventwalment joqtollu lil ibnu l-kbir Amnon bi tpattija tal-istupru tiegħu fuq Tamar. Iżda snin wara Absalom iqajjem rivoluzzjoni kontra missieru, David jabdika mit-tron tiegħu f'Ġerusalemm u wara jibgħat forza kontra l-armata ta' ibnu biex jerġa' jikseb is-saltna tiegħu. Huwa javża lill-kapijiet tiegħu biex iġibu ruħhom tajjeb ma' ibnu Absalom b'rispett tiegħu, imma eventwalment joqtluh, u meta jisma' bl-aħbar jibda jibki, jgħajjat u juri xewqa li aħjar imut huwa minflok ibnu. Il-kapijiet tiegħu jħossuhom offiżi bl-imġiba tiegħu, u Ġowab jgħidlu li huwa jħobb lil min jobogħdu (b'referenza għal ibnu) u jobgħod lil min iħobbu (hu u l-ġellieda l-oħra li ġġieldu għalih.)

Għal darba oħra, il-missier u l-iben huma ppreżentati f'rivalità. Paradossalment ir-rebħa tal-missier fuq l-iben iġġib lill-missier ħafna niket imma fl-aħħar mill-aħħar tikkonferma li huwa l-missier li għandu l-awtorità kważi assoluta. Waqt li l-iben jirbaħ battalja, il-missier jirbaħ il-gwerra, u jibqa' jsaltan għal snin twal wara.

Fl-Evanġelju ta' Luqa, f'kapitlu 15 tidher il-parabbola tal-iben il-ħali rrakkontata minn Ġesù. Fiha, missier ta' żewġ ulied jaqsam ġidu ma' wliedu wara li ibnu ż-żgħir jitolbu sehmu. B'nofs ġidu f'idejh, dan l-iben iterraq lejn pajjiż imbiegħed fejn iberbaq kollox fi ftit żmien, u jerġa' lura umiljat lest li jagħmilha ta' qaddej ma' missieru. Imma l-missier jilqgħu lura b'ferħ kbir, jordna lill-qaddejja tiegħu biex iduru bih u biex joqtlu l-għoġol imsemmen u jagħmlu festa. L-iben il-kbir jirrifjuta l-istedina għal din il-festa u jilmenta ma' missieru li minkejja l-lealtà kontinwa lejn missieru, huwa qatt ma mqar jorganizza ikla għalih.

F'din il-parabbola, il-missier, kontra Iżakk li jrid jagħti kollox lill-iben il-kbir, jaqsam ġidu b'mod ġust, saħansitra qabel mewtu. L-affarijiet jinqalbu ta' taħt fuq minħabba li kif jikkummenta Recalcati, huwa l-iben li jitlob mill-missier u mhux il-missier jitlob mill-iben (*Son's Secret* 49). Il-fatt li l-iben jitolbu għal ġidu jimplika li l-missier qed iżomm kollox għalih (*Son's Secret* 50). L-iben il-kbir ukoll jakkużah b'din l-attitudni meta jgħidlu li qatt ma tah imqar gidi biex jifraħ bih ma' ħbiebu. Iżda Recalcati jgħid ukoll li meta l-missier iħalli lil ibnu jitlaq, joffri l-possibbiltà lil ibnu li jitlef lil missieru, u daqstant ieħor il-missier jippermetti lilu nnifsu jitlef lil ibnu, u li jitlef xi ħaġa għażiża (*Son's Secret* 53). Il-missier minflok jissagrifika lil ibnu, jissagrifika s-sjieda tiegħu ta' ibnu. Recalcati jikkummenta li dan il-missier ma jemminx fil-liġi (li tgħid li l-wirt għandu jinqasam wara l-mewt tal-missier) u lanqas jemmen li huwa l-liġi, imma minflok jagħti lil ibnu dak li talbu u saħansitra jissorprendi lil ibnu meta fir-ritorn tiegħu minflok jikkastigah jilqgħu bl-akbar ferħ (*Son's Secret* 64-69). Waħda mill-pitturi famużi dwar din il-parabbola hija ta' Rembrandt. Dwarha, Recalcati jikkummenta li jdejn il-missier mhumiex espressjoni tal-awtorità simbolika tal-liġi, imma l-idejn miftuħa tal-maħfra. L-idejn lanqas ma huma

simettriċi, l-id ix-xellugija hija maskili, l-id il-leminija hija femminili, u permezz tal-aħħar il-missier jippreżenta lilu nnifsu bħala omm li tpoġġi l-imħabba qabel il-Liġi (*Son's Secret* 72-73). Dan kollu jissuġġerixxi li dan il-missier huwa eċċezzjoni, u jaħfer għax jaġixxi b'mod matern minflok patern.

Ġesù nnifsu, ftit qabel mewtu, jidħol fil-ġnien tal-Ġetsemani. Skont l-evanġelju ta' Mattew, huwa għandu ruħu "imnikkta għall-mewt" u jitlob lil missieru biex ibegħedlu dan il-kalċi, imma l-missier ma jweġibx (Matt. 26.38). Fit-tieni talba ma' missieru jikkommetti ruħu għar-rieda ta' missieru, "Missieri, jekk dan il-kalċi ma jistax jgħaddi mingħajr ma nixorbu, tkun magħmula r-rieda tiegħek" (Matt. 26.42). It-tieni talba tiegħu wkoll tintlaqa' bis-silenzju, f'mument li Ġesù daqskemm qed jafferma li se jimxi skont ir-rieda tiegħu, jista' wkoll qed jipprova jibda djalogu ma' missieru. Aktar tard jiġi kkundannat għall-mewt u minn fuq is-salib "għajjat b'leħen qawwi u qal: 'Eli, Eli, lema sabaqtani?' Jiġifieri, 'Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?'" (Matt. 27.46). Il-missier, għat-tielet darba ma jweġibx. Fis-siegħa tal-prova ta' ibnu, il-missier huwa assenti għalkollox.

Recalcati jikkummenta li l-missier ma jeħlisx lil ibnu mill-esperjenza trawmatika tal-waqgħa, anzi matulha jabbandunah, u tinħass distanza bla tmiem bejn il-missier u ibnu li għadu kif ġie ttradut (*Gethsemane* 6-7). Huwa jkompli li l-mument tal-Ġetsemani huwa kruċjali għal Ġesù minħabba li qatt qabel ma jiġi kkonfrontat daqstant bil-vulnerabbiltà tiegħu bħala bniedem (*Gethsemane* 17). Konsegwentement, is-silenzju ta' missieru jirbombja aktar, silenzju li Recalcati jsejjaħ "inuman" (*Gethsemane* 54). Fuq kollox, Recalcati jgħid li Alla jibqa' sejjer bis-sagrifiċċju tiegħu ta' ibnu u ma jbiddilx id-

deċiżjoni tiegħu bħal kif jagħmel ma' Abraham (*Gethsemane* 56). Daqskemm, Ġesù jqum mill-mewt wara tlett ijiem, il-missier juri s-setgħa tiegħu billi jissagrifika lil ibnu, u fil-ħin tal-prova jabbandunah għax ma għandux kliem biex jiġġustifika ruħu.

## 1.4. Konklużjoni

Fit-tliet sorsi, il-missier jidher bħala figura unanimament prepotenti; huwa dak li għandu l-poter, l-irwol tiegħu jilleġittimizzalu l-poter. Il-missier marbut ma' dan il-poter jibża' li jitilfu, iħossu l-aktar mhedded minn uliedu maskili u għalhekk jidħol f'kunflitt magħhom. Il-mitoloġija Griega sa mill-bidu nett tippreżenta dan permezz tal-kunflitt bejn Kronos u Żews. Fil-mitoloġija Nordika d-dinja tinħoloq wara l-qtil minn Odin ta' missier missieru. Il-Bibbja ma tippreżentax dan il-kunflitt fl-ewwel ktieb tagħha iżda xorta waħda tippreżenta sitwazzjonijiet ta' kunflitt li fihom il-missier ikollu jagħżel bejn missieru u wliedu, u bħal fil-każ ta' Abraham jintgħażel il-missier, għax huwa dak li għandu l-awtorità.

Il-missier, minbarra li għandu l-poter kollu fil-familja, meta jkollu jagħżel bejn aktar poter u l-benesseri ta' wliedu, jagħżel il-poter, sal-punt li jissaggrifika lil uliedu. Din hija evidenti fl-istorja ta' Edipu, ta' Ifiġenja, ta' Abraham, Ġeftaħ, Mowab, u Alla ma' ibnu Ġesù. Il-missier huwa wkoll figura li tiddiskrimina. Jiddiskrimina bejn uliedu s-subien stess, iqis b'mod differenti lill-iben il-kbir minn ta' warajh, anki jekk huma tewmin bħal fil-każ ta' Ġakobb u Għesaw, u fuq kollox jiddiskrimina bejn l-iben u l-bint. Il-missier jiddeċiedi x'jiġri f'ħajjet bintu anki wara li titlaq mid-dar permezz tal-għażla tiegħu ta' żewġha bħal kif jidher fil-poeżija "Alvíssmál" fil-mitoloġija Nordika, u fil-Bibbja Lot joffri lil uliedu l-bniet għal stupru biex joħroġ ta' raġel mal-mistednin tiegħu.

Il-missier huwa wkoll assenti minn żmien għal ieħor, iżda l-preżenza tiegħu tittraxxendi l-ispazju u ż-żmien. Il-missier preżenti anki meta mhux fiżikament preżenti. Din tidher fit-tliet sorsi, minn Odissews f'*L-Odissea*, għar-Re Laius fl-istorja ta' Edipu li, minkejja n-nuqqas ta' preżenza tiegħu jissemma kontinwament, għal Odin li, għal ħafna ħin huwa 'l bogħod minn ibnu Tor, għal Alla li, fis-siegħa tal-prova ta' ibnu ma jweġibx għall-għajta tiegħu imma huwa l-entità li Ġesù jipprova jikkomunika magħha.

Il-missier ħanin fil-parabbola tal-iben il-ħali jidher li huwa eċċezzjoni li jmur kontra n-norma. Dan il-missier huwa wkoll biss karattru f'rakkont allegoriku u mhux wieħed storiku.

# 2. Il-Letteratura Maltija Qabel is-Seklu Wieħed u Għoxrin

F'dan il-kapitlu, qed inħares lejn kampjun ta' letteratura li tippreċedi l-letteratura Maltija ta' wara d-disgħinijiet, li hija l-qofol ta' dan l-istudju biex ir-rappreżentazzjoni tal-figura tal-missier fil-letteratura ta' wara d-disgħinijiet titqabbel ma' dik preċedenti.

Biex dan il-kampjun ikun wiesa', nirriċerka kemm proża kif ukoll poeżija tat-tliet movimenti ewlenin – ir-Romantiku, ir-Realista, u l-Modern. Ix-xogħlijiet kollha tal-kittieba analizzati llum jingħarfu bħala ewlenin tal-letteratura Maltija.

## 2.1. Il-Moviment Romantiku

B'mod ġenerali, il-Moviment Romantiku f'Malta għandu influwenza Kattolika qawwija u dan jidher f'diversi xogħlijiet li jeżaltaw il-familja. Pereżempju, għal Dun Karm il-familja tant hija importanti li l-omm tingħata post ċentrali u tnebbaħ għadd ta' poeżiji tiegħu direttament (Friggieri, *Dun Karm* 152). Xogħlu saħansitra jippersonifika lil Malta bħala omm bil-għaqal u li tħobb, li tissagrifika ruħha għal uliedha u tibqa' tieħu ħsiebhom sakemm isiru adulti (Grima, "Idealized Nation-Mother" 133). Madankollu, minkejja dan is-sinifikat li jagħti lil ommu, għal Dun Karm huwa l-missier li huwa l-kap tal-familja u li għandu l-awtorità f'idejh. F'"Id-Dar" li fiha jippreżenta l-familja bħala xi utopija, jistqarr dan espliċitament: "Il-missier felħan, qalbieni, / Huwa s-setgħa minn tad-dar" (88). Din l-istqarrija tinħass bħala eku tal-enċiklika *Rerum Novarum* tal-1891 tal-Papa Ljun XIII li tqis lill-familja bħala predeċessur tas-soċjetà ċivili, bil-missier bħala l-kap tal-familja u l-ulied bħala proprjetà u espansjoni tal-personalità tiegħu (Kap 11).

L-attitudni ta' Dun Karm lejn l-omm hija tipika tal-poeti Romantiċi f'Malta. Bħalu, Anton Buttigieg u Mary Meylak ukoll jeżaltaw lill-omm. Għal Buttigieg, hija dejjem tajba, figura universali li skont il-poeżija tiegħu "Sew Bħal Omm" tbati bi wġigħ u diqa fit-tqala tagħha, tifraħ meta jitweldulha l-ulied, u matul ħajjithom tħobbhom bi mħabba kbira. Hija qiegħda hemm għalihom sa minn qabel twelidhom. Fil-poeżija "Lil Ommi," jindirizzaha u jirringrazzjaha talli dejjem kienet miegħu, kemm fit-tajjeb u kemm fil-ħażin, kemm fil-mumenti ta' ferħ u l-oħrajn traġiċi, u b'hekk jeżalta l-konsistenza tagħha. L-omm ippreżentata bħala figura stabbli bi mħabbitha. Fuq kollox ommu terġa' tieħu l-irwol ta' omm ma' wliedu li jisfgħu ltiema. F'"Monument Manannì Meylak (imwielda Grech)," Meylak tqis lil ommha kemm sabiħa kif ukoll bieżla, karatteristika importanti fil-ħsieb Kattoliku, u għalhekk timplika li ħadet ħsieb lilha u lil ħutha sew. Meylak teżalta wkoll lil missierha permezz tal-poeżija "Monument Ġorġ Meylak" li għalkemm mhux dotat fis-sbuħija bħal ommha, ma jħalli lill-familja nieqsa minn xejn u tiddikjara lil ommha bħala xxurtjata li ltaqgħet miegħu. Bħala bintha timplika li daqstant ieħor hija xxurtjata li għandha lil dan ir-raġel bħala missierha. Min-naħa ta' Buttigieg, il-missier jikkumplimenta l-imħabba tal-omm permezz tad-determinazzjoni u saħħtu, anki fl-assenza tiegħu wara mewtu. Fil-poeżija "Lil Missieri," bħal Dun Karm, Buttigieg jiddeskrivi lil missieru felħan u qalbieni, għassies li lest iċarċar demmu għalih, minn fuq podju li saħansitra jaqsam ma' Alla u bl-istess irwol:

> hemm żewġ missirijiet:
>
> Alla l-Missier u Int,
>
> it-tnejn iċċarċru

demmkom għalija! (vv. 5-8)

Buttigieg regolarment jattribwixxi kwalitajiet meqjusa maskili lil missieru: huwa wieħed li għandu dirgħajh mibruma, li bihom iwassal lill-familja kollha lejn Alla, tant li jippreżentah bħala eroj. Madankollu, minħabba mewtu, dan huwa missier li huwa assenti. Meta l-poeta, imbagħad, jippreżenta lilu nnifsu bħala missier, jagħti stampa ħafna aktar umli: huwa għammiel ta' bejta li hija ferħana u tfisser kollox għalih, imma l-mewt iżżur lis-sieħba, u bħala missier iħossu mitluf u forsi assenti għal uliedu. L-assenza tal-missier daqstant ieħor tinħass f'Dun Karm, għal darba oħra dovuta l-aktar minħabba l-mewt, kif tidher fil-poeżiji "Il-Wegħda" u "Sejħa." Din kienet realtà sal-ewwel nofs tas-seklu għoxrin, meta l-għomor tal-irġiel kien iqsar minn tan-nisa ("Life Expectancy"). L-assenza tinħass ukoll minħabba li daqskemm Dun Karm jalludi konsistentement għal ommu, u saħansitra ssir persunaġġ fil-poeżija "Il-Jien u Lil Hinn Minnu," huwa rarament jalludi għall-missier. Fl-istess poeżija, Alla huwa missier, u huwa rrappreżentat b'mod kunfliġġenti. F'mument jistqarr dwaru li huwa ħanin u ma jaħqarx lil uliedu, f'mument ieħor jinħass qed jinkorla lejh sforz it-turment tiegħu quddiem il-mewt inevitabbli u n-nuqqas ta' tweġiba mis-sema.

Fid-dawl ta' dan kollu, il-missier għandu l-awtorità kollha, iżda xorta jidher li qatt ma jista' jkun sostitut denju għall-omm. Il-poeżija "Mingħajr Omm" ta' Dun Karm hija eżempju ta' dan. Għad li l-missier jinħass assenti minn ħin għal ieħor, din l-assenza qatt ma twasslu biex jikteb poeżija li tindirizza direttament din l-assenza bħalma jagħmel rigward l-omm permezz tal-poeżija msemmija. Fl-istess poeżija, terġa', il-missier, minkejja li ppreżentat bi kwalitajiet ta' għożża, b'qalb ħanina u mħabba miġnuna, ħafna

drabi kwalitajiet attribwiti lill-omm, xorta waħda jinħass li qatt ma jista' jimla n-nuqqas tal-omm. Għad li l-assenza tal-missier hija xi drabi kkonsolata bil-preżenza tal-omm, dan ma jinħassx meta s-sitwazzjoni hija bil-maqlub.

Rużar Briffa ma jindirizza ebda poeżija lil missieru kif jagħmel lil ommu għal darba darbtejn, imma jindirizza żewġ poeżiji lil bintu li bihom jippreżenta lilu nnifsu fil-figura paterna. Fil-poeżija "Lil Binti Waqt 'Air-Raid,'" jipprova jnessi lil bintu mill-kruha tal-gwerra billi jpespsilha f'widnejha li dak li qed tisma' u tara mhumiex x'qed taħseb hi. Fil-poeżija "Lil Binti," miktuba f'għeluq it-tmintax-il sena tagħha, jinkuraġġixi lil bintu biex tofroq it-triq li għandha miftuħa quddiemha. Bħala missier, fiż-żewġ poeżiji, Briffa ma jeżalta ebda maskulinità fih, ma jippreżentax ruħu bħala xi kavallier ta' bintu li se jiskansaha minn kull saram, imma sempliċiment bħala wieħed kuntent li seta' jkun missier ta' wild. Wara kollox, huwa l-wild li jippermetti lil xi ħadd li jsir missier (Recalcati, *Telemachus* 113). Briffa jinħass bħala missier li kuntent ikun fid-dell ta' bintu, u li issa ħajjitha f'idejha. Karmenu Vassallo, min-naħa tiegħu, jippreżenta missier pjuttost differenti. Għad li fil-ġabra *Tnemnim*, jikteb il-poeżija "Omm," fil-poeżija sussegwenti "Missier" jisħaq li mara issir omm bis-saħħa tal-missier, "Iżda kieku ma kienx missier uliedha, / ħlief isem 'mara' x'kien ikollha aħjar?" (vv. 3-4). Huwa l-missier li jaħdem iebes għall-familja, u hija saħħtu li tippermetti lill-familja tgħix tajjeb. Kuntrarju għal Briffa, Vassallo jiċċelebra l-elementi maskili tal-missier, forsi wkoll permezz ta' kontradizzjoni minħabba li, f'"Bla Dawl," fil-ġabra preċedenti *Nirien*, zitu Rożanna, hija ommu u missieru fl-istess ħin.

Fir-rumanzi tal-kittieba Romantiċi, il-missier huwa ppreżentat b'laqtiet differenti anki mill-istess kittieba. Fir-rumanzett *Toni Bajjada* ta' Ġużè Muscat Azzopardi, il-missier jidher mingħajr ebda awtorità. Meta jiġi mgħarraf minn ibnu Toni Bajjada li ddeċieda jidħol fix-xwieni ta' San Ġwann, huwa ma jurix l-approvazzjoni tiegħu, minħabba li Toni huwa l-uniku iben u ma jixtieqx jitilfu. Madankollu, dan ma jżommx lil Toni milli jitlaq xorta waħda. Il-missier jidher pjuttost dgħajjef quddiem ir-rieda tal-iben. Id-dgħufija tal-missier quddiem ibnu terġa' tidher meta fil-ġurnata li Toni Bajjada kellu jtejjeġ ma' Rożi, jipposponi ż-żwieġ billi jwieġeb għas-sejħa biex jerġa' jmur fuq ix-xwieni. Il-missier, min-naħa tiegħu, jitbikkem imma lanqas biss jipprova jbiddel id-deċiżjoni ta' ibnu. Jinħass jaf li la ibnu konvint kliemu mhu se jiswa xejn, kif wara kollox ma sewiex snin ilu meta ddeċieda li jitilqu l-ewwel darba. Il-missier jiġi ppreżentat kontinwament fid-dell tal-eroj, bħala karattru dgħajjef u mingħajr ebda awtorità. Min-naħa l-oħra, Viku Mason jidher bħala missier viljakk. Huwa joqtol lil martu ftit żmien wara li wellditlu lil ibnu minħabba li, sforz l-għira tiegħu, ġesti innoċenti minn Pietru, ħabib tal-familja, jinterpretahom bħala prova li t-tarbija mhix frott tiegħu. Lit-tarbija stess iħalliha tterter bil-bard u din issalva biss wara li koppja mingħajr tfal issibha u tiddeċiedi li trabbiha. Madankollu, dan il-missier irid jitqies ukoll fid-dikotomija ta' Muscat Azzopardi li fiha l-Maltin huma tajbin, u l-barranin, bħalma huwa Viku Mason, huma ħżiena. Viku Mason innifsu kien ukoll meqjus għadu u sseħħ ġustizzja miegħu meta ibnu stess, li snin qabel ħalla jterter, joqtlu fi rvell tal-Maltin kontra l-Franċiżi.

Min-naħa l-oħra, fir-rumanz *Susanna*, il-missier, fir-relazzjoni tiegħu ma' bintu jidher awtorevoli. Jiddeċiedi ż-żwieġ ta' bintu Susanna ma' Mattew, mingħajr ma jiddiskuti xejn magħha, "dak iż-żmien, ma kienx isir kliem taż-żwieġ quddiem l-għarajjes"

(94). L-iva tal-missier tinħass bħala parti minn tranżazzjoni li se żżidlu l-istatus tiegħu, minħabba li missier l-għarus huwa wieħed mill-kbarat tal-pajjiż – ġurat bħalu. Meta l-missier ixomm li bintu ma tridx lil Mattew, mhux talli ma jħassarx it-tieġ, talli jqarrab id-data tat-tieġ. Susanna, għad li twebbes rasha u turi l-aġenzija tagħha billi taħrab fil-ġurnata taż-żwieġ, xorta waħda fl-aħħar mill-aħħar tiġi kkastigata billi tinqatel minn dak li kellu jkun żewġha meta fid-dlam jaħsibha Frażir, il-persuna ta' qalbha. Din ir-relazzjoni tfakkar fil-poeżija "Alvíssmál" mill-mitoloġija Nordika, li fiha l-missier juri li għandu l-akbar jedd fuq bintu u jiddeċiedi huwa lil min tiżżewweġ jew ma tiżżewwiġx. Relazzjoni simili tidher f'*Ineż Farruġ* ta' Anton Manwel Caruana. Ġużeppi Qormi, li huwa miġbud lejn Ineż Farruġ, jitlob lil qaribu biex ikellem lil missier Ineż ħalli jagħtihielu għaż-żwieġ. Waqt li din it-talba qatt ma ssir minħabba li Ineż tinħataf, ipotetikament il-futur tagħha kien se jiġi deċiż minn missierha. Id-differenza fir-relazzjoni bejn il-missier u l-iben u l-missier u l-bint toħroġ fl-istess rumanz. Waqt li Ineż bħala bint hija suġġett għal missierha, Don Matt bħala iben mhuwiex u minkejja li l-missier ma jurix l-approvazzjoni tiegħu biex ibnu jidħol qassis u jdum jipprova jibdillu fehmtu, l-iben xorta waħda jieħu l-ordni sagri.

Fil-każ ta' *Toni Bajjada*, din it-tip ta' relazzjoni bejn il-missier u l-bint ma tidhirx, minħabba li jkun Toni nnifsu li jersaq direttament lejn Rożi u jipproponilha. Dan jista' jimplika li l-jedd tal-missier fuq bintu kien aktar b'saħħtu f'familji bi status għoli fis-soċjetà, anki minħabba li l-missier nobbli kien ikun irid jaċċerta ruħu li l-ġid tal-familja se jingħaqad ma' dak ta' familja tal-istess ġid, jew aktar. Missier Susanna kien ġurat, u l-familja ta' Ineż Farruġ kienet familja ta' klassi medja. Min-naħa tagħhom, Toni u Rożi kienu wlied bdiewa u essenzjalment minn klassi umli.

## 2.2. Il-Moviment Realista

Il-Moviment Realista f'Malta jippreżenta lill-familja minn lenti pjuttost differenti minn dik tar-Romantiċi, minkejja li l-pijunieri tiegħu jippreżentaw xogħlijiethom ftit jew wisq fl-istess żmien. L-ewwel preżentazzjoni tagħhom saret fil-forma tan-novella, li dwarha Mark Vella jikkummenta li kienet l-għażla naturali tar-Realisti, forma li nfilzat ruħha f'sistema letterarja li bdiet tippolitiċizza n-narrattiva (*L-Ideoloġija tan-Novella* 103). Daqskemm il-moviment Romantiku kien influwenzat mit-twemmin Kattoliku, in-novelli ta' Ġużè Ellul Mercer u Ġużè Bonnici kienu influwenzati minn twemmin Soċjalista, li ried joħroġ fil-wiċċ il-qagħda ta' min huwa mkażbar fis-soċjetà. L-istess kif Dun Karm kien qassis, fi kliem ieħor ministru tal-Knisja, iż-żewġ novellieri kienu attivisti fi ħdan il-Partit Laburista, li dak iż-żmien ried jixħet dawl fuq id-diskriminazzjoni soċjali u l-qagħda tal-ħaddiema f'Malta. Huma wasslu n-novelli tagħhom permezz tal-gazzetti u l-perjodiċi bil-Malti. F'dawn in-novelli joffru kwadretti ta' Malta fl-għoxrinijiet u t-tletinijiet, ta' gżira kkolonizzata li fiha matul il-perjodu taċ-ċensiment tal-1921 u l-1931, 32% tat-tfal li twieldu mietu u 61% ta' dawk ta' ħames snin jew aktar ma kienu jafu jiktbu u jaqraw bl-ebda lingwa (*Census of the Maltese Islands* xii).

Il-kwadretti ta' Ellul Mercer u Bonnici jippreżentaw ambjent miżeru, b'karattri li fil-biċċa l-kbira tagħhom jinsabu fi prekarjetà assoluta, mingħajr għaxja ta' lejla. Ħafna drabi din il-prekarjetà hija marbuta mal-assenza tal-missier. Xi drabi, il-missier qiegħed il-ħabs, drabi oħra lil hinn mill-pajjiż, għax jippreferi l-ħarba minflok ir-responsabbiltà tat-trobbija ta' wlied li jġib illeġittimament. Xi drabi oħra huwa nieqes minħabba mewta fuq il-post tax-xogħol. Fid-dell tal-assenza tiegħu, il-missier huwa diversi drabi vjolenti, sforz ix-xorb żejjed, u n-nuqqas tiegħu ma jeliċita ebda niket la f'martu u lanqas fi wliedu, anzi,

hija assenza li tipprometti bidu ġdid mingħajr swat. Din il-vjolenza mill-missier fiha nnifisha timplika ordni soċjali maskilista u oppressiva, li fiha d-dipendenza ekonomika u psikoloġika tal-mara fuq ir-raġel tissarraf bħala art għammiela għall-vjolenza. R.W. Connell tikkummenta li l-vjolenza hija, ħafna drabi, mod faċli li bih ir-raġel jasserixxi l-maskulinità tiegħu, speċjalment meta jkun jappartjeni għal klassi li qed tiġi oppressa, bħalma huwa fil-każ ta' dawn il-missirijiet li huma kollha ġejjin mill-klassi tal-ħaddiema, bi wħud minnhom qiegħda. Għad li l-vjolenza hija parti minn sistema ta' dominazzjoni, tikxef ukoll l-imperfezzjoni ta' din is-sistema, minħabba li kieku teżisti ġerarkija leġittima, din ikollha anqas bżonn li tintimida (83-84). Nigel Edley jikkummenta li l-vjolenza tar-raġel fuq il-mara hija fenomenu strutturali - min huwa fuq isawwat lil ta' taħtu, u għalhekk prodott tal-patrijarkat. Huwa jirreferi għal Archer li jgħid li l-Kristjaneżmu jilleġittimizza l-poter li r-raġel iħoss fuq martu [skont ir-*Rerum Novarum*, ir-raġel huwa l-kap tal-familja] u konsegwentement iwitti t-triq għall-vjolenza tar-raġel fuq il-mara. Huwa jżid li din il-leġittimizzazzjoni tal-poter tar-raġel fuq il-mara ġiet appoġġjata minn stati Ewropej għal sekli sħaħ, u l-vjolenza fuq il-mara kienet mod kif kien jiġi infurzat dan il-poter. F'diversi pajjiżi Ewropej, il-liġi saħansitra speċifikat il-modi li bihom ir-raġel seta' jikkastiga lil martu, pereżempju fi Franza, kien legali li raġel jikser imnieħer martu jekk din iċċanfru (148).

Meta l-missier huwa preżenti, għandu biża' kbir mill-qgħad. Daqskemm dan il-biża' huwa dovut għall-fatt li jfisser in-nuqqas tal-ħobża fuq il-mejda, daqstant ieħor huwa dovut għall-fatt li huwa daqqa ta' ħarta għal irġulitu. Il-qgħad itellef lill-missier mir-rispett minħabba li bħala l-uniku impjegat bi qligħ, huwa meqjus bħala l-persuna li qed titma' lill-familja. Kif jikkummenta Edley, il-missier bħala l-persuna li taqla' l-għajxien,

tispikka u tiġi ċċelebrata, irrispettivament mill-ħafna xogħol ieħor li jsir minn membri oħrajn tal-familja (76). Irġiel li jixtiequ jiżżewġu imma ma jirnexxilhomx isibu xogħol f'Malta, jiġu kostretti jemigraw. Ulied subien xipli li mhumiex kapaċi jaħdmu u jaqilgħu l-għajxien huma wkoll mistmerra u mkażbra, kif jidher f'"Għax Miet" ta' Bonnici.

F'"Farfett il-Lejl" ta' Ellul Mercer, l-awtorità tal-missier tidher ukoll fil-fatt li saħansitra jġiegħel lil bintu tipprostitwixxi ruħha, u hija taċċetta mingħajr ebda protesta. Fl-għemil tal-missier jidher kontroll totali mżewweġ ma' oġġettivizzazzjoni għax il-bint tintuża bħala vejjikolu għal qligħ finanzjarju. Melissa Farley tikkummenta li l-prostituzzjoni, bħall-inċest, hija l-bażi tad-dominazzjoni maskili fuq in-nisa (xvi). Christine Stark u Carol Hodgson jikkummentaw ukoll li l-qaħħaba jkissru lin-nisa emozzjonalment, psikoloġikament u fiżikament qabel idaħħluhom fil-prostituzzjoni, u dan ukoll jimplika paralleliżmu mal-vjolenza domestika (22).

Il-missirijiet tal-protagonisti tar-rumanzi *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ellul Mercer u *Ħelsien* ta' Bonnici huma żewġ karattri b'personalitajiet differenti. Is-Sur Nin, huwa bniedem li xi darba kellu negozju u jitilfu. Kontra tiegħu, Ġamri qatt ma kellu xejn u qatt ma wiret xejn ħlief is-sengħa tal-biedja mingħand missieru, imma jirnexxilu jikseb biċċa art moxa, jikkonvertiha f'ġenna tal-art, u permezz tagħha jeħles mill-qbiela u jerfa' finanzjarjament lil familtu. Ġamri għandu ħafna elementi maskili – b'saħħtu, jaħdem mis-sebħ sad-dlam – waqt li s-Sur Nin għandu maskulinità imminata, ma għandux ir-rispett ta' wliedu, huwa raġel li ftit li xejn iġib lira lejn id-dar, u jkunu wliedu li jkollhom jagħmlu tajjeb għalih.

Fiż-żewġ relazzjonijiet jinħass in-nuqqas tal-missier. Fil-każ ta' *Leli ta' Ħaż-Żgħir*, il-missier huwa assenti minħabba ljieli ta' tbaħrid u logħob tal-azzard, fil-każ ta' *Ħelsien*, il-missier medhi wisq fil-ħidma u l-ħolma tiegħu biex sa fl-aħħar jaqla' mit-tajn lil familtu. F'*Ħelsien,* qatt ma jidhru sinjali ta' affezzjoni bejn Feliċ u missieru, u daqstant ieħor li fil-każ ta' Leli; il-bewsa ta' missieru tinxtamm tinten minħabba r-riħa ta' tabakk fuq mustaċċih, metafora tal-vizzji tiegħu. Leli jpatti għal dan in-nuqqas permezz tal-qrubija tiegħu lejn ommu, imma Feliċ ma jsib ebda konsolazzjoni, u l-vojt ta' missieru ma jimlihulu ħadd.

Ironikament, minkejja t-tbegħid bejn Leli u missieru, in-nuqqas ta' fedeltà ta' missier Leli, jiġi rreplikat minn Leli fiż-żwieġ tiegħu. Għad li s-Sur Nin kien tip li jmur ma' nisa differenti, u Leli kellu relazzjoni adultera fit-tul ma' mara waħda, xorta t-tnejn li huma juru nuqqas ta' lealtà lejn marthom. Permezz ta' dan in-nuqqas fit-tnejn li huma, joħroġ fiċ-ċar prinċipju fundamentali tar-Realiżmu u d-Determiniżmu, li kif jikkummenta Maurice Larkin, il-bniedem huwa prodott tal-eredità u l-ambjent tiegħu (1). Waqt li l-Kristjani kienu fundamentalment jemmnu li l-individwu huwa ħlejqa dotata minn Alla b'abbiltà li tiddistingwi bejn it-tajjeb u l-ħażin (Larkin 17), ir-Realisti bdew jaraw lill-bniedem bħala tramm, ikkundannat li jimxi fuq il-binarji tal-eredità u l-ambjent tiegħu (Larkin 176). Gustave Flaubert, f'waħda mill-ittri tiegħu jikkummenta li saħansitra jemmen fl-eredità aktar milli fit-trobbija tal-ulied (Larkin 68). Dan jidher ukoll fid-dramm *Iħirsa* ta' Ibsen, li fih omm Oswald tibgħat lil binha 'l bogħod minn darhom fejn hemm missier l-iben li huwa magħruf għall-avventuri sesswali tiegħu. Imma fit-tmiem tad-dramm tirrealizza li kollu kien għalxejn għax binha qed imut minn marda li wiret mingħand missieru (Sprinchorn 191). David Aloisio jikkummenta li d-distakk emozzjonali

u fiżiku tal-missier jimpatta l-formazzjoni tal-personalità ta' Leli (217). Huwa jżid li minħabba dan Leli jġarrab waħda mill-akbar sfortuni tal-ħajja, li minkejja l-istmerrija tiegħu lejn il-missier, jispiċċa jimitah inkonxjament, u r-relazzjoni ta' bejniethom tqanqal fih emozzjonijiet konfużi li għad li jipprova jostorhom, xorta jitilgħu fil-wiċċ taħt forma ta' mġiba mimlija pretensjonijiet adulti iżda nieqsa mill-maturità fattwali (223-224). Skont dawn il-perspettivi, ħafna mit-tort tal-isfortuni ta' Leli jaqgħu fuq il-missier. Larkin madankollu jikkummenta wkoll li daqskemm id-determiniżmu fil-ħajja ma jistax jiġi innegat, il-bniedem xorta jista' jissalvagwardja d-dinjità tiegħu billi jaffaċċja r-realtajiet iebsa tal-ħajja bi Stojċiżmu u kuraġġ, żewġ elementi li Leli jinħass nieqes minnhom (177).

Min-naħa tiegħu, Ġamri, missier Feliċ, jerfa' r-responsabbiltà tat-tbegħid tiegħu minn ibnu. Malli jsir jaf bid-delitt ta' ibnu fuq Luretu, in-narratur permezz ta' fokalizzazzjoni minn għajnejh jistqarr li, "Feliċ ma kienx il-ħati; il-ħati kien hu" (219). Ġamri nnifsu jimplika li ma rnexxiex bħala missier. Huwa jirrealizza li biex itejjeb il-pożizzjoni finanzjarja ta' familtu kollha, fil-proċess, nesa lill-iben li l-aktar kellu bżonn għajnuna. Il-prezz tas-suċċess finanzjarju tal-missier iħallas għalih Feliċ. Edley jikkummenta li r-relazzjoni bejn ix-xogħol u l-paternità hija kkumplikata. Għad li x-xogħol huwa ħafna drabi meqjus bħala ċentrali f'paternità pożittiva, dan ħafna drabi jidħol f'kompetizzjoni mal-irwol ta' missier, minħabba li t-tnejn jitolbu wisq mill-ħin, l-enerġija u r-riżorsi tal-missier (95).

Din ir-relazzjoni tingħata ċans ieħor permezz ta' Paċikku, żbandut, li sforz imħabbtu lejn Madliena, iz-zija ta' Feliċ u oħt Ġamri, joħroġ għonqu għalihom u jieħu l-ħtija kollha fuqu. Feliċ jeħlisha mill-forka u Ġamri jeħles mill-għajb li kien se jaqa' fuqu

kieku ibnu ħa l-forka. Fl-aħħar sentenza tar-rumanz, Ġamri jidher jibki, sinjal tad-dgħufija tiegħu, imneżża' mill-maskulinità kif iddettat mit-tradizzjoni, imma fl-istess ħin mimli umanità u tama.

F'rumanz Realista ieħor, li ħareġ deċennji wara, *L-Isqaq* ta' Ġużè Chetcuti, il-missier huwa eqreb lejn dak ippreżentat fin-novelli milli fir-rumanzi, minħabba li huwa nieqes. Stejfen, il-protagonista jisfa' ltim ta' tnax-il sena, u l-mewta ta' missieru jkollha effett immedjat fuqu. Flimkien ma' ommu u ħutu jkollu jitlaq minn dar imdaqqsa bi ġnien kbir għal dar fi sqaq bi tliet gabubi, u għalhekk jgħaddi minn trawma għal oħra. Il-missier huwa l-unika forza ekonomika fil-familja, l-omm minkejja li tħabrek u togħrok l-artijiet għand dak u għand l-ieħor ma tista' qatt tirreplika dak li kien iġib il-missier, u n-nuqqas tiegħu jitfa' wkoll piż fuq l-iben il-kbir minħabba li jrid jikber qabel iż-żmien, "Issa int trid tkun għalina. Int il-kbir, u int trid taħdem għal ħutek" (1). Il-missier jidher bħala l-uniku membru tal-familja li jista' jġib dħul diċenti għall-familja, u t-telfa tiegħu għandha riperkussjonijiet ekonomiċi serji.

## 2.3. Il-Moviment Modern

Fil-poeżija tal-poeti Romantiċi, il-missier, minkejja li ma jingħatax il-qima li tingħata lill-omm, dejjem jingħata laqta pożittiva għax, wara kollox, għalihom huwa kap tal-familja, ta' istituzzjoni kważi kważi 'l fuq mill-kritika. Fil-każ tal-Moviment Modern, diversi poeti jitbiegħdu sew minn din ir-rappreżentazzjoni, u dan jista' jitqies bħala qtugħ ewlieni bejn dawn iż-żewġ movimenti. Mario Azzopardi, pijunier ta' dan il-moviment, jattakka sistematikament lill-familja. F'"Demgħat tas-Silġ," juri indifferenza lejn familtu, indifferenza li tidher li hija reċiprokata għax, wara kollox, dawn daqstant ieħor qatt ma

afuh. Din l-indifferenza hija intensifikata fir-relazzjoni tiegħu ma' missieru permezz tal-poeżija "M'Għadx Hawn il-Grillu:" "missieri kellimni b'idejh fuq spallejja / kif qatt ma kellimni / għax jien u huwa ma konniex wisq ta' ġewwa" (vv. 2-4). Ir-relazzjoni tal-poeta ma' missieru x'aktarx kienet qasira. Mewtu tissemma fil-poeżija "Demgħat tas-Silġ," imma hija mewt li ma tantx teliċita luttu, id-demgħat huma tas-silġ u naturalment kesħin u artifiċjali.

Azzopardi ma joqgħodx lura milli jippreżenta ruħu bħala missier. F'"Lullaby lil Yevgeny" jindirizza direttament lil ibnu b'ton konfessjonali. Id-distanza li huwa jħoss ma' missieru hija rreplikata fir-relazzjoni tiegħu ma' ibnu, "għad tifhem li jien u int m'aħniex wieħed" (v.30). L-irwol tal-missier jimlieh b'responsabbiltà ġdida li ma jidhirx lest li jġorr, forsi wkoll għax trawmatizzat mir-relazzjoni xejn feliċi tiegħu ma' missieru, u qed jibża' li bħal Leli ta' Ħaż-Żgħir se jirreplika persunaġġ li kważi jistmerr imma li l-forza tal-eredità twasslu biex jirreplika xorta waħda. Fl-istess ħin, fl-indirizz tiegħu, sforz il-konfessjonaliżmu, tinħass l-onestà minflok il-kburija; bħala missier joffri l-fraġiltà, x'aktarx ispirata mill-ħsieb Modern, li jiċċelebra l-paradoss u d-dubju fuq iċ-ċertezza. Id-distanza bejn il-missier u l-iben tkompli f'indirizz ieħor minn Azzopardi. F'"L-Għama fil-Kantuniera," l-iben ma jobdix lil missieru u jmiss lill-agħma u jibqa' mbeżża' minnu. L-iben jidher imbeżża' mid-differenti, u diġà qed jinġarr mill-folla: "il-miżien ċkejken tiegħek / donnu diġà nqaleb / taħt ir-riġlejn mgħaġġlin tal-folla" (vv. 18-20). Bħala poeta ribell, żgur mhuwiex japprova tali mġiba. Ħmistax-il sena wara, il-missier jerġa' jindirizza lil ibnu, u jikkonferma din id-distanza: "Onqox l-emblema tiegħek / jew aqra l-ħaġra: / *Dan int innifsek u waħdek"* (vv. 78-80). Il-missier daqskemm jidher distanti, jidher qed joffri spazju lil ibnu, ma jridx joħonqu bil-preżenza tiegħu. Recalcati jikkummenta li dan

it-tip ta' missier joffri lil ibnu n-nuqqas tiegħu, l-inadegwatezza tiegħu bħala missier, u l-vulnerabbiltà tiegħu, u minħabba f'hekk jirrinunzja lilu nnifsu milli jkun il-Liġi (*Telemachus* 25). Azzopardi jidher ukoll li, kif josserva Recalcati fil-parabbola tal-Iben il-Ħali, qed joffri l-possibbiltà lil ibnu li jitlef lil missieru (*Son's Secret* 53). Il-missier jissagrifika t-tgawdija tiegħu fuq ibnu, u troffa xagħar li darba qasqaslu biss (li, minkejja kollox, timplika ġibda kbira lejh) se tagħmel tajjeb għal dan is-sagrifiċċju.

Il-paradoss ikompli fil-poeżija ta' Victor Fenech, magħruf bħala l-poeta tal-indeċiżjoni. Fil-poeżija tiegħu "Indeċiżjoni" jammetti li jħobb u ma jħobbx lil martu. Id-dubji kważi kważi ċċelebrati mill-poeta u fi "Stqarrija" jiddikjara li "mhux tiegħi t-triq wietja, dubji xejn" (v. 16). Din l-indeċiżjoni tibqa' tintlemaħ f'indirizz lil martu permezz ta' "Lilek," li fih daqskemm jistqarr imħabba lejha, jistqarr ukoll stmerrija għax iħoss li din l-imħabba għamlet minnu għasfur ġo gaġġa. Francesca Sacco tikkummenta li kważi l-poeżiji kollha ta' Fenech dwar iż-żwieġ jippreżentaw xena jew kritika ta' relazzjoni instabbli li waslet fi tmiemha, jew diġà ntemmet u li, kif tosserva De Beauvoir, iż-żwieġ mhux ibbażat fuq l-imħabba imma qiegħed hemm għall-funzjonalità tas-soċjetà (67). Forsi Fenech ma jattakkax lill-familja bħal Azzopardi, madankollu xorta juri atteġġjament ambivalenti lejha. Bħala iben, jindirizza darba biss lil ommu fl-ewwel ġabra tiegħu, u qatt ma jindirizza lil missieru u qatt ma jsemmih. Imbagħad fl-adultezza tiegħu, iż-żwieġ u eventwalment il-familja jinħassu klawstrofobiċi. Għandu relazzjoni stramba ma' martu, li twassal għal relazzjoni stramba mal-familja, u eventwalment anki ma' wliedu.
F'"Testment" mill-ġabra *Antenni* jippreżenta lilu nnifsu bħala raġel li jrid jitlaq 'il bogħod. F'"Death Wish" jippreżenta lilu nnifsu bħala missier għall-ewwel darba, u jiddikjara għal darba oħra li jrid jitlaq xi mkien 'il bogħod, u jagħti x'nifhmu li mhux kuntent fejn

qiegħed. Snin wara li kiteb "Lilek," għadu jinħass l-istess għasfur ġo gaġġa, u jitlob lil uliedu biex ladarba jitlaq ma jibkuhx għax sa fl-aħħar ikun sab is-serħan tiegħu. Bħal Azzopardi, Fenech joffri lil uliedu l-vulnerabbiltà tiegħu, u mhux il-legat tiegħu fil-forma ta' wirt, li jfisser nuqqas ta' responsabbiltà fuqhom u l-opportunità biex jibnu kollox mill-ġdid.

Min-naħa l-oħra, minkejja li poeta tal-istess moviment, Achille Mizzi joffri ħsus fuq il-familja u eventwalment il-missier kompletament opposti. Għal Mizzi, ma jeżisti ebda paradoss rigward il-familja. Friggieri jiddikjara l-qofol tal-poeżija ta' Mizzi bħala reliġjuża u fil-poeżija tiegħu li tittratta l-familja dan l-element jinħass qawwi ("Il-Mixja Poetika ta' Achille Mizzi" lxi). Il-preżentazzjoni tal-familja mill-Knisja Kattolika u Mizzi jimxu fuq l-istess binarji. F'indirizz lil missieru permezz tal-poeżija "Novembru 1976," jippreżenta lil missieru bħala wieħed li stinka għalih għax ħabbu, u li huwa nnifsu għandu d-dejn miegħu. Mizzi jippreżenta lilu nnifsu bħala missier permezz ta' indirizzi lil uliedu u fihom jiċċelebra l-irwol patern tiegħu. F'"Lil Binti Tarbija," il-poeta jinħass maħkum mill-emozzjonijiet, jerfa' lil bintu ta' siegħa, u jwiegħed li jżoqqha u jlaqqamha ħa ssir mara mimlija misteru. Ma jidher ebda dubju fih li sa jasal għal dan. I. Mifsud, fi studju dwar ix-xogħol ta' Louis Briffa, josserva li l-poetika ta' Mizzi tinfluwenza lil Briffa biex jippreżenta raġel li m'għandux problema jinterpreta d-dinja ta' madwaru għaliex iħoss li għandu għarfien u esperjenza biżżejjed biex jinterpreta kollox b'mod ċar ("Jien, Ir-Raġel" 76). Kuntrarju għalih innifsu, Mizzi jippreżenta lil bintu bħala waħda li se timtela misteru, idea li timplika perspettiva patrijarkali. Simone de Beauvoir tikkummenta li kulħadd huwa misterjuż għal ħaddieħor, u l-misteru huwa reċiproku. Madankollu, ir-raġel jippreżenta lill-mara bħala misteru għar-raġel (bħala l-Ieħor) u anki għal nisa oħra (għax huwa ma

jifhimhiex) minħabba li jikkategorizzaha mill-perspettiva tiegħu li, skontu, hija assoluta (286). F'"Lil Ibni," il-poeta huwa anqas kategoriku u jammetti li l-ilma jiżfen li ħafna drabi jġib lil ibnu huwa biss indulġenza min-naħa tiegħu.

Philip Sciberras, f'żewġ indirizzi lil bintu joffri preżentazzjonijiet kunfliġġenti. F'"Iż-Żifna" jiċċelebra l-irwol patern tiegħu. Il-fatt li jista' jagħfas lil bintu miegħu għalih tant huwa kollox li jista' jmut. Jippreżenta ruħu wkoll bħala missier li jiddiskrimina, bintu hija aktar importanti minn ibnu, "ħalliha lil ommok toqgħod twerżaq isimna / u ibni u ħuk joqgħod jgħajjat fin-nieqa" (vv. 5-6). Kontra Mizzi, Sciberras huwa missier li jirċievi aktar milli jagħti u jagħlaq il-poeżija bi strofa bi "grazzi" użata anaforikament. F'indirizz ieħor, "Sentiment" jinħass l-eku ta' Azzopardi f'"Lullaby lil Yevgeny." Fih jistqarr li għalissa bintu tibki biex tieħu li trid minnu, iżda fl-istess ħin jirrikonoxxi li għad jiġi żmien li se terġa' tibki, u mhu se ssib lil ħadd min jirrispondi għall-biki tagħha, li jimplika li bħala missier huwa jinsab preżenti għaliha matul tfulitha biss. Il-missier għal darba oħra jidher joffri lil wildtu l-vulnerabbiltà tiegħu.

Oliver Friggieri jippreżenta lilu nnifsu bħala missier permezz tal-eleġija, li awtomatikament tagħmlu jidher vulnerabbli, minħabba li kif jikkummenta David Kennedy, fl-eleġija hemm l-element tal-biki, u dan ineżża' lil raġel minn irġulitu, minħabba li l-biki mhux meqjus soċjalment diċenti għar-raġel, mhuwiex fin-natura tiegħu, u jokkorri biss meta jitlef il-kontroll tiegħu innifsu (28). Friggieri bħala missier jagħżel li jibki pubblikament, u juri li t-telfa tiegħu hija straordinarja. Il-biki jinħass ukoll permezz tal-qtugħ ritmiku bl-użu tal-virgola, li Bernard Micallef jalludi għalih bħala "leħen miksur bis-sintomi tal-biki, jew ta' taħdit interrott bit-tbikkim naturali li ġġib

magħha t-trawma ta' iben mejjet" ("Ir-Ritmi tal-Interruzzjoni" 395). Il-vulnerabbiltà tal-missier tinħass anki fid-djalogu ma' bintu, li fih jinħass qed jipprova jfehemha xi ħaġa imma mhux qed jirnexxilu, tant li tibqa' tmerih u jkollu jagħlaq billi jordnalha tagħlaq it-tieqa, għax inkella d-djalogu iebes se jtul.

Min-naħa l-oħra, bħala iben, Friggieri jippreżenta missier li jsir ġwejjed fl-aħħar snin ta' ħajtu biss, u jissuġġerixxi li kien missier awtorevoli fil-bqija ta' ħajtu, bil-konsegwenza li ommu jkollha tiskonta sentenza ta' ħabs għal għomorha. Id-distanza bejn il-missier u l-iben tinħass permezz tan-nuqqas ta' intimità bejniethom, tkun is-sodda tal-mewt biss li tippreżenta opportunità ta' ħin esklużiv għalihom it-tnejn. Fiż-żewġ requiems li jindirizza lill-ġenituri tiegħu, waqt li f'dik ta' ommu tinħass rabja saħansitra ma' Alla, għax iħoss li qatt ma saret ġustizzja magħha, f'dik ta' missieru jinħass ton ta' rassenjazzjoni. Il-missier ma jidhirx li kien nieqes mill-ġustizzja f'ħajtu, x'aktarx kienet f'idejh bħala l-kap tal-familja. Mewtu, aktar milli traġedja, toffri l-unika opportunità għal djalogu bejniethom, "Fil-ħemda ta' dal-ħin se nibda nkellmek / kif qabel qatt ma stajt, bla ma twaqqafni" (vv. 10-11).

Doreen Micallef, bħala waħda mill-ftit kittieba nisa tal-Moviment Modern tippreżenta missier għal darb'oħra vulnerabbli. Ma tinħass ebda rabja lejh li kultant tinħass minn xi Femministi, anzi, fil-korp poetiku tagħha, li fil-biċċa l-kbira tiegħu huwa kif isejjaħlu B. Micallef "ermetiku," tindirizza għal darba lil missierha permezz ta' "qed jaqta' ħafna fjuri minn qalbi," waqt li ma tindirizza ebda poeżija lil ommha (Spiteri 37). Dan l-indirizz lil missierha huwa f'forma ta' eleġija u għalhekk kif jikkummenta Coleridge dwar din il-forma partikolari, id-dulur u l-imħabba huma t-temi prinċipali tal-poeżija, u

fiha kollox huwa ppreżentat bħala mitluf jew assenti (268). Micallef tinħass li permezz ta' din l-eleġija qed tipprova treġġgħu lejha, tant li għadu jlissnilha l-kliem tal-ħniena u għadu miexi magħha, sinjal li tul ħajtu kien kumpann ħanin fl-ermitaġġ tagħha.

Min-naħa l-oħra, il-proża tal-era Moderna tippreżenta b'mod insistenti lill-antieroj, li daqskemm jidħol f'kunflitt mal-ambjent wiesa' ta' madwaru ppreżentat mis-soċjetà, daqstant ieħor jidħol f'kunflitt mal-ambjent immedjat ta' madwaru, il-familja.

Qabelxejn, l-antieroj Modern qatt mhu missier, u għalhekk il-figura tal-missier narawha dejjem minn għajnejn iben. Konsistentement ukoll, kull missier ippreżentat bħala persuna ta' ftit kliem u li tesiġi l-ubbidjenza. Huwa missier simili għal dak li jikkummenta dwaru George Lakoff, missier li qatt ma juri għożża lejn uliedu u, minflok, jippreferi jidher bħala b'saħħtu u kalm (191-192). Fid-dawl ta' dan, jista' jingħad li l-missier huwa l-kontrobilanċ tal-omm, speċjalment kif ippreżentata mir-Romantiċi, u kif anki ppreżentata f'*Samuraj* u f'*L-Istramb*.

David D. Gilmore jikkummenta li l-irwol tar-raġel, speċjalment f'soċjetajiet Mediterranji, għandu l-għeruq tiegħu f'separazzjoni netta bejn dak li huwa kkunsidrat maskili u dak li huwa kkunsidrat femminili. Essenzjalment, il-maskulinità tiġi ddefinita bħala l-antiteżi tal-femminilità, ir-raġel huwa raġel għax mhux mara (8). F'dan il-każ, jekk l-omm toffri l-għożża, il-missier ma joffrihiex, għax assoċjata mal-femminilità u, minflok, jieħu l-awtorità f'idejh, element li l-omm qatt ma jkollha, għall-inqas fid-deher. Hija mara li ekonomikament tiddependi mir-raġel, għax huwa hu li jaqla' l-flus, u xogħolha fid-dar u t-trobbija ma jrendix finanzi. F'*Il-Gaġġa*, minkejja li l-omm ma tapprovax ir-relazzjoni ta'

Fredu ma’ Roża, waħedha ma jirnexxilhiex twaqqaf din ir-relazzjoni. Ikollha tinstiga lill-missier, li b’ekonomija assoluta ta’ kliem jagħti l-ultimatum lil ibnu biex iwaqqaf din ir-relazzjoni, inkella jitlaq ’il barra mid-dar. Għad li l-omm kontinwament turi d-diżapprovazzjoni tagħha ma’ Fredu, Fredu jkompli bir-relazzjoni tiegħu, imma kliem missieru ta’ darba jwasslu biex itemmha immedjatament anki jekk kontra qalbu. L-ultimatum tal-missier huwa theddida serja li se ġġib konsegwenzi serji. Il-missier mhux se jmur lura minn kelmtu u joħroġ ta’ dgħajjef. Il-missier jidher ukoll li għall-unur lest jissagrifika l-kuntentizza ta’ ibnu, bħal kif fil-Bibbja naraw sagrifiċċji tal-iben mill-missier. It-tkeċċija mid-dar tidher ukoll f’*Il-Gidba;* Natan jisfa’ mkeċċi minn missieru kmieni f’żgħożitu, u jkollu jitlaq b’ta’ fuqu senduqu taħt xita nieżla. Il-ġustifikazzjoni mill-missier hija li huwa l-kmand u li d-dar mhix tal-familja imma esklużivament tiegħu, sal-punt li huwa hu biss li jiddeċiedi min jgħammar fiha u min le.

Il-missier ippreżentat ukoll dejjem konvint minn fehmietu. Ma jeżistux dubji għalih, il-griż ma jeżistix, hemm biss iswed jew abjad. Fredu jiddeskrivi lill-missier bħala wieħed li “Jisma’ ż-żewġ naħat u n-naħa li jżomm magħha ma ċaqilqu minnha ħadd” (58). L-awtorità tinħass bħala benfatt għax huwa r-raġel tal-familja. Hija awtorità li jikseb bid-dritt ta’ twelidu bħala raġel. Wara kollox, dan huwa żmien meta fl-istituzzjonijiet in-nisa kienu esklużi minn pożizzjonijiet ta’ awtorità u l-Knisja kienet ċentrali fil-ħajja Maltija. Skont Connell il-Knisja hija l-aktar patrijarka spettakolari fid-dinja minħabba li teskludi lin-nisa minn kull pożizzjoni ta’ awtorità (252). Missier Baruk fir-rumanz *L-Istramb*, f’intervent bikri tiegħu javża lil ibnu biex sempliċiment jissimplifika l-ħajja u jħaffifha. Vokabularju ċkejken jaqdih f’kollox, u tant dejjem ċert minnu nnifsu li, “meta kien jiftaħ fommu, u kienu joħorġu xi ħsejjes li jiftiehmu, kien jaħseb li jolqot il-musmar

dritt fuq rasu" (26). Li jgħid huwa mhux suġġett għal diskussjoni, ngħidu aħna jwiddeb lil ibnu biex ma jpejjipx għax is-sigaretti ħżiena għas-saħħa minkejja l-fatt li huwa l-ħin kollu jidher b'sigarett f'ħalqu. Huwa konvint li jekk ibnu sempliċiment iħaddem rasu se jirnexxi f'ħajtu, bħallikieku l-ħajja hija somma sempliċi mingħajr ebda kumplessità. Kulma jrid jagħmel ibnu, iħaddem rasu, jafda fih innifsu u jisma' minn min imexxih. Min se jmexxih jaf x'inhu l-aħjar għalih, bħalma wara kollox huwa bħala l-missier jaf x'inhu l-aħjar għal ibnu.

Il-vjolenza tal-missier toħroġ sew f'*Samuraj*. Il-missier, minkejja li ilu mejjet, u jidher permezz ta' analessi, tant jittrawmatizza lil ibnu li dan jaħlef li ma jġibx ulied fid-dinja. Għal Samwel, l-irwol ta' missier tant huwa assoċjat ma' kefrija li jaħlef li ma jridux. Meta l-maħbuba tiegħu Żabbetta titolbu wild, ma jaċċettax u jista' jkun li din hija waħda mir-raġunijiet li mħabbithom ma tirnexxix. Mumenti qabel is-suwiċidju tiegħu, iġib quddiem għajnejh lil ommu taqla' s-swat għal darba darbtejn. Adrian Grima jikkummenta li Samwel huwa tturmentat minn tfulija diffiċli, u fil-qalba ta' dan hemm il-missier ("A Village" 71). Ir-rabta qawwija tiegħu ma' ommu mhux biss għax bħall-bqija tas-subien Mediterranji huwa tradizzjonalment qrib ommu, imma għax bħalha sofra s-swat mill-missier ("A Village" 76). Il-maħbuba ta' Samwel ukoll issofri l-vjolenza mill-missier, kemm verbali kif ukoll fiżika. Fir-rumanz, il-vjolenza tal-missier ma' wliedu u ma' martu hija fundamentali, konsistenti u normalizzata. Min-naħa tiegħu, Natan, bħal Samwel, ukoll ma jsirx missier u ma juri ebda ħajra li qatt isir u "jwiegħed lilu nnifsu li matul ħajtu jgiddeb il-qawl li jemmen li skont iz-zokk il-fergħa" (8).

Id-distanza bejn il-missier u l-iben ukoll hija kostanti. Fredu u missieru huma żewġt irġiel li ftit li xejn jitkellmu, u qatt ma jidhru sinjali ta' għożża bejniethom. Ironikament, il-missier jissuġġerixxi lil Fredu jiżżewweġ lil Veffa għax skontu, kuntrarjament għal Roża, hija tifla tajba. Fil-proċess juri kemm ma jafx lil ibnu, li ilu joħroġ magħha diversi drabi, qed jibża' li ħariġha tqila, u ma għandu ebda interess li qatt jiżżewwiġha sakemm mhix qed iġġorr wild minn tiegħu, u li jekk huwa minnu jfisser katastrofi. Fuq is-sodda tal-mewt, il-missier jippreferi jferra' qalbu ma' qassis milli ma' ibnu, u lanqas f'dawk l-aħħar mumenti ma joffru tgħanniqa lil xulxin. In-narratur ta' *Il-Gidba* jistqarr espliċitament li l-missier qatt ma għannaq lil Natan u, min-naħa tiegħu, Natan rari jħares f'għajnejn missieru tant li jafu aktar mir-ritratti. Il-missier u l-iben jidhru fuq żewġ binarji differenti. Minn naħa l-iben inċert u jipproblematizza kollox, min-naħa l-oħra l-missier konvint u jissimplifika kollox. Ftit li xejn għandhom kliem għal xulxin. Ftit qabel Baruk jitlaq għas-Seminarju, il-missier iħoll xi ftit ilsienu imma, fuq kollox, jinħass sens ta' skumdità li l-missier jipprova jikser billi joffri lil ibnu sigarett għall-ewwel darba.

Jinħass ukoll id-diżappunt tal-missier fl-iben. L-iben jidher li qatt ma jista' jilħaq l-aspettattivi tal-missier. Meta Baruk imur lura d-dar wara l-ħarba mis-Seminarju, il-missier ma jiħux ir-ruħ li sa fl-aħħar instab imma minflok juri r-rabja tiegħu. Investa fih, imma mhu qed jieħu xejn lura minnu, imqar l-unur li jara lil ibnu fuq pulptu. Aktar minn hekk, meta Baruk jistejqer wara raqda twila sforz il-pilloli tal-irqad li bela', il-missier jistqarr li ibnu mhux veru nbidel u, minflok jieħu r-ruħ, jistqarr id-diżappunt tiegħu miegħu nnifsu li ibnu lanqas suwiċidju mhu kapaċi jagħmel.

## 2.4. Konklużjoni

Fil-kapitlu preċedenti, il-missier jidher bħala figura prepotenti, iżda fil-letteratura Maltija tat-tliet movimenti ewlenin ta' qabel is-seklu wieħed u għoxrin, il-missier jinħass li aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar qed jitlef l-awtorità. Fil-poeżija tal-Moviment Romantiku, l-awtorità tal-missier, x'aktarx xprunata mit-twemmin Kattoliku, li huwa l-kap naturali tal-familja, għadha tinħass, anki jekk xi drabi huwa assenti. Imma fil-proża tal-istess moviment, li hija storika u essenzjalment ippreżentat soċjetà ta' sekli qabel inkitbet, din l-awtorità tidher kważi esklużivament mal-bint u ma jidher ebda missier bi kwalitajiet erojċi.

Fir-Realiżmu, il-figura tal-missier hija aktar u aktar ambigwa. L-ewwel nett, il-missier jiġi ppreżentat bi sfumaturi differenti skont il-forma. Fil-forma tan-novella, il-missier jinsab f'ambjent mill-aktar fqir u kawża ta' dan tidher aktar il-vjolenza. Il-faqar huwa wkoll ħafna drabi konsegwenza tal-assenza tiegħu. Fil-forma tan-novella, il-vjolenza aktar milli turi l-awtorità tal-missier, turi aktar il-frustrazzjoni tiegħu u n-nuqqas ta' ħila biex jibdel is-sitwazzjoni. Din hija daqqa ta' ħarta fatali għal irġulitu. Il-missier huwa figura li hija mistennija tipprovdi għall-familja imma mhux jirnexxilha. Il-missier għandu aspettattiva mdendla fuq rasu imma mhux jirnexxilu jirrispondi għaliha. Il-vjolenza xprunata wkoll mix-xorb li huwa l-uniku żvog għalih. Fil-forma tar-rumanz, l-ambjent jinħass inqas fqir, il-missier ma jidhirx vjolenti, imma assenti f'forom differenti u b'awtorità limitata. Fuq kollox għal raġuni jew oħra qatt ma jirnexxi li jkun il-missier ideali. Il-missier jew jaħdem ħafna u frott ta' dan jitlef lill-iben li l-aktar għandu bżonnu, inkella ma jirnexxix f'xogħlu u l-iben il-kbir irid jagħmel tajjeb għalih.

Fil-Moviment Modern, il-missier meta jippreżenta lilu nnifsu, għajr fil-każ ta' Achille Mizzi, qatt ma jippreżenta ruħu bħala missier b'awtorità, anzi huwa pjuttost vulnerabbli, bi rwol li waqa' fuqu u li mhux komdu bih. L-unika awtorità tal-missier toħroġ meta huwa ppreżentat mill-iben. Madankollu, tinħass qasma kbira bejn il-poeżija u r-rumanzi tal-istess moviment, saħansitra fil-każ ta' Friggieri li kiteb fiż-żewġ forom. Il-missier fir-rumanzi għad għandu l-awtorità f'idejh imma ma jidhirx li kapaċi jirbaħ ir-rispett ta' wliedu. Uliedu huma distanti minnu, u l-erba' wlied fir-rumanzi jaħilfu li ma jridux ikunu bħal missierhom. L-eredità li toħroġ f'*Leli ta' Ħaż-Żgħir* ma tidhirx fir-rumanzi Moderni. L-erba' wlied konvinti li ma jridux ikunu bħal missierhom u jaqbdu toroq li jbegħduhom minnu għalkollox u jagħtu prova li l-missier ma ħalla ebda wirt, ma ħalla ebda legat fuqhom. L-ulied ċertament mhumiex estensjoni ta' missierhom u, għalhekk, l-influwenza u l-awtorità tiegħu fuqhom hija limitata għal daru fi tfulithom u l-bidu ta' żgħożithom.

# 3. Il-Missier fil-Proża tal-Kittieba Rġiel

F'dan il-kapitlu nirriċerka r-rappreżentazzjoni tal-missier mill-kittieba rġiel tas-seklu wieħed u għoxrin fil-qasam tal-proża. Waqt li bħala ġenerazzjoni għad trid tiġi definita, diversi studji qegħdin juru direzzjonijiet ġodda meħudin minn dawn il-kittieba (Saliba).

## 3.1. Pierre J. Mejlak

Il-letteratura Maltija ta' qabel dan is-seklu, fil-biċċa l-kbira tagħha tieqaf fejn jibda l-baħar. Il-kittieba Moderni jeħduha kontra n-nazzjonaliżmu tar-Romantiċi. Huma jaraw kif iwessgħu l-konfini tal-letteratura tagħhom billi jiftħu l-bibien tagħhom għal influwenzi li jmorru lil hinn mill-Italja u l-Mediterran. Dan jiġi rifless permezz ta' forom differenti u ħsibijiet ġodda, iżda l-karattri u l-ambjentazzjoni jibqgħu fil-qalba tagħhom Maltin. Fil-proża, dan jerġa' jinħass aktar milli fil-poeżija. Ir-rumanzi Moderni msemmija f'dan l-istudju mhux biss għandhom ambjent u karattri Maltin, imma ġeneralment iseħħu fil-konfini tar-raħal. Huwa minnu li r-raħal ma jibqax jiġi rromantiċizzat, iżda xorta jibqa' l-ambjent fejn iseħħ kollox, u huwa dak li jagħġen lill-karattri, anki jekk uħud minnhom jirribellaw kontrih. Il-Belt ukoll tinħass 'il bogħod, daqslikieku l-karozzi kienu għadhom ma daħlux f'Malta.

Minn dan il-lat, il-letteratura Maltija ta' wara d-disgħinijiet, tinqata' sew minn dik ta' qabilha. Hija letteratura li tterraq lil hinn mix-xtut Maltin, u b'hekk l-element iżolan ta' Malta jinħass ħafna inqas. Hija wkoll epoka li fiha l-internet jinfilza ruħu f'kollox, u jwessa' l-konfini b'mod ġenerali minħabba li jippermetti komunikazzjoni instantanja bejn nies fi rkejjen differenti tad-dinja, u fil-bidu ta' dan is-seklu pprovda wkoll pjattaforma

ġdida għall-kittieba Maltin. Fil-fatt, diversi novelli ta' Pierre J. Mejlak dehru għall-ewwel darba fuq il-blogg tiegħu. Erba' snin wara l-bidu tal-millenju l-ġdid, Malta daħlet fl-Unjoni Ewropea u saret parti minn blokk ekonomiku u politiku. Għall-Maltin sar aktar faċli li jitilqu lil hinn u jgħixu barra, u Malta daqstant ieħor laqgħet eluf ta' ċittadini barranin u mhux Ewropej. Diversi kittieba nfushom ħadu din l-opportunità, bi wħud minnhom jiktbu mir-residenza tagħhom barra minn Malta, f'distanza li tippermettilhom jipperċepixxu l-affarijiet lokali b'mod differenti. Ġeneralment, ir-Romantiċi u l-Moderni kitbu minn Malta stess, iżda l-kitba ta' kittieba Maltin mill-bogħod mhix fenomenu ġdid għalkollox. Fil-bidu tas-seklu għoxrin, kittieba Maltin jgħixu l-Eġittu waqqfu x-Xirka Tixrid tal-Qari Malti u xerrdu diversi xogħlijiet bil-Malti, pereżempju fl-1937 ippubblikaw l-antoloġija *Minn Xtut in-Nil*, li reġgħet ġiet stampata fl-2023 mis-Sensiela Kotba Soċjalisti. Permezz tal-Unjoni Ewropea, infetħu opportunitajiet fi bliet metropolitani fin-naħa ta' fuq tal-Ewropa, lil hinn mill-Mediterran. Il-Maltin ma baqgħux sempliċiment imorru lejn subborgi f'pajjiżi enormi 'l bogħod bħalma huma l-Awstralja u l-Istati Uniti. Is-safar sar aktar possibbli wkoll. Fl-2006, linji tal-ajru bi prezzijiet irħas bdew joperaw lejn u minn Malta u daqskemm żdiedu t-turisti, il-Maltin infushom bdew jivvjaġġaw aktar. Għall-kittieba Maltin, sar ukoll aktar possibbli jipparteċipaw f'festivals letterarji li joffru inkontri ma' kittieba barranin. Anki f'Malta bdew jiġu organizzati festivals differenti li offrew lill-kittieba Maltin l-opportunità biex jiddjalogaw ma' kittieba oħra, jittraduċuhom u jiġu tradotti. Dan it-tlaqqigħ ma setax ma jinfluwenzax lil kitbiethom.

Dwar Mejlak, awtur prominenti ta' din l-epoka u rebbieħ tal-Premju Letterarju tal-Unjoni Ewropea fl-2014, Kelly Saliba tgħid li jambjenta n-novelli tiegħu fl-iżjed bliet metropolitani tal-Ewropa (111). Dan ma jfissirx li jeskludi lil Malta u li fin-novelli hemm

karattri li ma jingħarfux humiex Maltin jew le, imma sempliċiment jippreżenta kitba li fiha l-karattri Maltin jitħalltu ma' oħrajn barranin u dawn ma jħossu ebda sens ta' inferjorità. Dawn il-Maltin tbiegħdu qatigħ minn dawk ta' *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* ta' Juann Mamo li telqu minn Malta, ħassewhom mitlufa fl-Amerka u wara ftit ġew lura b'idhom f'idhom telliefa. Dawn huma karattri għalkollox Maltin li jħossuhom komdi f'belt metropolitana daqslikieku qegħdin f'raħalhom f'Malta jew Għawdex. Huma karattri indipendenti, li ma għandhomx bżonn ikunu kontinwament fil-prossimità ta' Maltin oħrajn bħalhom, u jibnu relazzjonijiet ma' barranin oħrajn. Fl-istess ħin, huma karattri li ma jinsewx l-għeruq tagħhom u Mejlak xorta waħda jibqa' marbut mar-raħal Malti (111). Fil-verità, ir-raħal li jippreżenta Mejlak huwa kważi dejjem speċifikament Għawdxi. L-ambjentazzjoni ta' Mejlak hija jew barra minn Malta jew mhix identifikata jew Għawdxija.

Fid-dawl ta' din id-differenza kbira fl-ambjentazzjoni u l-karattri mill-proża preċedenti, ir-rappreżentazzjoni tal-missier isseħħ fi sfondi differenti minn dik ta' qabilha. Madankollu, bħalma jiġri fil-proża preċedenti, il-missier huwa ħafna drabi assentigħalkemm din l-assenza tieħu sfumaturi differenti minn dik ta' qabel. Ibda biex, fl-ewwel ġabra tiegħu, Mejlak jippreżenta sett ta' novelli bħal "polaroids," u huma kollha ddedikati lil ommu. Il-protagonista, li kważi dejjem huwa raġel, meta jalludi għal xi wieħed mill-ġenituri tiegħu, fil-biċċa l-kbira jalludi għall-omm. F'"Jacqueline" pereżempju, Mario, il-protagonista, meta sa fl-aħħar isib tfajla li tinġibed lejh, jibda jiġi affaċċjat b'mistoqsijiet dwar x'se jagħmel fil-futur. Sa issa kien dejjem komdu fil-fosdqa tiegħu, tant li n-narratur jippreżentah bħala wieħed li, "Għalkemm kellu biss sebgħa u għoxrin sena, kien donnu rassenjat li jibqa' għażeb f'dar ommu. X'jonqsu? Kważi xejn"

(*Qed Nistenniek* 156). Id-dar tidher li hija ta' ommu biss, u n-narratur jimplika wkoll li ommu ddur bih u għadha sseftirlu daqslikieku għadu tifel. Dan x'aktarx għandu l-għeruq fil-kultura li, bħalma tgħid Luria, ikkwotata f'Gilmore, fil-Mediterran is-subien jitrabbew f'ambjent iddominat min-nisa u dan iċaħħadhom minn figura maskili li jistgħu jidentifikaw magħha (14). Gilmore jikkwota wkoll lil Rogers li jikkummenta li ħafna drabi s-subien jaraw lill-omm bħala dominanti jew bħala l-persuna responsabbli mit-tmexxija tar-riżorsi finanzjarji tal-familja (15). Gilmore jżid li dawn il-fatturi jimpedixxu lill-irġiel Mediterranji minn identità maskili b'saħħitha u jippromwovu identifikazzjoni psikika mal-omm bħala ġenitur aktar aċċessibbli (15). L-evidenza turi, li jekk tradizzjonalment ir-raġel huwa mistenni li jkun deċiżiv, f'dan il-każ, Mario ċertament mhuwiex u jista' jitqies li qiegħed komdu wisq ma' djul ommu. Hija Jacqueline li titbissimlu l-ewwel, u hija Jacqueline li tieħu l-inizjattiva u tiftiehem għal date miegħu.

Il-missier jinħass assenti f'novelli oħrajn. In-narratur qatt ma jkun kategoriku dwar ir-raġuni għal din l-assenza, imma sempliċiment iħalli barra lill-missier meta jsemmi membri oħra tal-familja. F'"Is-Sajf tad-Disgħa u Tmenin," tissemma ħafna n-nanna, tant li l-qarrejja jidħlu f'dubju jekk il-protagonista joqgħodx f'darha jew jekk għall-inqas iqattax aktar ħin hemmhekk milli f'dar ommu u, possibbilment, missieru. F'"Polaroids għal Ommi – Ir-Riħa tax-Xita (Brussell)," tissemma l-omm imma l-missier ma jissemma f'ebda ħin. Din l-assenza tista' tkun marbuta mal-fatt li l-missier, bħala l-persuna li hija responsabbli mill-għajxien ta' kuljum, ikun ħafna drabi 'l bogħod mid-dar u, kif osserva Gilmore, ix-xogħol iżommu 'l bogħod minn uliedu. Kif nikkummenta fuq Ġamri ta' *Ħelsien* fil-kapitlu preċedenti, il-missier biex jipprovdi għall-familja mingħajr ma jrid jitbiegħed mill-familja u mbagħad minn ħajjet uliedu.

F'novelli oħrajn, hemm assenza differenti. Fihom, il-missier huwa ċertament nieqes għalkollox mill-ħajja tal-protagonista. F'"Nixtieq Ngħajjat lil Samirah," huwa ċar li l-omm m'għadhiex f'relazzjoni ma' missier wildha, il-missier ma jgħixx fl-istess dar u li x'aktarx il-wild ma jafx min hu. Il-preżentazzjoni minn Mejlak ta' familji b'ġenitur wieħed hija sempliċiment kwadrett tas-soċjetà Maltija ta' dan is-seklu. Skont iċ-ċensiment tal-2021, f'Malta hawn 18,166 familja b'omm biss u għall-inqas wild wieħed – erbatax fil-mija tal-familji kollha (40). Madankollu, b'differenza għal kif jidher fin-novelli ta' Ellul Mercer u Bonnici jew f'*L-Isqaq* ta' Chetcuti, ma jinħass ebda faqar, u l-familja tidher tkompli għaddejja. F'dan iż-żmien, il-missier mhuwiex l-unika forza ekonomika fil-familja bħalma kien qabel. Joanna Borg Caruana tikkummenta li skont statistika tal-2021, sittin fil-mija tan-nisa Maltin huma attivi fis-suq ta' xogħol, rata li hija saħansitra ogħla mill-medja tal-pajjiżi li għandhom l-ewro bħala l-munita tagħhom (2). Prattikament, din ir-rata, meta mqabbla mas-sena 2000, irduppjat ruħha (4). Essenzjalment, f'din l-epoka meta l-missier jitlaq, l-impatt finanzjarju huwa limitat. L-iben il-kbir m'għadux mistenni jagħmel tajjeb għan-nuqqas tal-missier bħal fil-każ ta' *L-Isqaq*.

F'"Ir-Riħa ta' Totò," il-protagonista li huwa wkoll in-narratur, jippreżenta karattru li ommu qiegħda tinnamra miegħu, raġel li, fil-futur possibbilment jieħu l-irwol ta' missier tar-rispett tiegħu. Madankollu, il-protagonista mill-ewwel jittimbrah bħala wieħed li ġab miegħu "riħa stramba" u jagħti x'jifhem li ma aċċettahx (*Qed Nistenniek* 73). Il-possibbiltà li jkollu tip ta' missier fid-dar ma teċitahx, u bin-nuqqas ta' interess tiegħu jimplika li għaddej tajjeb mingħajr wieħed, anki jekk x'aktarx dan jagħmlu differenti minn sħabu. Ir-"riħa stramba" tinbidel minn waħda ta' sigaretti għal waħda ta' "pitrolju mħallat mal-kafè" (Qed Nistenniek 73). Din il-bidla, għal tifel żgħir innoċenti,

timplika li tqajjimlu sentimenti negattivi. Il-pitrolju jinten minnu u għat-tfal il-kafè x'aktarx huwa morr wisq. In-nuqqas ta' komunikazzjoni bejn it-tnejn hija evidenti, kulma jgħidu lil xulxin "nice," u fl-aħħar mill-aħħar din ir-relazzjoni tintemm bla suċċess bħalma, wara kollox, tintemm bla suċċess l-operazzjoni tat-tħaffir għaż-żejt u l-gass f'raħal it-tifel. Wara Totò jidher li jaslu rġiel oħrajn, imma bħalu ma jirnexxux u l-protagonista ma jinħassx dispjaċut. Forsi l-missier, f'din l-epoka, huwa sempliċiment figura li biha u mingħajrha l-ħajja tibqa' għaddejja normali. F'"Nixtieq Ngħajjat lil Samirah," il-protagonista wkoll trabba bla missier imma jidher li qatt ma staqsa dwaru. Huwa jidher iqajjem il-kwistjoni issa li kiber sew sforz argument jaħraq ma' ommu li turi ħjiel ta' ipokresija, "U mbagħad kienet staqsietni dwar missier Samirah u meta għidtilha li ma tafux, bħal donnha ħadet xi tweġiba. Xi konferma tal-ħsieb tagħha. U kelli aptit nistaqsiha dwar tiegħi" (*Dak li l-Lejl* 75). Dawn iż-żewġ novelli jagħtu daqqa ta' ħarta lill-argument ta' Sigmund Freud li André Green jalludi għalih, li ma hemm xejn aktar importanti fit-tfulija mill-protezzjoni tal-missier. Green jikkummenta li Freud irid jinftiehem skont il-kuntest ta' żmienu. Huwa jgħid li f'dak iż-żmien il-patrijarkat kien l-ordni tal-ġurnata u, wara l-figura tal-missier, kien hemm il-figura ta' alla, li huwa nnifsu jevoka x-xbieha ta' missier. Alla seta' jinftiehem biss permezz tax-xbieha tal-missier, għax il-missier bħal Alla kien il-ħallieq. It-telfa tal-missier kienet simili għal abbandun minn Alla (41).

Tip ta' assenza oħra tidher "Fil-Bar ta' Livia," li fiha n-narratur jippreżenta familja b'missier u bint waħdanija. F'din il-familja ma hemm ebda mara oħra tieħu ħsieb it-tifla bħalma nsibu f'"Fidiel il-Midneb" ta' Ellul Mercer li fiha mal-mewt tal-mara qabbad "daqsxejn ta' mara xiħa miegħu, iddurlu b'bintu" (*Il-Kitbiet Miġbura* 44). L-unika darba,

fix-xogħlijiet imsemmija qabel, li missier u bint, jew wild ieħor, jgħixu esklużivament waħedhom huwa f'"Farfett il-Lejl" ta' Ellul Mercer fejn tispikka relazzjoni tirannika mill-missier. Din id-darba r-relazzjoni hija għalkollox differenti u tippreżenta kwadrett ieħor tal-familja fis-soċjetà tas-seklu wieħed u għoxrin. Evidentement, skont iċ-ċensiment tal-2021 jeżistu qrib sitt elef familja bil-missier li huwa l-uniku ġenitur u għall-inqas wild wieħed jgħix miegħu (40). Minkejja li din id-darba l-missier jeżisti u huwa karattru importanti fin-novella, xorta waħda tinħass l-assenza tiegħu. Fil-biċċa l-kbira tan-novella, it-tifla tpenġi l-bliet fil-ħin li l-missier ikun barra, skont l-immaġinazzjoni tagħha, fil-bar ta' Livia. Minkejja li t-tifla qiegħda waħedha d-dar, mingħajr omm li mietet, il-missier xorta joħroġ barra, u l-bint bħala l-protagonista tedha tpenġi dawn il-mapep waqt li timmaġina lil missierha fil-bar ta' Livia. Micallef jikkummenta li "il-missier jinftiehem bħala figura f'mappa kreattiva, prodott tal-istennija u l-istħajjil tat-tifla" u l-figura paterna tiegħu hija mmotivata mill-assenza tiegħu ("It-Tiswir Reċiproku" 100). Minħabba l-assenza tiegħu, il-missier dejjem ippreżentat kif immaġinat minn għajnejn it-tifla. Imma waqt li f'*L-Odissea*, Telemakus jidealizza lil missieru u jmur ifittxu, għax irid jiltaqa' ma' dan ir-raġel qalbieni, din it-tifla tara lil missierha bħala raġel qargħi u li għandu f'għajnejh "in-niket ta' ġimgħa miġbur" (*Qed Nistenniek* 24). F'għajnejha huwa jidher ukoll maqtugħ għalih waħdu. Minkejja li jmur f'bar li fih Livia timprovviża ħafna xarbiet eċitanti, huwa jieħu biss kafè. It-tifla x'aktarx tara lilha nnifisha f'Livia, u meta l-missier jgħajjat "Brava Livia," din qiegħda effettivament tfittex l-approvazzjoni tiegħu, l-istess bħalma Telemakus ifittixha mingħand missieru meta jeħodha kontra l-għarajjes (*Qed Nistenniek* 24). Il-fatt li tħalli l-mappa f'idha xħin tkun rieqda hija tfittxija għall-approvazzjoni tiegħu – ta' dak li penġiet, imma l-missier, minkejja li juri ċerta għożża lejha bil-bewsa fuq moħħha, ma jindunax. Id-distanza ta' bejniethom sforz l-assenza tiegħu, iċċaħħad lit-tifla

mill-possibbiltà li tħares f'għajnejh u taqsam miegħu x'penġiet li, wara kollox, hija l-viżjoni tagħha ta' ħajjitha bħalissa, u daqstant ieħor lill-missier milli jipprova jifhem x'hemm wara t-tpenġijiet tagħha.

B'mod ġenerali, minbarra l-assenzi differenti tiegħu, il-missier jidher nieqes mill-awtorità li kienet tikkaratterizza ċertu missirijiet fil-mitoloġiji u l-Bibbja. Mhuwiex dak il-missier li kif nikkonkludi fl-ewwel kapitlu għandu l-poter kollu f'idejh bis-saħħa tal-irwol ta' missier. Kultant huwa espliċitament "fjakk," li ġab fid-dinja iben bi żball li jħallih dejjem fid-dell ta' bint li kienet ippjanata ("Polaroids għal Ommi – Għax Issa t-Tfal Daħlu Ġewwa"), drabi oħra mitluf fl-emerġenza tal-isptar sal-punt li jinfaqa' jibki u l-infermiera twiddbu biex jieqaf ħalli ma jbeżżax lil ibnu ("Il-Ħadd Wara l-Ikel"), u drabi oħra, skont bintu, bħala sempliċiment "tellief" – raġel li fetaħ ristorant imma spiċċa jagħlqu u dawk ta' quddiemu jidħqu bih quddiem bintu ("Il-Kubu ta' Rubik"). Il-mod kif in-narratriċi timmaġina lill-missier fir-ristorant barrani li bħalissa qiegħda fih jissuġġerixxi li kien missier strett imma li, fl-aħħar mill-aħħar, ma wasal imkien. Dan ir-raġel ried juri rġulitu permezz tar-ristorant iżda jagħmel fjask. Fl-isfond ta' dan, it-tifla ssib konsolazzjoni fl-istejjer ta' nannitha u meta din il-konsolazzjoni tintemm minħabba mewtha, il-bint taħtaf l-okkażjoni biex titbiegħed minn missierha, figura li minflok tammira, titħassar, u għalhekk timmina aktar irġulitu.

Drabi oħra l-missier huwa fid-dell tal-omm, bil-biża' tiegħu jikkuntrasta mal-kuraġġ tal-omm ("Dar ix-Xogħol"). Minn naħa, l-omm tidher mimlija inizjattiva, membru tal-kumitat tal-każin tal-Partit Nazzjonalista f'Għawdex, waħda li ma titlifx meeting f'Malta fi żmien ta' turbulenza politika. Min-naħa l-oħra, il-missier jibqa' 'l bogħod mill-

azzjoni, f'Għawdex fejn xogħlu huwa limitat għal li jmur għaliha l-Imġarr biex jiġborha u jinkwieta meta ma titfaċċax nieżla mill-vapur. Huwa raġel li jibjad meta jara l-affarijiet sejrin ħażin, jibża' u jgħaddi dan il-biża' fuq martu li minħabba fih ikollha titlaq mill-każin b'rispett ta' wliedha. Huwa wieħed ukoll li ma jafx sew lil ibnu tant li dan iħossu ttradut minnu meta ġugarell favorit tiegħu jgħaddih lil kuġintu.

Il-vjolenza tal-missier, li hija regolari fin-novelli ta' Ellul Mercer, f'dawn in-novelli titfaċċa darba biss ("L-Aħħar Sajf Tiegħek, Amy.") Hija vjolenza li xorta waħda għandha ramifikazzjonijiet fatali, għax l-iben tant ikun trawmatizzat u mweġġa' li jispiċċa joqtol lil oħtu meqjusa, f'kuntrast miegħu, bħala prinċipessa, qabel ma jtemm ħajtu wkoll.

Il-missier adulteru, bħas-Sur Nin f'*Leli ta' Ħaż-Żgħir* jerġa' jitfaċċa f'"Mort Naraha, Pa." Bħas-Sur Nin, huwa missier adulteru, li fost il-ħafna nisa li jisseduċi, għandu waħda speċjali f'qalbu, waħda bla isem f'Alicante, Spanja. Gizem Akcan et al. jistqarru li l-infedeltà hija problema komuni fil-familji u jaf tkun trawmatika għall-ulied. Huma jirreferu għal April u Schrodt, li min-naħa tagħhom jistqarru li l-ulied xi drabi jqisu l-infedeltà ta' wieħed mill-ġenituri bħala tradiment tar-relazzjoni bejnhom u dak il-ġenitur kif ukoll tas-sistema sħiħa tal-familja (92). Akcan et al. jikkummentaw ukoll li din l-esperjenza tista' taffettwa l-attitudni tagħhom lejn l-imħabba u ż-żwieġ tagħhom fil-futur (280-281). Fil-każ ta' Leli ta' Ħaż-Żgħir, dan tant huwa minnu li, minkejja l-istmerrija tiegħu lejn missieru, jirrepeti l-imġiba ta' missieru. Madankollu, ir-relazzjoni bejn il-missier u l-iben fin-novella ta' Mejlak hija għalkollox differenti minn tar-rumanz. Il-missier u l-iben jitkellmu b'mod miftuħ dwar in-nisa differenti li ħabb il-missier, bażikament dwar in-nuqqas ta' fedeltà tiegħu, u l-iben jissimpatizza miegħu. Għalih, il-

mara minn Alicante, il-mara l-aktar speċjali f'qalbu, għamlitu ferħan, u wara li missieru jitolbu biex imur iżurha qabel imut, jaċċetta, biex jaqta' xewqet missieru u biex jirringrazzjaha tal-ferħ li tatu. F'din ir-relazzjoni, kuntrarjament għal dik bejn is-Sur Nin u Leli, tinħass qrubija bejn it-tnejn. Recalcati jikkummenta fuq il-qrubija bejn il-missier u l-iben f'dan is-seklu u jgħid li hija riżultat ta' aktar djalogu bejn it-tnejn li ħa post il-kmand brutali, il-vuċi għolja u l-ħars bl-ikrah li kienu jikkaratterizzaw lill-missier bħala l-kap (*Son's Secret* 1). Id-djalogu bejn il-missier u l-iben fil-fatt jibqa' sejjer sa wara mewt il-missier. Lil hinn mill-adulterju, Recalcati jara din il-qrubija bħala effett tad-dgħufija tal-awtorità paterna, u jqisha bħala emanċipazzjoni pożittiva tad-diskors edukattiv (*Son's Secret* 1). In-novella, bil-mod tagħha, titfa' dawl fuq kemm inbidlet ir-relazzjoni bejn il-missier u l-iben f'dawn l-aħħar tmenin sena. Jidher ukoll li għal dan l-iben, il-monogamija għandha anqas importanza milli seta' kellha għal Leli żagħżugħ, u ż-żwieġ f'dan is-seklu huwa sagrament meqjus ħafna inqas sagru minn kif kien fi żmien *Leli ta' Ħaż-Żgħir*. Dak iż-żmien f'Malta, lanqas żwieġ ċivili ma kien possibbli, iż-żwieġ seta' jkun possibbli biss meta jiġi mbierek mill-Knisja. L-iben juri aċċettazzjoni li ż-żwieġ huwa sempliċiment istituzzjoni u li l-imħabba bejn żewġ persuni tmur lil hinn miż-żwieġ. Minbarra li Akcan et al. jikkummentaw li xi wlied jinnormalizzaw l-infideltà bħala mod biex ikampaw fit-trawma, jikkwotaw ukoll lil Brown li jgħid xi wħud minnhom jaslu għall-konklużjoni li l-monogamija mhix essenzjali (287-288). L-iben jinnormalizza l-imġiba ta' missieru sal-punt li, għall-funeral tiegħu, iġiblu lil imħabbtu minn Spanja, biex jaċċertah ir-rispett tiegħu lejh u kemm l-imħabba bejnu u din il-mara kienet reċiproka. In-novella tikxef ukoll il-bidla kbira li seħħet f'Malta rigward iż-żwieġ. Fi żmien il-Moderni, iż-żwieġ tant kien sagru li f'*Samuraj* il-kappillan jieħu lura lil Żabbett għax żewġ persuni jgħixu taħt saqaf

wieħed mingħajr is-sagrament ta' żwieġ iservu ta' skandlu, u f'*Il-Gidba*, l-omm tisħet lil Rebekka minħabba r-relazzjoni tagħha ma' Natan, raġel miżżewweġ.

Fin-novelli ta' Mejlak, il-protagonista bħala missier innifsu jidher biss darba ("Id-Dar tar-Rummien"). Awtomatikament, il-missier jidher f'dawl differenti. Il-missier minflok huwa osservat, huwa l-persuna li tippreżenta lilha nnifisha. Huwa missier li jidher li jagħmel kollox għal bintu, sal-punt li jibdel guest house f'dar għall-artisti, biex hija tkun imdawra bihom. Huwa missier li jara f'bintu waħda li ħadet partijiet mill-ġenetika tiegħu, jiftaħar bi sbuħitha, u daqskemm irid jipproteġiha, fl-istess ħin jippreżenta ruħu bħala ħabib. Waqt li fil-biċċa l-kbira tan-novelli l-oħra, id-distanza bejn bejn il-missier u l-wild hija konsistenti, f'din in-novella ma teżisti ebda assenza. Għall-protagonista-narratur, l-irwol tiegħu ta' missier huwa l-aktar wieħed importanti għalih. Min-naħa tagħha, bintu, tant tħossha qribu u ma tħoss ebda sudizzjoni lejh, li tistqarr miegħu li x'aktarx saret tħobb wieħed mill-artisti li qiegħed fid-dar. Għall-missier, dan hu sempliċiment paralleliżmu għal-istorja ta' mħabba tiegħu ma' ommha u martu. Fid-dawl tal-missirijiet preċedenti, huwa wieħed li jistona mal-oħrajn kollha li, jew huma nieqsa u l-assenza tagħhom ftit li xejn hija nnutata, inkella dgħajfa u kważi dejjem fid-dell tal-omm.

## 3.2. Walid Nabhan

Walid Nabhan jidentifika ruħu bħala Palestinjan. Il-kitba tiegħu għandha għeruq imħawla f'ħamrija mhux Maltija u sforz dan tippreżenta ħafna drabi ambjent Għarbi li, minkejja l-qrubija ġeografika tiegħu lejn dak Malti, kultant jinħass 'il bogħod ħafna, konsegwenza tad-diverġenzi kulturali bejn it-tnejn. Għad li l-lingwa Maltija għandha

għeruq Għarab, xhieda tal-ħakma Għarbija fl-imgħoddi, mit-tluq tal-Għarab minn Malta fis-seklu ħdax 'il hawn, il-ħakkiema kienu dejjem Ewropej u l-kultura Maltija tinħass li konsistentement tbiegħdet minn dik Għarbija, saħansitra tħares lejha b'disprezz. Pereżempju, Godfrey Wettinger jinnota li Ġan Franġisk Abela u anki storiċi oħrajn aktar riċenti, bħal Temi Zammit, jinsistu li bejn il-Maltin u l-ħakkiema Għarab kien hemm biss mibegħda ħarxa lejn xulxin, u dan huwa influwenzat mill-kruċjata tal-Kavallieri kontra l-Iżlam (87). Iżda Wettinger jargumenta b'saħħa kbira li dan ma kienx il-każ u jisħaq b'ċertezza li l-Iżlam kien ir-reliġjon tal-maġġoranza tal-Maltin għal madwar tliet sekli (92). Fih innifsu dan juri l-qtugħ li wħud riedu jimplikaw mill-influwenzi Għarab fuq il-kultura Maltija. In-narratur ta' Nabhan innifsu, fir-rumanz *L-Iżvijati* jikkummenta li meta l-Għarab iħossuhom qed jagħżqu fl-ilma jgħidu, "Qisek tidden f'Malta," b'referenza għas-sejħa tal-muezzin għat-talb li skonthom f'Malta ma tintlaqax (85). Saliba tikkummenta li fis-sebgħinijiet tas-seklu li għadda, frott il-qrubija bejn l-awtoritajiet Maltin u Libjani, kien hemm tentattivi biex iż-żewġ popli jitqarrbu kulturalment permezz tal-bini ta' moskea u l-istudju obbligatorju tal-lingwa Għarbija fis-sistema edukattiva, imma l-Maltin irreżistew dan it-tqarrib (84). Bla dubju, kif tosserva Saliba stess, Nabhan jikteb b'validġa kulturali u storika differenti minn ta' awturi oħrajn (119). Daqskemm Mejlak iwessa' l-konfini tal-letteratura Maltija bi preżentazzjoni ta' ambjenti Ewropej, daqshekk ieħor Nabhan joħroġ minn dan il-kontinent u jippreżenta elementi mill-kultura tal-Lvant Nofsani.

L-ambjentazzjoni u l-karattri Għarab fil-kitbiet ta' Nabhan mhumiex esklużivi. Magħhom Nabhan jinfilza dawk Maltin u, fin-novelli u r-rumanzi, kultant jalterna bejniethom, kultant iħallathom, kultant jasal biex idaħħalhom f'kunflitt. Madankollu, huma dejjem il-karattri Għarab li jiġu infilzati f'ambjent Malti, u qatt viċiversa, aktarx

għar-raġuni li l-iskambju mhux reċiproku. Fix-xogħol tiegħu, l-Għarab jiġu Malta imma l-Maltin qatt ma jmorru f'pajjiż Għarbi. Nabhan għandu l-privileġġ li jħares lejn karattri Maltin minn distanza, simili għal awturi oħrajn Maltin li jgħixu barra. Madankollu fil-każ tiegħu jerġa' huwa nieqes minn assunzjonijiet kulturali Maltin li għal uħud tant huma naturali li mhumiex konxji tagħhom. Barra minn hekk, il-kitba tiegħu twassal kwadrett ta' komunità li minkejja reżistenza lejn il-kultura tagħha ilha preżenti f'Malta għal żmien twil. Skont l-aħħar ċensiment, f'Malta jgħixu 8,756 persuna ta' oriġini Għarbija, u 17,454 persuna ta' twemmin Musulman (160). Jibqa' l-fatt, iżda, li sforz ir-reżistenza msemmija, din il-komunità hija ħafna drabi limitata għall-periferiji tas-soċjetà Maltija, b'mod ġenerali mhix irrappreżentata fil-letteratura Maltija u fil-medja Maltija l-membri tal-komunità tagħha jissemmew l-aktar f'aħbarijiet negattivi.

B'dan kollu fl-isfond, Nabhan jippreżenta familji Għarab li minħabba raġunijiet reliġjużi u kulturali jiffunzjonaw b'mod differenti minn dawk lokali. Pereżempju, jagħtina każi ta' rġiel romol li jintroduċu l-mara l-ġdida biex tieħu x-xettru tal-omm mingħajr ebda avviż, jew il-bint il-kbira li tieħu r-riedni tal-familja. Iżda ħafna drabi xorta jinħass paralleliżmu ma' dak li jippreżenta Mejlak fin-novelli tiegħu u anki mal-awturi Maltin ta' qabel dan is-seklu. L-assenza tal-missier hija prevalenti f'għadd ta' novelli ta' Nabhan, għalkemm hija assenza differenti. F'"Għadni Ġej minn Hemm," l-ewwel novella tal-ewwel ġabra tiegħu *Lura d-Dar,* in-narratur fl-ewwel persuna li huwa Għarbi, jirrakkonta dwar il-ħbiberija tiegħu ma' koppja Maltija li tilqgħu ftit żmien wara li jasal Malta, u għalih hija manna mis-smewwiet li ttaffilu s-solitudni tiegħu f'pajjiż ġdid. Matul dan ir-rakkont, permezz tal-analessi, imur lura lejn il-jum li fih oħtu takkumpanjah fit-tluq tiegħu minn pajjiżu biex jivvjaġġa lejn il-mhux magħruf. F'dan il-punt kruċjali ta' ħajtu,

isemmi lil oħtu biss li takkumpanjah u ssellimlu qabel jitlaq. Ir-rispett ta' oħtu lejh jinħass meta minkejja li x'aktarx tħossha mkissra ma tibkix quddiemu kif ikun ilu jitlobha. L-isforz kbir ta' oħtu u l-qrubija bejn it-tnejn jiġu kkonfermati meta xħin ikun tiela' l-escalator, fil-ħin li t-tnejn mingħalihom li jinsabu 'l bogħod minn għajn xulxin, jara lil oħtu titgħawweġ bil-biki, u żewġha jħares lejha b'mod patetiku, "bla ħila" (*Lura d-Dar* 15). Ir-rispett u l-qrubija ta' bejniethom u l-importanza ta' oħtu f'ħajtu jiddikjarahom meta huwa jqabbel lil Marisa, il-ħabiba l-ġdida tiegħu magħha: "Marisa saret qisha oħti. It-tieni oħt. U li kieku ma kinitx hija kont ser nivvinta waħda, għax jiena ma noqgħodx bla oħt. L-oħt hija l-ossiġnu tal-ħajja" (*Lura d-Dar* 15). Meta jqabbel lil oħtu mal-ossiġnu, jimplika li hija l-membru tal-familja, u saħansitra l-persunaġġ f'ħajtu essenzjali għalih, in-nutrijent li għandu bżonn biex ikun jista' jgħix u, fl-istess ħin, iniżżel membri oħrajn tal-familja, fosthom il-missier, f'livell sekondarju u jissuġġerixxi li jgħaddi mingħajrhom.

F'"Lura d-Dar fir-Ritratt ma' Bin Laden," in-narratur għal darba oħra jsemmi membri oħrajn tal-familja. Din id-darba hija l-omm, membru femminili ieħor tal-familja, li hija speċjali għall-protagonista, u jeloġizzaha billi dwarha jistqarr "minn dejjem żammha fil-għoli, fost l-allat u l-qaddisin" (*Lura d-Dar* 84). Il-missier ma jissemma qatt, daqslikieku qatt ma eżista, u konsegwentement jikkonfermah bħala persunaġġ sekondarju.

Fin-novelli preċedenti, l-assenza tal-missier tinħass minħabba li ma jissemma xejn, kuntrarjament għal membri oħrajn tal-familja li jissemmew qatigħ. Minħabba f'hekk jinbtu mistoqsijiet dwar ir-raġuni tal-assenza tiegħu, bħal każ ta' mewt, tluq mid-dar jew il-ħtieġa ta' ħinijiet twal 'il bogħod. Imma f'"Identiċi," mil-ġabra *Leħen tal-*

*Fuħħar*, ma teżisti ebda mistoqsija dwar dan. In-narratur jistqarr b'mod skjett li l-missier huwa dejjem assenti, jissuġġerixxi li din hija normali f'ambjent Għarbi, u jimmetaforizza din l-assenza billi jsejjaħ lil missieru fatat. Ir-raġuni din id-darba hija daqstant ieħor ċara – il-missier responsabbli għall-għajxien ta' familja b'għaxart itfal. Din l-assenza tfakkar fl-assenza ta' Ġamri fir-relazzjoni tiegħu ma' ibnu Feliċ. Ġamri, sforz il-ħolma tiegħu li jaqla' lil familtu mill-faqar, ma jibqagħlu ebda ħin għal ibnu. Amal Treacher Kabesh, fix-xogħol tagħha *Postcolonial Masculinities*, li fih tikkummenta l-aktar fuq missirijiet mil-Lvant Nofsani, tikkumplimenta lill-Brittaniku Edley fl-istqarrija tiegħu li r-relazzjoni bejn il-paternità u x-xogħol hija kkumplikata. Min-naħa tagħha, Kabesh tagħraf lill-figura tal-missier bħala waħda li dejjem tiddiżappunta, minħabba li jekk ikun bla xogħol, jiġi mżeblaħ u jitqies mhux raġel biżżejjed, waqt li jekk jaħdem ħafna jitqies bħala wieħed b'qawwa kbira u dominanti, u naturalment b'poter assolut (76). Din il-qawwa u dominanza jinħassu fit-tixbih tal-missier min-narratur bħala fatat: "Kien wieħed minn dawk il-missirijiet fatati, ngħidilhom jien, peress li missieri kien wieħed minnhom. Dawk li joħorġu fid-dalma u jinġabru fid-dalma," implikazzjoni tan-narratur li figurattivament il-missier huwa entità sopranaturali, entità li minkejja hija assenti xorta tibqa' dejjem fl-isfond, dominanti (*Leħen tal-Fuħħar* 29).

F'novella oħra, l-assenza tal-missier hija mżewġa mal-assenza tal-omm u toffri opportunità ta' paragun. F'"Silta minn Rumanz Ġdid" mill-ġabra *Leħen tal-Fuħħar*, in-narratur jistqarr li ommu ħallietu fi twelidu. Il-missier iwieġeb għall-mewt ta' martu b'xorb eċċessiv sal-punt li jispiċċa jinqatel bih. L-eżistenza ta' ibnu qatt ma tikkonslah biżżejjed, qatt ma tkun raġuni valida għala għandu jkompli jgħix. Il-protagonista jkollu jgħix ħajtu b'żewġ assenzi – ta' ommu u ta' missieru. Huwa jilmenta bil-kbir dwar l-

assenza ta' ommu, jimplika li ħallietlu ħofra kbira f'ħajtu, li twasslu jibda jħobb in-nisa kollha tad-dinja biex jagħmel tajjeb għan-nuqqas tas-"sustanza mirakoluża minn sidirha" (*Leħen tal-Fuħħar* 83). Barra minn hekk, l-omm ma għandha ebda tort għal din l-assenza minħabba li hija dovuta għal mewtha, iżda l-missier jingħata r-responsabbiltà kollha għal mewtu minħabba li jkun huwa li jagħżel li jixrob. L-iben jistqarr li, fi tnax-il sena, missieru qatt ma jerfgħu, qatt ma jbusu, u kważi qatt ma jkellmu. Ir-relazzjoni bejniethom tant hija ineżistenti u l-assenza tal-missier tant akuta, li l-komunikazzjoni bejniethom jeħtiġilha terza persuna – iz-zija – u l-iben dejjem jirreferu għalih bi pronom minflok b'ismu. Daqskemm l-assenza tal-omm twasslu jixxennaq u jfittixha f'nisa oħrajn, daqstant ieħor l-assenza ta' missieru tirrabjah.

Assenza differenti tinstab f'"Issa se jgħidilha żgur" mill-ewwel ġabra ta' Nabhan. Din l-assenza tinħass minħabba li, minkejja li lil hinn mid-dar dan il-missier imexxi dipartiment kbir tal-gvern u jieħu deċiżjonijiet li jaffettwaw lill-poplu, fil-konfini ta' daru qisu ma jeżistix. Dan il-missier, li huwa Malti, m'għandux jedd jitkellem f'daru. Martu, omm il-protagonista, hija tant awtoritarja li tieħu kull deċiżjoni għalih, u huwa jinħass rassenjat għal dan kollu u ma jirreżistix dan l-indħil soffokanti. Il-fatt li qisu ma jeżistix f'daru stess irendi lil dan il-missier assenti. L-assenza tiegħu hija mżewġa mal-umiljazzjoni. Skont in-narratur, martu "libbsitu l-ħarqa tletin sena ilu u baqa' biha sal-lum u aktarx se jmut biha" (*Lura d-Dar* 64). Għall-protagonista, dan il-missier huwa antimudell u, tant ibeżżgħu, li meta jħoss li t-tfajla tiegħu qed tindaħallu żżejjed jiddeċiedi li għandu jtemm ir-relazzjoni magħha. Huwa jiddikjara, "Le ma jridx jispiċċa bħal missieru" (65). Għal darba oħra, bħal fil-każ ta' "Identiċi," jiġi mfakkar kif, skont Kabesh, il-missier diffiċli jġibha żewġ ma' wliedu, minħabba li jew huwa meqjus bħala

dominanti u intimidanti, jonkella, bħal fil-każ ta' dan il-missier, bħala vulnerabbli u dgħajjef (77).

F'dawn in-novelli, l-assenza tal-missier tinħass sforz in-nuqqas ta' riferiment għalih kuntrarju għal membri oħrajn tal-familja li jissemmew b'mod prominenti, u dan irendih membru sekondarju f'għajnejn il-protagonista. L-assenza tiegħu tinħass ukoll sforz il-fatt li jqatta' ħafna ħin barra mid-dar, kif ukoll sforz in-nuqqas tal-awtorità tiegħu, nuqqas li jikkuntrasta ma' dak kollu li rajna fil-mitoloġiji u l-Bibbja li fihom b'mod ġenerali l-irwol tal-missier dejjem jilleġittimizzalu l-poter.

Fl-ewwel rumanz tiegħu *L-Eżodu taċ-Ċikonji*, Nabhan jippreżenta lil Nabil, il-protagonista Palestinjan li jgħix Malta. Dan il-protagonista huwa eżempju ċar tat-twessigħ ġeografiċi tar-rumanz Malti permezz ta' Nabhan. Il-protagonisti barranin huma rari fir-rumanz Malti. L-unika rumanz li jiena ħarist lejh f'dan l-istudju li fih il-protagonista mhux Malti imma Franċiż huwa, *Viku Mason* ta' Ġużè Muscat Azzopardi, li ħareġ għall-ewwel darba fl-1881, u li kuntrarju għal dan ir-rumanz huwa ambjentat kollu kemm huwa f'Malta. F'seklu sħiħ u aktar minn żmien il-pubblikazzjoni ta' *Viku Mason* sal-pubblikazzjoni ta' dan ir-rumanz, rarament jew qatt ma dehru protagonisti barranin fir-rumanz Malti. Grima, fil-qoxra ta' dan ir-rumanz jiddikjara li l-awtur iwessa' l-konfini ġeografiċi u narrattivi tar-rumanz Malti. Missier il-protagonista daqstant ieħor mhux Malti, imma Palestinjan bħalu, li jgħix għal żmien twil bħala refuġjat fil-Ġordan fejn huwa jmut ukoll, mewta li r-rumanz jiftaħ biha. Kabesh tikkummenta li l-maskulinità bħala identità ma tinkisibx biss mill-pridispożizzjonijiet familjali jew individwali, imma b'mod aktar kruċjali mill-istrutturi soċjali wiesgħa, fosthom l-istituzzjonijiet lingwistiċi, soċjali, ekonomiċi u

kulturali (8). Hija tirreferi għal Kaja Silverman, li min-naħa tagħha titkellem dwar it-"trawma storika," li tiddefinixxi bħala dik id-diżordni li tmur lil hinn mill-psike individwali, u torbotha ma' avveniment storiku, naturali jew soċjali [bħall-gwerra], li jgħaqqad grupp kbir ta' rġiel f'relazzjoni tant intima ma' nuqqas li kawża tagħha ma jirnexxilhomx isostnu relazzjoni immaġinarja mal-fallu, u konsegwentement ma jibqgħux jemmnu fid-dominanza tagħhom (55). Kabesh iżżid li l-irġiel u l-maskulinitajiet, u magħhom in-narrattivi u r-rappreżentazzjonijiet tal-maskulinitajiet huma affettwati b'mod profond mit-trawma storika għax l-istorja la hija newtrali u lanqas mingħajr effetti politiċi u psikoloġiċi (8).

Minn dak li tagħtina Kabesh nistgħu niddeduċu li l-missier ta' dan ir-rumanz ma jistax ma jkollux sfond ta' maskulinità differenti mill-missirijiet l-oħrajn kollha fir-rumanz Malti li huma kważi kollha Maltin. Dan huwa missier li ġej minn strutturi soċjali differenti għalkollox minn dawk Maltin, u t-trawmi storiċi huma l-qofol ta' dan ir-rakkont. Nabil, il-protagonista u n-narratur awtodijeġetiku, jirreferi għalihom kontinwament. Huwa jirrakkonta li missieru jkollu jħalli daru fil-Palestina fin-Nakba tal-1948, u jgħix il-kumplament ta' ħajtu konxju li hemm familja Lhudija tgħix f'daru imdawra b'raba' li huwa u martu indokraw. Fl-istess jum tat-twelid ta' ibnu Nabil, l-Għarab isofru telfa kontra l-forzi Iżraeljani fil-Gwerra ta' Sitt Ijiem, li tfisser li jkollu jaqta' jiesu milli jmur lura lejn daru. Huwa jalludi wkoll għall-effetti ta' dawn it-trawmi. It-titlu ta' refuġjat huwa wieħed minnhom. Nabil jikkummenta, "Meta tispiċċa refuġjat int biss tkun taf eżatt xi nkiser ġo fik, u tkun taf li meta ċerti ħwejjeġ u integritajiet jinkisru, m'hemmx tiswija għalihom" (*Eżodu* 61). Rigward it-telfa tal-gwerra tal-1967 Nabil jistqarr li din xejħet lil missieru bi ħmistax-il sena, u twasslu biex, minflok jilqa' t-twelid tiegħu b'ferħ, jilqgħu

b'wiċċ taż-żonqor (84). It-tkeċċija ta' missieru minn xogħlu hija effett ieħor. It-trawma storika ddaħħlu fih innifsu, skont Nabil isir ċass u miblugħ, u naturalment jitkeċċa minn xogħlu għax kif jgħid Nabil, "Ħadd ma jħaddem raġel li tilef Palestina" (192). Nabil saħansitra jikxef l-element kollettiv tat-trawma. Skontu, it-tweġiba ta' missieru għal kull mistoqsija li jagħmillu b'"Jieħdok Alla! Inti u ħutek u missierek," li timplika ħarba mill-mistoqsija u d-djalogu, "ma kinitx xi ħaġa esklużiva għad-dar tagħna, għax kienet tingħad fid-djar kollha tal-Ġordan" (58).

Għalhekk, il-missier irendi lilu nnifsu għal darba oħra bħala bniedem assenti. Din id-darba, l-assenza hija sforz is-skiet tiegħu. Huwa skiet li ma jiswiex aktar mill-ġawhar, kif jimplika l-qawl Malti, imma skiet "velenuż" (60). Is-skiet tal-missier jimplika raġel maqtugħ għalih, ma jafx jikkomunika, u li jfalli milli jibni relazzjoni ma' ibnu Nabil, u mal-bqija tal-ħafna wlied oħrajn li għandu, għall-inqas skont ir-rakkont imwassal minn Nabil. Huwa skiet li jwassal lil Nabil jimmetaforizzah f'siġra, u jikkonkludi li huwa siġra "mħattba" għax waqt li siġra ħajja tista' tikkomunika mal-persuni darba fis-sena bil-weraq, il-frott u l-fjuri tagħha, huwa qatt ma jitkellem (*Eżodu* 208). Il-missier isaħħaħ din il-metafora billi jitwaħħad mas-siġar fil-ġnien ta' daru, fi skietu jieħu ħsiebhom u jgħajjixhom, att li jissuġġerixxi li jibdel lil uliedu magħhom. Imma lil hinn mill-ġenna li joħloq bis-siġar tiegħu, skietu jweġġa' daqstant lil ibnu Nabil li jqabblu mas-sokor ta' missier sieħbu Musa għax, skontu, "it-tnejn ifissru ħarba mir-realtà u mid-dover" (*Eżodu* 132). Huwa skiet li ma jiġix interrott lanqas bil-mewt ta' wħud minn uliedu għall-kawża Palestinjana. L-assenza tal-missier tikkulmina fit-tluq tiegħu minn daru, u minn hemm jibda jgħix f'gabuba li jibni huwa stess fil-ġnien, li wliedu għall-bidu jaħsbuha mibnija għal xi fniek. Il-missier mhux biss ma jridx jikkomunika, il-missier saħansitra jrid jgħix taħt

saqaf differenti minn ta' wliedu. Fid-djalogu tiegħu ma' Musa, Nabil jiddefinixxi l-flus, l-għajjat u s-swat bħala x-xwabel tal-paternità. Din l-istqarrija tinħass pjuttost kuntradittorja minħabba li missieru jagħżel l-antiteżi tal-għajjat bħala l-arma tal-paternità tiegħu imma, fl-aħħar mill-aħħar, hija arma li daqstant ieħor taqta'. Tabilħaqq, rigward it-tluq tiegħu minn daru biex jintensifika s-skiet tiegħu, Nabil jistqarr, "Kien iddispjaċina ħafna għal dak li għamel missieri. L-iktar għax bqajna ma fhimniex x'kien dejqu ġod-dar tiegħu" (*Eżodu* 208).

Minkejja din l-assenza tal-missier, frott id-distanza bejn il-missier u l-iben, l-iben xorta waħda jiret lil missieru. Bħal fil-każ ta' *Leli ta' Ħaż-Żgħir,* id-distanza ma timpedix lill-missier milli jgħaddi lilu nnifsu f'ibnu. Il-poter tal-missier fuq uliedu, anki jekk ma jużax l-imsejħin armi tal-paternità mistennija minnu, xorta waħda jegħleb ir-reżistenza tal-iben. Kif jgħid Nabil, missieru jaqtagħha li jidħol ġo fih biex almenu jsalva l-memorja (*Eżodu* 15). L-iben huwa *Externally Displaced Person* (EDP) daqs missieru. L-iben ikollu jġorr it-telfa tal-Palestina anki jekk qatt ma rifes fiha, u jispiċċa kontinwament jitkellem dwarha. Kif jistqarr, "Hu ħareġ mill-Palestina u l-Palestina qatt ma ħarġet minnu, u jiena qatt ma rfist fil-Palestina u l-Palestina qatt ma nqalgħet minn ġo fija. Dejjem tirrombla u titkebbeb ġo fija qisha tumur" (*Eżodu* 10). Stephen Bonanno jiddeskrivi din il-ġibda ta' Nabil għall-Palestina bħala "twikkija tal-preżenza ta' missieru ġewwa fih" (35). Forsi għalhekk li l-aħbar ta' mewt missieru ġegħlitu jħossu għeri. Missieru, minkejja d-distanza bejniethom, f'mewtu jkun saħansitra f'kontinent differenti, huwa fatat li jidhirlu minn ħin għal ieħor. Fi stqarrija oħra, jgħid "Jiena writt il-missier u l-piżijiet kollha. Jiena writt it-tifkiriet u l-estensjonijiet tat-tifkiriet. Dak kollu li nġema' f'missieri ħa jisplodi fija" (*Eżodu* 164). Bonanno, min-naħa tiegħu, josserva li Nabil jagħti ħjiel li mhuwiex

awtonomu minħabba d-determiniżmu bijoloġiku li jrendih vittma taċ-ċirkustanzi (35). Huwa jżid li fit-tfittxija tiegħu għall-awtonomija, idejh jinsabu marbuta b'destinu diġà mfassal għalih (37). Nabil isaħħaħ dan l-argument meta jsejjaħ lilu nnifsu "ġugarell numru ħdax," in-numru ħdax b'referenza għall-fatt li huwa l-ħdax-il wild ta' missieru, u fl-aħħar mill-aħħar, bħal missieru, Nabil jaqa' fis-skiet, jonqos milli jikkomunika mal-membri tal-korp tal-pulizija li jiġbruh mill-Barrakka u f'monologu jiddikjara li kulma jrid aktar skiet (223).

Il-qawwa tal-ereditā tal-missier fuq l-iben mhix esklużiva għal Nabil u missieru biss: sieħbu Musa, bħal missieru, isir flixkun, referenza għall-alkoħoliżmu li wiret mingħandu. Għal Nabil, bħalma s-skiet ta' missieru huwa velenuż, l-ereditā li ħa minn missieru hija infezzjoni. Bħala iben huwa l-bastiment li missieru jwaddab il-velenu tiegħu fih (*Eżodu* 164). Jammetti l-impotenza tiegħu kontra dan u, l-uniku mod kif jiġġildilha huwa billi jwaqqaf iċ-ċiklu tagħha u, bħal Samwel f'*Samuraj,* jiddeċiedi u jiddikjara li qatt ma jrid tfal (*Eżodu* 164).

Fir-rumanz *L-Iżvijati*, Nabhan jippreżenta żewġ missirijiet, missier il-protagonista Daniel li huwa Malti, u missier il-ħabib li jinsab fi trianglu ta' mħabba miegħu u Martha, Qasem, li huwa Għarbi. Għad li dawn il-missirijiet għandhom nazzjonalitā differenti u qatt ma jiltaqgħu, għandhom element komuni bejniethom – l-assenza tagħhom fl-irwol patern tagħhom. Missier Daniel assenti sforz l-ineżistenza f'daru u eventwalment iwettaq suwiċidju, u missier Qasem sforz ħtif mill-forzi tal-Kurunell Gaddafi.

Missier Daniel huwa assenti wkoll sforz l-umiljazzjoni. Huwa missier li jaf bl-infedeltà konsistenti ta' martu, imma jibqa' d-dar xorta waħda, x'aktarx minħabba l-istigma soċjali ta' żwieġ imfarrak fi żmienu. F'artiklu ppubblikat fl-1994, Carmel Tabone jikkummenta li fi żwieġ, wieħed dejjem jistenna suċċess u, irrelevanti mill-fatt jekk dan jirnexxix jew le, il-koppja miżżewġa tibqa' tgħix taħt l-istess saqaf minħabba raġunijiet kulturali, reliġjużi u legali li jinsistu li koppja tibqa' flimkien fit-tajjeb u l-ħażin (229). Tabone jżid ukoll li falliment ta' żwieġ jitqies bħala diżgrazzja soċjali.

Missier Daniel huwa ppreżentat ukoll bħala raġel nieqes mir-rieda, ngħidu aħna jistudja l-liġi sforz l-insistenza ta' missieru meta ma jkollu l-ebda ġibda lejha u jsir għalliem fl-iskejjel primarji biss wara l-mewt ta' missieru. Dan in-nuqqas ta' rieda tiegħu jżommu milli jtemm żwieġu fi żmien li separazzjoni kienet meqjusa bħala tabù. Il-paternità għal dan il-missier tfisser katastrofi, paternità li taqbdu minn drieġħu u minħabba fiha jkompli ħajtu b'sarima ma' ħalqu (*L-Iżvijati* 156). Din is-sarima tidher ukoll fin-nuqqas ta' awtorità tiegħu, bħal meta jkollu jbaxxi rasu quddiem l-ordni ta' martu li Ġemma, is-seftura għal qalbu, ma tikolx fuq l-istess mejda magħhom meta jkollhom il-mistednin (*L-Iżvijati* 21). Daniel jiddikjarah bħala raġel li jadatta ruħu għall-umiljazzjoni u l-madmad u jitfa' parti mill-ħtija tal-assenza tiegħu fuqu (*L-Iżvijati* 97). Kabesh tikkummenta li l-umiljazzjoni, kuntrarju għall-mistħija li bħala emozzjoni jista' jkollha konsegwenzi pożittivi, għandha konsegwenzi dejjem negattivi minħabba li tneżża' mill-unur u d-dinjità (86). Missier Daniel tant jitlef id-dinjità tiegħu li jikkommetti suwiċidju li, skont Daniel, kien il-mod tiegħu kif ikollu l-aħħar daħqa, u jdallamlu l-ġejjieni tiegħu (*L-Iżvijati* 144). Għal darba oħra, l-assenza tal-missier ma timpedixxihx milli jħalli impatt dirett fuq ibnu.

Omar, missier Qasem, minkejja li missier Għarbi, mhuwiex awtoritarju. Għad li Nabil, fir-rumanz *L-Eżodu taċ-Ċikonji* jikkummenta li l-missier Għarbi "Għandu l-kultura u l-liġi u s-smewwiet u l-fildiferru u r-riħ u x-xemx kollha favurih," dan il-missier, bħall-missirijiet kollha fix-xogħlijiet ta' Nabhan, jikkontradixxi dan it-tip ta' missier (*L-Iżvijati* 242). In-nuqqas ta' awtorità tiegħu f'daru joħroġ mill-fatt li martu dejjem tirreżisti l-ħwejjeġ li jġibilha, saħansitra tqattagħhom u minkejja li dejjem jgħid lilha u lil bintu biex ikunu sekulari fi ħwejjiġhom, indirettament biex jikxfu, aktar jitgħattew u jitqartsu: "kont tiksi grawnd tal-futbol bid-drapp li kienu jitlefilfu fih qabel jirfsu mill-għatba 'l barra" (*L-Iżvijati* 90). Imma l-akbar nuqqas ta' awtorità tiegħu huwa evidenti mill-fatt li l-omm li, kontra tiegħu, għandha biża' kbir minn Alla, l-ewwel tieħu lil bintha taħt ġwinħajha, wara tqarribha lejn iben il-Ħāġġ u eventwalment iżżewwiġha lilu f'għeluq it-tmintax-il sena tagħha, f'età li huwa żgur iqis bħala wisq żgħira u li, fuq kollox, ma' raġel li studja x-Xarija Iżlamika li tmur kontra s-sekularità tiegħu. L-uniku poter li juri dan il-missier huwa meta jgħaddi lil ibnu l-ħolma għal patrija aħjar, ħolma li tikkundannah biex bħalu jinqatel qasir il-għomor.

Fiż-żewġ rumanzi, il-missirijiet huma assenti, nieqsa mill-poter, minkejja li, ironikament, f'kull rumanz in-narratur jikkummenta li huma privileġġati. Minkejja din id-dgħufija, paradossalment, huma missirijiet li għandhom impatt dirett qawwi fuq uliedhom subien, minħabba li b'xi mod, anki forsi mingħajr ma jridu, dejjem jgħaddu lilhom infushom fuq uliedhom, b'mod li d-determiniżmu jinħass naturali u inevitabbli.

## 3.3. Alex Vella Gera

Bħal Mejlak u Nabhan, Alex Vella Gera huwa awtur prominenti ta' dawn id-deċennji bikrin tas-seklu wieħed u għoxrin u rebaħ il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb aktar minn darba. Kuntrarju għal Mejlak u Nabhan, l-ewwel xogħlijiet tiegħu għandhom għeruqhom f'Malta, madankollu, in-novella "Li Tkisser Sewwi," twessa' l-konfini bil-mod tagħha u diffiċli targumenta, kontra l-argument tal-awtur innifsu, li din tagħti lil-letteratura Maltija realiżmu ġenwin vis-à-vis l-aspetti degradanti tal-ħajja li qajla rajna bħalu qabel ("My Side of the Obscene Story"). Grima, fl-esej tiegħu "Dark Sides – Censorship in Malta" isaħħaħ dan l-argument billi jammetti li ħafna mil-letteratura Maltija hija timida u ma tindirizzax l-elementi baxxi tan-natura umana u jistqarr li, eventwalment, din in-novella tbiddel ix-xenarju tal-letteratura Maltija u testendi l-medda tat-tematika u l-lingwistika tal-letteratura Maltija.

Fl-isfond ta' ħafna mix-xogħlijiet ta' Vella Gera hemm familja li taffettwa lill-karattri b'mod profond. Fir-rumanz *Lil Hinn mill-Jien*, irrakkontat minn ħames narraturi differenti, erbgħa minnhom ġejjin mill-istess familja u l-ġrajja ddur madwar ir-relazzjoni ta' bejniethom. Saħanistra n-narratur l-ieħor, il-qassis, huwa ħabib tal-familja, u s-sottotitolu tar-rumanzett huwa, "Kummiedja għall-Familja Kollha." Fir-rumanz *Is-Sriep Reġgħu Saru Velenużi*, il-protagonista konxju li r-relazzjoni tiegħu ma' omm ibnu diffiċli tkampa imma xorta jiddeċiedi li jitlaq minn Brussell, belt għal qalbu b'xogħol u dħul tajjeb, biex jintrabat f'relazzjoni taħt saqaf wieħed ħalli l-wild jitla' f'ambjent simili kemm jista' jkun għal dak ta' familja nukleari. Fl-aħħar rumanz ta' Vella Gera, il-protagonista huwa missier konservattiv u l-karattri ewlenin kollha jappartjenu għall-istess familja. Fin-novella, "Li Tkisser Sewwi," jiddominaw il-konkwisti sesswali varji tan-narratur u,

essenzjalment, in-novella tmur kontra l-ispirtu tal-familja. Minkejja dan, fil-ftuħ tan-novella, il-protagonista jippreżenta ruħu bħala iben u jsemmi lil missieru b'reverenza, għax wara kollox, "fuq nisa kien jaf sew," u b'hekk jimplika li l-ħafna konkwisti femminili tiegħu għandhom għeruq fl-għarfien li għaddielu missieru ("Li Tkisser" 195). Fl-istess esej imsemmi qabel, Grima jikkummenta li n-narratur iqis lil missieru bħala r-"role model" tiegħu ("Dark Sides"). L-iben jidher isegwi l-passi ta' missieru u għalhekk jista' aktar u aktar jiġġustifika dawn il-konkwisti tiegħu, daqslikieku xi ħaġa naturali, għax skont iz-zokk il-fergħa. Il-protagonista saħansitra jigglorifika wirt mingħand missieru li normalment jitqies bħala tebgħa – imnieħer kbir, "toqgħod tgħid imnalla writt l-imnieħer kbir ta' missieri" ("Li Tkisser" 197). Permezz tiegħu jinqeda b'mod oriġinali f'wieħed mill-atti sesswali ma' mara li waqgħet fin-nassa tiegħu, nassa li skont missieru trid tkun taf tibniha b'mod ħelu ("Li Tkisser" 195). Din l-attitudni miżoġinista ta' dan il-protagonista tirrifletti l-patrijarkat, li Connell tiddefinixxi bħala sistema ta' dominazzjoni tal-ġeneru li tiggarantixxi l-pożizzjoni dominanti tar-raġel u s-subordinazzjoni tal-mara (77). F'dan il-każ, ir-raġel mhux biss qiegħed jiddikjara dominazzjoni f'kull att sesswali li qiegħed jiftaħar bih, talli qiegħed jiddeumanizza kull mara li taqa' fin-nassa tiegħu. Permezz tal-wirt li qiegħed jimplika mingħand missieru, il-protagonista jiġġustifika din il-miżoġinija li ċertament huwa mhux konxju tagħha u mingħajr ma jaf jeżalta l-patrijarkat – huwa dan li qed iwasslu għal tant "suċċessi." Fundamentalment, il-missier huwa ż-żerriegħa ta' tant intitolament li jħoss il-protagonista. Għalih l-istupru, minflok abbuż vjolenti u kriminali, jarah bħala att li għandu jiftaħar bih, u ma juri ebda kompassjoni għall-vittma tiegħu, anzi, jirredikola r-reazzjoni tagħha wara l-istupru. Kif tikkummenta Loranne Vella fl-interpretazzjoni tagħha ta' Virginie Despentes, "il-punt tat-tluq tal-protagonista huwa li l-istupru huwa jedd sagrosant mogħti lilu minn Alla u mill-irġiel

kollha li ġew qablu [partikolarment missieru] li minn dejjem mingħalihom, għax ovvjament jaqblilhom, li l-istupru huwa l-qofol tan-natura tar-raġel u li huwa espressjoni arketipali tal-irġulija" (211). Jista' jkun ukoll li l-protagonista huwa diżappuntat li mhux jirnexxilu jgħaddi dan il-jedd sagrosant lil ibnu, meta fil-bidu nett tan-novella jilmenta li t-tifel ma għandux l-istess rapport sesswali man-nisa bħalma għandu huwa u, eżatt wara, jistqarr li qiegħed jagħtih pariri biex isir bħalu. Mhuwiex ċert jekk dan it-tifel huwiex ibnu jew le, imma ċertament teżisti possibbiltà. Wara kollox, li kien persuna kwalunkwe, għaliex għandu jsejjaħlu "tifel" u jagħtih parir dwar x'għandu jagħmel, meta jista' jispiċċa rival tiegħu? Il-possibbiltà li dan il-protagonista, tant sesswalment attiv u apertament kontra l-kontraċettivi, xi darba jew oħra taqqal lil waħda mill-konkwisti tiegħu hija kbira. Grima josserva li din il-possibbiltà hija affaxxinanti, speċjalment meta jitqies li tema mill-aktar interessanti f'din in-novella hija r-referenzi regolari tal-protagonista lejn missieru ("Dark Sides"). Il-protagonista jista' jkun li qiegħed iħoss id-diżappunt li mhux jiżgura kontinwità ta' patrijarkat u li bħala raġel daqstant maskilista, ibnu mhux miexi fuq il-passi tiegħu, kuntrarju għal kif mexa huwa fuq dawk ta' missieru. Il-monologu tiegħu huwa konsolazzjoni għal dan id-diżappunt.

Ir-rumanzett *Lil Hinn mill-Jien* jiftaħ b'narrazzjoni ta' qassis u immedjatament issegwi narrazzjoni tal-missier taħt it-titlu, "Raġel tal-Familja." Huwa missier għalkollox differenti mill-missier preċedenti li jidher f'"Li Tkisser Sewwi," minħabba l-iskruplożità tiegħu. It-titlu jissuġġerixxi missier ċert minnu nnifsu, kważi kważi ewfemiżmu għal "kap," minħabba li fl-aħħar mill-aħħar dan huwa missier "modern," missier li jgħin fid-dar, missier ta' familja li, mal-ewwel daqqa t'għajn, tidher ideali, familja li tiekol tajjeb imma ma taħlix għax responsabbli, familja tipika tal-klassi medja, tgħix ġo dar u mhux

f'appartament, b'żewġ ulied li t-tnejn għadhom jistudjaw, il-bint fl-Università u l-iben fuq l-għatba tagħha. Imma din id-dehra idillika tal-familja malajr tixxaqqaq meta l-missier isib kontraċettiv fil-borża taż-żibel u jibda jindaga min minn uliedu huwa responsabbli għalih. Il-missier jagħti impressjoni ta' awtorità, isejjaħ lil uliedu fis-salott daqslikieku xi surmast tal-iskola qiegħed isejjaħ lill-imqarbin fl-uffiċċju tiegħu. Imma l-fraġiltà ta' din l-awtorità toħroġ fis. Il-missier, aktar milli wieħed li jgawdi rispett sforz l-awtorità tiegħu, joħroġ bħala wieħed patronizzanti, anki ma' martu stess, "Ma ridtx nibda l-proċess qabel ma jidħlu t-tfal. Kellha tistenna" (*Lil Hinn* 4). Minkejja l-aggressività tal-missier, saħansitra l-vjolenza tiegħu fuq bintu, l-ulied ma jikkollaborawx u jibqa' ma jsirx jaf min uża u rema dak il-kondom li sab anzi, minflok, jidħollu dubju li hija martu li użatu u dan ir-"raġel tal-familja" iħossu aktar umiljat. L-aggressività u l-vjolenza tiegħu twassal biss għal mibegħda lejh, kif tistqarr bintu, "Nobogħdu dak l-annimal! Kemm nobogħdu!" (*Lil Hinn* 18). Eventwalment taħrab mid-dar u qatt ma tmur lura. Huwa missier li mingħalih jaf lil uliedu sew imma, fil-verità, teżisti distanza kbira bejnu u bejnhom u jaf biss dak li jidher fil-wiċċ. Il-missier mhux biss ma jafx x'inhu għaddej fil-ġewwieni tagħhom, imma qiegħed jibla' l-impressjoni li huma jagħtuh, dak li jleqq jaħsbu deheb. Mingħalih li huwa preżenti f'ħajjithom, iżda fil-verità huwa missier assenti ieħor. Ma jgħaddilu ebda ħsieb li ibnu huwa omosesswali, li kien huwa li uża u rema l-kondom u l-kburija li jħoss fih hija msejsa fuq illużjoni, jara lilu nnifsu fih meta huma bħal-lejl u n-nhar. Huwa fl-aħħar mill-aħħar missier patetiku, frustrat li ma għandux l-istess awtorità bħalma kellu missieru, u wliedu jispiċċaw jew jgħixu 'l barra minn daru jew iqisuha bħala lukanda, missier li qiegħed isibha diffiċli jaġġorna ruħu mal-bidliet mgħaġġlin li qegħdin iseħħu fis-soċjetà Maltija.

Meta jitqabblu dawn iż-żewġ missirijiet, minkejja li mal-ewwel daqqa t'għajn jidhru antitetiċi għal xulxin – wieħed vulgari, l-ieħor moralista – osservazzjoni aktar fil-fond tikxef elementi identiċi għal xulxin. It-tnejn li huma mxennqa għall-awtorità, imma t-tnejn li huma qed tiżloqilhom, minkejja li jħossuhom intitolati għaliha "bħala rġiel." Il-missier tan-novella "Li Tkisser Sewwi" juri din ix-xenqa permezz tal-pretensjoni tal-awtorità tiegħu fuq ibnu, flimkien ma' tentattiv li jinfluwenzah biżżejjed biex dan jibda jimxi fuq il-passi tiegħu bħalma, wara kollox, huwa mexa fuq ta' missieru. Madankollu, jidher li qed ifalli għalkollox. Il-missier tar-rumanz *Lil Hinn mill-Jien* jipprova jimponi l-awtorità tiegħu billi jilgħabha tal-kap u jsolvi l-kwistjoni ta' min rema l-kondom fil-borża taż-żibel imma, fl-aħħar mill-aħħar, daqstant ieħor huwa falliment u, fuq kollox, fil-proċess igerrex aktar lil uliedu minnu. Bħal ta' qablu, huwa ffrustrat li mhux bħal missieru, li kellu awtorità indiskutibbli, "Kieku għamilt hekk ma' missieri kien joqtolni!" (*Lil Hinn* 51). F'din ix-xenqa għall-awtorità, iż-żewġ missirijiet huma fl-istess ħin imxennqa għall-patrijarkat li, skont bell hooks, jeħtieġ dominanza maskili akkost ta' kollox. F'kundizzjoni bħal din, tkompli tispjega hooks, il-figura awtoritarja titqies bħala l-ħakkiem fuq dawk li ma għandhomx poter u żżomm din il-ħakma permezz ta' servitudni u subordinazzjoni (35).

Permezz tar-rumanz tiegħu *Is-Sriep Reġgħu Saru Velenużi*, Vella Gera jippreżenta għall-ewwel darba protagonista f'rumanz li daqskemm huwa iben, huwa wkoll missier. Noel, bħala missier u antieroj, huwa rari fir-rumanz Malti. Fost l-antieroj kollha li nirriċerka ta' żmien il-Moderni fil-kapitlu preċedenti, ebda wieħed minnhom mhuwa missier u b'mod ġenerali pjuttost kull antieroj juri stmerrija lejn din il-figura. Għalhekk, Vella Gera jerġa' jwessa' l-konfini tal-letteratura Maltija permezz ta' din ir-rarità.

Jekk il-missier fir-rumanzett *Lil Hinn Mill-Jien* jidher li ma jafx lil uliedu, speċjalment lil ibnu, Noel bħala iben daqstant ieħor ma jafx lil missieru. Huwa għandu ħafna lakuni li ma jista' jimla qatt fir-relazzjoni tiegħu ma' missieru minħabba li dan huwa missier li fi żmien li l-iben ikun fuq l-għatba tal-adolexxenza jgħib u ma jinstab qatt. Fit-tfittxija tiegħu għalih, fid-deskrizzjoni tiegħu ta' missieru, jikkonferma kemm ma jafux: darba jiddeskrivih bħala "timidu" (*Sriep* 63), u darba oħra jiddeskrivih bħala wieħed b'"wiċċ ta' fidil" (*Sriep* 140). Imma fil-verità, dan ir-raġel li, sa qabel l-għajbien tiegħu dejjem jidher bħala raġel tal-affari tiegħu u tal-familja, li jmur il-prayer meetings ma' martu, ikun raġel li flimkien ma' oħrajn ikun qiegħed jikkomplotta biex fl-eqqel tat-tmeninijiet, fi żmien ta' vjolenza politika, joqtol lill-eks prim ministru Dom Mintoff, ħalli b'hekk jikkrolla l-partit u l-gvern Laburista. Altru milli timidu jew fidil, huwa gwerillier, il-persuna li taċċetta li tieħu l-inkarigu li tispara fuq dan l-ikona u, possibbilment, titfa' lill-pajjiż fi gwerra ċivili.

Din l-assenza tal-missier taffettwa lil Noel b'mod profond. Aloisio, fi studju dwar dan ir-rumanz, jikkummenta li l-esperjenza tal-missier hija trawmatika u d-distakk emozzjonali u fiżiku mill-missier jinfluwenza l-formazzjoni tal-personalità tiegħu (217). Aloisio jżid li Vella Gera jagħmilha ċara li l-missier iħalli impatt psikoloġiku fuq Noel u li, konsegwentement, jitqanqlu fih emozzjonijiet konfużi li għalkemm jipprova jostorhom xorta jitilgħu fil-wiċċ taħt forma ta' mġiba mimlija pretensjonijiet adulti iżda nieqsa mill-assertività u mill-maturità fattwali (223-224). Ħuh Simon, li l-għajbien ta' missieru jesperjenzah f'età iżgħar minn ta' Noel, ukoll jasserixxi li dan ħalla effett profond fuqu. F'waħda mill-ftit konverżazzjonijiet intimi bejn l-aħwa, Simon jistqarr li bejniethom it-tluq ta' missierhom minn dejjem kien tabù u jiddikjara ħajjithom it-tnejn bħala "fucked-

up" (248). Bħal Noel, iħossu stramb f'Malta, barrani f'pajjiżu stess u minn żmien għal żmien ikollu jitlaq għal perjodi twal. Għad li Noel imeri lil ħuh Simon dwar din l-istqarrija tiegħu dwar ħajjithom huwa xorta konvint li t-tluq ta' missieru ħalla effett kbir fuqu tant li, jistqarr miegħu nnifsu, "Xokk bħal dak jibqa', tikber kemm tikber, u tgħix kemm tgħix" (*Sriep* 161). Huwa wkoll jagħmilha ċara li kull darba li telaq minn Malta, sa mill-ewwel darba lejn Londra fiż-żgħożija bikrija tiegħu, għamel hekk minħabba dan ix-xokk. Anki jekk iż-żmien li jqatta' 'l bogħod minn Malta mhux dejjem jgħaddih tajjeb, jippersisti hemmhekk minħabba li konvint li xorta aħjar minn Malta, il-post tat-trawma li fil-bidu ħallietu "ġerħa miexja fuq żewġ saqajn" (*Sriep* 141).

Għal omm Noel, it-tluq ta' missier uliedha huwa dovut għall-pressjoni kbira fi żminijiet kritiċi li wassluh biex jikkrolla u jikkommetti suwiċidju meta kien Londra 'l bogħod minnhom, għax fl-aħħar mill-aħħar kien raġel tajjeb. Noel jinterpreta t-tluq tal-missier bħala abbandun, saħansitra juża l-verb "warrabkom" (*Sriep* 249). Green jikkummenta li l-preżenza ta' missier mejjet hija speċjali, mhix marbuta ma' memorji jew ma' perċezzjoni, lanqas hija rappreżentazzjoni, imma hija tip ta' fatat, li r-realtà tiegħu daqskemm hija dubjuża daqstant ieħor taħkmek (42). Hija speċi ta' preżenza li taraha biss mill-għajn tal-moħħ. Dan il-fatat huwa fatat ta' fatat, xenqa għal figura paterna li jaf qatt ma eżistiet. Il-mewta ta' figura mejta hija differenti ħafna minn waħda li xi darba kienet ħajja. Noel jixxennaq għal figura li tinsab biss f'moħħu. Huwa jkollu idea kompletament żbaljata dwar min kien missieru u l-fatt li nqatel qatt ma jsir jaf bih. Imqabbel ma' dan kollu, id-distanza minn ma' ommu tinħass ħafna inqas diretta. Huwa jammetti li teżisti distanza bejniethom, fi kliemu, bruda u wara kollox jagħżel li jqatta' ħafna minn żmienu barra minn Malta, 'il bogħod minnha, imma ma tinħass ebda

ossessjoni marbuta ma' dan in-nuqqas. L-omm qatt ma hija fatat li tidhirlu u l-mewta tagħha b'suwiċidju ftit jew xejn tissemma, anki jekk kellha l-potenzjal tkun ġerħa friska. Barra minn hekk, l-għajbien ta' missieru qatt ma jingħalaq u, is-sejba ta' ċekkijiet mhux imsarrfa ta' Connely & Pile u boxfile bl-istess isem fil-kantina tal-kwartieri tal-kumpanija ta' missier omm ibnu tiftaħlu aktar beraħ dan in-nuqqas ta' għeluq. Hisham Matar li, bħal Noel, darba fost l-oħrajn jgħib missieru, jgħid li n-nuqqas ta' għarfien tad-data tal-għajbien ta' missieru jisfoka aktar il-linja bejn il-ħajja u l-mewt. Matar jistqarr ukoll li għalih l-assenza qatt ma hija spazju vojt jew passiv, anzi, pjuttost wieħed movimentat, li jsemma' leħnu u insistenti. L-istess in-niket li, fih innifsu, huwa intrapriża attiva u vibranti (166-167). Rigward in-niket, jgħid li dan jaqsam lin-nies, minħabba li jitfa' lil kull persuna f'territorju ta' dellijiet privati, fejn it-turment ma jistax jiġi kkomunikat, minħabba li huwa wisq 'il barra mil-lingwa (176). Dan joħroġ ċar fil-familja Sammut Petri: wara l-għajbien tal-missier, il-membri kollha jidħlu f'dinja għalihom, b'komunikazzjoni limitata ħafna bejniethom.

Noel ukoll huwa missier assenti, kif jistqarr huwa stess, "Kont barrani għalih, mhux imbilli jgħidlek papà meta jfettillu" (298). Huwa missier li ma jgħixx taħt l-istess saqaf ma' ibnu, minkejja l-isforzi tiegħu, fosthom it-tluq tiegħu minn Brussell, biex jirxoxta r-relazzjoni tiegħu ma' Frances, omm ibnu. Imma r-relazzjoni tiegħu ma' Frances terġa' tmut qasir il-għomor u l-ħin tiegħu ma' ibnu huwa limitat għal ftit sigħat kull nhar ta' Ħadd. L-irwol ta' missier iqanqal fih ħafna ħsus kontradittorji. Huwa ibnu r-raġuni li ġġibu lura lejn Malta, anki jekk qabel it-twelid tat-tifel ried jaqta' kull rabta ma' pajjiżu. Terġa' u tgħid, Noel jispiċċa b'impjieg li jħossu umiljanti. Sadattant, però jistqarr li t-twelid ta' ibnu huwa l-apiċi ta' ħajtu u li huwa parti minnu u, "Jekk din imħabba, mela

ma stajtx tgħix mingħajrha" (380). Noel huwa missier fi żmien li Recalcati jsejjaħ bħala wieħed li fih il-missier qed jevapora. Recalcati jqabbel dan iż-żmien max-xena tal-ftuħ ta' film ta' Nanni Moretti *Habemus papam*. Fiha, il-gallerija ta' San Pietru tidher vojta u l-purtieri vjola jperpru mar-riħ, minflok iħabbru l-preżenza ta' papa ġdid, jiżvelaw lill-fidili, li qed jistennew b'ħafna antiċipazzjoni, il-melankolija u l-assenza definittiva tal-maħbub missierhom. Dak li nħatar mill-Kulleġġ tal-Kardinali bħala simbolu ta' Alla fuq id-dinja, bħala r-rappreżentant uniku ta' kelmtu, mhux denju li jġorr it-toqol simboliku ta' dan l-irwol, u għalhekk jibqa' silenzjuż. Il-missier li kellu jiżgurahom mill-ġdid, il-missier li jista' jsalva lin-nies milli jintilfu, huwa nnifsu huwa mitluf. Il-missier li dmiru jsalva lil uliedu sar tifel huwa stess (*Telemachus* 12). Noel innifsu huwa ċertament maħkum minn dipressjoni u, kif josserva Aloisio, bħal Leli ta' Ħaż-Żgħir jibża' mir-responsabbiltà ta' familja (221). Huwa ossessjonat li huwa inutli u bħala persuna daqstant instabbli diffiċli ħafna tipprovdi stabbiltà lil binha. Simili għal dak li jgħid Recalcati, bħal ibnu huwa tifel u, fuq kollox, huwa mitluf sforz l-ansjetajiet u l-ossessjonijiet tiegħu.

Fost il-ħafna kuntradizzjonijiet ta' Noel, hemm id-dispjaċir li se jsir missier. Iżda huwa kważi jibki bil-ferħ meta jara x-xbieha ta' ibnu l-ewwel darba f'ġuf ommu fil-klinika. Ir-rakkont jgħid ukoll li jrid iqatta' aktar ħin ma' ibnu, imma fl-istess ħin jieħu r-ruħ meta jieħdu lura għand ommu, jara lilu nnifsu f'ibnu, iħoss li ibnu kompletament differenti minnu għax waqt li huwa introvers, ibnu kunfidentissimu. Madankollu, l-akbar kuntradizzjoni hija l-ħarba tiegħu b'ibnu lejn il-Marokk. Minkejja t-toqol tal-paternità li jħoss, jiddeċiedi li jerfa' r-responsabbiltà ta' ġenitur waħdu. Il-ħarba tiegħu jiġġustifikaha bħala waħda għall-ġid ta' ibnu, imma fil-verità, qiegħed jagħmilha għalih innifsu u joħroġ l-element egoist tiegħu. Recalcati jiddikjara li biex tkun ġenitur, jeħtieġ li tirrinunzja l-

possessjoni ta' wliedek, li tħallihom jimirħu fil-mhux magħruf (*Telemachus* 56). Minflok, Noel jimponi fuq ibnu lilu nnifsu u stil ta' ħajja partikolari li, x'aktarx, il-missier qiegħed jidealizza mingħajr wisq bażi, u fil-fatt l-aħħar kliem ta' ibnu jkun "I want to go home" (*Sriep* 526). Noel huwa l-oppost ta' missier l-iben il-ħali li ssagrifika s-sjieda ta' ibnu. Fil-ħarba tiegħu, parzjalment minħabba l-qtil involontarju tas-Sur Tabone, Noel jissagrifika lil ibnu.

Minkejja li sar missier b'inċident u mhux bi ħsieb, minkejja d-dubji kollha tiegħu, u minkejja li ħafna drabi jimplika li l-paternità hija toqol żejjed għalih, saħansitra żball li qed jgħarraqlu ħajtu, fl-aħħar mill-aħħar permezz tal-ħarba tiegħu b'ibnu, qiegħed jimponi lilu nnifsu u s-sjieda tiegħu fuqu. Noel ma jirispettax l-awtonomija ta' ibnu bħala ħlejqa indipendenti u, fl-aħħar mill-aħħar, mhux wisq differenti miż-żewġ missirijiet imsemmija qabel, għax huwa wkoll irid jimponi l-awtorità tiegħu fuq ibnu. Imma ibnu jinħass bħala sempliċiment priġunier u l-unika xewqa tiegħu hija li jmur lejn ommu kemm jista' jkun malajr. L-istess bħall-missirijiet l-oħrajn, minkejja li jipprova jimponi l-awtorità tiegħu, mhux jasal li jikseb la persważjoni u lanqas rispett.

Il-missier fir-rumanz *Trojan* huwa konvint għalkollox minnu nnifsu u l-moralità retta tiegħu. Huwa bniedem li ma jeżistux dubji għalih u jara l-irwol ta' missier sagru, prodott taċ-"ċelebrazzjoni sagra ta' raġel u mara magħqudin fiż-żwieġ" (*Trojan* 10). Jara l-arketip ta' dan l-irwol f'Alla, li jirreferi lejh bħala missier aktar minn darba. Jixtieq li l-Knisja timxi aktar fuq il-passi ta' missier tirann, għax huwa dan il-missier li "jrid il-ġid għal ibnu" (*Trojan* 21). Tabilħaqq, l-element tiranniku jidher fih, huwa missier li jżomm id tal-ħadid mal-uniku iben tiegħu Miguel, ma jħallihx jilgħab barra mat-tfal tal-ġirien, jagħtih

il-homework żejjed, aktar iebes minn tal-iskola, jillimitalu kemm jara televixin fid-dar u, meta jikber iżjed jiċċensuralu ċertu tip ta' mużika minħabba referenzi sesswali jew sataniċi, jagħtih il-kastigi, ma jħallihx irabbi kelb. Huwa missier konservattiv li jagħti l-impressjoni li jaf kollox u jiġġustifika l-għemil tiegħu għax skontu qed jipproteġi lil ibnu.

Din it-tirannija ma tissodisfax it-tir tal-patrijarka u, għal darba oħra, jeżisti missier li minkejja li jidher awtorevoli, ma jirbaħx ir-rispett ta' madwaru u l-paternità li joffri tikkrolla, sal-punt li l-iben jispiċċa jirribella kontrih u jaqa' fil-vizzju tad-drogi. Imma l-missier, minkejja li jammetti miegħu nnifsu li t-trobbija ta' ibnu hija "falliment personali," iwaħħal fil-fatt li ma kienx dixxiplinat biżżejjed u jemmen li parti mill-ħtija ta' dan huwa l-fatt li ppermetta l-indħil ta' martu bis-sentimenti femminili tagħha.

Huwa fl-aħħar mill-aħħar missier deluż. Huwa missier li r-relazzjoni tiegħu ma' ibnu mibnija "fuq ramla ta' gideb u suspetti u xi kultant saħansitra mibegħda" (*Trojan* 87). Huwa missier li ma jirrealizzax li lanqas biss huwa l-missier bijoloġiku ta' Miguel u jfakkar fil-proverbju Latin, *pater semper incertus est*. Madankollu, l-effett tiegħu fuq Miguel huwa ċar, minħabba li, kif tikkummenta Carol Delaney, il-paternità tmur lil hinn minn relazzjoni fiżjoloġika bejn raġel speċifiku u tifel jew tifla speċifiċi u lanqas mhija sempliċiment għarfien ta' rabta bejn att sesswali u tqala. Il-paternità hija kunċett li t-tifsira tiegħu hija dderivata minn interrelazzjonijiet bejn kunċetti u twemmin oħrajn u mhux entità kategorika (495). Huwa missier li jġiegħel lil martu ġġorr ħtija li tefgħet lil binha taħt il-"madmad" tiegħu, madmad li nħoloq mill-kunċett tal-paternità li, kif tgħid Delaney, imur lil hinn minn relazzjoni fiżjoloġika.

Mhix sorpriża li teżisti qasma tremenda bejn il-mod kif Miguel iħares lejn ommu u bejn kif iħares lejn missieru. Din toħroġ l-aktar fi tpinġija ta' tfulitu li huwa jsemmi "My Family." Waqt li jpenġi lil ommu bi tbissima kbira fuq wiċċha, lil missieru jpenġih bi snienu kbar, "qisu xi mostru malevolenti" (*Trojan* 28). Il-mewta ta' missieru tqarrbu aktar lejn ommu, jibda jżurha aktar ta' spiss. Huwa iben li kuntrarju ta' missieru, jaf jibki fil-miftuħ, kapaċi jitlaq xogħol fejn mhux għal qalbu anki jekk ma għandux ieħor lest għalih, minkejja t-twiddib ta' missieru. Id-distanza bejnu u missieru tiġi kkonfermata permezz tad-diżinteress totali fil-kitba li jħalli warajh tant, li lanqas biss tgħaddilu minn moħħu jħares lejha. Fuq kollox, lejn l-aħħar tar-rumanz, jikkonferma l-istima baxxa tiegħu lejh meta fil-laqgħa tiegħu ma' Klara, it-tfajla li possibbilment hija oħtu minn missieru, jiddiskrivih bħala beżżiegħ u iblah.

Jista' jingħad li f'kull xogħol ta' Vella Gera li kkunsidrajt, essenzjalment jidher missier li jrid jimponi l-awtorità tiegħu fuq uliedu għax iqishom bħala oġġett taħtu. Madankollu, daqstant ieħor huwa prevalenti li, l-ewwel nett kull missier qatt ma jirnexxi u, meta hemm ħjiel ta' awtorità, din hija mistħajla biss. L-uniku ħjiel aktar permanenti ta' awtorità jinħass paradossalment permezz tal-missier mejjet f'*Is-Sriep Reġgħu Saru Velenużi* li, bit-tluq tiegħu, iħalli marka eterna fuq uliedu. Lil hinn minn dan, dejjem jinħass nuqqas ta' qrubija bejn il-missier u l-ulied, saħansitra stmerrija lejn il-figura tal-missier. Il-missier, altru milli huwa l-forma li l-ulied jissawru skontha, huwa l-antiforma. Ma jeżisti ebda wild li huwa simili għall-missier. Kuntrarju għax-xogħlijiet tar-Realiżmu Malti u anki ta' Nabhan li fihom tinħass l-inevitabbiltà tad-determiniżmu, fil-każ ta' Vella Gera tidher sfida lejn din il-filosofija.

## 3.4. Immanuel Mifsud

I. Mifsud għandu ħafna elementi komuni mat-tliet awturi msemmijin qabel; bħalhom huwa awtur prominenti ta' dan is-seklu, bħal Mejlak kien attiv fil-blogosfera Maltija sa mill-bidu tal-elfejn, permezz ta' *Il-Blob tas-Sibt Filgħaxija* fost oħrajn, bħalhom kollha jisfida l-fruntieri tal-gżira u saħansitra jimraħ lil hinn mill-Ewropa ċentrali u ta' fuq u jippreżenta ambjent mill-Ewropa tal-Lvant li, sa qabel il-qlib tas-seklu, kien wara l-purtiera tal-ħadid, meqjus bejn misterjuż, bejn mistmerr, simili għall-ambjent Għarbi li jippreżenta Nabhan. Madankollu, f'I. Mifsud jeżisti element li jaqtgħu mill-awturi l-oħrajn, minħabba li, partikolarment permezz tan-novelli tiegħu, jippreżenta kummentarju soċjali. I. Mifsud ifakkar fl-ewwel novelliera Maltin li kienu jużaw in-novella bħala inkjesta soċjali. Diversi karattri fin-novelli tiegħu jinsabu fil-qiegħ tas-saffi tas-soċjetà Maltija, dawk li Vella, f'referenza għall-karattri ta' Juann Mamo, isejjaħ "sottoproletarji." Barra minn hekk, permezz ta' dawn il-karattri, I. Mifsud ipoġġi fuq il-mejda temi li jdarrsu, li qabel żmienu, ħafna drabi nkinsu taħt it-tapit tant li, bħal Vella Gera, jgħaddi miċ-ċensura. Għalhekk, l-indirizzar tat-tabù huwa mod ieħor kif I. Mifsud iwessa' l-konfini tal-letteratura Maltija, bħall-awturi l-oħra msemmijin f'dan l-istudju u, fid-dawl ta' dan kollu ma jistax jonqos li ma jiġux ippreżentati missirijiet differenti minn tagħhom. F'I. Mifsud jispikkaw missirijiet mill-klassi tal-ħaddiema, missirijiet kriminali, missirijiet abbużivi u, bħal fil-każ tal-awturi l-oħrajn, missirijiet li huma preżenti permezz tal-assenza tagħhom u, magħhom, ulied li lil missierhom ma jafuhx, li jsofru l-izzikar u l-istigma minħabba fih fi tfittxijiet li jippreżentaw aktar mistoqsijiet milli tweġibiet.

F'I. Mifsud jispikkaw ukoll diversi karattri nisa u dan iwassal għal preżentazzjoni tar-relazzjoni bejn il-missier u l-bint li, fil-kittieba rġiel preċedenti, hija pjuttost skarsa.

Eżempju ta' dan huwa n-novella li ġġib l-istess isem tat-titlu tal-ġabra, *L-Istejjer Strambi ta' Sara Sue Sammut*, li fiha l-erojina tirrakkonta ħajjitha hija stess. Sara Sue hija indipendenti u ribelluża. Minkejja t-trobbija konservattiva tagħha f'familja Nazzjonalista, tidħol fil-Partit Komunista. Il-konservattiviżmu ta' familtha ma jżommhiex milli tidħol b'ruħha u ġisimha fl-ideali Komunisti tant li, xi azzjonijiet tagħha jdaħħluha fl-inkwiet mal-Bord tal-Viġilanza tal-istess partit mimli rġiel li ma jissostanzjawx dak li jemmnu u jippritkaw bl-azzjoni. Kultant toħroġ l-innoċenza tagħha, speċjalment fl-ewwel bewsa u att sesswali tagħha u minkejja din l-indipendenza, il-membri tas-sess maskili xorta jieħdu vantaġġ minnha. Barra minn hekk, diversi drabi tispiċċa vittma ta' vjolenza minn missierha. Wieħed minn dawn l-episodji huwa x-xebgħa li jagħtiha missierha talli tiekol ritratt kbir ta' Borg Olivier. F'episodju ieħor missierha jibda jidgħi sempliċiment għax tibda tibki u meta tħabbar li temmet ir-relazzjoni mal-għarus tagħha saħansitra jsawwatha bi xkupa. Sara Sue tirrakkonta din il-vjolenza bħala stat ta' fatt, mingħajr kummenti emottivi, daqslikieku hija n-norma li meta l-missier jiġi kkuntrarjat, il-bint taqlagħha. Min-naħa tiegħu, il-missier iqis l-ideat tiegħu bħala n-norma, u ma jittollerax l-ideat differenti ta' waħda minn uliedu. Meta jirċievi l-artiklu ta' bintu fuq ġurnal Komunista, jibda joffendiha, tip ieħor ta' vjolenza. Meta tgħarrfu li għandha għarus, toħroġ l-intolleranza tiegħu permezz tat-tweġiba, "Ara ma ġġiblix xi Laburist 'l hawn għax ma ndaħħlekx aktar id-dar. Mur orqod għand nanntek jekk trid" (*Qabel il-Klabb* 518). Fl-ewwel każ marbut mal-artiklu tagħha, tant jeħodha bi kbira li tagħtih anġina. Il-gravità tar-reazzjoni tal-missier timplika kemm għalih in-normi huma fissi u huwa missier li jistenna bi dritt li wliedu jimxu fuq il-passi tiegħu. Fl-istess ħin, jinħass bħala raġel li qed jara l-awtorità tiegħu tiġi mminata. Fil-verità, għad li bħala l-missier u l-uniku membru maskili fil-familja, jidher b'attitudni maċista, l-awtorità tiegħu hija kontinwament

imxejna minn martu. Fl-argumenti li jkollu magħha, li Sara Sue tibqa' tħammem dwarhom minħabba li jaffettwawha direttament, hija dejjem ir-rieda tal-omm li tgħaddi. Waqt li l-missier ikun irid iċaħħad lil bintu minn diversi attivitajiet tal-iskola, (minħabba li jew marbuta ma' xi ministru jew skontu huma propoganda politika) fl-aħħar mill-aħħar, Sara Sue dejjem tattendi dawn l-attivitajiet grazzi għall-insistenza ta' ommha. Essenzjalment huwa missier li mingħalih li wiret il-poter minn missieru, imma dan qed jiżloqlu kontinwament minn idu. Minkejja li kif jgħid Grayson Perry, il-fatt li twieled b'fallu jfisser li għandu possibbiltà kbira ta' poter, għalih din il-possibbiltà mhix tagħti frott (36). Il-missier jidher wieħed irrabjat, id-dagħa u l-vjolenza tiegħu huma mod kif joħroġ din ir-rabja u, kif jikkummenta Perry b'mod ġenerali dwar l-irġiel, din ir-rabja hija biss rispons għall-impotenza li jħoss bħala raġel (76).

L-impotenza u l-frustrazzjoni jidhru wkoll f'missier Sonia fin-novella bl-istess isem tal-protagonista fil-ġabra sussegwenti *Kimika*. Huwa raġel li sa mill-bidu nett jidher insigur, li dejjem iħossu f'kompetizzjoni mal-oħrajn, li l-ħin kollu jrid jagħti xhieda ta' rġulitu, "missierha riedhom jiżżewġu bilfors u għaddielhom il-bar biex iħaddmuh huma. U l-bar mar 'il quddiem, għax Ġorġ ried juri 'l-kunjatu li ma kienx imħawwad daqskemm jaħsbuh" (*Kimika* 38-39). Minkejja li jissejjaħ diversi drabi bħala "ix-xiħ," titlu li jimplika li huwa l-kap, regolarment jirrikorri għall-vjolenza, permezz tad-daqqa ta' ħarta, jew fuq bintu jew fuq martu u, saħansitra fuq l-għamara tad-dar. Din il-vjolenza tissuġġerixxi l-frustrazzjoni tiegħu bħala wieħed li minkejja li huwa l-kap u l-missier, mhuwiex rispettat minn ta' madwaru kif jistenna. Il-kelma tiegħu mhix biżżejjed. Recalcati jikkummenta li din it-tip ta' vjolenza, bejn raġel u mara, hija partikolarment kerha u oppressiva minħabba li teqred il-kunċett tal-kelma. Skontu, il-ħajja hija umanizzata u differenti minn

dik tal-annimali għax hija miftuħa għal-lingwa u l-att tal-kelma. Għal Recalcati, meta raġel jerfa' idu fuq mara, qiegħed jeqred il-kelma bħala l-kundizzjoni fundamentali tar-relazzjoni bejn is-sessi. Permezz tal-vjolenza, il-liġi tal-kelma, li tgħaqqad lill-umani f'rikonoxximent reċiproku, tixxejjen *(Telemachus* 77). Il-lingwa jużaha biss biex jiddikjara li huwa l-kap, għat-tweġiba kuntrarja ta' bintu, iwieġeb "Hawnhekk jien nikkmanda! Jien nikkmanda!" u jerġa' jtenni din il-frażi fil-mument li l-awtorità tiegħu tiġi l-aktar sfidata – ir-realizzazzjoni li bintu telqitlu mid-dar u bil-mod tagħha tumiljah (*Kimika* 50). Recalcati jikkummenta li l-missier ideali qatt ma jidentifika mal-Liġi, minħabba li huwa r-rispett tiegħu lejn il-liġi li jagħmlu missier. Dan il-missier huwa l-kuntrarju ta' missier l-iben il-ħali fil-Bibbja, li jagħti lil ibnu sehmu qabel mewtu u jħallih jitlaq u b'hekk jissagrifika s-sjieda tiegħu. Min-naħa l-oħra, Ġorġ, missier Sonia, kontinwament jissagrifika lil bintu għall-qligħ personali tiegħu u jemmen li l-liġi hija hu. Ġorġ huwa wkoll l-oppost tal-missier ideali li skont Recalcati, l-aqwa rigal li jista' jagħti lil uliedu huwa l-ħelsien, li jħalli lil uliedu jitilqu b'sagrifiċċju ta' kull jedd li jista' jħoss li għandu fuqhom (*Mother's Hands* 70).

Ġorġ huwa missier abbużiv. Wieħed li sakemm għad għandu l-awtorità se jabbuża minnha. Huwa joħroġ lil bintu mill-iskola ta' ħmistax-il sena jew qabel, biex toqgħod taħdimlu iebes fil-ħanut tant li xħin jasal il-ħin biex titlaq, "tħossha se taqa' fl-art bl-għeja" (*Kimika* 38). Imma fuq kollox huwa missier li saħansitra jipprostitwixxi lil bintu taħt l-età ma' wieħed mis-sħab tiegħu f'xi negozju ta' kuntrabandu. Għall-bidu, meta sieħbu Tewfik jitolbu lil bintu jirreżisti għax, skontu, għadha żgħira. Imma, l-ewwel nett, il-missier jidher li mhux jeskludi l-possibbiltà fil-futur u jinħass qiegħed sempliċiment jirrifjuta biex eventwalment jgħolli prezzha. Tant huwa hekk li, ftit wara,

bintu jkollha kontra qalbha tagħti ġisimha lil Tewfik, raġel maħmuġ u akbar minnha fl-età u li għalih l-idea ta' att sesswali hija gdim u qris. Il-bint, sakemm toħroġ mill-madmad tiegħu, tbati minn biża' kbir minnu, tant li waqt l-att sesswali sfurzat tagħha ma' Tewfik tammetti, "Hekk irid ix-xiħ, u lix-xiħ ma tistax tgħidlu le" (*Kimika* 47).

Fuq kollox, il-missier jidher awtur ta' ambjent tant degradanti li l-bint, minkejja l-ħarba tagħha minn daru u l-ħanut tiegħu, ma tista' qatt tkampa. Il-ħarba tagħha twaddabha fi ħdan nies daqstant ieħor b'karattru dubjuż, nies li t-tweġiba tagħhom għall-indinjità hija l-eroina. Fi ftit żmien issir dipendenti minnha hija wkoll u, fl-aħħar mill-aħħar, tispiċċa tinqatel, titpoġġa fil-boroż tal-plastik u tintefa' fil-baħar, lil hinn mix-xatt. Essenzjalment, it-tossiċità tal-missier tibqa' taħkem lill-bint anki meta din taħrab minnu.

Ħarba oħra ta' wild mid-dar terġa' tidher f'"In-Nies ta' maċ-Ċint" fl-aħħar ġabra, *L-Aqwa Żmien*. Għal darba oħra hija bint li taħrab mid-dar u huwa l-missier li jaħti għal din il-ħarba. Oħtha, li hija n-narratriċi, tistqarr li oħtha qed tinbidel u ma tagħtihiex tort għax missierha razzist. Il-missier huwa ppreżentat bħala raġel bla rispett, wieħed li jonfoħ id-duħħan tas-sigarett f'wiċċ bintu. It-tossiċità tiegħu taljena u tbiegħed lil uliedu minnu. Għaldaqstant, il-ħarba mid-dar ta' bintu l-kbira ssir inevitabbli u l-bint l-oħra tistqarr, "Forsi xi darba nitlaq jien ukoll" (*L-Aqwa Żmien* 36).

Għad li kull missier f'kull novella huwa individwu partikolari, jinħassu ħafna ħjut komuni bejniethom. Mal-ewwel daqqa t'għajn, il-missier jidher bħala l-kap tal-familja, il-figura awtorevoli. Imma bi ftit tħaffir joħroġ li din hija biss illużjoni, saħansitra fir-

relazzjoni tagħhom ma' wliedhom bniet. Waqt li fil-mitoloġija Nordika, Olley tikkummenta li l-bint hija dejjem fid-dell tal-missier u li l-missier għandu poter assolut fuq bintu, fil-każi msemmijin hawn qegħdin naraw missirijiet li qed jiġu umiljati minn uliedhom bniet (*Kinship* 67). Tnejn minn tlieta jitilqu mid-dar, jissugraw kollox basta ma jibqgħux jgħixu taħt l-istess saqaf tiegħu. Fil-każ ta' Sara Sue, għalkemm ma taħrabx mid-dar, tagħmel fattiha xorta waħda. It-twemmin tagħha jidher dijametrikament oppost għal ta' missierha li jimplika li huwa ma kienx kapaċi jinfluwenzaha. Il-vjolenza tal-missirijiet hija xhieda tal-frustrazzjoni li jħossu, ta' persuni li mhumiex kapaċi jipperswadu lil uliedhom jew lil ta' madwarhom u konsegwentement jirrikorru għall-uniku sors li jaħsbu li jista' jrebbaħhom ir-rispett. Iżda huwa evidenti li dan ma jiksbuhx. Il-missirijiet jidhru li jipprattikaw maskulinità li, kif jikkummenta Perry, għandha l-bżonn tad-dominanza u l-eqdem mod ta' kif tasserixxiha huwa permezz tal-forza (74).

Ir-relazzjonijiet bejn missier u bint ikomplu permezz ta' "Vjolini" fl-ewwel ġabra ta' I. Mifsud ta' dan is-seklu. In-narratur huwa missier, rarità oħra, minħabba li sa issa rajna l-aktar lill-missier minn għajnejn l-ulied, għajr fil-każ ta' Vella Gera. Huwa missier li jsir missier minħabba l-pressjoni kbira minn qrabatu. Ħutu li jħarsu lejh "bil-ħarsa tad-differenza" meta jkun għadu ġuvni u bla tfal u daqstant ieħor tippressah ommu, "Sib mara bil-għaqal u agħmlu kif għamilna aħna" (*Qabel il-Klabb* 419). Huwa missier li wara ftit snin ta' żwieġ, jitlaq mid-dar u naturalment il-ħin tiegħu ma' bintu jillimita ruħu, minkejja t-tentattiv tiegħu li jipprova jirbaħha permezz ta' avukat. Fil-verità, din it-telfa ma taffettwahx wisq. Mingħajr it-tifla ma' djulu, jista' jiffoka aktar fil-kumpanija li jaħdem fiha, li bis-saħħa tiegħu qiegħda dejjem tikber. Il-ħin li jibqa' jista' jagħtih lilu nnifsu u lill-maħbuba tiegħu, li x'aktarx hija r-raġuni ewlenija għaliex jitlaq lil martu u

omm bintu. Dan kollu jrendi r-relazzjoni tiegħu ma' bintu f'waħda artifiċjali. Meta t-temp ikun ikrah u qiegħed iberraq jaħseb fiha, iżda meta jkun barra l-pajjiż, jidher jintilef f'xogħlu, fil-laqgħat u f'nisa differenti. Ma jidhirx li jieħu r-ritratti li bintu titolbu biex la jkun Malta joqgħod jarahom magħha u l-uniku rigal li jixtri lil bintu huwa ors kbir tal-*For Ever Friends* li jixtri mill-ajruport stess u żgur fl-aħħar minuta. Il-kobor tiegħu jimplika li jrid jimpressjona lil bintu bih, għax iħossu ħati li mhuwiex daqstant preżenti fit-trobbija tagħha. Huwa missier li fl-aħħar mill-aħħar iħossu tellief, missier li jinsa li sa ftit qabel ried jaħrab ma' bintu biex iderriha ddoqq il-vjolin bħalma kien jagħmel f'żgħożitu u, minflok, jitlaq mill-pajjiż waħdu fi tfittxija għas-solitudni. Essenzjalment jabbanduna lil bintu u jikkonferma l-assenza tiegħu bħala missier.

Missier li xi ftit jew wisq joqrob lejh huwa l-missier f'"Laqgħa ma' Mara Morbi." Dan il-missier, bħal ta' qablu, huwa bla isem u separat. Bħalu jipprova jagħti l-impressjoni li huwa preżenti fil-ħajja ta' wliedu. Huwa veru li jmur jisma' lit-tifla ddoqq f'xi kunċert, imma jinħass kollox sfurzat, li jagħmel kollox għal għajn id-dover, wara kollox skontu, id-daqq tal-band tagħha, "Skoss storbju bla sens. Imma insomma, jekk ma mmurx jien tiddiżappunta ruħha ħafna" (*Kimika* 27). L-iben ixomm l-artifiċjalità tiegħu u ma għandux relazzjoni miegħu. Huwa wkoll missier li jagħti l-impressjoni li huwa modern, differenti mir-"Raġel tal-Familja" ippreżentat minn Vella Gera. Meta jsib kondom fil-handbag ta' bintu jieħu r-ruħ, imma, fl-aħħar mill-aħħar, meta bintu tavżah li se tiġi tgħix miegħu, x'aktarx wara argument ma' ommha, jieħu qatgħa għax jaf li hija responsabbiltà żejda u tista' żżommu minn iljieli fl-appartament tiegħu ma' nisa ħafna iżgħar minnu fl-età.

Dawn iż-żewġ missirijiet ifakkru fil-punt ta' Edley li jistqarr li, mid-disgħinijiet 'il hawn, daħal il-kunċett li missier ideali ma jkunx biss dak li sempliċiment iġib il-ħobża d-dar, imma li jkun aktar preżenti għal uliedu. Edley iżid li ħafna missirjiet ġodda ta' dan is-seklu jħossuhom aktar taħt pressjoni, dipressi u diżappuntati bl-esperjenza familjali tagħhom (12-13). Fil-fatt, għal dawn il-missirijiet, il-qligħ tal-għajxien jinħass bħala l-inqas problema għax it-tnejn li huma għandhom impjiegi bi dħul tajjeb. Hija l-preżenza li qed isibu diffiċli. Il-missier ta' dan is-seklu jidher li għandu ħafna aktar dmirijiet suġġettivi x'jaqdi mill-missier preċedenti, speċjalment f'ambjent li fih ħafna ġenituri ma għadhomx jgħixu taħt l-istess saqaf ta' wliedhom, bħall-każ tal-missirijiet fi "Vjolini" u "Laqgħa ma' Mara Morbi." Huma dawn id-dmirijiet suġġettivi li dawn il-missirijiet qed isibu diffiċli. Ma' dan irid jitqies il-fatt li, kif jikkummenta Edley, il-familja evolviet b'modi differenti, speċjalment b'aktar separazzjonijiet, iżda hija r-relazzjoni ta' bejn il-missier u wliedu li l-aktar li nbidlet minħabba li l-maġġoranza kbira tal-ulied xorta jibqgħu jgħixu taħt l-istess saqaf ma' ommhom (98). Għalhekk, din ir-relazzjoni ġiet affettwata anqas. Min-naħa l-oħra, ir-relazzjoni bejn il-missier u l-ulied tinbidel drastikament minħabba li din trid tiżviluppa minn distanza.

Minkejja dawn il-problemi, Edley jistqarr ukoll li hija l-paternità li tagħti status uniku lir-raġel, kif ukoll tifsira ġdida lil ħajtu (109). Dan joħroġ f'żewġ karattri differenti f'"Il-Lejl l-Iswed taċ-Ċief" mill-ġabra *Kimika*. Fiha hemm raġel li jitlaq lill-maħbuba tiegħu għax iċċaħħdu milli jsir missier permezz ta' abort u għax ma jaċċettax li bħala raġel ir-rieda tiegħu ma tkunx finali. Ir-raġel l-ieħor, minkejja l-qbil ma' martu li jistennew sakemm ikollhom it-tfal, f'salt wieħed iħoss urġenza qawwija biex isir missier, bħallikieku

hija din l-unika raġuni li għaliha żżewweġ. Kultant, in-nisa tagħhom jinħassu sempliċiment vejjikoli biex jagħmluhom missirijiet.

Fin-novelli ta' I. Mifsud, bħal dawk ta' awturi oħrajn, l-assenza tal-missier tispikka u għandha sfumaturi differenti. Fuq kollox, f'I. Mifsud, teżisti assenza li tħalli konsegwenzi traġiċi. Fil-każ ta' "Zerafa" mill-ġabra *Kimika,* il-missier huwa assenti, l-iben ma jafx min huwa u dan huwa nuqqas ta' għarfien li jitturmentah. Sforz in-nuqqas tal-missier, l-iben iqatta' tfulitu f'dar ma' nanntu u zijuh u dan tal-aħħar jabbuża minnu sesswalment. In-nuqqas ta' missier jidher li jħallih bla ankra, mitluf. Ħinu l-iskola jqattgħu jiekol il-gomom u l-lapsijiet u huwa suġġett għal żebliħ kontinwu. Ir-rabja tiegħu għal dan kollu jesprimiha b'sadiżmu, bħall-ħruq ta' qattus ħaj. Maż-żmien, minn wieħed abbużat, jinbidel f'pedofelu u stupratur. In-nuqqas ta' għarfien tal-missier jibqa' jittormentah sal-ħajja adulta tant li, meta sieħbu jissuġġerixxi li x'aktarx kien wieħed mill-klijenti ta' ommu prostituta, dan ir-raġel, li s-soltu maċista, iħalli d-dmugħ jisponta minn għajnejh. Imqar b'referenza lejn ommu u missieru permezz ta' espressjoni bħal "Għar-ruħ ommok u missierek," il-protagonista jinfixel u jirrispondi bi vjolenza u theddida ta' stupru ta' minorenni (*Kimika* 94). Fit-tfittxija aħħarija tiegħu għal missieru, mal-qaħħab ta' ommu, ma jiħux sodisfazzjon u l-konklużjoni għal dan id-diżappunt huwa l-qtil. Bħalma minn abbużat jinbidel fi stupratur, minn qattiel jispiċċa maqtul, vittma tal-persuna li hedded li se jistupralu lil ibnu – bl-istess ammont ta' daqqiet ta' strument bil-ponta – tnejn u għoxrin.

L-assenza tal-missier terġa' tispikka f'"Rubi," mill-istess ġabra. Din id-darba l-missier huwa assenti minħabba sentenza ta' priġunerija u l-bint, simili għal Zerafa, tidħol

fl-adolexxenza u l-adultezza mingħajr ankra u tiżvija għalkollox. L-unika risposta li ssib għal dan hija d-drogi u, eventwalment, il-prostituzzjoni. F'"Anne u Sylvia," minn *Stejjer li ma Kellhomx Jinkitbu*, il-protagonista qed tikkontempla suwiċidju u ftit mumenti qabel kellha twettaq l-att finali tagħha, taħseb fit-tluq ta' missierha f'punt bikri f'ħajjitha. Dan jissuġġerixxi li din l-assenza hija waħda mill-għeruq tal-problemi tagħha.

F'"Il-Lejl l-Iswed taċ-Ċief," il-kuntrast bejn ir-relazzjoni ta' bint ma' ommha u dik ma' missierha toħroġ fil-beraħ. Il-bint tiddeskrivi l-aħħar lejl qabel iż-żwieġ tagħha bħala, "l-isbaħ lejl ta' ħajti" (*Kimika 22*), minħabba li fih torqod mgħannqa ma' ommha. Min-naħa l-oħra, driegħ missierha li jtellagħha fuq l-altar tiddeskrivih bħala, "barrani li qatt ma għaraft" (*Kimika* 22).

F'"Ultras," il-missier rarament jissemma. Il-protagonisti bħala ultras, skont Mark Vella, huma mal-ewwel daqqa t'għajn sottoproletarji, li l-teatralità tas-sapport tagħhom tinvolvi xeneġġjar ta' vjolenza u l-użu tad-dagħa u l-kliem ħażin (141). Minkejja din l-imġiba maċista, hija l-omm li tissemma l-aktar. Hija omm il-Bululu li tqum u ssib lil binha mejjet b'overdose; David jieħu lil Toni "għand ommu" minħabba l-qagħda ħażina li jinsab fiha sforz l-alkoħol u l-pirmli; u David innifsu jippretendi li tiftaħ ommu meta l-qanpiena tal-bieb tindaqq mill-pulizija. Il-missier jissemma biss meta David jirredikola lil Toni, l-antagonist tiegħu, li lanqas biss jaf min huwa missieru. Il-missier jissemma biss fl-istqarrija ta' David li, "Missieri hekk darrieni. *Tħallihomx jitnejku bik. Int raġel u uri lil kulħadd li int raġel! Qed tifhimni*?" li timplika reverenza lejh, simili għal dik li tidher fin-novella "Li Tkisser Sewwi" ta' Vella Gera (*Qabel il-Klabb* 367). Hija wkoll implikazzjoni li t-tossiċità tal-maskulinità tgħaddi mill-missier għall-iben, speċjalmet fost klassi ta' nies li,

kif jikkummenta Vella, huma f'qagħda li fiha jibqgħu "dipendenti u anke marbutin sfiq ma' ambjent li qajla jistgħu jimmaġinaw li qatt joħorġu minnu, la f'sens fiżiku u lanqas b'kunsiderazzjoni ta' tranżizzjoni jew aspirazzjoni klassista" ("Jista' Jmur Jiffonda" 150).

Assenza bi sfumatura oħra hija dik f'"Efrem." Din id-darba, il-missier ma jidhirx li jabbanduna lil uliedu, imma hija l-omm li tieħu lil binha 'l bogħod minnu, bi qrabatu min-naħa ta' ommu, partikolarment in-nanna, li jridu jnessuh min huwa missieru. Hija assenza li għall-bidu ma tixprunax lill-iben għat-tiftix, tant li jmur lura Malta wara ħafna snin u wara l-mewt ta' missieru. Hemmhekk jistqarr, "Efrem missieri. Irrid nagħmel sforz biex niftakru dan," stqarrija li jtenni lejn l-aħħar tan-novella (*Stejjer* 141). Imma, fl-aħħar mill-aħħar, it-toqol tal-missier u tad-distanza ta' bejniethom toħroġ fit-tmiem tan-novella, meta l-protagonista bla isem jinfaqa' jibki fi ħdan il-maħbub tiegħu, suġġeriment li minkejja t-tbegħid minn missieru, il-figura paterna tħalli fih impatt u ħsus kontradittorji.

Huwa mbagħad f'"Raġel Żgħir" f'*L-Aqwa Żmien* li l-assenza tal-missier tfakkar fin-nuqqas tal-missier f'novelli tar-Realisti. Din id-darba, in-nuqqas tiegħu, kuntrarju għal kif jidher f'novelli ta' Mejlak, fejn il-familja tibqa' għaddejja xorta mingħajru, iħalli effetti kbar. Huwa nuqqas li jitfa' lill-omm u lil binha fi prekarjetà kbira, jispiċċaw jitkeċċew mid-dar u wara ljieli jorqdu f'karozza, l-uniku refuġju li jsibu huwa f'garaxx.

Fl-ewwel żewġ rumanzi ta' I. Mifsud, *Jutta Heim* u *Fid-Dlam tal-Lejl Ħarisna,* għal darba oħra tispikka r-relazzjoni bejn il-missier u l-bint li, kif irrimarkajt qabel, ftit li xejn tidher fix-xogħlijiet preċedenti imma hija kostanti fin-novelli ta' I. Mifsud. Tabilħaqq, fl-

ewwel rumanz tiegħu, *Jutta Heim*, ir-relazzjoni bejn il-missier u l-bint hija esklużiva minħabba li l-protagonist, Erik, huwa l-missier u għandu bint waħda, Mildred.

Fil-bidu tar-rumanz, fi żmien meta l-familja tkun għadha sħiħa, Erik ifakkar fil-missier tan-novella "Vjolini." Wara safra f'Berlin, fi żmien meta din il-belt kienet għadha maqsuma b'ħajt, il-missier iżid mara fil-lista ta' akkwisti tiegħu – Jutta Heim u, bħal biex ipatti għan-nuqqas ta' fedeltà tiegħu lejn omm bintu, jixtrilha teddybear kbir li, sforz in-narċissiżmu tiegħu, jissuġġerixxi lil bintu biex issemmih Erich, ismu bil-Ġermaniż.

Il-familja ma ddumx sħiħa u l-missier malajr jispiċċa l-uniku ġenitur li jgħix taħt l-istess saqaf ma' bintu. Madankollu, minkejja din l-esklużività, il-missier huwa indubbjament assenti. Wara li l-omm Ingliża tiddeċiedi li tmur lura lejn pajjiżha u tħalli lil bintha warajha, il-missier bl-ebda mod ma jipprova jxammar il-kmiem u jagħmel tajjeb għan-nuqqas tal-omm f'ħajjet bintu. Minflok, jitfa' ħafna mir-responsabbiltà tiegħu fuq oħtu li kważi kważi tispiċċa trabbiha hija, "Imnalla hemm zitha xebba li tħobbha minflok nannitha u daqs li kienet tagħha" (*Jutta* 74). Din l-assenza hija kkonfermata diversi drabi matul ir-rumanz. In-narratur jistqarr, "Ma għexetx miegħu Mildred, imma ma' zitha" (*Jutta* 93), u lejn l-aħħar ta' ħajtu jammetti li:

> minkejja li kien huwa li raha l-ewwel darba, qagħad wisq mingħajrha u l-akbar jiem f'ħajjitha ma jafhomx. Ma jafx, pereżempju, meta saret mara, meta tgħallmet, meta bieset l-ewwel ġuvni, ma' min raqdet l-ewwel darba u kemm kellha żmien, għala qatt m'għexet ma' missier bintha. Ma jaf xejn minn dan (*Jutta* 100).

Din l-assenza hija wkoll ikkonfermata mill-bint innifisha. F'konverżazzjoni miegħu, meta lejn l-aħħar ta' ħajtu jitwebbel imur Berlin biex ifittex lil Jutta Heim, il-bint tistqarr miegħu, "Hemm ħafna affarijiet li jiena ma nafhomx, pa. Ħafna. Ħafna affarijiet li għandi nsir nafhom imma jien qatt ma staqsejtek" (*Jutta* 103). Pereżempju, il-missier qatt ma jiżvela l-unika raġuni għaliex se jivvjaġġa lejn Berlin. Il-bint tinħass imweġġgħa minn din id-distanza, hija mimlija mistoqsijiet li jitturmentawha imma li qatt ma ssib tweġibiet għalihom, b'dik ewlenija tkun għaliex telqet ommha. Hija wkoll bint li tinħass iddispjaċuta li minkejja li missierha jivvjaġġa regolarment, qatt ma jeħodha miegħu. Hija pjuttost konvinta li jivvjaġġa biex jiltaqa' ma' nisa diversi li dawn dejjem jiġu qabilha, u għar-risposta ta' missierha li jħobb jivvjaġġa waħdu, twieġeb, "Għax dejjem kellek ma' min tiltaqa' forsi?" (*Jutta* 105). Is-segretezza tal-missier fir-relazzjonijiet tiegħu, hija sors ieħor ta' wġigħ għall-bint. Tħossha mweġġgħa li lejn l-aħħar ta' ħajtu jinsab f'relazzjoni u ma jlaqqagħhiex mal-persuna ġdida f'ħajtu u, agħar minn hekk, li ħafna drabi ssir taf b'ċertu relazzjonijiet tiegħu għax jgħaddi minn għala widnejha s-seksik ta' sħabu fit-teatru.

Din id-distanza bejn il-missier u l-bint tirrifletti wkoll l-assenza ta' missier Erik f'ħajjet il-protagonista. Għad li Erik kien preżenti ħdejn is-sodda ta' missieru f'mewtu, joħroġ ċar li t-tnejn ftit li xejn kienu preżenti f'ħajjet xulxin. In-narratur jippreżenta xena ftit qabel mewt missier Erik, li fiha jkunu flimkien u dwarha jikkummenta, "Kienu qegħdin iħarsu 'l barra, f'wieħed mill-mumenti l-aktar mhux tas-soltu għat-tnejn li kienu" (*Jutta* 46). Minkejja li d-dell tal-missier jibqa' tqil fuq Erik tant li, meta fl-1987 jiddeċiedi li jivvota lill-Partit Nazzjonalista, jistħajjel lil missieru jiċċassa lejh fil-kabina, id-differenza bejn it-tnejn hija tremenda (*Jutta* 60). Wieħed jidher li lest ibati għall-prinċipji tiegħu,

bħall-interdett minħabba t-twemmin Soċjalista tiegħu, l-ieħor, Erik, huwa bniedem li l-egoiżmu tiegħu jisboq kwalunkwe prinċipju. Fil-fatt, minkejja li jħossu mbiegħed mill-Partit Laburista, jaċċetta xorta waħda li jkun parti mill-kampanja elettorali tiegħu. B'mod parallel, il-bint ukoll tidher differenti ħafna minn missierha u Erik innifsu jikkonferma dan, "Ma ħriġtx tixbahna, Mil" (*Jutta* 109). Is-sens ta' determiniżmu li joħroġ f'xogħlijiet oħra bħal ta' Nabhan, f'dan il-każ huwa mxejjen.

Edley jistqarr li l-paternità tagħti status uniku lir-raġel u miegħu tifsira ġdida lill-ħajja ta' raġel (109). F'xi novelli ta' I. Mifsud, jeżistu rġiel li jaraw lin-nisa tagħhom bħala vejjikoli biex jagħmluhom missirijiet. Iżda fil-każ ta' Erik, jidher li l-paternità tiġi ħabta u sabta fuqu u ma jkunx lest għaliha. Għalih, il-paternità tfisser aktar minn kollox żwieġ sfurzat ma' mara u waqt li għall-bidu bintu tkomplilu l-kuruna, "il-fossa l-kbira fil-kuruna tar-Re Erik," din il-fossa malajr titlef il-faxxinu tagħha, u jitlaqha f'idejn oħtu (*Jutta* 92). Erik jidher jagħżel li, bħalma jikkummenta Recalcati b'mod ġenerali, jirrikonoxxi l-ħajja ta' bintu bħala, fuq kollox, ħajja oħra, ħajja li hija stranġiera, distinta u differenti u impossibbli li jifhem, minkejja li kien raġuni ewlenija għall-eżistenza tagħha (*Son's Secret* 2). Imma l-mistoqsija li toħroġ minn dan kollu hija, Erik żamm distanza minn bintu biex iħalliha tiffjorixxi waħedha mingħajr dellu, jew sempliċiment minħabba nuqqas ta' responsabbiltà?

Lejn l-aħħar ta' ħajtu, Erik juri dispjaċir li bintu ma kinitx daqstant f'ħajtu. Meta minn fuq is-sodda tal-mewt, jisma' lil bintu tlissen "papà," "Jixtieq tant jiftaħ għajnejh ħa jaraha. Jixtieq ħafna imma ma jistax" (*Jutta* 138). Bħal fir-relazzjoni tiegħu ma' missieru, ir-rieda għall-qrubija tasal tard wisq.

Fir-rumanz *Fid-Dlam tal-Lejl Ħarisna*, terġa' tiġi ppreżentata ambjentazzjoni mill-Ewropa tal-Lvant, b'karattri minn din il-parti tad-dinja. Wieħed minn dawn il-karattri huwa Stojan Kurepa li huwa missier. In-narratur jiffokalizza għall-ewwel darba fuqu minn għajnejn l-ewwel mara tiegħu. Huwa deskritt bħala missier li jabad u jitlaq mingħajr kliem, mingħajr ma' martu u wliedu isiru jafu x'sar minnu jew għaliex jitlaq (*Fid-Dlam* 15). Kurepa jerġa' jfeġġ bħala poeta li jmur jaqra fir-raħal ċkejken ta' Jelka. Wara l-qari jieħu lill-istess Jelka fil-kamra fil-lukanda biex iqatta' lejl magħha u jieħu vantaġġ minn din il-persuna vulnerabbli. Bħal Erik, huwa raġel adulteru li ftit jew xejn għandu rispett lejn l-akkwisti tiegħu. Min-naħa tagħha, Jelka, li aktar tard tispiċċa tirbaħ il-Premju Nobel, hija persuna li tgħix ma' ommha biss, mingħajr missier u, bħalma Kurepa huwa missier assenti, daqstant ieħor Jelka għandha missier assenti f'ħajjitha.

Fl-ambjent Malti tar-rumanz, teżisti assenza tal-missier minħabba r-rieda tal-omm. Christabelle hija inċerta min huwa missier bintha, minħabba atti sesswali ma' żewġt irġiel differenti fi ljieli qrib xulxin ftit qabel it-tqala tagħha – l-għarus tagħha ta' dak iż-żmien u persuna oħra li torqod magħha darba wara festin. Imma jinħass ċar li hija deċiżjoni ta' Christabelle li trabbi lil bintha waħedha mingħajr indħil ta' missier. L-avvanzi xjentifiċi setgħu kkonfermaw min huwa l-missier mingħajr wisq xkiel, imma Christabelle qatt ma tirrikorri għalihom. Din il-mara tidher li trid tkun omm li ttella' lil bintha waħedha, b'mod indipendenti, mingħajr l-influwenza tal-missier. Jane Juffer tikkummenta li l-irwol ta' omm mingħajr sieħeb huwa stat ta' possibbiltà ta' libertà: libertà miż-żwieġ, libertà mill-istigma ta' twelid barra s-sagrament taż-żwieġ, libertà li jkollok persuni differenti li magħhom ikollok rapporti sesswali, u libertà li ttella' lil uliedek b'mod alternattiv (10). L-attitudni ta' Christabelle tidher ukoll bħala ribelljoni

kontra l-patrijarkat minħabba li, kif tikkummenta l-istess Juffer, iż-żwieġ għandu għeruqu fil-kontroll tal-prodotti ta' xenqiet sesswali – it-trabi – li kienu jsiru proprjetà tar-raġel (11). Ħafna snin qabel, Engels ukoll jikkummenta li l-familja monogama hija msejsa fuq is-supremazija tar-raġel, bl-għan ewlieni tagħha li tipproduċi wlied b'paternità ċerta, ħalli aktar tard jakkwistaw il-proprjetà ta' missierhom bħala eredi naturali (90).

Minkejja dan kollu, Christabelle, bħala bint, tidher li għandha aktar simpatija lejn missierha milli lejn ommha. Ommha tikkummenta li, waqt li lilha kienet tirrispondiha ħafna, lil żewġha, jiġifieri missier Christabelle, "kienet iġġibu ħafna. Kienet tħobbu" (*Fid-Dlam* 66). Darba oħra tgħid dwarha, "Forsi xi kultant tiġi tarani ftit – mhux lili; tiġi tara lil missierha" (*Fid-Dlam* 69). Dan jerġa' joħroġ minn lenti aktar newtrali, fl-episodju li fih Christabelle tgħid lil familtha li ħarġet tqila barra ż-żwieġ. L-omm tirreaġixxi bil-biki, sinjal ċar ta' xokk u nuqqas ta' aċċettazzjoni. Min-naħa l-oħra, il-missier iżomm il-kalma u juri simpatija lejha u wara li joffrilha xi ikel, biex iżjed ikisser l-istraordinarjetà tas-sitwazzjoni, u jispiċċaw jitbissmu lejn xulxin. Dan jikkuntrasta qatigħ ma' missier Sara Sue, li r-risposta għat-tmiem tar-relazzjoni ta' bintu tkun il-vjolenza. Madankollu, hija l-omm li tinħass l-aktar preżenti f'ħajjitha. Fl-ewwel xhur tagħha bħala omm, hija ommha li tippreżenta ruħha biex tieħu ħsieb lil bintha meta ma tkunx tista' torqod. Il-missier rieqed ikun u rieqed jibqa', 'il bogħod minn dawn il-problemi għax huwa jrid iqum għax-xogħol filgħodu. Huwa implikat li dmiru limitat għal li jaqla' l-għajxien ta' kuljum u problemi bħal dawn għandha tieħu ħsiebhom l-omm. Jidher li anki fi tfulitha, is-sitwazzjoni kienet simili. Christabelle nnifisha tammetti, "Jiena dejjem tajtha l-battikati," u b'din l-istqarrija tissuġġerixxi li dejjem kienet l-omm li ħabbtet wiċċha mal-problemi tagħha aktar milli missierha (*Fid-Dlam* 79).

Jinħass li forsi din is-simpatija lejn il-missier hija dovuta għall-fatt li huwa preżenti ħafna anqas f'ħajjitha u dan iwassal għal element ta' idealizzazzjoni, simili għal Telemakus f'*L-Odissea*, li sforz is-snin twal mingħajr missier dejjem immaġinah biss bħala eroj. Hija saħansitra tiskolpah minn kull ħtija meta lejla minnhom, fiż-żmien li ommha tinħakem mid-dimensja, huwa joħroġ mid-dar biex iqatta' lejl għand il-maħbuba tiegħu. Imma l-fatt li tiddeċiedi li trabbi lil bintha waħedha, mingħajr ma tirrikonoxxi lill-missier bijoloġiku, jimplika li għaliha l-ħelsien ta' dan l-istil ta' ħajja li talludi għalih Juffer huwa aktar importanti milli tipprovdi missier lil bintha u b'din id-deċiżjoni teħodha kontra l-patrijarkat u ċċekken l-irwol tal-missier fil-familja.

Fl-aħħar rumanz ta' I. Mifsud, *Filli Ma Tcun Xein, Filli Tithol Fl'Esistenza*; il-missier huwa rrakkontat permezz tal-analessi u, awtomatikament, jinħass ħafna inqas preżenti u distanti. Minkejja li huwa ppreżentat mill-imgħoddi, ma tinħass ebda nostalġija lejh. It-tbegħid bejnu u bejn l-iben huwa ċar. L-iben jaċċetta li missieru kien jippreferi lil oħtu minnu, u min-naħa tiegħu, jistqarr skjettament li l-mewta tiegħu ma taħsdux. Il-missier jidher li jħalli impatt minimu fuq ibnu. Ħajjithom huma opposti għal xulxin; il-missier huwa ħaddiem tal-id, l-iben f'pożizzjoni maniġerjali f'kumpanija. Il-missier qatt ma jirbaħ ir-rispett ta' ibnu. Huwa raġel li ħafna drabi, minbarra li huwa stramb jidher bħala tellief u mingħajr awtorità. Bħala tarznar Nazzjonalist huwa mwarrab mill-bqija tal-kollegi fuq ix-xogħol u, aktar minn hekk, jidher bħal tifel tal-iskola bbuljat. Anki ma' martu jidher tellief u mingħajr awtorità, "Id-dar dejjem trejjaħ il-ħut: missieri jitolbok iċ-ċanga u l-majjal u int taqliblu l-fanfri mal-patata mgħollija jew il-lampuki fi tmiem is-sajf" (*Filli Ma Tcun Xein* 52-53). Huwa wkoll missier simili għal dawk fin-novelli "Laqgħa ma' Mara Morbi" u "Vjolini" minħabba li huwa raġel li jipprovdi l-ħobża ta' kuljum, "dejjem jistinka

u jaqta' bi snienu" imma fl-istess ħin mhuwiex preżenti għall-familja (*Filli Ma Tcun Xein* 53). Misterjożament, kull nhar ta' Sibt filgħaxija, il-jum li l-aktar mistenni li jkun mal-familja, joħroġ għal rasu u jilbes b'mod li ma jingħarafx, b'nuċċali li jagħmlu jidher qisu tabib u bil-ġlekk, bħal qisu jrid jinsa li huwa jappartjeni għall-klassi tal-ħaddiema. Fuq kollox, l-"irġulija" tiegħu hija mminata bl-adulterju ta' martu.

I. Mifsud, flimkien ma' dawn il-ġabriet ta' novelli u rumanzi jikteb ukoll memoir, *Fl-Isem tal-Missier (u tal-Iben)* ibbażat fuq id-djarju ta' missier l-awtur u, madwaru, I. Mifsud joħloq rakkont sħiħ minsuġ ma' osservazzjonijiet.

Fil-bidu ta' dan il-memoir, I. Mifsud jippreżenta lilu nnifsu bħala iben u lejn l-aħħar bħala missier. Dan jippermetti li tingħata stampa ta' din il-figura miż-żewġ naħat tal-munita. Il-missier huwa ppreżentat bħala raġel maċista, raġel mill-klassi tal-ħaddiema li minkejja li jġorr mankament mill-gwerra, ma għandu ebda dubju dwar l-awtorità tiegħu fil-familja. Ifakkar fit-tip awtoritarju fix-xogħol ta' Fromm, li talludi għalih Connell, tip li involut b'mod attiv fiż-żamma tal-patrijarkat, konformi lejn l-awtorità li ġejja minn min huwa fuqu, aggressiv lejn dawk taħtu, persuna li tiddomina l-familja u b'moralità konservattiva (18). Għalih, il-patrijarkat huwa primordjali, xi ħaġa naturali. Huwa raġel li jbigħ l-istejjer ta' maskulinità lil ibnu, u martu dejjem tagħmel kif jgħidilha hu. Fid-djarju tiegħu darba kiteb, "Il Familja ghanda tkun taħt il Kmand tal Missier: Jekk ir ragel ikun tigiega u il Mara tqun Serduq allura il Familja tkun ta taħt Fuqq" (*Fl-Isem tal-Missier* 48). I. Mifsud jiddikjarah ukoll bħala:

> il-kap tal-familja, ir-rajjes, il-mexxej, dak li jista' kollox, ir-raġel, il-fallu potenti li kulħadd iħares lejh bil-qima. Minkejja li ma kienx fik wisq. Minkejja l-mankament li kompla jqassrek. Int kont il-veteran tal-Gwerra, dekorat bil-midalji li dendlitlek fuq sidrek il-Brittanja għas-servizz, għal-lealtà, fuq kollox għall-kuraġġ li wrejt tul l-aħħar assedju (*Fl-Isem tal-Missier* 48).

Huwa missier li ma jistax jaċċetta li ibnu jibki jew jibża', għax la l-biki u lanqas il-biża' mhuma sinonimi mal-irġiel, "Ma rridekx tibża', fhimt? Qisek babbu tagħmel. U ma rridekx tibki mix-xejn. Qisek pastizz. Tifel bħalek imissek kulħadd jibża' minnek" (*Fl-Isem tal-Missier* 60). Jidher li dan kollu huwa parti minn illużjoni li qed jipprova jbigħ lil ibnu għax, fil-verità, huwa stess ukoll jibki. Jibki mingħajr ma juri, imma xorta waħda jibki, kif l-iben jirrealizza darba waħda meta jkunu fiċ-ċimiterju ħdejn il-qabar tal-familja. Dan ifakkar fl-istqarrija ta' bell hooks li tgħid li, l-irġiel ma jingħatawx l-ispazju emozzjonali biex jitnikktu u jesprimu n-niket ta' ħajjithom (137-139). L-irġiel għadhom sa issa jiġu mgħallma biex iżommu kollox ġo fihom u agħar minn hekk jiċħdu li jixtiequ jibku. Il-missirijiet ma jistgħux jaqsmu ma' wliedhom il-biżgħat tagħhom għax jibżgħu li ma jilħqux l-aspettattivi ta' wliedhom lejhom.

Tabilħaqq, għal I. Mifsud dan il-maċiżmu mhuwiex ġenwin, huwa sempliċiment teatralità. Fuqu nnifsu jistqarr, "Miegħek irreċtajt parti twila, dik il-parti li dderiġejtli int. Int kont ir-reġista, jien kont l-attur prinċipali" (*Fl-Isem tal-Missier* 64).

Matul ir-rakkont, jinħassu wkoll ħsus ta' missier u iben li minkejja li jgħixu taħt saqaf wieħed, jgħixu f'dinjiet differenti u dan jagħmilha diffiċli biex jifhmu lil xulxin.

Minbarra l-maskulinità tal-missier, li l-iben isib aborrenti, għax għalih li tkun raġel tfisser affarijiet differenti milli jfissru għal missieru, huma żewġ persuni b'gosti differenti. Ngħidu aħna, waqt li l-missier ftit li xejn jaf jikteb, kif jidher mid-djarju tiegħu, l-iben x'aktarx jesprimi lilu nnifsu l-aħjar bil-kitba. Fil-fatt, jgħid lil missieru, "Taf kemm irnexxieli nagħmel stejjer li qatt ma ħlomt li dak il-bikkej ibnek għad jagħmel?" (*Fl-Isem tal-Missier* 64). Dan talludi għalih ukoll Annie Ernaux fil-memoir tagħha dwar missierha, *A Man's Place*, li fih tikkummenta li missierha kien jiddejjaq jaraha tistudja l-jum kollu u kien iwaħħal fil-kotba meta jkollha burdata ħażina. Għalih, l-istudju kien sempliċiment mezz biex issib xogħol diċenti. Il-fatt li kienet tabilħaqq tieħu gost tistudja kien iqisu suspettuż u li minħabba fih qed tħassar l-aħjar żmien ta' ħajjitha (54-55).

Min-naħa tiegħu, bħala missier, l-awtur mill-ewwel juri d-differenza bejnu u missieru. Ftit mumenti wara t-twelid ta' ibnu, xħin iċempel biex jagħti l-aħbar lil dawk qribu, minflok jitkellem, jibki fil-miftuħ u, indubbjament, jiddikjara l-vulnerabbiltà tiegħu. Huwa wkoll missier li jammetti li qata' r-rabta bejn ibnu u ommu, permezz tal-qtugħ tal-kurdun. Huwa missier li, fl-ewwel jiem ta' ibnu, jinsab affaxxinat mis-saħħa ta' din il-ħlejqa żgħira u t-tgedwid tal-poeżiji tiegħu. Fl-istess ħin jammetti għira lejn omm ibnu, għax huwa ċar li ibnu jippreferi lilha u, minkejja dan il-faxxinu tiegħu bih, javżah li mhux se jċedilu lil ommu għax daqsu jridha huwa. Fl-aħħar mill-aħħar din hija l-liġi tal-missier, liġi li minkejja li mhux komdu biha, li bata minnha, tibqa' preżenti f'ħajtu, anki issa li nqalbu l-irwoli.

I. Mifsud, bħala iben ikompli jippreżenta l-eżistenza tat-tensjoni bejn il-missier u l-ulied. Jerġa' jippreżenta wkoll missier li ma jħallix wisq influwenza fuq ibnu, kif jidher

fid-differenzi kbar bejniethom. L-impressjoni tal-missier li għandu awtorità sħiħa fuq ibnu tisfuma f'illużjoni. Simultanjament, ixejjen il-filosofija tad-Determiniżmu, minħabba li l-iben mhux talli ma jimxix b'mod awtomatiku fuq il-binarji tal-missier, imma jagħżel binarji li jmorru f'destinazzjonijiet opposti minn dawk li xi darba kienu tal-missier.

B'mod ġenerali, il-kitbiet ta' I. Mifsud jirrappreżentaw missirijiet li ma jirnexxux fl-irwol tagħhom. Jeżistu missirijiet li jidhru awtorevoli, imma l-unika lingwa tagħhom hija l-vjolenza. Dan iwassal lill-ulied jirrinunzjaw il-preżenza ta' missierhom minn ħajjithom billi jitilqu minn darhom. Missirijiet oħra li mhumiex vjolenti u li jidhru ideali minħabba li kapaċi jaqilgħu l-għajxien għall-familja jidhru jsibu l-aspettattivi moderni fuqhom tqal wisq u t-tluq tagħhom mid-dar iħallihom missirijiet inċerti minn x'inhu mistenni minnhom. Missirijiet oħra jagħmlu fjask permezz tal-assenza tagħhom, iħallu lil uliedhom bla ankra u fi tfittxija eterna għalihom, b'effetti katastrofiċi.

Jinħass ukoll li, kif tikkummenta Nina Power, fil-verità dan huwa żmien li fih teżisti kriżi ta' missirijiet. Prattikament il-missirijiet huma ineżistenti, minkejja li nħossu li għadna m minn strutturi patrijarkali inviżibbli. Imma dawn huma biss fatati ta' missirijiet passati (40). Il-missirijiet jew huma assenti, assenza li tħalli effetti katastrofiċi fuq l-ulied, jonkella huma preżenti, imma l-ulied iħossuhom distanti minnhom b'mod li ftit jew xejn jeżisti affezzjoni bejniethom. L-ulied la jħossuhom protetti minnhom u anqas u anqas influwenzati minnhom.

# 4. Il-Missier fil-Poeżija tal-Kittieba Rġiel

F'dan il-kapitlu qed indawwar ħarsti fuq il-poeti rġiel ta' dan is-seklu li wkoll ippreżentaw diversi devjazzjonijiet mill-prinċipji proposti mill-ġenerazzjoni ta' qabilhom (Agius; Borg; Demarco).

## 4.1. Adrian Grima

Fil-korp poetiku tiegħu, Grima jippreżenta ruħu kemm bħala iben u kemm bħala missier, b'korp mifrux fuq aktar minn għoxrin sena li fihom dawn l-irwoli narawhom jinbidlu u jiżviluppaw. F'*Rakkmu*, il-missier jiġi ppreżentat għall-ewwel darba b'"Missieri Jistenna s-Sema Blu." Fiha, il-missier huwa ppreżentat fi stat vulnerabbli, fuq sodda fi sptar, bi dripp imqabbad ma' driegħu. Huwa missier li jista' biss jistenna s-sema blu li jista' jara biss minn tieqa n-naħa l-oħra tas-sala ta' fejn qiegħda soddtu. Huwa għalhekk missier b'destinu mhux f'idejh. Huwa t-tabib li jista' joħorġu minn din is-sala u b'hekk ikun jista' jħares u jgawdi s-sema blu fil-miftuħ imma, għall-inqas, għandu tama li xi darba se joħroġ barra biex jimxi taħt dak is-sema. Meta l-missier jerġa' jiġi rrappreżentat, fil-ġabra sussegwenti *Klin u Kapriċċi oħra*, it-tama tidher sfumata għalkollox u issa baqa' biss il-mewt tistennieh. Fil-poeżija "Sebgħin Sena Tbenġil," hija l-vulnerabbiltà li tibqa' tispikka. L-ambjentazzjoni hija simili wkoll għax il-missier hu għal darba oħra, ippreżentat fuq sodda f'sala fi sptar. Id-dripp jerġa' preżenti, bħallikieku l-missier u dan l-oġġett ma jgħaddux mingħajr xulxin, konferma ta' qagħda vulnerabbli, ta' persuna li għandha bżonn il-mediċina b'mod dirett, x'aktarx kimoterapija minħabba li qed "jivvalenah." Mal-vulnerabbiltà tal-missier, din id-darba tiżdied l-umiljazzjoni, "Il-possibbiltà ta' purtiera /

għal sodda numru tnax f'sala numru tlieta / tumiljak" (vv. 12-14). Il-qagħda tiegħu f'sodda tagħmlu indifensibbli, suxxettibbli għat-tneżżigħ tar-reputazzjoni tiegħu li titneżża' mill-ingwanti tal-lastiku tal-infermiera u t-tobba. Xi darba kien b'saħħtu, indipendenti, iżda issa sar persuna li ma tistax tgħin lilha nnifisha. Anki l-mistoqsija ta' ibnu jekk jistax itellagħlu saqajh tista' tiġi interpretata bħala umiljazzjoni – "Kemm kemm taċċetta umiljazzjoni oħra" (v. 22) – li tagħti ħjiel li dan il-missier, xi darba kien raġel kburi, x'aktarx meqjus il-kap, ir-raġel li jtella' saqajn it-tfal u mhux bil-maqlub, bil-kontroll ta' ħajtu f'idejh. Grima jippreżenta lilu nnifsu bħala iben daqstant ieħor vulnerabbli. Kulma jista' jagħmel itellagħlu saqajh kontra qalbu, mirbuħ minn inerzja quddiem sitwazzjoni straordinarja.

Din il-vulnerabbiltà tkompli saħansitra wara mewtu. F'"Il-Patrimonju tal-Missier," titlu pjuttost ironiku, il-missier ma jħalli ebda medalji warajh, li l-ulied jistgħu jilbsu bi kburija. Minflok, l-uniku patrimonju konkret li jħalli huwa l-karta r-roża, evidenza ta' ħtieġa għal għajnuna medika. L-elementi intanġibbli mħollija warajh huma wkoll pessimisti. Imżewġa mal-memorja spulpjata hemm il-falliment u l-insuffiċjenza.

F'"Inkontinenza," għad li l-poeta qatt ma jirreferi direttament għal missieru, teżisti referenza kontinwa għal ġisem ta' raġel li għadu kif miet, "Xi jħalli warajh il-ġisem?" (v. 1), u fid-dawl taż-żewġ poeżiji msemmija qabel, jinħass li hawnhekk il-ġisem fil-mira huwa tal-missier. Dan il-ġisem ukoll ma jħalli ebda patrimonju warajh, għajr diżappunti u tradimenti. Minn naħa, il-poeta jikkonferma x-xejn li jħalli missieru u, minn naħa oħra, in-nuqqas ta' referenza diretta lejh, jestendi l-istess nuqqas għall-missirijiet l-oħra. Recalcati jikkummenta li l-eredi huwa dejjem orfni, dejjem bla wirt u patrimonju,

imħolli mal-ġenb, mitluf (*Telemachus* 3). Dan minħabba li l-wirt qatt ma jingħadda bħala xi dritt sagrosant, imma bħala xi ħaġa mingħajr ebda garanziji. Huwa jelabora li ebda missier ma jista' jsalva lil uliedu; ebda missier ma jista' jeħles lil uliedu minn vjaġġ perikoluż, li fl-aħħar mill-aħħar ma joffri ebda garanzija ta' wirt. Illum l-ulied jitqiesu bħala persuni nieqsa minn kull wirt. Imma fil-verità, din mhix xi ħaġa ta' issa biss, minħabba li l-bniedem dejjem wiret l-impossibbli. Il-bniedem dejjem jiret ġisem mejjet u dan il-wirt qatt ma jimla l-vojt li l-assenza strutturali tal-missier tħalli warajha. Skont Recalcati, l-uniku rigal li missier jista' jgħaddi minn ġenerazzjoni għal oħra huwa t-tlaqqigħ mat-testimonjanza. Għalih, l-uniku wirt huwa l-eżempju ħaj tal-missier.

Fid-dawl ta' dan, jista' jingħad li Grima, bħal I. Mifsud (meta jilbes il-kappell ta' prożatur), jeħodha kontra l-filosofija tad-Determiniżmu. Jekk il-missier ma jħalli xejn warajh, l-iben daqskemm forsi jista' jħoss vojt, iħoss ukoll sens ta' indipendenza. Aktar minn hekk, permezz ta' "X'se Tagħmel Meta l-Lejl Jintemm," Grima jippreżenta lil bint Ratko Mladić li tant hija mwaħħxa bl-atroċitajiet ta' missierha fil-Bożnija, li tivvalena ruħha biex titnaddaf minn dnubiet missierha. Minflok taċċetta l-patrimonju tiegħu u tbaxxi rasha quddiemu, tirriġettah bl-akbar qawwa.

Fid-dawl ta' dan kollu, Grima jippreżenta missier mingħajr ebda awtorità. Minbarra li jippreżenta missier kostantement fi stat vulnerabbli, bid-dripp imwaħħal miegħu u b'nuqqas ta' aġenzija, qed jippreżenta missier li ma jħalli xejn warajh, missier mingħajr ebda influwenza fuq uliedu, u mingħajr eredi minkejja li għandu iben.

Paradossalment, minkejja dan, minn żewġ ġenituri, il-missier huwa l-uniku ġenitur preżenti f'dawn iż-żewġ ġabriet. L-omm ma tidher qatt. Huwa biss fil-limerikki f'*Daħlet ix-Xilep* li l-omm tidher għall-ewwel darba. F'"Il-Qofol," il-poeta jirringrazzjaha talli "Ħallejtna nimirħu bla xkiel" (v. 2) u permezz ta' dan il-vers wieħed jista' jikkonkludi li dan in-nuqqas ta' patrimonju tal-missier, għalih huwa element pożittiv, minħabba li ma jimpedilux s-sovranità tiegħu.

Meta Grima jippreżenta ruħu bħala missier, naturalment l-irwoli jinqalbu iżda l-vulnerabbiltà tibqa' tgħolli rasha, anki jekk bi sfumaturi differenti. F'*Rakkmu,* bħala missier ta' żewġ ulied li għadhom fis-snin bikrija tagħhom, Grima ma jippreżentax ruħu bħala missier kavallier konvint li bis-saħħa tiegħu wliedu mhu se jkun jonqoshom xejn, bħalma jagħmel Achille Mizzi fl-era tal-Moderni. Għad li bla dubju teżisti ċerta qrubija, tant li r-relazzjoni tiegħu ma' wliedu tidher aktar minn darba, il-poeta bħala missier jidher kostantement imtaqqal b'dubji serji quddiem irwol li għadu ma jistax jiddeċifra. Pereżempju f'"Qamar?" il-poeta jinħass diżappuntat bl-inabbiltà tiegħu li jikkuntenta lil ibnu u, għax jemmen li dan huwa dmir bażiku lejn ibnu, jispiċċa bi frustrazzjoni akbar. Fl-aħħar mill-aħħar, in-negozjar miegħu ma jaħdimx u jiġi kostrett iċedi quddiem l-impossibbiltà li jikkuntenta lil ibnu għax jaf li ma jistax jissodisfa x-xewqat tat-tifel. Din il-vulnerabbiltà terġa' titfaċċa f'"Ċinji" li tagħtina episodju matul ġita tal-poeta ma' ibnu meta t-tnejn jaffaxxinaw irwieħhom bi "xbihat ġodda fjamanti." Fuq dgħajsa fi xmara, il-missier itturmentat mill-biża' li jista' jagħtih ħass ħażin li jfisser li ibnu jispiċċa waħdu fuq din il-qoxra mingħajr il-protezzjoni tiegħu. Tinħass tensjoni bejn il-gost ta' din l-avventura li qed jagħti lil ibnu u l-possibbiltà li jista' jonqos mill-irwol protettiv tiegħu. Dan jerġa' joħroġ f'"Rajtni Kif Kont Għaddej?" meta l-missier jidher inkwetat li ibnu jista'

jweġġa' minn fuq ir-rota li x'aktarx għadu kif tgħallem isuq. Hawn, terġa', id-dgħufija tal-missier tispikka b'paragun mal-kunfidenza li jesprimi t-tifel. Anki hawn, il-missier jerġa' jinħass itturmentat li qed jonqos mill-irwol protettiv li ta lilu nnifsu fil-konfront ta' wliedu.

In-nuqqas ta' awtorità tal-missier terġa' titfaċċa f'"Mostar" li fiha joħroġ l-istint aggressiv tal-iben huwa u jilgħab bis-suldati tal-plastik. Il-vjolenza li tikkaratterizza l-logħob tal-wild bla dubju tikkuntrarja l-prinċipji paċifiċi ta' Grima kif jidhru f'poeżiji bħal, "Joseph Quddiem ir-Ritratt ta' Sieħbu Jitfarrak," "Palestinjan Taħt il-Ħdura tal-Lenbubi" f'*Rakkmu* u "L-Inklinazzjoni tal-Balla fl-Unika Demokrazija Dik in-Naħa," "Balkani," u "Omagh" fi *Klin*. F'"Mostar," il-vjolenza tal-logħba tirrispekkja l-battalja mdemmija fil-belt Bożnjaka li ħalliet mijiet ta' suldati maqtula. Fiha, il-poeta, bħala missier, huwa xhud sieket ta' vjolenza tiġi rreplikata quddiem għajnejh permezz tal-immaġinazzjoni ta' ibnu b'pupi li aktarx irregalalu huwa stess. I. Mifsud jikkummenta li l-aggressjoni fil-poeżija taggrava ruħha mill-fatt li hija orkestrata minn tifel żgħir, b'immaġinazzjoni hekk fertili li jmexxi żewġ naħat kontra xulxin f'battalja kiefra. I. Mifsud ikompli billi jippreżenta l-mistoqsija ta' kif bniedem ċkejken jirnexxilu jħallat il-vjolenza mal-logħob u l-logħob mal-vjolenza ("Post 90 – Mostar" 07:00-11:00). Aktar minn hekk, fi ċkunitu, dan it-tifel qed irebbaħ lit-"tajbin" u jtellef lill-"ħżiena," "U din id-darba l-ħżiena jħarħru aktar / u jaqbżu ħfief iż-żwiemel tat-tajbin" (vv. 16-17). I. Mifsud jikkummenta li sa minn età tant tenera l-iben ċkejken qed jiddiversifika bejn l-aħna u l-huma, moħħ teneru diġà qed japplika ġudizzju u preġudizzju. Quddiem dan kollu, bħala missier, Grima ma għandu ebda risposta, u konsegwentement toħroġ il-paralisi tiegħu. F'daru qed jara lil ibnu jirreplika

dak li lilu jiddiżgustah u l-unika reazzjoni tiegħu għal dan kollu hija li jħossu "maqtugħ bħal pupi mitluqin."

B'dan l-atteġġjament, Grima jidher li qed jopponi bil-mod tiegħu l-patrijarkat. Skont hooks, il-patrijarkat jgħallem forma ta' Stojċiżmu emozzjonali li jiddetta li, raġel huwa aktar raġel meta ma jħossx emozzjonijiet (20). F'"Mostar," Grima ma jaħbix ix-xokk tiegħu għal dak li jara quddiem għajnejh. Madankollu, ma jeħodhiex kontra ibnu li qed jirreplika l-vjolenza fid-dar tal-familja. Huwa jħalli lil ibnu jesprimi ruħu kif irid hu, ma jiħux l-opportunità biex juri li huwa r-raġel tal-familja taħt l-iskuża ta' moralità ġustifikata. Bħalma jikkummenta Recalcati, Grima jidher dak il-missier li jissagrifika kwalunkwe pretensjoni ta' sjieda. Huwa missier li jirrinunzja l-Liġi biex jippermetti l-eżistenza ta' Liġi oħra (*Telemachus* 116). Bħal fil-każ tal-parabbola tal-Iben il-Ħali, huwa missier li qed jippermetti lil ibnu jagħmel fattih u huwa kuntent jibqa' fl-isfond ta' kollox.

F'"Il-Misteru tal-Glorja" ir-relazzjoni bejn il-missier u l-iben ċkejken tiżviluppa għal waħda bejn missier u iben, issa x'aktarx adolexxenti, jilgħab il-futbol. Mid-dar waħdu mal-pupi, l-iben issa qed jimraħ ġo grawnd tal-futbol ma' sħabu. Il-missier, għal darba oħra, huwa osservatur li qed isegwi lil ibnu, imma jagħmel dan fl-isfond, mingħajr indħil u jippermetti distanza bejniethom. Il-glorja implikata fit-titlu tal-poeżija hija kollha tal-iben, il-missier huwa biss xhud tagħha. Huwa l-iben li jikkontrolla l-ballun, li jevita lil min irid iħebb għalih, li jwaqqgħu eżattament fejn għandu jaqa', u li jippermetti lil sieħbu jiskurja. Il-missier ma jipprova jieħu ebda mertu. Il-vulnerabbiltà fil-poeżija msemmija preċedentement tinbidel f'faxxinu, f'inabbiltà li jirreżisti l-ġmiel ta' dak kollu li qed iseħħ quddiemu, kollu kemm huwa bil-firma ta' ibnu. Il-poeta jinħass jixtieq jirringrazzja lil ibnu

ta' din l-esperjenza "divina" li qed jagħtih. L-ordni mdorrijin biha bħal tinqaleb ta' taħt fuq: minflok l-iben qed igawdi mill-wirt ta' missieru, il-missier qed igawdi mis-sagrifiċċju tas-sjieda ta' ibnu.

Grima bħala poeta jerġa' jieħu l-irwol ta' missier fl-erba' poeżiji taħt it-titlu "Skizzi għal Ibni" marbuta mal-ġrajja tas-Sette Giugno u l-kisba tal-kostituzzjoni tal-1921. Din id-darba, it-ton huwa ta' missier erojku, nostalġiku. Fil-poeżija, "L-Affarijiet tal-Wieħed u Għoxrin" jistqarr, "Nixtieq inkellmek fuq kif ġraw l-affarijiet, / ibni" (vv.16-17). Il-poeta fl-irwol ta' missier jadotta ton distint minn tal-poeżiji preċedenti, ton ta' edukatur. Il-vulnerabbiltà tinbidel f'awtorità benevolenti ta' min irid jeduka. Din il-bidla fir-rappreżentazzjoni tal-missier tista' tinftiehem mill-fatt li dawn l-iskizzi nkitbu bħala parti miċ-ċerimonja tal-kxif tal-monument tal-ewwel prim ministru Malti, Joseph Howard. Fid-dawl ta' dan għandhom jittieħdu bħala eċċezzjoni. Madankollu, jikxfu wkoll il-qasma bejn il-missier storiku immaġinat u l-missier fattwali bil-kuntradizzjonijiet kollha tiegħu. Fl-aħħar mill-aħħar, jista' jingħad ukoll li huma tfakkira tal-qasma bejn l-irwol patern mistħajjel u dak mgħajjex.

## 4.2. Antoine Cassar

Antoine Cassar huwa poeta important ieħor ta' dan is-seklu. F'*Erbgħin Jum*, Cassar jinqata' mill-multilingwiżmu u mill-protesta politika ta' xogħlijietu preċedenti u b'ton konfessjonali jberraħ esperjenza profondament personali dwar l-esperjenza familjali tiegħu u l-effetti katastrofiċi tagħha matul il-ħajja adulta. Fi kliem Grima, f'intervista ma' Daiva Repeckaite, f'din il-ġabra Cassar jisfida t-tabuwijiet li l-familja Maltija hija mdawra bihom ("Love (in) letters"). Hija ġabra li fiha l-poeta huwa xhud u

vittma dirett ta' vjolenza psikoloġika u fiżika. Fil-qalba ta' dan kollu hemm il-missier bħala l-aggressur, l-aġent tal-vjolenza domestika. Tabilħaqq, il-missier huwa l-antagonista tal-poeta, is-sors ta' ħafna diffikultajiet psikoloġiċi li jtulu mit-tfulija sal-preżent, u minkejja diversi tentattivi min-naħa tal-poeta, fl-aħħar mill-aħħar ma jirnexxilux jaħfirlu, anki jekk jilħqu jgħaddu deċennji sħaħ.

Waqt li fi Grima naraw preżentazzjoni ta' żewġ missirijiet vulnerabbli – missier il-poeta, u l-poeta nnifsu bħala missier – f'Cassar naraw missier għalkollox differenti, missier ippreżentat b'saħħtu u awtoritarju, fuq kollox kburi. Cassar jaċċenna għal din il-kburija sa mill-introduzzjoni ta' missieru fil-poeżija "IV," "ma' kull kelma li sammartilna f'rasna / b'martell il-kburija mwaħħal ma' jdejk" (vv. 9-10). Din il-kburija ġejja mill-fatt li jqis il-familja bħala renju esklużiv tiegħu u lilu nnifsu bħala l-kap indiskutibbli tagħha. Il-kburija, skont Tracy, Shariff, u Cheng, ikkwotati minn Cheng, Tracy u Henrich, tirrappreżenta adattament psikoloġiku li jwassal għal għażla ta' strateġiji, fosthom dawk li jinfurmaw l-imġiba, li jiffaċilitaw il-kisba, is-sostenn u t-turija tal-istatus soċjali (334-335). F'dan il-każ jidher li għall-missier, il-paternità tiegħu hija punt fundamentali li tgħollilu l-istatus soċjali. Edley jikkummenta li f'ħafna partijiet tad-dinja, hija l-paternità li tagħti status lir-raġel (109). Madankollu, il-paternità tista' tvarja minn raġel għal ieħor. F'dan il-każ, għandna raġel li għalih il-paternità tfisser dikjarazzjoni tiegħu nnifsu bħala l-kap u li l-awtorità tiegħu hija assoluta: "jien ir-raġel u tiegħi tgħaddi dejjem, / agħmel kif qed ngħidlek inkella noqtlok, / jekk titlaq 'l uliedek ma tarahom qatt" ("IV," vv. 6-8). Martu u wliedu huma biss parti mir-renju tiegħu, sudditi tiegħu. L-omm, minkejja li hija l-mara li wildet lill-ulied, titqies biss bħala vejjikolu għall-paternità tiegħu. L-ulied huma l-proprjetà tiegħu u mhux tagħha. Hija tista' tarahom biss jekk tibqa' f'daru – fir-renju

tiegħu. Il-missier jippreżenta rikatt lil martu, jew tibqa' f'daru taqla' s-swat, inkella taħrab minn daru u konsegwentement ma tibqax tara aktar lil uliedha u titqies bħala omm li tabbanduna lil uliedha. Il-missier juża lill-ulied bħala arma fit-theddid tiegħu kontriha. L-omm, f'għajnejn il-missier, tant hija sempliċiment suddita li hija sostitwibbli: "tfittxuha xejn, insibilkom omm ġdida" ("IV," v.13). Il-missier tant jara lil martu kif ukoll lil uliedu bħala suġġetti tiegħu li jneżżagħhom mill-umanità u, sforz din l-attitudni, f'għajnejh il-vjolenza, "ma' kull daqqa ta' ponn fuq għajnejn ommi, / ma' kull sawta ta' ċinturin fuq dahri, / ma' kull għajta miġnuna li għadha ddamdam" ("IV," vv. 2-4), x'aktarx titlef is-severità tagħha.

Għall-missier, il-vjolenza hija biss strateġija biex isostni d-dominanza u magħha l-istatus soċjali tiegħu. Din il-kburija tal-missier tinħass ukoll bħala riżultat ta' umiljazzjoni preċedenti. Il-poeta jimplika li l-missier ġie mċaħħad mill-mara li verament kien iħobb, "żball miexi ta' żgħożitek wara ċ-ċaħda / mill-ġawhra li ma riditx taħrab miegħek" ("IV," vv. 23-24). Għalhekk, il-familja tiegħu, ir-renju tiegħu, mhux frott ta' mħabba imma ritaljazzjoni għal ċaħda. Dan jimplika li l-missier ried isir missier akkost ta' kollox, saħansitra jiżżewweġ mara li x'aktarx qatt ma ħabb. Huwa interessat biss mis-sens ta' poter li l-irwol ta' missier jista' jagħtih. Dan ir-raġunament isaħħaħ l-argument tal-motiv wara l-vjolenza tiegħu, speċjalment fuq martu. Minbarra li jaraha bħala suddita tiegħu, din hija mara li qatt ma ħabb u dan iwitti ħafna mill-ostakli li setgħu waqqfu t-triq għall-vjolenza. Jista' jingħad ukoll li l-kburija tiegħu hija mekkaniżmu kontra l-umiljazzjoni preċedenti li ġarrab. Fl-istess artiklu, Cheng, Tracy, u Henrich jikkummentaw li l-kburija tista' tkun ikkaratterizzata minn żewġ naturi differenti: tista' tkun imnissla minn arroganza u eċċess, jew inkella minn ħsus ta' kisba, kunfidenza u suċċess. Huwa ċar li l-

missier, kif irrapprezentat mill-iben, għandu tip ta' kburija tal-ewwel natura, li l-istess awturi jqisu bħala antisoċjali u jorbtuha ma' irritabbiltà, newrotiċiżmu, nuqqas ta' kuxjenza, narċissiżmu u involviment f'relazzjonijiet problematiċi, b'eżitu ta' saħħa mentali fqira (335). Huma jżidu li kburija bħal din possibbilment twassal għal sens akbar ta' stima soċjali bi pretensjoni ta' superjorità u arroganza (335). Dan jidher fil-versi 6-8 ta' "IV." Il-missier jiddikjara rġulitu bħala l-kuruna li tagħmlu re u kelmtu bħala kmand assolut li nuqqas ta' ubbidjenza lejha tfisser mewt. Cheng, Tracy, u Henrich ikomplu li dan jista' jipprovdi t-tħejjija mentali neċessarja biex il-persuna tinforza lilha nnifisha u tintimida lil ta' taħtha u, permezz tal-aggressjoni, l-ostilità, u l-manipulazzjoni tiffaċilita d-dominazzjoni mixtieqa. Huma jżidu li tabilħaqq huwa komuni li individwi bħal dawn huma antisoċjali b'relazzjonijiet interpersonali ħżiena (336). Il-missier ipprezentat f'*Erbgħin Jum* huwa eżempju ta' persuna bħal din – imġibtu kollha kemm hija hija antisoċjali u r-relazzjoni ma' martu u ibnu mhjiiex biss ħażina imma saħansitra terrorizzanti. Huwa juża l-forza biex jiddikjara r-renju tiegħu minflok il-persważjoni. Henrich u White jikkummentaw li persuni bħal dawn huma differenti minn dawk li jmexxu b'persważjoni għax din titlob influwenza u kunsens mis-segwaċi minflok il-forza.

Għall-kuntrarju, dawk bħall-missier f'Cassar jiddominaw u jsostnu l-pożizzjoni tagħhom permezz tal-biża', it-theddid u l-impożizzjoni (Cheng et al. 335). Dawn l-elementi jidhru kontinwament f'*Erbgħin Jum*. F'"IV" il-poeta jiftakar ukoll fit-theddid li sofra mqar għall-bżonnijiet kwotidjani: "il-ħobża ta' kuljum tajthielna dejjem / bil-patt li 'l ommna nħassruha minn moħħna," ("IV," vv. 48-49). F'indirizz lejn ommu, huwa jistqarr li ġie mhedded saħansitra biex jobgħodha, "Ma, għallmuni nobogħdok, / bellgħuli mitt elf gidba b'labra tikwi, / bqajt nixrob mis-semm sa beda jogħġobni" ("XII," vv. 1-3). Fl-

istess poeżija jżid, “Għallmuni nistkerrah ħarstek fil-mera, / għallmuni niċħad nofs wiċċi, nofs demmi” (“XII,” vv. 4-6), u ftit versi wara jistqarr, “ħatafni minn ħoġrok b’għajta miġnuna / u għallimni nħassrek b’gomma ħamra nar” (“XII,” vv. 17-18). Dan it-theddid tant ikun effettiv li l-iben jistqarr li fi tfulitu beda jeħodha kontra ommu u jqisha bħala dik il-mara li abbandunatu, li ma tirrispettax il-liġi tal-missier li hija sagrosanta. Huwa jammetti li, “Flok qbiżt għalik, sirt ponn missieri f’wiċċek. / Flok bżajt għalik, bqajt nobżoq fl-ittri t’ismek” (“XII,” vv. 19-20). Huwa biss meta jikber li jibda jara lil ommu f’dawl ieħor u, f’ritratt ta’ tfulitu li jaċċenna għalih f’“XXXII” jara mara li minkejja t-tbenġil u l-grif fuq wiċċha, hija b’saħħitha, mimlija dija u bil-benna taħraq tal-ħalib. Il-biża’ diġà jinħass predominanti fl-ewwel vers ta’ “IV” li fiha jintroduċi lill-missier meta jallega li dan ħoloq infern u f’“XV” il-poeta jsejjaħ tfulitu bħala “belliegħa.” F’din il-belliegħa, hemm biża’ kontinwu miċ-ċinturin, l-arma favorita tal-missier biex isawwat lil uliedu. Huwa arma li mqar iċ-ċekċik tagħha ġġiegħel lill-ulied jidħlu f’qoxorthom, jistaħbew f’gwardarobba biex b’xi mod jevitawh u li t-tbenġil minnha jżomm lill-iben milli jmur l-iskola għax jirredikolawh. Minkejja li l-missier jikseb id-dominanza, dan qatt ma jikseb il-prestiġju f’għajnejn ibnu. Henrich u White jikkummentaw li l-prestiġju jwassal biex dak li jkun jammira lil min huwa fuqu u jnibbet xewqa għal qrubija u perjodi ta’ osservazzjoni (169). Waqt li l-biża’ mill-missier huwa kontinwu — biża’ mill-għajjat, biża’ miċ-ċinturin tiegħu — l-ammirazzjoni lejh hija ineżistenti u matul il-ġabra poetika l-missier jinħass biss bħala oppressur. Il-poeta jistqarr li ilu minn meta kellu tmien snin joħlom li jpattihielu u, b’ton mill-aktar iebes jgħidlu, “ma nwegħdekx li naħfirlek qabel nifhmek, / ma nwegħdekx li se nifhmek qabel nidfnek” (“IV,” vv. 27-28). L-iben qatt ma jasal biex jifhem lil missieru u lejn l-aħħar tal-ġabra jistqarr:

Aħfirli, iżda qatt ma wasalt nifhmek.

Aħfirli, iżda ma nistax naħfirlek.

Aħfirli. Ilni tletin sena sħaħ

nhewden li għad xi darba npattihielek,

noħlom bil-jum jew lejl li fih għad nidfnek. ("XXXVIII," vv. 20-24)

Il-poeta tant jattribwixxi l-kburija ma' negattività, li għalih hija l-antiteżi tal-imħabba, li f'indirizz lilu nnifsu jistaqsi, "Kburija jew imħabba. Liem se nibla'? / Jekk tal-ewwel, ibd'idra l-ġwinħajn tqal" ("VI," vv. 12-13). F'"Jum ir-riflessjoni" minn *Bejn/Between*, huwa wkoll iqis is-semm bħala prodott tas-suppervja, li hija sinonima mal-kburija.

Dan it-tip ta' kburija jista' jitqies ukoll prodott tal-patrijarkat. hooks tiddefinixxi l-patrijarkat bħala sistema soċjopolitika li tinsisti li l-irġiel huma dominanti b'mod inerenti, superjuri għal kollox u għal kull min jitqies dgħajjef, speċjalment in-nisa. Hija żżid li l-patrijarkat jagħti d-dritt lir-raġel jiddomina u jiggverna fuq id-dgħajfa u jżomm din id-dominanza permezz ta' forom varji ta' terroriżmu u vjolenza psikoloġika (30). Dan it-terroriżmu psikoloġiku huwa ċar matul *Erbgħin Jum*. L-iben saħansitra jitgħallem jobgħod lil ommu li bħalu hija vittma ta' vjolenza. Minbarra li jippreżenta t-tfulija tiegħu bħala "belliegħa," fil-poeżija "XIII" jippreżenta lilu nnifsu bħala tifel ta' tmien snin li diġà beda jikrieh u jbeżża' lin-nies fit-triq u, fuq kollox, li diġà "xwejjaħ ta' tmien snin, minn dellu mirbuħ" (v. 37), implikazzjoni li kellu jikber wisq malajr u qatt ma seta' jkun innoċenti. Fi "XIII," il-poeta jippreżenta lilu nnifsu daqstant ieħor terrorizzat, xempju ta' persuna f'qiegħ ta' dipressjoni:

Toninu, tibkix iżjed. Qum minn hemm.
Għadek żgħir, tmien snin!, id-dinja quddiemek,
se tibqa' hekk, b'għonqok u rasek imdendla
ganċ minn xifer is-sodda, iħawdu s-saqaf
mal-art u mal-ħitan, b'widnejk mgħottija
b'idejk kollhom gdim, u bit-truf ta' xagħrek
jgħarrxu għal għeruq ġodda fit-tapit ikħal
sa tifga fil-melħ ta' dmugħek? Qum. Ejja! (vv. 1-8)

Matul il-ġabra, tinħass ukoll rabja kbira mill-poeta għall-missier. Skont hooks, rabja bħal din tista' tkun rispons għat-talba fuq is-subien biex ma juru ebda emozzjoni u tistqarr li, ħafna drabi, din tinbidel f'post fejn jiġu moħbijin il-biża' u l-uġigħ (49). Fi "XXXII" il-poeta jammetti espliċitament li, "Għadni nħoss ir-rabja tqarrasli sidri" (v. 61). Aktar tard, fi "XXXVIII" jistqarr li f'mumenti saħansitra jimmaġina l-qtil ta' missieru:

Kemm iljieli sabbatt rasek mal-ħajt
biex rajtek tiġbor il-frak tal-kburija.
Kemm iljieli għallaqtek biċ-ċinturin
li sawwattna bih biex rajtek tiżvina
Kemm iljieli għaddast wiċċek taħt il-baħar
biex smajt u għoddejt sal-aħħar bużżieqa. (vv. 25-30)

Forsi l-agħar konsegwenza tat-tip ta' patrijarkat ippreżentat minn Cassar hija l-fatt li ħafna snin wara, fil-ħajja adulta, ir-riperkussjonijiet għadhom ħajjin b'effetti

katastrofiċi. Il-poeta jippreżenta ruħu fi vjaġġ li huwa inkubu kontinwu, trawma bi ħsus suwiċidali, b'sens ta' ħtija u falliment. It-tfittxijiet tiegħu għall-imħabba qatt mhuma jirnexxu, bl-aktar waħda riċenti dokumentata fid-dettall f'*Erbgħin Jum*. Għal McCarthy u Taylor ma hemm xejn ġdid f'dan minħabba li, skonthom, teżisti rabta bejn esperjenzi ta' abbuż fit-tfulija u diffikultajiet biex bniedem jistabbilixxi relazzjoni intima fl-adultezza. Huma jsaħħu dan l-argument billi jikkwotaw lil Crowell u Treboux li joħorġu bit-teorija li r-relazzjoni bejn il-ġenitur u l-wild hija l-prekursur ta' relazzjonijiet ta' mħabba aktar tard fil-ħajja. Dawn tal-aħħar jargumentaw ukoll li tfal li rċivew attenzjoni aktar sensittiva fi tfulithom ikollhom stima ogħla tagħhom infushom, ikollhom ego aktar b'saħħtu, ikunu reżiljenti u aktar b'saħħithom b'mod ġenerali minn tfal li ma kellhomx l-istess xorti (465). Cassar, minbarra li jippreżenta persona mimlija rabja, jippreżenta wkoll persona li għadha wisq imbenġla bl-abbużi fi tfulitha tant li fi "XV" jistqarr li hija tfulitu "li mhix tħallini nikber jew inkabbar, / li mhix tħallini nsabbar jew nistabar, / li mhix tħallini niżra' jew ninżera'" (vv. 31-33). Huwa impossibbli li persuna li għadha ma tgħallmitx tħobb lilha nnifisha tħobb lil ħaddieħor. Fil-fatt, fl-isfond ta' *Erbgħin Jum* hemm relazzjoni li ma tirnexxix u li fiha l-poeta juri egoiżmu kbir, u l-maħbuba tiegħu tidher sempliċiment vejjikolu biex huwa jniżżel għeruqu f'Malta u jieqaf mill-ħarba tiegħu minn imkien għal ieħor.

Dan il-missier ippreżentat minn Cassar huwa indubbjament patrijarkali. Huwa wieħed li għandu l-awtorità, għall-inqas matul it-tfulija tal-iben. Imma hija awtorità li tinxtara bil-kburija li magħha għandha mżewġa d-dominanza u l-vjolenza. Hija awtorità li għandha prezz għali wisq, tħalli effetti katastrofiċi fuq kollox fuq l-iben, kif ukoll fuqu stess minħabba li matul il-proċess jinfired minn martu u r-renju tiegħu jiċċekken. Huwa

wkoll tluq li tant iweġġa' lill-missier li jwasslu biex jieħu attitudni difensiva u negattiva, iċaħħad lil uliedu mill-preżenza tal-omm u jisqihom is-semm kontriha, li jgħarraq aktar l-irwol patern tiegħu. Ibnu, fil-ħafna indirizzi lejh, kważi qatt ma jsejjaħlu "pa," għajr fi "XVIII," li fiha jipprova għall-aħħar darba jaħfirlu, iżda eventwalment ma jasalx. Fid-drabi l-oħra, l-iben dejjem juża "missier," titlu li jimplika distanza. Fil-poema "Nannu at the kitchen table," li Cassar jippubblika ftit snin wara *Erbgħin Jum*, isostni l-pożizzjoni distanti minn missieru meta f'indirizz lil nannuh isejjaħlu bħala l-uniku missier veru tiegħu, "Ah nannu Wiġi / my one true father" (vv. 23-24). Essenzjalment, daqskemm il-missier ineżża' lil martu u lil uliedu mill-umanità tagħhom permezz tal-vjolenza, fl-aħħar mill-aħħar l-iben ineżża' lill-missier bijoloġiku mit-titlu ta' missier. Il-poeżija "Nannu" f'*Bejn/Between* li fiha Cassar isellem il-memorja ta' nannuh tista' tinqara f'dawl ġdid. Dan in-nannu huwa l-antiteżi ta' missieru, "ħabibu." Iċ-ċelebrazzjoni tal-qrubija bejnu u nannuh hija daqstant ieħor lament għan-nuqqas ta' qrubija ma' missieru.

## 4.3. Immanuel Mifsud

Il-korp poetiku ta' Immanuel Mifsud, bħal dak prożajku tiegħu, għall-inqas skont ir-riga lokali, huwa għal darba oħra pjuttost vast. Għad li fil-proża tiegħu, I. Mifsud jippreżenta lill-missier diversi drabi, saħansitra jikteb memoir li jirrifletti r-relazzjoni tiegħu miegħu, fil-korp poetiku rarament jindirizza direttament lil din il-figura u, b'mod ġenerali, meta jitqies il-volum kbir tal-korp poetiku tiegħu, ma jeżistux ħafna referenzi lejn il-figura tal-missier. Għall-kuntrarju ta' dan, il-figura tal-omm pjuttost tħobb tfiġġ minn ħin għal ieħor u l-poeta jindirizzaha b'mod dirett f'poeżiji bħal "Eleġija," "Żjara," u "Aħfruli Għax Ma Nafx Eżatt X'Qed Ngħid" li kollha jinsabu fil-ġabra *Ħuta*. F'poeżiji oħra mill-istess ġabra bħal, "Katavri" u "Quddiem il-Katavru t'Ommi," għad li ma jindirizzahiex

direttament, ommu tibqa' s-suġġett. F'din tal-aħħar, fuq kollox jiddikjara "Ma jkollix omm oħra," stqarrija li fiha jinħass eku tal-ewwel kmandament, "Ma jkollokx Alla ieħor għajri." Ommu hija daqstant speċjali, tant unika, li jpoġġiha fuq l-istess pedestall ta' Alla. Agius tikkummenta li, permezz ta' din l-istqarrija, huwa "jiddikjara li ma hemmx sostitut għall-intimità materna aktar pura u sa ċertu punt divina" (141). B'din l-istqarrija dwar ommu u bin-nuqqas ta' referiment lejn il-missier, b'mod indirett ipoġġi lil ommu fuq pedestall ħafna ogħla minn dak li qatt jista' jqiegħed lill-ġenitur l-ieħor tiegħu. Jista' jingħad ukoll li jniżżel lil Alla l-missier mill-ogħla pedestall u minfloku jpoġġi lil ommu u fl-istess ħin juri l-isfiduċja tiegħu fil-patrijarkat. Waqt li f'*Fl-Isem tal-Missier (u tal-Iben)* joħorġu kunflitti kbar bejnu u missieru, fil-korp poetiku tiegħu ma joħroġ ebda kunflitt ma' ommu. Minn naħa waħda, jista' jingħad li huwa diffiċli li l-poeta jista' jkollu wisq differenzi ma' ommu, minħabba li din hija ppreżentata bħala mara kwieta wisq, forsi għax minnha hekk, forsi wkoll għax, kif implikat f'*Fl-Isem tal-Missier (u tal-Iben),* hija dejjem fid-dell ta' żewġha. Is-silenzju huwa sinonimu magħha u qatt ma jinkiser sal-aħħar stadju ta' ħajjitha kif tidher f'"Galanthus Nivalis," b'rasha mniżżla 'l isfel quddiem il-mard li qed jaħkimha u "tindifen bla tgħid kelma taħt is-silġ" (v.20). Minn naħa oħra, jista' jkun ukoll li d-divinità tal-maternità tagħha trendiha speċjali wisq biex jinħolqu l-kunflitti magħha. It-twelid ta' ibnu huwa wkoll, b'mod meraviljuż, marbut ma' mewtha. F'"Eleġija," quddiem ommu mejta, jistqarr li martu qaltlu "*ej' nagħmlu tarbija*" u ftit wara tfaċċa l-iben waħdieni tiegħu u, f'"Kamra tal-Ħlas Numru 7, Karen Grech," id-dehra ta' ibnu fuq il-miżien ftit wara twelidu tfakkru fit-telqa ta' ommu fuq l-irħama eżatt wara mewtha.

F'poeżiji li fihom I. Mifsud jalludi għall-figuri tal-missier jew tal-omm b'mod ġenerali, u mhux direttament għal dawk tiegħu, il-figura tal-omm tibqa' tinżamm fuq pedestall ħafna ogħla minn tal-missier. Il-figura tal-omm tinħass li hija 'l fuq mill-kritika, hija l-figura li b'mod kważi esklużiv toffri l-għożża u l-faraġ lil uliedha. F'"Il-Kantiku tad-Dipressi," it-tifel imbeżża' jistenna leħen ommu, jibki f'ħoġorha u jistaħba taħt djulha. F'"Daqsxejn ta' Requiem lil Leli," li fiha tiġi ppreżentata persona, Leli, fl-aħħar sigħat ta' ħajjitha, mill-ewwel issir referenza lejn l-omm:

> Raġel qed tmut, x'int tistħajjel bħalissa?
> L'hemm ommok tistenna b'vavalor f'idha
> ħalli xħin tasal quddiemha timsaħlek
> id-dawra ta' ħalqek miċ-ċikkulata? (vv. 1-4)

Il-poeta jimplika li f'mument daqstant kritiku hija l-figura tal-omm li titfaċċa quddiem għajnejn il-moribond u f'din id-dehra tidher b'tant għożża u tenerezza li għoddha tqanqal ħlewwa ta' qalb. L-omm terġa' titfaċċa fir-raba' parti ta' din il-poema u din id-darba qiegħda "tqaxxar basla / bid-dmugħ f'għajnejha u mneħirha jqattar" (vv. 11-12) tlesti l-ikel, tippersisti minkejja l-ħruq f'għajnejha. Fil-vers ta' wara jitfaċċa għall-ewwel darba l-missier, imma dan jinsab "f'rokna jgerger kontra l-gvern" (v. 14). Ma tinħass ebda għożża marbuta mal-missier, anzi pjuttost jidher f'dawl negattiv – ommu qed tikkontribwixxi bit-tisjir tagħha biex aktar tard ikollhom x'jieklu u, kuntrarjament għaliha, il-missier qiegħed sempliċiment jikkontribwixxi għal atmosfera ta' animożità. Ir-riħa tat-tewm u l-basal, żewġ ħxejjex ewlenin fil-kċina Maltija, jibqgħu jiġru ma' ommu, sa sodditha li għandha riħithom, waqt li tal-missier irejħu l-għaraq, fluwidu li jinten.

Madankollu, żewġ versi wara, bħalma l-omm tidħaq lil Leli, daqstant ieħor jidħaqlu missieru. Dan il-vers, li fih hemm l-omm u l-missier flimkien, it-tnejn f'dawl pożittiv, huwa uniku f'din il-poema.

F'poeżija oħra mill-ġabra *Ħuta,* "Birżebbuġa 2014," l-omm ippreżentata f'dawl nostalġiku, "liebsa bla kmiem, b'kappell li jgħattilha rasha" (vv. 13-14). Il-missier, min-naħa l-oħra, għad li xorta f'dawl pożittiv, fl-istess ħin jidher maċista, bħal kif deskritt *Fl-Isem tal-Missier (u tal-Iben),* "jinżel indemonjat fil-qiegħ għar-rizzi, / jinżel itella' l-qarnit, jitla' mgħobbi" (vv. 15-16). Huwa wkoll missier li jagħmel dak li ibnu, snin wara, ma jirnexxilux jagħmel meta mhux biss ma jinżilx fil-qiegħ għar-rizzi jew għall-qarnit imma lanqas biss jinżel fil-baħar sforz il-biża' tiegħu minnu. Id-dehra tal-omm tibqa' tippersisti f'poeżiji oħra. F'"Sirt Noħroġ f'Nofs ta' Lejl" mill-ġabra *Madwar Sagħtejn u Nofs 'il Bogħod mill-Ġenna,* il-poeta jiddikjara li sar iħuf it-toroq fid-dlam biex forsi jsib mara li tixbahha, minkejja l-futilità tal-azzjoni, implikazzjoni li għadu jħoss xenqa għaliha, "infittex dik il-mara qisha ommi / avolja naf li m'jien se nsibha qatt" (vv. 9-10). F'"Ħolma ta' Filgħodu" mill-istess ġabra, għal darba oħra tinħass in-nostalġija ta' ommu mżewġa mal-għożża tagħha lejh, "B'ommi ħlomt li tellgħetni fuq il-bandla – / qaltli: qalb ta' qalbi għajnejk agħlaqhom / Iftaħhom meta tħoss il-bandla tieqaf" (vv. 13-15). Recalcati jikkummenta li ħajjitna hija magħmula mit-traċċi li tħalli r-relazzjoni mal-omm, l-istratifikazzjoni tas-sinjali li l-inkontri ma' ġisimha, il-vuċi, u l-lingwa tagħha jħallu fuqna. Din hija memorja inkonxja li kulħadd iġorr internament (*Mother's Hands* 139). Huwa jżid li waqt li l-wirt patern jiċċentra fuq it-trażmissjoni tax-xenqa fir-relazzjoni tagħha mal-Liġi, il-wirt matern jimplika l-iskrizzjoni l-aktar oriġinali tax-xenqa bħala l-fattur li jnissel fl-essri uman il-veru sentiment tal-ħajja (*Mother's Hands* 139). Din id-differenza fil-mod

kif il-poeta jittratta lil ommu u lil missieru tfakkar ukoll fil-punt ta' Recalcati li, minn perspettiva psikanalitika, jistqarr li l-funzjonijiet tal-omm u l-missier huma differenti u ma jistgħux jiġu ridotti għal sempliċiment ġenitur numru wieħed u ġenitur numru tnejn (*Mother's Hands* 64). Kif jidher hawnhekk, I. Mifsud ċertament ma jarax lil ommu u lil missieru bi rwoli ta' ġenituri sostitwibbli.

Dan jerġa' joħroġ fil-bidu tal-poeżija "Il-Ġgantija" li fiha l-poeta ma jalludix għal missieru u ommu personali, imma lil dawn iż-żewġ persuni jagħtihom irwoli li jirriflettu ftit jew wisq it-trattament tiegħu lejn dawk tiegħu. Minn naħa, l-omm iġġorr u tħobb lil wildha ma' ħobbha, minn naħa oħra l-missier jidher godli jġorr il-ħaġar. U mbagħad, f'"Tifel u Tifla," mill-ġabra *Għażiż Ġismi,* hija l-omm li għal darba oħra hija ppreżentata tistenna lil uliedha b'affezzjoni ħdejn il-bieb tal-iskola, waqt li, f'"Ġuża tal-ħut," il-missier huwa l-persuna li kienet iġġib il-ħobża ta' kuljum bl-akbar tbatija tant "li xjaħ f'żgħożitu bix-xemx u bil-melħ" (v. 3).

F'*Fl-Isem tal-Missier (u tal-Iben),* I. Mifsud jirreferi diversi drabi għad-difett fiżiku ta' missieru – il-fatt li huwa zopp jerġa' joħroġ fil-korp poetiku tiegħu. F'"Bonjour, Solitude: Ir-Ritorn," huwa jiddikjara lilu nnifsu bl-istess difett, "sirt inzappap bħalma kien missieri" (v. 16) u għalhekk jagħti ħjiel ta' xebh miegħu. F'"L-Aħħar Ħsieb Qabel Tasal il-Ferrovija" mill-istess ġabra jalludi għal dan id-difett fuqu b'mod aktar sottili, meta jiddikjara li "Jien nagħġa zoppa." Madankollu, ix-xebh bejniethom jidher limitat għal dan id-difett. Bħal kif f'*Fl-Isem tal-Missier (u tal-Iben)* jiddikjara lilu nnifsu differenti għalkollox minn missieru, jerġa' jagħmel dan f'"Oliver Plunkett Street" mill-istess ġabra, anzi, din id-darba jiddikjara lilu nnifsu differenti minn kull membru ta' familtu:

> Trid tieħu pawsa qabel l-aħħar metru,
>
> trid tieqaf ftit ħa tqalleb ir-ritratti
>
> ta' ommok, ta' missierek u ta' ħutek,
>
> tipprova tifhem għala d-differenza. (vv. 10-13)

L-eku tad-difett ta' missieru jibqa' jidwi fil-ġabra sussegwenti *Ħuta*. F'"Jedloviny," jalludi għall-"mixja zzappap" ta' missieru imma din id-darba tingħata lewn pożittiv. Hija mixja li minkejja n-nuqqas ta' perfezzjoni tagħha tagħti wens lill-iben li jinsab f'kamartu fid-dlam, prova li mhux waħdu, waqt li, fil-preżent, fil-foresta li jinsab fiha, hemm biss id-dlam u siġar siekta u jħossu abbandunat, "Telquk. Ħallewk. Inti trid tibqa' miexi" (v. 12). Anki f'"Fuq Mejda fi Brasserie Le Flore" meta l-poeta jinsab imċekken quddiem il-ġmiel ta' ibnu, huwa jsejjaħ għal ommu u għal missieru u dan il-missier huwa "zopp, jitbandal" bħallikieku din hija l-karatteristika li tiddefinih.

F'indirizz rari lil missieru, permezz ta' "Missieri Qalli," I. Mifsud iwassal missier li jifraħ meta jara lil ibnu ma' tfajla "b'xagħarha / twil kollu margeriti w fjur tal-qarsu!" (vv. 2-3) u meta din tgħosfor jerġa' jistaqsi lil ibnu dwarha. Daqskemm it-tfajla tidher ġejja minn xi ħrafa, daqstant ieħor il-missier jinħass immaġinat, missier sempliċi, 'il bogħod mir-raġel maċista li jidher f'*Fl-Isem tal-Missier (u tal-Iben)*.

Fl-aħħar erba' ġabriet tiegħu, I. Mifsud konsistentement jippreżenta lilu nnifsu bħala missier, b'kull ġabra tippreżenta lil ibnu fi stadju differenti ta' ħajtu. F'*Penelopi Tistenna*, jiddedika sezzjoni sħiħa ta' poeżiji lil ibnu fl-aktar stadju bikri ta' ħajtu, mill-ewwel dehra tiegħu quddiemu meta jkun għadu fetu f'ġuf ommu, sal-ewwel jiem tat-

twelid tiegħu. F'dan l-ewwel żmien, li fih I. Mifsud iġorr ix-xettru ta' missier, tispikka l-vulnerabbiltà tiegħu u jinħass eku ta' Mario Azzopardi, li lura fis-sittinijiet daqstant ieħor jiddikjara ħsus vulnerabbli quddiem ibnu. Fil-fatt, fil-bidu tas-sezzjoni ta' poeżiji "Il-Poeżiji ta' Nikol" jikkwota żewġ versi mill-poeżija "Lullaby" ta' Azzopardi. F'"Antenatal," fl-indirizz dirett tiegħu lejh jiddikjara, "Ħabbiltni f'patafjun domandi skomdi" (v. 5) u l-vulnerabbiltà tiegħu tiġi intensifikata bit-tmiem ħesrem tal-poeżija sforz il-biża' li ibnu jista' qatt ma jitwieled. Fl-ewwel ħarsa lejh wara twelidu, huwa jerġa' jafferma din il-vulnerabbiltà, din id-darba permezz ta' dikjarazzjoni ta' ċokon, "Taħsibx li għax għamiltek nifhem ħafna. / Inħares lejk u nħossni iżgħar minnek" ("Kamra tal-Ħlas Numru 7, Karen Grech," vv. 3-4). F'dawn il-versi jinħass kuntrast qawwi mal-kburija tal-missier li jippreżenta Cassar. Minkejja d-differenza fid-daqsijiet ta' bejniethom, I. Mifsud jiċħad is-sentiment ta' dominanza li seta' faċilment iħoss quddiem ħlejqa daqstant fraġli u jaqleb ta' taħt fuq il-ġerarkija – il-missier jiċċekken quddiem ibnu u b'din l-attitudni jiftaħ il-bieb għal relazzjoni interpersonali u ekwa ma' ibnu. In-nuqqas ta' dominanza jerġa' jinħass f'"Nikol Mifsud, Ċittadin Malti." Fiha, il-missier jagħti parir lil ibnu tat-twelid biex meta ddejqu Malta, jaqbad u jitlaq mingħajr ma jħares lura. Il-missier jinħass apoloġetiku quddiem ibnu li ġabu fuq din il-gżira minn tant gżejjer oħra u, fl-istess ħin, iwittilu t-triq biex meta jrid isalpa mid-dar li, bħala missier, se jipprovdilu. Bħal Azzopardi, I. Mifsud joffri lil ibnu l-possibbiltà li jitlef lil missieru. Min-naħa tiegħu I. Mifsud jirrinunzja kull ħjiel ta' kontroll fuq ibnu. Dan minkejja li fil-poeżija sussegwenti, "Baby Blues" jiddikjara li ibnu jidhirlu wisq sabiħ u jħobbu bi mħabba li twasslu biex jibda jibża' mis-sajjetti, implikazzjoni ta' biża' ġdid sforz is-sensittività ta' ibnu ċkejken.

Fi "Place Saint-Michel," poeżija oħra mill-istess ġabra, iddedikata lil ibnu li iżda tinsab barra mis-sezzjoni ta' "Il-Poeżiji ta' Nikol," I. Mifsud iwiegħed lil ibnu logħba esklużiva bejniethom b'boċċa tal-ħġieġ bi fjura ħamra. Dwar din il-poeżija, Agius tikkummenta li, "[i]r-rabta paterna bejn il-poeta u ibnu għandha mill-fraternità li, fid-dimensjoni wiesgħa li jagħtiha Levinas, titnissel b'mod intens bejn il-ħbieb, bħallikieku hija l-ħbiberija qawwija ta' bejn l-aħwa" (68). Meta l-missier jara lil ibnu daqslikieku ħuh, qed jarah fuq l-istess livell tiegħu u naturalment titkisser l-awtorità li ħafna drabi hija assoċjata mal-missier fuq uliedu. Għal darba oħra jinħass in-nuqqas ta' dominju, ta' kontroll tal-missier fuq ibnu. Lil hinn mil-logħba, in-nuqqas ta' sens ta' sjieda tal-missier qed jiftaħ il-bieb biex ir-relazzjoni bejn il-missier u l-iben tkun ekwa. Agius tkompli li, il-fatt li fl-aħħar versi tal-poeżija, it-tifel jintilef fil-petali jagħqdu, waqt li l-missier jiġborhom minn mal-art mejtin timplika l-inkongruwenza fl-etajiet bejniethom (70). Madankollu, jista' jiġi argumentat ukoll li, minkejja din id-differenza fl-irwoli tagħhom fl-istess logħba ta' bejniethom, xorta hemm sens ta' ekwità. Wara kollox, l-ekwità tfisser rikonoxximent li ħadd ma jibda mill-istess punt tat-tluq u għandu jiġi rikonoxxut l-iżbilanċ bejn il-partijiet.

F'"Fuq Mejda fi Brasserie Le Flore" il-loġika terġa' tinqaleb ta' taħt fuq: iċ-ċkejken ibnu jsir serje ta' immensitajiet – sur, muntanja u baħar b'fond li jekk tinżlu ma terġax titla'. Lil ibnu jindirizzah bħala "l-isbaħ ħaġa li qatt rajt b'għajnejja" (v. 11). Dan il-ġmiel imżewweġ mal-kobor ta' ibnu jwasslu biex jiddikjara sens ta' biża' li jwassal il-vulnerabbiltà tibqa' tippersisti. Il-poeta jħoss li ma għandu ebda jedd għal dan il-kobor – l-iben jinħass rigal mhux denju tiegħu. F'"L-Aħħar Ħsieb Qabel Tasal il-Ferrovija," il-missier jinħass imbeżża' mill-wirt li se jħalli lil ibnu. Saħansitra jemmen li se jkun għad

irid jibdel kunjomu, jibża' li kulma se jħallilu huwa kalvarju li ma jistħoqqlux. Paradossalment, fil-biża' tiegħu dwar il-wirt li se jħalli lil ibnu, il-missier qed iħaffef it-tagħbija tal-wirt li ħafna missirijiet jitfgħu fuq uliedhom. L-aċċettazzjoni tal-missier li ibnu għad irid jibdel kunjomu timplika li huwa jilqa' l-fatt li ibnu għandu l-individwalità tiegħu u l-jedd li jkun awtonomu. Il-missier mhux jara lil ibnu bħala kontinwità tiegħu, assigurazzjoni ta' immortalità għalih innifsu. Recalcati jikkummenta li daqskemm kull ħajja ta' wild hija awtonoma u distinta minn tal-ieħor, daqstant ieħor hija inkapaċi milli tagħżel il-provenjenza u t-traċċi tal-ieħor li ħalaqha (*Son's Secret* 15). Ebda ħajja umana ma hija l-fundatriċi tal-kundizzjoni tagħha, minħabba li dejjem ġejja mill-ieħor. B'hekk, kull ħajja umana għandha dejn simboliku mal-ieħor: il-ġenitur. Madankollu, għad li t-traċċi tal-missier fuq ibnu huma istintivi, l-iben qed jingħata l-opportunità biex jissuġġettivizzahom, jagħmilhom tiegħu bil-mod tiegħu. Recalcati jikkummenta wkoll li Sartre jasserixxi li meta l-ġenituri jkollhom il-pjani tagħhom lesti għal uliedhom, meta jgħabbu l-futur ta' wliedhom bl-aspettattivi tagħhom, l-ulied dejjem ikollhom destin imnikket. Min-naħa tiegħu, I. Mifsud jidher li qed jaċċetta li huwa l-provenjenza ta' ibnu u għoddu qed iħoss il-ħtija li propju ibnu, li tant huwa immens, għandu għeruqu ġejjin minnu. Madankollu, fl-istess ħin qed jagħti ċ-ċans lil ibnu jittraxxendi t-traċċi li ħallielu istintivament. B'hekk, il-poeta mhux biss ma jgħabbix lil ibnu b'wirtu iżda, b'mod umli, qiegħed jistiednu jibni ħajtu 'l bogħod minn tiegħu u għal darba oħra jiddikjara nuqqas ta' sjieda fuqu.

In-nuqqas ta' awtorità tal-missier terġa' tfiġġ f'"Nikol Mifsud, Gwerrier tal-Għaġeb" mill-ġabra *Madwar Sagħtejn u Nofs 'il Bogħod mill-Ġenna*. Fiha, l-iben ippreżentat jogħxa f'maskulinità sterjotipika. Huwa jinsab jispara u joqtol b'mod

aggressiv f'logħba tal-kompjuter li qed jilgħab ma' sieħbu online. Il-vjolenza tinħass neċessarja biex l-iben jirnexxi f'din il-logħba, u dan jidher li qed jeċċella fiha, sal-punt li jirnexxilu joqtol armata sħiħa. Din il-vjolenza tidher li qed turta lill-missier tant li jlesti ruħu biex iwaqqaf lil ibnu, imma meta jiġi wiċċ imb wiċċ miegħu, wiċċu ta' kerubin iġibu fix-xejn u għoddu jitkeċċa minn kamret ibnu mingħajr ma joffri ebda reżistenza. Hija poeżija li tfakkar f'"Mostar" ta' Grima, l-iben għal darba oħra jogħxa fil-vjolenza u l-missier jitħalla mriegħed mingħajr ma jieħu ebda azzjoni. F'għeluq il-poeżija, I. Mifsud jikkonkludi li l-ktieb tal-liġi, dak il-ktieb li s-soltu jagħti lill-missier tant awtorità, jerfgħu fil-kexxun. L-awtorità tiġi sostitwita mill-paralisi. Recalcati jikkummenta li, għal sekli sħaħ, il-ħarsa fissa punittiva tal-Liġi għaffġet il-ħajja tal-iben taħt il-piż tal-ħtija (*Son's Secret* 87). Is-sens ta' ħtija kien qisu d-dell li jiġri wara l-iben kulfejn imur. Dan iż-żmien issa għadda u, minflok, ir-riskju sar in-nuqqas ta' sens ta' responsabbiltà. Għalhekk, minkejja din il-paralisi, il-missier għandu d-dover li, mingħajr ma jgħabbi lil ibnu bil-piż tal-liġi, fl-istess ħin jaċċerta li ibnu jġorr dan is-sens. Il-poeta jidher li qed iwieġeb għalih permezz tad-distanza li ilu joffrilu sa minn twelidu meta jagħtih il-parir biex jitlaq mill-pajjiż malli dan idejqu u n-nuqqas ta' sjieda li jeżerċita fuqu.

F'poeżija minn *Għażiż Ġismi*, il-poeta jwieġeb għal dan kollu permezz ta' "Lil Nikol," li fiha jgħarrfu bl-ambigwità tal-ħajja, bħall-fatt li dak li jrid ikun jaf la qatt inkiteb u lanqas qatt mhu se jingħadlu. B'mod indirett jaqta' lilu nnifsu bħala missier li jista' jagħtih il-pariri, dak li għandu t-tweġiba għal kollox. Bħalma ma jistax ikun il-liġi għalih, ma jistax ikun l-oraklu li jsolvilu kull dilemma. Fl-istess ħin, jimbuttah għal avventuri ġodda:

Oqgħod stenna l-baħar jidħol f'kamartek
u la tibżax jekk f'nofs ta' lejl jitqawwa.
Ħallih iħabbat mal-erba' ħitan.
Imbagħad ħallih il-mewġ jogħla mas-saqaf.
Tibżax mill-baħar. Ħobbu. Orqod fih. (vv. 13-17)

F'dawn l-avventuri ġodda, il-missier qatt ma jissuġġerixxi li se jirtira fl-isfond, anzi pjuttost jinħass jaqta' lilu nnifsu għalkollox mix-xena. Għal darba oħra, dan il-missier jikkonferma l-offerta tad-distanza tiegħu, imwaħħda man-nuqqas ta' sjieda fuqu. Permezz ta' din l-imġiba, il-missier jirrinunzja bl-aktar mod qawwi s-sistema patrijarkali, li bħala iben, kif jidher fil-memoir tiegħu, *Fl-Isem tal-Missier (u tal-Iben),* trabba fiha. Huwa jirrinunzja wkoll is-sens ta' determiniżmu, minħabba li permezz ta' din iċ-ċaħda tal-patrijarkat, daqstant ieħor jiċħad id-dell tqil ta' missieru u l-attitudni tiegħu. I. Mifsud il-missier qed jimxi fuq binarji opposti għal dawk li missieru mexa fuqhom. Il-vulnerabbiltà bħala punt tat-tluq tiegħu tippermetti din l-antiteżi għall-patrijarkat.

# 5. Il-Missier fil-Proża tal-Kittieba Nisa

Matul dan is-seklu, kuntrarjament għas-seklu preċedenti, il-kittieba nisa huma bosta. Ir-rappreżentazzjoni tal-missier min-naħa tagħhom, minbarra li hija importanti fiha nnifisha, toffri spunt ta' paragun ma' dak ippreżentat mill-kittieba rġiel.

## 5.1. Clare Azzopardi

Clare Azzopardi, bħala kittieba mara, tpoġġi lill-mara fil-qalba tax-xogħlijiet tagħha. Ħafna mill-protagonisti fin-novelli tagħha huma nisa. F'*Kulħadd Ħalla Isem Warajh*, it-tmien novelli għandhom esklużivament protagonisti nisa li, għad li huma differenti minn xulxin, il-femminilità tagħhom hija fil komuni. Xi minn daqqiet, Azzopardi tinħass bħal trid tpatti għan-nuqqas ta' karattri nisa fil-letteratura Maltija. L-element soċjopolitiku huwa daqstant ieħor evidenti f'xogħolha. Grima jikkummenta li n-novelli tagħha jagħtu l-opportunità lill-qarrejja jagħrfu r-realtajiet differenti li huma stess jew ta' madwarhom jgħixu u dawn, ħafna drabi, jappartjenu għal nisa li ftit li xejn jintqal dwarhom b'konsegwenza li jintradmu r-realtajiet tagħhom ("Il-Linja l-Ħadra" 7). Fost oħrajn, hija tippreżenta l-eżistenza tat-tfajla li hija bint kriminal li kultant idaħħalha fil-kredu; tat-tfajla li ma titkellimx u li missierha jwerwirha; tal-mara li abbandunat lil bintha; tal-mara li tellgħet lil uliedha waħedha b'żewġha jdur id-dinja fi tfittxija għal xogħol aħjar li ma tagħti ebda frott; u tal-mara titkellem waħedha li darba nsterqilha wildha wara disa' xhur imsakkra ġewwa. Permezz ta' dan kollu, ir-relazzjoni bejn il-missier u l-bint tispikka diversi drabi, f'kuntrast mal-imgħoddi, meta sforz in-nuqqas ta'

kittieba nisa u daqstant ieħor protagonisti nisa fil-letteratura Maltija, din ftit li xejn kienet tidher.

Minkejja d-diversi protagonisti nisa fix-xogħlijiet ta' Azzopardi, in-novella li tiftaħ *Il-Linja l-Ħadra*, "Sodda ta' l-ilma," tibda bil-preżenza ta' missier. Għalhekk, flimkien mad-diversi rappreżentazzjonijiet tal-missier fin-novelli l-oħra fl-istess ġabra, konxjament jew inkonxjament tagħti importanza qawwija lil din il-figura. Paradossalment, fl-ewwel novella, din l-importanza tinħass aktar meta, wara introduzzjoni pjuttost qasira imma dettaljata dwar missier il-protagonista, in-narratriċi tiddikjara li l-istorja mhix dwaru, "Jekk qed taħseb li għax bdejt l-istorja fuq Wenzu se nkompliha fuq Wenzu qed jarralek" (*Il-Linja* 15). Il-missier, minkejja li mhux il-protagonist, jiġi infilzat fl-isfond tan-novella. Grima josserva li teżisti koinċidenza interessanti bejn il-ġrajjiet u l-mistoqsijiet tal-imgħoddi u li dawn fihom infushom jixhdu n-nuqqas ta' kontroll li l-persuni għandhom fuq ċerti elementi tal-personalità tagħhom (*Il-Linja* 10). Fid-dawl ta' dan li jistqarr Grima, tinħass l-implikazzjoni li, minkejja li l-missier issa huwa mejjet, dan iħalli impatt qawwi fuq ħajjet il-protagonista, Laura. L-impatt ta' dan il-missier fuq il-personalità ta' bintu jista' jkun biss negattiv għax dan huwa raġel maċista, patrijarkali, li jqis lin-nisa inferjuri u li jeżistu biss biex jaqdu l-gosti sesswali tiegħu u kien jibdilhom "daqskemm kien jibdel qliezet ta' taħt" (*Il-Linja* 15). Din l-attitudni lejn in-nisa testendi ruħha saħansitra fuq bintu stess li kien jistmaha bħalhom, "daqs qalziet ta' taħt maħmuġ" (*Il-Linja* 15). L-impatt negattiv tal-missier fuq il-bint jidher li ma jistax jiġi newtralizzat minn dak pożittiv tal-omm. Għal xi raġuni, din ma tissemma qatt. Il-maskulinità tal-missier trendi r-relazzjoni tiegħu ma' bintu aborrenti. Il-bint, minflok tgawdi mis-sigurtà li jista' jipprovdilha fl-irwol tiegħu ta' missier, titqies bħala l-qaddejja tiegħu. Hija l-mewt li

tilliberaha minn dan ir-raġel li ssejjaħlu b'ismu minflok "pa," titlu li jimplika d-distanza bejniethom. Imma għad li mewtu tippermettilha li tarmi kull oġġett fiżiku, sinjal ieħor ta' tbegħid bejniethom, l-impatt psikoloġiku tiegħu fuqha jibqa' b'saħħtu kif juri l-fatt li tbati mill-bulimja.

Bint oħra li tgħix waħedha ma' missierha mingħajr il-preżenza tal-omm hija Rachel fin-novella "/No adjective describe story/." Is-similiritajiet bejn it-tnejn ma jiqfux hemm. Ir-relazzjoni ta' Rachel ma' missierha daqstant ieħor hija ħażina. Bħal Laura għandha opinjoni mill-aktar baxxa ta' missierha. L-aġġettivi tagħha għalih huma dispreġġjattivi, "ħaxxej," "pufta," "tuba," u "injorant." Ruth, waħda mill-eks maħbubin tiegħu, ukoll taġġettivizzah negattivament, "Ġorġ? Kuntrattur pastaż u ħamallu, korrott u jaħseb li huwa alla," u min-naħa tagħha tikkonferma li l-mod kif tarah bintu mhux eskluživ (*Il-Linja* 34). B'personalità bħal din huwa impossibbli li dan ikun missier diċenti. Huwa tip ta' missier li saħansitra jdaħħal lil bintu kompliċi fi wħud mill-attivitajiet kriminali tiegħu ta' traffikar ta' umani, b'riskju ta' konsegwenzi serji fuqha. Il-bint, minkejja li kultant tħoss l-eċitament f'dawn l-attivitajiet, tinħass li tagħmel hekk minħabba pressjoni minnu u tixtieq li għandha l-kuraġġ li tirrapportah. Fl-aħħar, darba fost l-oħrajn, tiddeċiedi li titlaq mid-dar u l-pajjiż ta' fuqha senduqha minn wara dahru.

Bħal kif jiġri fin-novella preċedenti, ir-relazzjoni ħażina ta' bejn il-missier u l-bint iħallu effetti negattivi fuqha. In-narratriċi tqis ir-raġuni li Rachel tagħmel ħbieb ma' Adiam, Eritreana li tasal Malta irregolarment bi storja mill-aktar traġika, hija minħabba li bejniethom għandhom "storja diffiċli" (*Il-Linja* 34). Dan il-missier ibaxxi lil bintu kemm jista', ma juri ebda fiduċja fiha, iqisha bħala "tuba," li mhux ta' min jaħli l-ħin magħha

għax konvint li mhu se tasal imkien. Mhix sorpriża li Rachel hija tfajla mingħajr ħbieb, meqjusa stramba, implikazzjoni ta' stima mill-aktar baxxa tagħha nnifisha u solitarja (*Il-Linja* 44). Il-ħbiberija li toffri lil Adiam, persuna li ħafna huma ostili lejha, tikkonferma l-qasma bejnha u missierha, li huwa razzist u li jara lill-immigranti bħala opportunità biex jisfruttahom kriminalment. F'għajnejn Rachel, il-missier, minflok huwa l-persuna li jipprovdi ankra, huwa l-antimudell.

Ir-relazzjonijiet ħżiena bejn il-bint u l-missier ikomplu jippersistu permezz ta' Kristi f'"Rasi ġo l-ilma" mill-istess ġabra. Kristi hija tifla bi bżonnijiet speċjali, li teħtieġ aktar attenzjoni, imma missierha mhux talli ma jissimpatizzax magħha talli jaggravalha s-sitwazzjoni bl-imġiba aggressiva tiegħu: "Alleċ, x'int stramba! Ħares lejja Kristi, ħares lejn missierek f'għoxx ommok ħares 'l haw ..." (*Il-Linja* 85). Huwa jħoss li d-diżabilità tagħha hija erożjoni tal-maskulinità tiegħu. Fil-fatt, fl-aħħar jiem ta' ħajtu li jqatta' l-isptar, jistqarr ma' ibnu Gordon li, "Dik oħtok naħlef li mhix tiegħi alleċ" (*Il-Linja* 95). B'hekk, ikompli jżid id-distanza li teżisti bejnu u bintu. Hija wkoll attitudni għal kollox differenti minn dik tal-omm li tara fiha "pupa speċjali."

Djego Grech mhuwiex ostili biss lejn bintu imma anki lejn ibnu Gordon. L-iben, in-narratur tal-istorja, ukoll għandu relazzjoni mill-agħar ma' missieru. Bħal Ġorġ, missier Rachel ta' "/No adjective describe a story/" huwa kriminal li jdaħħal lil ibnu f'waħda mill-attivitajiet kriminali tiegħu. Anki ma' ibnu huwa sadist, jaħseb li se jtellgħu "raġel" billi jgħaddaslu rasu fl-ilma. Dan jikxef ukoll kemm il-missier jixtieq li jara lil ibnu miexi fuq il-passi tiegħu, imma, bħal fil-każ ta' Ġorġ, ibnu jħoss biss antipatija u mibegħda lejh. Dawn iż-żewġ emozzjonijiet li l-iben iħoss lejn missieru, aggravati bl-attitudni tiegħu lejn iż-

żewġ membri l-oħra nisa tal-familja, jilħqu l-quċċata tagħhom fis-sodisfazzjon li l-iben iħoss meta jara lil missieru jkollu juża l-maskra biex jieħu n-nifs fl-aħħar jiem ta' ħajtu. Fl-aħħar mill-aħħar, mewtu twassal sens ta' serħan fil-familja kollha. Għal darba, l-iben jisma' l-gawwi u ma jibkix u ommu tidher rilassata taqra rumanz b'raġel maġenbha li jagħtiha sens ta' sigurtà.

Fin-novella li ġġib l-istess isem tal-ġabra, *Il-Linja l-Ħadra,* toħroġ relazzjoni oħra bejn il-bint u l-missier. Din id-darba r-relazzjoni hija ħafna inqas orribbli. Ma teżisti ebda vjolenza jew element ta' kriminalità imma xorta waħda tinħass bint li tixtieq tibni relazzjoni ma' missierha li, min-naħa tiegħu, joffrilha biss silenzju li joħloq vojt bejnu u bejnha. Għal kull mistoqsija dwar episodji minn tfulitha, iwieġeb li ma jiftakarx. Il-missier ma għandu ebda kuraġġ jaffaċċja l-imgħoddi tiegħu u tagħhom. Konsistentement, iħalli lil bintu mingħajr risposta għal-lakuni fl-istorja tagħha li qegħdin jitturmentawha. Il-missier daqstant ieħor ma jimliex is-solitudni tagħha u t-tojlit isir l-aktar post sigur għaliha. Il-flaxing joffri solljev ħafna aktar mill-missier u l-omm, mara konservattiva li twiddibha li s-sess ma' raġel huwa dnub u ma' mara, tripplu. L-uniku tentattiv li jagħmel il-missier biex jibda konverżazzjoni huwa meta jsaqsiha liema quddiesa sejra.

Fil komuni f'dawn il-missirijiet ta' wlied bniet huwa li kollha huma assenti bil-mod tagħhom. Minkejja li wħud mill-missirijiet huma l-uniku ġenitur li jibqgħu jgħixu taħt l-istess saqaf ma' wliedhom, ċirkustanza mhux daqstant komuni fil-letteratura miktuba mill-irġiel, xorta tinħass assenza kbira sforz id-distanza emozzjonali ta' bejniethom. Il-missier li jrabbi lil uliedu waħdu ma jinħassx bħala l-ġenitur li jxammar il-kmiem u jpatti għan-nuqqas tal-ġenitur l-ieħor. Fiż-żewġ novelli "Sodda ta' l-ilma" u "/No adjective

describe a story/" il-missirjiet huma ġenituri waħedhom, imma l-ulied mhumiex il-prijorità tagħhom. It-tnejn jinħassu promiskwi mingħajr wisq impenn lejn uliedhom. Teżisti wkoll distanza minħabba nuqqas ta' rispett, disparità bejniethom, u silenzju. Dawn kollha huma assenzi li jħallu effetti negattivi fl-ulied bħan-nuqqas ta' kunfidenza, l-insikurezza, u d-diżordni li jibqgħu jippersistu anki matul il-ħajja adulta tal-protagonisti. Susan E. Schwartz tikkummenta li l-preżenza tal-assenza hija ta' dannu kbir u hija aċċentwata minħabba l-bżonn li tagħmel tajjeb għal dan in-nuqqas (xiii). Jinħassu wkoll kumplessi paterni negattivi li dwarhom Schwartz tikkummenta li joħorġu permezz ta' sintomi ta' dipressjoni, diżassoċjazzjoni, disprament u ansjetà, fost oħrajn (43). Dawn jidhru ċari fil-kundizzjoni tal-bulimja ta' Laura, in-nuqqas ta' ħbieb ta' Rachel u t-tluq minn dar missierha biex tmur għand ommha, li darba ħallietha, u s-solljev li n-narratriċi ta' "Il-Linja l-Ħadra" ssib fil-flaxing u mhux f'persuna oħra. Schwartz iżżid li n-nuqqas ta' attenzjoni paterna, joħloq sens ta' ħtija u diqa u t-tradiment tiegħu jwassal għal sens ta' deżolazzjoni fil-bint (47). Fil-fatt, kull bint f'dawn l-istejjer tbati bi problemi kbar, li jfixklu l-ħajja ta' kuljum.

Il-missier pjuttost jiġi ppreżentat minn perspettiva differenti fil-ġabra sussegwenti *Kulħadd Ħalla Isem Warajh*. Qabelxejn, huwa ħafna inqas preżenti, forsi għax il-fokalizzazzjoni tan-narratriċi hawnhekk tikkonċentra fuq karattri nisa. Raġuni oħra hija li dawn ir-rakkonti jseħħu fil-ħajja adulta tal-protagonisti, fi żmien meta normalment il-missier ikun anqas preżenti. F'din il-ġabra, ma jeżistu ebda protagonisti adolexxenti bħal Rachel jew Laura. Anna Zammit tikkummenta li għad li din il-ġabra mhix letteratura espliċitament Femminista, hija ġabra li turi "l-pożizzjoni tal-mara f'soċjetà patrijarkali postkolonjali fejn in-nisa għadhom isofru minn żvantaġġi soċjali u politiċi li

jpoġġuhom f'pożizzjoni ta' vittmi, uħud b'mod gravi aktar minn oħrajn u kultant bil-kontribuzzjoni tagħhom stess" (176). Għalhekk jista' jingħad li, f'*Il-Linja l-Ħadra*, il-patrijarkat jidher fil-konfini tal-familja, waqt li f'din il-ġabra l-patrijarkat jidher mifrux fuq soċjetà sħiħa.

F'*Kulħadd Ħalla Isem Warajh*, il-missier, meta jidher, jerġa' jiġi pprezentat f'dawl diskutibbli anki jekk fl-ewwel novella, "Sandra," naraw missier li jiddedika ħajtu esklużivament għal bintu. Min-naħa l-oħra, l-omm tabbanduna lil bintha u lanqas toffri reżistenza lill-eks żewġha li ma jippermettilhiex taraha mqar ftit sigħat fil-ġimgħa, sitwazzjoni li hija preludju għal *Castillo*. Imma mbagħad, f'"Rita," jiġi pprezentat missier li jittradixxi lil bintu, ma jagħtihiex sehemha u minflok jagħti kollox lil oħtha ż-żgħira u żewġha. Dan it-tradiment iwassal lil bintu biex titlaq lejn l-Ingilterra, fejn tqatta' ħajjitha tqaxxar il-patata fi skola. Dan it-tradiment ikollu effett dirett anki fuq żewġha li jiċċaħħad mill-ħolma tiegħu li jsewwi l-arloġġi fil-ħanut li kien se jħallilu, b'konsegwenza li jaqa' f'dipressjoni. It-tradiment tal-missier jibqa' tant akut tul ħajjet il-protagonista li meta l-missier imut, wara li jaqa' sforz ix-xorb żejjed, tiddeċiedi li ma tinżilx Malta biex tattendi għall-funeral tiegħu.

F'"Roża," il-missier huwa assenti u skont in-neputija, "In-nannu ħalla lin-nanna armla qabel ma miet" (67). Huwa raġel li jitlaq mid-dar bil-premessa li jsib xogħol tajjeb u jibgħat il-flus imma rarament jagħmel dan u jilħqu jgħaddu xhur sħaħ sakemm martu tisma' b'aħbaru waqt li hija tkompli trabbi l-ħames ulied tagħhom waħedha. Madankollu, fl-omelija għall-funeral tiegħu, il-Kappillan jaqa' fil-klixejiet u dwaru jgħid "li

dejjem mantna l-familja, li dejjem ħadem għall-familja, li dejjem ħabb lill-familja," implikazzjoni tan-narratriċi kemm il-figura tal-missier hija sagra (*Kulħadd* 69).

L-assenza tal-missier tkompli terfa' rasha fi "Gracey." Helen, il-mara li tħares bl-ikrah lejn kollox, tinħass imrobbija minn ommha waħedha. Il-missier jissemma darba biss, li fiha jiġi kkonfermat li miet. Il-fatt li l-omm kienet taħdem fi żminijiet meta l-mara miżżewġa kienet mistennija li tkun dejjem id-dar jissuġġerixxi li miet qasir il-għomor. Fl-istess novella, jissemma missier l-aħwa Higgins imma, għad li minn banda jinħass awtoritarju u jrid jissalvagwardja l-unur tal-familja ("Darba ġie missierhom għalihom, tgħidx kif kaxkarhom 'il fuq") din l-awtorità tiegħu malajr tiġi sfidata u fl-istess paragrafu n-narratriċi tistqarr li, "lanqas minn missierhom ma kienu jibżgħu" (*Kulħadd* 56).

L-unur tal-familja joħroġ fil-wiċċ b'ħafna aktar saħħa f'"Polly." Din id-darba, skont ix-xnigħat, il-missier, flimkien mal-omm, jaqfel lil bintu għal disa' xhur sħaħ wara li toħroġ tqila minn baħri Ingliż u jeħdulha lil wildha mat-twelid biex jaċċertaw li l-unur tal-familja jibqa' intatt. Għad li n-narratriċi tixħet il-ħtija ta' dan fuq iż-żewġ ġenituri, f'soċjetà patrijarkali huwa l-missier li x'aktarx instiga kollox. Manisha Gupte tikkummenta li termini bħal "qtil tal-unur" u "kriminalità tal-unur" inaqqsu l-gravità ta' dawn l-atti u jippermettu li jitqiesu aktar aċċettabbli minn forom ta' vjolenza oħra kontra n-nisa. Hija tkompli li l-implikazzjoni li n-nisa huma parti mill-unur tal-irġiel trendi l-vjolenza fuqhom ġustifikabbli (72). Fil-każ ta' Polly, huwa l-missier, bħala l-kap tal-familja li l-aktar kellu x'jitlef kieku ntilef l-unur tal-familja. Għalih, iż-żamma tal-unur familjali, hija wkoll mod ta' żamma ta' poter, li permezz tagħha jikkontrolla l-konformità tal-bint. Għal dan kollu, Polly tħallas prezz qares ħafna. Huwa diffiċli ma torbotx l-emarġinazzjoni

u l-problemi mentali tagħha ma' din it-trawma f'żgħożitha. Aktar milli l-pipi u l-giljottina ċkejkna li tiret mingħand missierha, l-akbar legat li jħallilha huwa din it-trawma, li ċċaħħadha minn ħajja diċenti.

Ir-relazzjoni ta' bejn il-missier u l-bint tidher ukoll fir-rumanz *Castillo* u, għal darba oħra, hija bejn missier u bint waħdanija, Robert u Amanda. Din ir-relazzjoni hija differenti minn dawk li rajna qabel għax din id-darba huwa ċar li l-omm titlaq mid-dar u tħalli l-kompitu tat-trobbija ta' bintha f'idejn il-missier waħdu. L-abbandun tal-omm huwa ddikjarat mill-bidu tar-rumanz, "Il-mamà telqet meta kelli seba' snin u ħallietni warajha. Lili, lill-papà u s-skiet. Qisna xi ritratt" (*Castillo* 15). Madankollu, Robert, bħala raġel u missier, huwa pjuttost maqtugħ mill-missirijiet ippreżentati minn Azzopardi qabel. Forsi l-uniku fil komuni li għandu ma' dawk preċedenti, huwa s-skiet tiegħu, simili għall-missier ippreżentat fin-novella "Il-Linja l-Ħadra." Dan mhux missier li jesponi elementi ta' maskulinità eġemonika li, skont Connell, hija tip ta' maskulinità li tinkorpora sfumaturi ta' maskulinitajiet differenti, iżda li, flimkien, jaċċertaw li għandhom it-tweġiba għall-problema tal-leġittimità tal-patrijarkat u tiggarantixxi l-pożizzjoni dominanti tar-raġel. Connell iżżid li l-maġġoranza tal-irġiel igawdu minn din l-eġemonija minħabba li permezz tagħha l-mara hija subordinata, kif ukoll li l-eġemonija fiha nnifisha hija marbuta ma' dominanza kulturali fis-soċjetà (76-78). Dan il-missier jidher 'il bogħod minn wieħed awtoritarju u b'tali attitudni jaqta' lilu nnifsu minn din l-eġemonija. Huwa wkoll missier li mhu involut f'ebda kriminalità, missier li ma jistmax lil bintu "bħal qalziet ta' taħt maħmuġ," u għalih din it-trobbija aktar milli prijorità tinħass bħala l-ġustifikazzjoni tal-eżistenza tiegħu. Ir-risposta tiegħu għall-umiljazzjoni tat-tluq ta' martu minn darhom hija li jxammar il-kmiem u jtella' lil bintu waħdu, mingħajr ebda għajnuna

minn qrabatu. Huwa missier li, kif jidher mir-ritratt tal-magħmudija, sa mill-bidu nett, jintrabat ma' bintu ħafna aktar mill-omm. Sinjal ta' dan jidher mill-evidenza li huwa biss qed iħares lejn bintu waqt li l-omm tidher qed tħares lejn il-qassis (*Castillo* 15). Barthes jikkummenta li l-essenza ta' ritratt huwa li jirratifika dak li jirrappreżenta. Huwa jkompli li ritratt jagħti ċertezza li l-kitba qatt ma tista' tagħti, minħabba li l-lingwa hija fittizja fiha nnifisha, iżda ritratt huwa indifferenti lejn kull intermedju – il-fotografija ma tivvintax – għax essenzjalment hija awtentika. Dak li l-fotografija tippreżenta fuq karta, huwa ċert daqs il-preżent (85-88). F'dan id-dawl, dan ir-ritratt, wieħed mill-ftit ta' din il-familja, imqiegħed fuq tavolina, jikkonferma l-indifferenza tal-omm lejn il-bint u l-għożża tal-missier sa mill-bidu nett.

Kuntrarjament għall-missirjiet preċedenti, irġiel li ma jinvolvux ruħhom għad li joqogħdu taħt l-istess saqaf ta' binthom sforz ċirkustanzi li sabu rwieħhom fihom, dan huwa missier impenjat għalkollox. Huwa missier qrib ħafna ta' bintu u jinħass jagħmel minn kollox biex ipatti għan-nuqqas tal-omm. L-omm stess tirrikonoxxi dan l-impenn (*Castillo* 23). Kuntrarju għall-ulied fir-rakkonti l-oħrajn, Amanda ma ġġorrx it-tbenġil tat-trawma li għaddiet minnha, anzi tkompli l-edukazzjoni tagħha sa grad universitarju, hija miżżewġa raġel li jagħtiha ħafna spazju u rispett, għandha tifla u hija omm preżenti ħafna għal bintha. Il-missier, min-naħa tiegħu jaqdi anki rwoli li ħafna drabi huma marbuta mal-omm. Huwa missier li jitlaq mill-korp tal-pulizija, forsi għax huwa skomdu bil-vjolenza marbuta miegħu, partikolarment fit-tmeninijiet, forsi wkoll għax irid ikun eqreb ta' bintu.

Amanda tippreżenta missier li jeħodha l-librerija Belt is-Sebħ u li jgħallimha kollox, inkluż dwar tabujiet:

> Qalli kollox il-papà. Għallimni kif ngħix fid-dlam u fis-skiet. Qalli fuq is-subien, fuq il-period, fuq l-uġigħ kif intaffih, fuq is-sess, fuq kif nistudja ... ħlief fuq il-mamà. Għallimni minn kollox, għamilna kollox flimkien, jien u l-papà. Bajjadna, braxna l-għamara, żbajna, tajna l-lostru, bdilna l-bozoz, naddafna (*Castillo* 126).

Huwa missier li jisfida n-nozzjoni ta' Recalcati, li l-funzjonijiet tal-omm u l-missier huma differenti u ma jistgħux jiġu ridotti għal sempliċiment ġenitur numru wieħed u ġenitur numru tnejn (*Mother's Hands* 64). Aktar minn hekk, dan huwa missier li jaqdi l-funzjonijiet taż-żewġ ġenituri waħdu u forsi kien jixraqlu li għal jum l-omm, bintu tagħmillu l-kartolina, minkejja l-uġigħ ta' qalb li din kienet iġġib magħha. Huwa wkoll missier li jfakkar fi kliem Millett li l-assenjament tal-kura tat-tfal lin-nisa huwa wieħed kulturali u mhux bijoloġiku (231). Perspettiva femminili tisfida l-pedament Freudjan u Lacanjan ta' Recalcati, li jimplika li bejn iż-żewġ sessi hemm differenzi fundamentali.

F'kuntrast ma' xi wlied fin-novelli li jirrifjutaw li jsejħu lil missierhom "pa," Amanda kontinwament tirreferi għalih bħala "l-papà," u kultant anki bħala "pops," termini li jissuġġerixxu qrubija bejn it-tnejn. Din il-qrubija bejniethom, speċjalment min-naħa tal-bint, tkompli anki wara mewtu. Il-missier jibqa' "jidher" lil bintu. Minbarra li jġib ħafna biki fil-funeral, f'mumenti diffiċli, Amanda tixtieq li missierha qiegħed hemm għaliha. Meta tmur tħabbat il-bieb ta' ommha għall-ewwel darba, wara mewtu, bejnha u bejn ruħha thewden, "Tgħid jaħfirli l-pops?" (*Castillo* 134). Raġuni li tieħu lil bintha

regolarment il-librerija hija biex iġġedded il-memorji tiegħu u meta teħodha l-iskola għall-ewwel darba, tixtiequ qiegħed ħdejha josservawha. Is-sufan li qasmet miegħu tul ħajtu, minkejja li mhux komdu, tinvesti fih billi tbiddillu t-tapizzerija, għax fl-aħħar mill-aħħar, "Dan tiegħi u tal-papà" (*Castillo* 304).

Minkejja din il-qrubija, il-bint tilmenta diversi drabi dwar is-silenzju ta' missierha. Għad li fil-bidu tar-rumanz tistqarr li hija mdorrija fis-skiet u ma jdejjaqha xejn, ftit wara tirrabja li "waqa' fil-muta," muta li skontha tħalliha "lampa stampa" (*Castillo* 31). Lejn tmiem ħajtu jidher li jaqa' f'silenzju akbar, qisu jrid jirrassenja ruħu li għamel dak li kellu jagħmel. Imma anki matul it-tfulija u l-adolexxenza ta' bintu, fid-drabi meta hija tipprova tibda diskursata miegħu, speċjalment meta s-suġġett ikun ommha, il-missier jew ma jweġibx, jew jaqleb id-diskors. Dan jista' jkun dovut għall-fatt li ħafna rġiel jassumu li huma mistennija li jkunu silenzjużi. Susan Bordo tikkummenta li s-subien huma mistennija jaħbu l-uġigħ tagħhom internament bi Stojċiżmu, ħalli b'hekk ikunu qed jaġixxu bħall-irġiel (56). Min-naħa tagħha, bell hooks tikkummenta li l-patrijarkat iwassal għal forma ta' Stojċiżmu emozzjonali, li jimplika li raġel ikun aktar raġel meta ma jħoss xejn, jew jekk ikun imweġġa', jaħbi, jinsa, u jittama li dawk il-ħsus jitilqu (20). Il-weġgħa tat-tluq ta' martu seħħet fit-tmeninijiet, fi żmien meta, skont Tabone, wieħed kien dejjem jistenna li ż-żwieġ kellu jkun permanenti u f'każ ta' nuqqas ta' suċċess, ir-raġel u l-mara xorta waħda kienu mistennija jibqgħu taħt l-istess saqaf (250). Dan is-silenzju jista' jkun ukoll marbut mal-mistħija li jħoss bħala raġel umiljat. Dwar dan, Ernaux tikkummenta li l-mistħija tista' ssir tip ta' għajxien (84). Fid-dawl ta' dan, ċertament li l-missier lanqas biss huwa konxju li s-silenzju tiegħu qed jaffettwa negattivament lil bintu għaliex dan jista' jitqies bħala assenza. Il-bint hija tturmentata bit-tluq ta' ommha, tħoss

lakuna f'ħajjitha, imma l-missier ma jgħinx biex din timtela. Huwa jinħass li ma jistax jifhem li jagħmel kemm jagħmel ma' bintu qatt ma jista' jimlielha dan in-nuqqas. Huwa forsi minħabba dan li Amanda tistqarr, "Tani kollox," imma wkoll tiċċara li dan kien "sa fejn kien jaf hu" (*Castillo* 28). Huwa missier li jagħti ħafna lil bintu imma fl-aħħar mill-aħħar għandu n-nuqqasijiet tiegħu.

Fin-novelli ta' Azzopardi, daqskemm il-missier ħafna drabi jidher f'dawl ikrah, daqstant ieħor jeżistu diversi ommijiet li huma assenti u rarament tidher familja nukleari sħiħa. Dan jista' jkun dovut għall-fatt li permezz tan-novella, Azzopardi twettaq speċi ta' inkjesta soċjali u fiha l-familja, bħal fil-każ tar-Realisti lura fit-tletinijiet, ftit li xejn toħroġ tfuħ u jinkisru diversi miti, tant li jinħass element neo-Realist fihom. Il-missier f'*Castillo* jfakkar fl-istudju ta' Barbara J Risman, "Can Men Mother? Life as a Single Father." Fih Risman tikkummenta li r-riżultati tal-istudju tagħha jkissru t-teorija individwalista li tbassar li meta l-missier jieħu l-irwol ta' ġenitur waħdieni jkun nieqes mill-motivazzjoni interna u daqstant ieħor huwa nieqes mill-ħiliet espressivi li jipprovdu l-intimità neċessarja għat-trawwim ta' tfal żgħar (96). F'dan l-istess studju joħroġ ċar li meta l-missier jingħata r-responsabbiltà tat-trobbija ta' wliedu huwa kapaċi jilħaq l-aspettattivi li ħafna drabi jkunu marbuta mal-omm. Huwa kapaċi jiżviluppa relazzjoni intima u ta' għożża ma' wliedu u mhux veru li l-omm għandha xi predispożizzjoni psikika biex tieħu ħsieb lil uliedha (101). Fid-dawl ta' dan, jinħass li Azzopardi qed tkisser il-mit li mara hija biss omm u li hija marbuta b'mod kategoriku ma' wliedha. Fil-fatt, il-missier f'*Castillo,* minbarra li jispikka b'mod pożittiv fost il-ħafna missirijiet oħra li ma jirnexxux fl-irwol patern tagħhom, huwa wkoll missier li jista' jitqies bħala wieħed mill-aħjar ġenituri fil-korp ta' Azzopardi minkejja n-nuqqasijiet li tagħraf fih bintu stess; raġel li bil-mod tiegħu

jiddefendi d-dritt ta' bintu għal familja, anki jekk mhux waħda nukleari, u jagħtiha kwalunkwe mħabba u għożża li sterjotipikament mistennija minn omm.

## 5.2. Loranne Vella

Loranne Vella hija awtriċi oħra ewlenija li xogħolha ġie rrikonoxxut u jagħti aktar validità lill-kamp tal-kittieba nisa li sab il-vuċi tiegħu b'aktar qawwa matul dan is-seklu.

Vella, fin-novelli tagħha mhux biss tippreżenta diversi karattri nisa, imma trendi lill-karattri rġiel f'minoranza. Għal darba oħra, kittieba mara tinħass li trid tpatti għan-nuqqas ta' nisa fil-letteratura Maltija. Sa hawnhekk tinħass miexja fuq l-istess binarji ta' Clare Azzopardi imma, b'differenza min-novelli ta' Azzopardi, li għandhom għeruqhom f'Malta, dawk ta' Vella huma ħafna drabi ambjentati lil hinn minn Malta, f'xi belt Ewropea u l-karattri, minkejja li huma ħafna drabi ċarament Maltin, jinsabu 'l bogħod minn darhom. Aktar minn hekk, jinħassu qegħdin jaqtgħu linja minn mal-passat tagħhom f'Malta. Ngħidu aħna, in-narratur ta' "Kikkra Kafè" jistqarr dwar il-protagonista, "dak il-passat u xtaq iħallih hemm fejn kien" (*Mill-Bieb* 34). Simili għalih, il-protagonista ta' "Torta tal-Irkotta" twissi lilha nnifisha, "Ħallik mill-passat. Aħseb f'issa, aħseb fil-lum" (*Mill-Bieb* 65). Dawn il-karattri, daqskemm jinsabu 'l bogħod minn darhom, daqstant ieħor jinsabu 'l bogħod mill-familja li trabbew fiha. Dan iwassal għal mixja lejn ħajja aktar awtonoma, fejn it-tkabbir ta' familja ġdida f'din il-belt ġdida huwa 'l bogħod mill-intenzjoni tagħhom u, naturalment, il-figura tal-missier ma tissemmiex daqstant.

Madankollu, f'novelli oħrajn, il-figura tal-missier, b'xi mod jew ieħor, tgħolli rasha anki jekk b'mod sottili biss. F'"Biċċa Biċċa" pereżempju, Irene, il-protagonista li tgħix

barra minn Malta, tiġi lura għall-funeral ta' ommha u meta ssib ruħha fid-dar ta' tfulitha, kuntrarjament għall-karattri ta' "Kikkra Kafè" u "Torta tal-Irkotta," ma jirnexxilhiex twarrab il-passat, anzi ssibu jassedjaha. Girfa fuq il-mejda tal-pranzu tfakkarha li għamlitha meta "missierha kien diġà telaq u ma kien fadal ħadd li kellu aptit jagħmel xi ħaġa biex girfa bħal dik jerġa' jimlieha u jgħattiha li ma tmurx tweġġa' l-għajn" (*Mill-Bieb* 16-17). Ftit wara, in-narratriċi tistqarr li dik kienet l-ewwel girfa li rat il-mejda u li, "Minkejja li ommha kienet għadha ħajja, ir-renju tagħha kien spiċċa" (*Mill-Bieb* 17). Il-missier huwa ppreżentat bħala wieħed li telaq minn ħajjet il-protagonista ħafna qabel ommha u li fil-familja, aktar milli kien hemm patrijarkalità, kien hemm omm matrijarkali, matrijarkalità riflessa fir-rabta bejn omm li tbati mill-kenofobija u d-dar mimlija daqs bajda. Id-dar tirrappreżenta epoka oħra tagħha, "Did-dar kienet id-dar tagħha. Iżda ma kinitx għadha tgħix fiha. Issa kienet tgħix f'dar oħra, pajjiż ieħor, b'rutina u identità kompletament differenti minn ta' din. Fid-dar l-oħra kienet tgħix Irene oħra" (*Mill-Bieb* 22). Minkejja t-tensjoni li teżisti bejn il-preżent u l-memorji, Irene tinħass li qalbet il-paġna, id-dar se tbigħha dalwaqt u trid tagħlaq l-aħħar tieqa li minnha jidher il-passat tagħha, l-uniku post fejn bħalissa jinsab b'mod remot missierha.

Il-kuntest ta' familja jispikka f'"Moxt," u, għal darba oħra, hemm sens ta' matrijarkalità. Hija n-nanna li tmut u tħalli ħerba warajha permezz tat-testment tagħha. In-nanna ppreżentata bħala mara li wliedha s-subien jibżgħu minnha u n-nannu ma jissemma qatt. Omm u missier il-protagonista jidhru qrib xulxin, tnejn li l-ġlied li jaraw fil-familji rispettivi tagħhom iwassalhom biex jipprijoritizzaw il-paċi wara mewthom. Imma minflok jindirizzaw id-diskriminazzjoni li seta' kien hemm fit-trattament tal-aħwa, jiddeċiedu għall-għażla l-aktar faċli u b'hekk jipproduċu wild wieħed – tifla. B'omm u

missier daqshekk prudenti u mbeżżgħa mill-futur, il-familja hija naturalment konservattiva. Huwa l-missier li jsuq il-karozza u l-omm qatt ma jgħaddilha minn moħħha li tista' titgħallem ssuq hija wkoll. Jinħass implikat li bejniethom din il-koppja tirrikonoxxi li hemm qasma ċara bejn kompiti marbuta mar-raġel u dawk marbuta mal-mara. Fil-ħajja hemm ċerti mudelli, li aħjar timxi magħhom għax inkella jaf jinqalgħu l-intoppi. Madankollu, il-missier, għad li f'għajnejn il-protagonista fi tfulitha jista' jidher bħala l-kap, il-persuna li tmexxi l-familja bħalma jsuq il-karozza, mhuwiex wisq ta' eżempju. F'għajnejha huwa wieħed ineffettiv, jerfa' u jsorr imma mbagħad ma jsibx dak li jkollu bżonn u konvinta li ma kienx kapaċi jomxot xagħar ommha, att li għaliha għandu sinjal speċjali ta' intimità. Fil-fatt, mingħand nannitha tieħu biss il-moxt tagħha, in-nanna u ommha kienu l-uniċi nisa li jomxtulha xagħarha, waqt li fost l-irġiel kollha huwa Patrick biss li tħalli juża l-moxt fuqha, raġel li ilha taf mill-adolexxenza u li "Dejjem tiħmar baqgħet kull meta kienet taħseb fih" (*Mill-Bieb* 102).

Din in-novella tfakkar f'wieħed mill-punti ta' Recalcati li l-missier tilef kull awtorità simbolika, tant li l-figura tiegħu hija mitfija u sfumata b'mod li ma hemmx tama li għad terġa' tixgħel (*Telemachus* 1). Recalcati jżid li dan ma jfissirx li għandha tibda tfittxija għal missier bħala l-mudell ideali, id-domma, l-eroj invinċibbli, jew wieħed b'awtorità ripressiva u dixxiplinarja. It-tfittxija trid tkun għal missier li l-azzjonijiet u l-għażliet tiegħu jistgħu joffru xhieda ta' kif l-ulied jistgħu jgħixu f'din id-dinja b'rieda daqskemm b'responsabbiltà (*Telemachus* 3). Dan il-missier irrappreżentat fin-novella ta' Vella jonqos għalkollox minn dan, jinħass biss bħala dak li jiżra' ż-żerriegħa biex iġib lil bintu fid-dinja imma ma jħalli ebda impatt fuqha u ma joffri ebda ankra għaliha. Huwa Patrick, dan ir-raġel li dejjem ħabbet imma kellha tikkuntenta li tosserva ħajtu minn

distanza, li beda jgħallimha "l-alfabett tal-ħajja" u mewtu tfisser li ma għandhiex aktar x'titgħallem. Il-missier huwa mwarrab għall-periferija ta' ħajjitha u, huwa figura mneżżgħa mis-sinifikat f'ħajjitha. Kuntrarjament għal Telemakus li, skont Recalcati, iħares lejn ix-xefaq biex jara jilmaħx ir-ritorn ta' missieru biex ireġġa' lura l-Liġi fil-gżira tiegħu, kemm din il-protagonista ta' "Moxt," u daqstant ieħor ta' "Biċċa Biċċa," jinħassu li xi darba kellhom missier f'ħajjithom imma dan, maż-żmien, sempliċiment jgħib lil hinn mix-xefaq u l-għajbien tiegħu jwassal għan-nisi tiegħu daqslikieku qatt ma kien (*Telemachus* 2).

F'novella oħra, "Dawn l-Erbat Ikmamar li Għandi" li oriġinarjament ġiet ippubblikata individwalment f'rabta ma' wirja u li aktar tard ġiet inkluża f'*L-Antoloġija tal-Letteratura Mqarba*, il-missier mhux biss huwa fil-periferija imma saħansitra ineżistenti. Il-karattri nisa jiddominaw din in-novella u l-unika darba li jissemma l-missier huwa meta n-narratriċi tistqarr li missier il-mara, li qed tiġri warajha u li tispiċċa tinħabb magħha, huwa mekkanik. Imma kollox jieqaf hemm. Hija l-omm tal-protagonista li tinħass importanti, li x'aktarx trabbiha weħidha, u li darba tkeċċiha 'l barra għax ma taċċettax l-orjentament sesswali tagħha imma, wara li tiġi wiċċ imb wiċċ mal-mewt, tilqagħha lura flimkien mal-maħbuba tagħha fi ħdanha. Il-missier, kif diskuss fin-novella ta' qabel jinħass lil hinn mix-xefaq ta' ħajjitha, mingħajr ebda sinifikat.

L-unika darba fin-novelli ta' Vella li l-missier jinħass importanti huwa f'"Bewl u Ostji" li, kuntrarju għall-oħrajn, għandha diversi karattri rġiel. Imma din hija novella li minkejja li hija rrakkontata fil-preżent, in-narratur huwa anzjan maħkum mid-dimensja u sforz din il-kundizzjoni jibda jmur lura lejn tfulitu, meta bħala tifel jisfa' vittma ta'

vjolenza mingħand missieru. In-narratur jippreżenta l-vjolenza bħala att kważi naturali li jseħħ bejn missier u iben, sal-punt li minkejja l-ħruxija tagħha — il-missier kultant itajjarlu xi sinna, drabi oħra jġiegħlu jtiegħem id-demm — jidraha (*Mill-Bieb* 110). Huwa żmien meta bejn il-missier u l-iben hemm saħansitra xebh qawwi, “Jien kont qisni missieri. U Twanny missieru. Mhux ta’ b’xejn ħasbuna huma,” tant li l-missier jispiċċa jħallas huwa għad-delitt tal-iben li jseħħ wara avventura li tmur żmerċ (*Mill-Bieb* 111). L-impatt tal-missier fuq l-iben jibqa’ jinħass, sal-punt li llum, deċennji sħaħ wara, jiġi ppreżentat simili għalih, raġel vjolenti u territorjali li, għaż-żjara ta’ bintu li, sforz id-dimensja, ma jagħrafx, iwieġeb, “Min iż-żobb hija di’, illum, ġejja biż-żobb ta’ sabiħ? Ostja nifqgħalha wiċċha, jekk terġa’ tidħolli fil-kamra tiegħi” (*Mill-Bieb* 113).

Fid-dawl ta’ dawn in-novelli, Vella tippreżenta tipi ta’ missirijiet skont żminijiet differenti. Fi żminijiet antiki, l-impatt tal-missier jinħass qawwi, iżda f’dawk kontemporanji dan l-impatt jintilef għalkollox, għall-inqas fuq l-ulied bniet li hija tippreżenta b’mod esklużiv. Ftit deċennji jniżżlu din il-figura minn waħda prepotenti għal waħda insinifikanti.

Fir-rumanz *Rokit*, Vella tippreżenta saħanistra l-futur – żmien li fix-xogħlijiet li rriċerkajt sa issa ma jidher qatt. L-eroj Petrel jitwieled fl-2043. F’dan iż-żmien, is-sinifikat tal-figura tal-missier tkompli ssegwi n-niżla li taqbad fin-novelli. Petrel jitrabba minn mara, Rika, li lanqas ma hija ommu, imma nanntu, omm missieru. L-importanza ta’ Rika f’ħajjet Petrel hija mistqarra kmieni fir-rumanz permezz tan-narratur, “Rika dejjem hemm kienet, kważi dejjem fl-isfond imma ta’ spiss fuq quddiem tal-istampa ta’ ħajtu. Seta’ jgħajtilha mamà għax kienet rabbietu prattikament mit-twelid, u ma kienx jaf omm

oħra ħliefha" (*Rokit* 19). L-impenn emozzjonali ta' Rika lejn Petrel huwa daqstant ieħor mistqarr b'konvinzjoni, "Rika kienet tgħallmet li qalbha u darha aħjar iżżommhom vojta għajr għal Petrel" (*Rokit* 22). Petrel jiret mingħandha l-faxxinu lejn il-fotografija u l-mewt tagħha twasslu biex imur lejn Malta għall-ewwel darba, il-pajjiż fejn twieldet imma li tabbanduna f'żgħożitha, biex ifittex għeruqha. F'din it-tfittxija, Petrel jinħass irid jaqbad ma' ankra li sa qabel mewtha, dejjem kienet ippreżentata minn Rika.

Min-naħa l-oħra, Petrel ma jaf xejn dwar missieru, għajr li jismu Stefan u li kien minn Moska. Missieru huwa assenti għalkollox imma din l-assenza ma tinħassx. Waqt li mewt Rika twasslu biex imur ifittex għeruqha, Petrel ma jidher qatt imur Moska biex ifittex xi informazzjoni dwar missieru; ma jidher li għandu ebda interess fih, ma jħossux parti minn għeruqu; ma jħallilux mistoqsijiet mhux imwieġba bħalma tħallilu l-mewt ta' Rika. In-nuqqas tiegħu lanqas iġiegħlu jirromantiċizzah b'xi mod bħal kif ġara fil-każ ta' Telemakus. La qatt jistenna l-approvazzjoni tiegħu, u daqstant ieħor qatt ma jħossu fid-dell tiegħu. Huwa biss darba li jsemmih, "Missieri twieled Moska. Ma naf xejn dwaru" (*Rokit* 71). Fis-sentenza li ssegwi din dwar missieru jaqbeż jitkellem fuq Rika. Il-figura tal-missier tinħass ikkanċellata u daqstant ieħor, tinħass ikkanċellata l-figura tal-omm. Għad li Rika tieħu rwol matern (anki jekk qatt ma jindirizzaha b'dan it-titlu) Petrel la jistaqsi dwar ommu u lanqas ma jmur ifittixha. Recalcati jiddikjara li, minn lenti psikanalitika, il-funzjonijiet tal-missier u l-omm ma jistgħux jiġu aboliti iżda, f'dan il-każ, jinħass li l-irwol taż-żewġ ġenituri huwa eliminat, u li persuna oħra tista' faċilment taqdi ż-żewġt irwoli f'daqqa (*Mother's Hands* 64).

Terġa' u tgħid, ir-raġuni għaliex missier Petrel huwa kkanċellat hija li Rika stess toqtlu meta Petrel kien għadu f'ġuf ommu. Dan il-qtil jikkawża qtugħ fl-arblu tar-razza li kien ta' saħta fuq Rika stess u li setgħet tkompli fuq Petrel. Permezz ta' dan il-qtil, l-iben jitlef parti minn għeruqu imma fl-istess ħin jirbaħ il-qbiż minn belt għal oħra, minn pajjiż għal ieħor, minn fruntiera għal oħra. Ħajtu ma' Rika, mingħajr missier, hija kkaratterizzata minn ivvjaġġar kontinwu, fejn kullimkien għandu l-possibbiltà li jservi ta' dar ġdida. Hija ħajja mingħajr raġel fil-familja u daqstant ieħor hija nieqsa l-maskulinità. In-nuqqas ta' preżenza maskili f'ħajjet Petrel jissaħħaħ meta Rika ttemm relazzjoni ma' raġel li hija tqis faxxist minħabba l-maskiliżmu tiegħu u twiegħed li daqshekk se jkun hemm irġiel f'ħajjitha. Il-qtil tal-missier, li fisser il-kanċellament ta' din il-figura għal Petrel, irriżulta f'nuqqas ta' responsabbiltajiet u obbligazzjonijiet lejn figura waħdanija. Ir-relazzjoni tiegħu ma' Rika tinħass ekwa, ta' vjaġġar kostanti fi tfittxija għar-ritratt li jmiss, għall-immortalizzazzjoni tax-xena li jmiss. Imma, fl-aħħar mill-aħħar, il-kanċellament tal-missier ifisser ukoll eliminazzjoni ta' figura li tiġi sostitwita minn oħra, f'dan il-każ minn Rika li, fi kliemu stess, issir l-aktar punt kostanti f'ħajtu, il-punt tat-tluq u l-punt tal-wasla ta' kull vjaġġ li jagħmel (*Rokit* 100). Fid-dawl ta' dan, aktar milli l-missier, huwa r-raġel bl-awtorità li jiġi kkanċellat.

Petrel isir missier huwa stess bit-twelid ta' ibnu Benjamin. Bħalma huwa jitrabba waħdu, daqstant ieħor irabbi lil ibnu b'mod esklużiv. L-omm ftit li xejn hija f'ħajjithom. Hija mara li tiġi żżurhom għal ftit sigħat u terġa' titlaq f'dinja oħra. Madankollu, Petrel, bħala ġenitur uniku, ma jirnexxilux joħloq ma' ibnu rapport simili għal dak li huwa u Rika jkollhom flimkien. Pereżempju, kuntrarju għal Petrel, li jiret l-imħabba ta' Rika għall-fotografija, Benjamin qatt ma jħoss l-iċken ħajra li jaqbad apparat fotografiku. Aktar

minn hekk iħares lejn dan il-mestier b'disprezz, bħala tiċkin tar-realtà fi stampa ċatta maqtugħa mill-bqija u r-realtà (*Rokit* 161). L-iben jinħass miexi fuq binarji differenti minn ta' missieru u bejniethom ftit li xejn hemm interessi komuni li jistgħu jressquhom lejn xulxin. F'għajnejn Benjamin, il-missier huwa assenti minn ħajtu daqskemm hija nieqsa ommu: l-omm fiżikament, il-missier emozzjonalment. Fi kliemu, huwa jħossu sfukat, li ġie bi żball u li l-eżistenza tiegħu hija sekondarja (*Rokit* 159). Skont l-omm, Petrel ried wild għax kellu għatx għal familja, xi ħaġa li qatt ma kellu. Għaldaqstant, l-iben jinħass bħala prodott ta' xenqa egoista ta' Petrel.

Malli jagħlaq sittax, Benjamin jiddeċiedi li jitlaq minn dar missieru. Huwa tluq ta' bla kliem u bla sliem, mingħajr ebda diskussjoni bejn it-tnejn. Il-missier iħoss it-tluq ta' ibnu intensament, imma ma jippruvax ifittxu u, bħal fil-każ tal-missier tal-iben il-ħali, jaċċetta t-tluq tiegħu u jirrispetta li ibnu qed ifittex traġitt differenti minn tiegħu. Għal Benjamin, dan it-tluq jinħass naturali. Minbarra li f'missieru jara figura assenti emozzjonalment, jara fih sempliċiment fotografu, xi ħadd li jinħeba wara l-lenti u allura persuna kodarda.

Minkejja dawn id-differenzi u din l-assenza, Petrel ma jiġix ikkanċellat bħalma jiġi kkanċellat missieru. In-narratur jistqarr li wara t-tluq tal-iben mid-dar, dan tal-aħħar jibqa' jaħseb dwar missieru u dejjem jipprova jsib ir-raġuni għaliex ma setax jifhmu (*Rokit* 204). Id-dell ta' Petrel, minkejja d-distanza ta' bejniethom, xorta jibqa' jidher fuq Benjamin. Benjamin jinħass jistenna xi ħaġa mill-figura tal-missier li Petrel qatt ma fittex f'missieru. Jekk Petrel kellu figura li tagħmel tajjeb għan-nuqqas ta' missieru, Benjamin ma għandu lil ħadd, u forsi huwa naturali li jħoss dan in-nuqqas. Benjamin, minkejja li

jeżisti fil-futur, jinħass bħall-ulied tal-lum li, skont Recalcati, huma nieqsa minn kwalunkwe wirt, għax wara kollox l-ulied dejjem jirtu l-impossibbli u l-wirt qatt ma jimla l-vojt tal-assenza tal-missier (*Telemachus* 7). Imma Benjamin, bħal Telemakus, mhux lest jitlef lil missieru, jibqa' jfittxu fuq ix-xefaq u s-sejba tar-ritratti pprojbiti ta' missieru jwassluh biex isir jaf min huwa l-veru missieru u jikseb fiduċja fih. Ma jibqax jara fih bniedem kodard, imma wieħed li, permezz tal-fotografija, irid juri lid-dinja l-inġustizzja li teżisti fiha. Għalkemm din is-sejba twassal għal konsegwenzi gravi, kemm għal missieru kif ukoll għalih, fosthom il-priġunerija, minn ġewwa ċ-ċelel separati jħossuhom qrib xulxin.

Il-figura tal-missier terġa' tieħu sinifikat, imma dan jinħass li jasal tard wisq. Bl-istess mod kif Recalcati jikkummenta fuq il-maħfra, li din mhix amneżija, u la tikkanċella l-ferita u lanqas hija ċaħda tat-trawma, il-vojt kostanti li l-iben iħoss fil-biċċa l-kbira ta' ħajtu ma jistax jiġi injorat u lanqas jista' jimtela bi qrubija tard fil-ħajja (*Son's Secret* 80). Fid-dawl ta' dan, meta tqis li fil-biċċa l-kbira ta' ħajjet l-iben teżisti l-istmerrija, f'dan ir-rumanz, il-figura tal-missier, bħal kif tidher fil-biċċa l-kbira tan-novelli ta' Vella, hija waħda ppreżentata f'dawl negattiv.

*Marta Marta* huwa rumanz polifoniku ambjentat f'dar imsejsa fuq il-prinċipji tal-beginaġġ Belġjan, spazju esklużiv għan-nisa, imfassal biex jaqdi l-bżonnijiet spiritwali u materjali tagħhom. Fi tmiem ir-rumanz, wara r-rakkonti ta' erbgħa mir-residenti tagħha, fosthom iż-żewġ fundaturi, din id-dar magħrufa minn dawk qribha u ġo fiha bħala "Dar il-Pjaċir," tiġi antropomorfizzata u tingħata l-ispazju biex tirrakkonta ġrajjitha. Fir-rakkont minn din id-dar joħroġ li, fil-qalba tagħha, hemm missier, li aktar milli jiġi kkanċellat, jiġi

eliminat mill-erba' wliedu, wara li jsofru biżżejjed mill-ponn tal-ħadid li juża fuqhom u fuq ommhom. Huwa missier li l-awtorità tiegħu jesprimiha permezz tas-swat. Jinħass li mingħajr din l-eliminazzjoni din id-dar qatt ma setgħet tkun dak li hi, kenn għan-nisa u spazju biex jesprimu lilhom infushom b'mod liberu, lil hinn mill-konfini tas-soċjetà patrijarkali. Li kieku l-missier tal-familja ma ġiex eliminat, id-dar qatt ma setgħet tgħaddi għand Maria Dolores u Immacolata Concetta u l-istorja taf kienet tkun għalkollox differenti, minħabba li din id-dar, kif tinkixef permezz tal-antropomorfizzazzjoni tagħha, għandha ruħ u mhix sempliċiment ġebel u saqaf. Bl-istess mod, li kieku Maria Dolores u Immacolata Concetta qatt ma sabu din id-dar partikolari, il-ħolma tagħhom ta' beginaġġ qatt ma kienet issir realtà. L-eliminazzjoni tal-missier hija saħansitra konkretizzata permezz ta' għadmu li jindifen f'dik li darba kellha tkun niċċa, imma sservi bħala qabru wara li l-ulied jibnu ħajt madwarha. Dan il-missier li kulħadd kien jaħseb li darba fost l-oħrajn għeb mill-pajjiż u qatt ma ġie lura, fil-verità kien maqful. Meta eventwalment jitneħħa l-għadam tiegħu, Marta Marta, id-dar, tistqarr li tibda tħossha eħfef, implikazzjoni li anki t-traċċi ta' missier eliminat għandhom it-toqol tagħhom (*Marta* 370).

Il-missier f'ħajjet uħud mill-protagonisti l-oħra, għad li qatt mhu eliminat, ftit li xejn għandu sinifikat. Huwa ċar li missier Nathaline Kemmun kien jgħix taħt l-istess saqaf magħha meta kienet għadha l-Belġju, iżda jinħass li ftit li xejn iħalli impatt fuqha. Aktar minn hekk, jinħass fid-dell ta' ommha, omm li tibdielha kull jum b'turija fiżika ta' affezzjoni. Hija ommha li tgħaddilha l-imħabba lejn il-kotba u l-Femminiżmu tagħha, b'mod li l-bint issir Femminista eħrex minnha. Hija wkoll l-omm li teħlisha minn arrest wara li tikser difrejha mal-liġi għal raġunijiet Femministi. Bħal fil-każ tan-novelli, il-missier jidher bħala persunaġġ mingħajr awtorità. Nathaline tistqarr li għandu jinqered il-mudell

tal-familja, għax huwa sempliċiment kuntratt soċjali li jiffavorixxi lir-raġel, li dejjem għandu l-ewwel u l-aħħar kelma b'martu u wliedu fgati b'sarima ma' ħalqhom (*Marta* 267).

L-istess jista' jingħad għal missier Immacolata Concetta. Dan huwa ppreżentat bħala inutli, raġel li hija tistagħġeb kif irnexxielu joħroġ lil ommha tqila biha u li l-inutilità tiegħu timpedih milli jaqta' x-xewqat ta' ommha u tagħha biex fil-familja jkollhom wild ieħor. Huwa missier li lanqas ikun preżenti għat-twelid tagħha, bl-iskuża tax-xogħol u dan in-nuqqas jippreżentah bħala persuna li taħrab mis-sitwazzjonijiet diffiċli. Huwa wkoll raġel konservattiv, li l-bint tiddisprezzah bħalma huwa jiddisprezza lin-nisa. Terġa' u tgħid, dan il-missier jemmen li l-fidi hija assoluta u bi skuża ta' hekk, jaħrab minn kull mistoqsija ta' bintu li hija kurjuża dwar il-ħajja. Huwa missier li ma jħalli ebda impatt fuqha u daqstant ieħor ma għandu ebda sinifikat f'ħajjitha. Meta tqis li hija waħda mill-fundaturi ta' "Dar il-Pjaċir," il-missier jista' jitqies biss bħala antimudell.

Missier Damjan, resident transesswali, huwa stupratur u la huwa u lanqas ommu ma jafu min hu. Huwa missier li Damjan jiddeskrivi bħala "dak li lanqas biss jaf li qatt eżistejt" (*Marta* 206). Paradossalment, dan il-missier mhux magħruf, jidher iħalli impatt akbar fuq wildu milli missier Nathaline Kemmun iħalli fuq bintu, avolja dawn għexu snin twal taħt l-istess saqaf. In-nuqqas ta' għarfien ta' ommu u missieru, iħossu bħala nuqqas ta' "għarfien essenzjali," nuqqas li jħalli vojt kbir, vojt li kostantement irid jimla permezz ta' finzjonijiet, illużjonijiet u frammentazzjonijiet (*Marta* 204). Għalhekk, il-personalità doppja ta' Damjan, li kultant huwa Damjan, drabi oħra Jeanne, tinħass, għall-inqas parzjalment, riżultat ta' dan in-nuqqas.

Min-naħa l-oħra, ma hemmx dubju li missier Maria Dolores iħalli impatt fuq bintu. Minn barra, il-missier jidher bħala raġel tipiku ta' żmienu, ċert minnu nnifsu u konvint li l-verità hija xi ħaġa oġġettiva. Huwa raġel li "jassar taħtu 'l-bqija tal-familja, ibda minn ommu u ħutu u spiċċa f'martu u wliedu" (*Marta* 15). Imma huwa wkoll missier b'għemil diskutibbli, li jżomm ir-rivisti erotiċi, li jdaħħal in-nisa f'daru, u aktar minn hekk, matul l-atti tiegħu jħalli l-bieb imbexxaq biex bintu tkun tista' ssegwi l-pjaċiri sesswali tiegħu. Fuq kollox, huwa missier li fl-aħħar kelmiet tiegħu qabel mewtu jistqarr ma' bintu, "li mara m'għandhiex bżonn raġel biex tieħu pjaċir" u b'din l-istqarrija jiftħilha t-triq għall-awtonomija sesswali tagħha (*Marta* 54). Daqskemm bħala missier huwa l-ewwel żerriegħa għall-ħolqien tagħha, daqstant ieħor huwa l-ewwel żerriegħa għall-ħolqien ta' "Dar il-Pjaċir." Għad li minn naħa, id-dar issir possibbli bl-eliminazzjoni ta' missier, missier ieħor huwa parti minn għeruqha, u dan huwa eżempju tal-kumplessità ta' din il-figura, anki jekk, fix-xogħlijiet ta' Vella, titlef ħafna mill-awtorità simbolika u tgħaddi minn skrutinju li jberraħ diversi nuqqasijiet.

## 5.3. Nadia Mifsud

Nadia Mifsud hija kittieba oħra li ilha li salpat mix-xtut Maltin u mill-bogħod saret parti mill-impetu tal-mewġa ta' awturi nisa li qanqlet il-letteratura Maltija ta' dan is-seklu.

N. Mifsud, bħal Azzopardi u Vella, ukoll tpoġġi lill-mara fil-qalba ta' xogħlijietha. Fil-ġabra ta' novelli, *Żifna f'Xifer l-Irdum*, tlettax mis-sittax-il novella għandhom il-protagonisti tagħhom nisa jew huma rrakkontati minn narraturi femminili. Inevitabbilment, b'dawn il-protagonisti u narraturi, joħorġu temi marbuta mal-

esperjenza femminili, bħalma hi l-maternità – l-esklužività bijoloġika u soċjali ta' dan l-irwol; il-vulnerabbiltà ta' membri ta' sess femminili għall-vjolenza domestika u l-abbuż sesswali; u s-sens ta' awtonomija li tirribella kontra l-patrijarkat. Jidhru wkoll temi li tqajmu mill-kamp Femminista, bħall-frustrazzjoni għall-inġustizzja li l-mara dejjem tispiċċa tagħmel ix-xogħol domestiku kollu hi, "hekk jew hekk, anki meta jkun id-dar, mhux xorta tispiċċa tagħmel kważi kollox hi?" (*Żifna* 135). Aktar minn hekk tinħass ir-rabja lejn il-vjolenza abbażi tas-sess, "Titkexkex tisma' fl-aħbarijiet stejjer ta' tfajliet jew nisa li jkunu għosfru u mbagħad jinstabu mejta, imbagħbsa, imtertqa" (*Żifna* 70). F'dan kollu, il-familja tinsab ħafna drabi fl-isfond, bħala parti mill-istatus quo u dan jippermetti perspettiva femminili fuq din l-istituzzjoni. Ir-relazzjoni bejn il-membri ta' koppja miżżewġa tixref diversi drabi, drabi oħra dik bejn l-aħwa. Qraba lil hinn mill-familja nukleari, bħalma huma l-kuġini, ukoll jissemmew regolarment u n-nanna tinħass mara b'dellha mifrux sew f'ħajjet uħud mill-protagonisti. Daqskemm hija kultant qalbha tajba, hija wkoll waħda li twissi, "Raġel qatt tafdawh, ma tafux xi jfettillu" u b'ideat, skont in-narratriċi, "antikwati" li jaqsmu l-irwoli u l-imġiba ta' ġeneri differenti b'mod assolut (*Żifna* 21).

Fost dawn id-diversi membri familjali li jiġu ppreżentati, il-missier ma jistax jonqos li ma jkunx magħhom ukoll. Madankollu, b'differenza minn dak kollu li rajna sa issa, diversi drabi l-missier huwa ppreżentat jew issir referenza għalih f'rabta mal-omm, bħala wieħed minn żewġ ġenituri. F'"Online Shopping" pereżempju, in-narratriċi tistqarr mal-qarrejja, "La ommi, la missieri u lanqas ħadd ma seta' jifhem għala kelli saħna bħal dik fuqi" (*Żifna* 31). Fl-istess novella n-narratriċi tirrakkonta:

> Kont ili sitt xhur noħroġ ma' Robert. Lil ommi u 'l missieri kont għadni ma tarraftilhom xejn, għax għalkemm kien sentejn biss ikbar minni, kellu diġà l-post tiegħu. Kont naf li mhix se togħġobhom dil-biċċa, allura għalaqt ħalqi u m'għedt xejn. Inkella żgur li kienu joqogħdu għassa tiegħi qishom żewġ pulizija. (*Żifna* 38)

Anki f'"Tixqiq," il-protagonista tirreferi għal missierha f'rabta diretta ma' ommha. Għaliha din ir-rabta hija hekk ovvja li l-esperjenza tal-vjolenza ta' żewġha ma taqsamha ma' ħadd minnhom, "Lil missieri u lil ommi ma rridx ninkwetahom" (*Żifna* 120). L-istess tagħmel in-narratriċi ta' "Métro, Boulot, Dodo":

> Inħares lejk, lejna (lejn dak li sirna), u jtini li nerġa' ntanbarlek, kif dejjem għamilt kemm ili nafek, li ma rridx jiġrili bħalma ġara lil ommi u missieri, 'qas jekk naf x'naf ... Ilhom jgħixu fl-istess erbat ikmamar imdawrin bl-istess erba' biċċiet għamara koroh [...] Tal-babaw is-swied ta' qalb li jqabbduni. Possibbli għadek ma fhimtx? Għalfejn taħseb li ridt inpoġġi din id-distanza kollha bejnhom u bejni? (*Żifna* 163)

B'dan il-mod ta' preżentazzjoni tal-missier, li ħafna drabi huwa parti minn koppja jew minn aggregazzjoni ta' somma, il-protagoniżmu tiegħu li deher sa issa, jiġi nnegat. Din in-negazzjoni tneżża' awtomatikament lill-missier mill-importanza storika marbuta miegħu. Il-missier, għal darba oħra, bħalma jiġri f'xi xogħlijiet ta' Vella jiġi mminat. Ir-raġel fil-familja li jiżra' ż-żerriegħa li tagħti l-ulied jibda jidher biss bħala wieħed minn żewġ ġenituri aktar milli l-missier bħala figura dominanti, dak li kollox ġej minnu, b'importanza fl-oriġini tal-familja. Waqt li f'*Castillo*, il-missier jaqdi l-irwol ta' żewġ

ġenituri f'daqqa, f'dawn in-novelli jinħass li ma hemmx wisq differenza bejn ġenitur u ieħor. Hemm każi, però, meta l-omm tidher partikolari ħafna. F'"Merry-go-round," l-istess bħal Emma, omm Amanda f'*Castillo*, l-omm tabbanduna lil uliedha minkejja t-tgħanniqa li tagħtihom qabel li, skont in-narratur, "ma tesa' lanqas farka waħda mill-immensità tal-imħabba li taf tħoss l-omm" (*Żifna* 58). Każi bħal dawn nistgħu nqisuhom partikolari għaliex anki fil-letteratura, tradizzjonalment huwa l-missier li jħalli lill-familja u mhux l-omm. Hawnhekk, terġa', il-każ huwa aktar singulari għax din l-omm tabbanduna lil uliedha fit-triq u r-rakkont ma jindikax hemmx missier jew le.

Naturalment, fid-dawl ta' dan, il-missier rarament jidher awtorevoli. F'"Gejxa" bint li tgħix 'il bogħod mill-ġenituri tagħha tingħata struzzjonijiet biex tirritorna minħabba l-funeral ta' nannitha. L-awtorità tal-missier tidher fit-ton li jużа biex jagħti l-istess istruzzjoni li tagħti l-omm. L-omm titlob lil bintha, "Ara tistax tinżel għall-funeral," iżda l-missier ikun aktar dirett. Il-fatt li l-bint ma tinżilx għal dan il-funeral, minħabba li taqta' l-komunikazzjoni matul il-btala, juri li ma taċċettax it-talba taż-żewġ ġenituri. Iżda l-fatt juri wkoll li l-kittieba tagħti eżempju tal-kelma tal-missier li ma tiswa għal xejn u b'hekk timmina l-awtorità li s-soltu jgawdi l-missier. Barra minn hekk, il-fatt li din it-tfajla ddeċidiet li titlaq tgħix għal rasha, jisfida t-tradizzjoni li l-bint tinfired mid-dar tal-ġenituri biss fiż-żwieġ tagħha li jiġi approvat mill-missier.

Tfajla oħra li titlaq mid-dar hija l-protagonista f'"Requiem." Hawn ukoll jinħass ħjiel ta' awtorità tal-missier, ta' wieħed li jpoġġi fuq il-mejda u jistenna li jsib kollox lest, "kont nara 'l-pa jintasab mal-mejda tal-kċina u jistenna li tpoġġilu quddiemu l-pappa sħuna, u lanqas jindenja ruħu jqum biex imur iġib il-mustarda jew il-bżar u l-melħ" (*Żifna*

212). Imma din l-awtorità tiġi eżerċitata biss mal-omm, għax it-tfajla ma tissottomettix ruħha għaliha. Hawn, mela, nerġgħu naraw każ ta' missier nieqes minn dik l-awtorità li tingħatalu s-soltu.

F'"Tixqiq," għall-bidu, il-missier jinħass li jħalli l-marka tiegħu fuq ibnu permezz tat-tixbih assolut bejniethom li tikkummenta dwaru l-omm. Imma dan il-missier vjolenti huwa wieħed li jwerwer lil ibnu għadu tarbija. Fl-aħħar mill-aħħar, l-omm taħrab minnu b'binha b'kollox, lesta biex tibda proċeduri fil-qorti u għalhekk trendi lill-missier bħala persuna abbandunata u mifrud minn ibnu.

L-unika novella ta' N. Mifsud li fiha l-missier jingħata awtorità assoluta hija "Togħma ta' Trab," ambjentata fl-Afganistan fejn għad hemm it-tradizzjoni tal-bacha posh. Huwa l-missier li jiddeċiedi liema sess bintu għandha ġġorr fis-soċjetà, appuntu skont din it-tradizzjoni. Huwa mbagħad jestendi l-awtorità tiegħu meta jiddeċiedi lil min din il-bint għandha tiżżewweġ.

Waqt li f'ħafna mix-xogħlijiet imsemmija qabel il-missier huwa assenti, f'din il-ġabra ta' N. Mifsud, huma aktar l-ulied, speċifikament dawk femminili li jitilqu mid-dar u jmorru f'pajjiż ieħor biex jaċċertaw distanza konsiderevoli u daqstant ieħor irendu ruħhom assenti mill-ħajja familjali. Madankollu, l-assenza tal-missier xorta tgħolli rasha, anki jekk sporadikament. F'"Teddy," il-missier jgħosfor fl-aħħar ġimgħat tat-tqala tagħha bit-tieni wild, skontha, għax iħossu f'kaxxa żgħira wisq, jew ukoll għax ma jiflaħx għar-responsabbiltà ta' missier (*Żifna* 149). F'"Online Shopping," il-missier ukoll jinħass assenti minkejja li huwa ċar li jeżisti f'ħajjet bintu, tant li tirreferi għalih, anki jekk biss fl-

istess nifs li tirreferi għal ommha. Imma hija l-omm li tieħu passi dixxiplinarji, iċċanfarha u saħansitra tkun vjolenti magħha.

Fid-dawl ta' dan kollu, f'din il-ġabra, bħalma rajna fin-novelli ta' Vella, il-missier huwa kkanċellat jew inkella jeżisti fid-dell ta' martu. Id-distanza li wħud minn uliedu nisa jagħżlu li joħolqu bejnhom u bejnu mhux biss taċċerta tixjin tal-awtorità li jista' qatt kellu fuqhom, imma turi wkoll li d-distanza bejniethom mhux biss mhix kwistjoni ta' tħassib għalihom imma saħansitra għażla.

Fir-rumanz *Ir-Rota Daret Dawra (Kważi) Sħiħa*, għal darba oħra, il-missier jiġi relegat fid-dell tal-omm u dan mhuwiex wisq sorprendenti minħabba li r-rumanz huwa rrakkontat fl-ewwel persuna minn omm. Madankollu, sfumaturi oħra tal-missier li joħorġu fil-ġabra ta' novelli jerġgħu jidhru, bħan-nuqqas ta' awtorità tiegħu. Sa mill-bidu tar-rumanz, il-missier jidher vulnerabbli, raġel li f'ċirkustanzi straordinarji – l-aħbar tal-qtil ta' bintu – minflok ikun il-blata li martu tistrieħ fuqha, kif forsi mistenni minnu, għall-inqas sterjotipikament, ikun huwa li jeħtieġ l-għajnuna ta' martu. Huwa raġel li martu jkollha taqbadlu jdejh u tmexxih sal-isptar minkejja li bħala l-omm hija daqstant ieħor ixxukkjata u għaddejja minn trawma. Ix-xbieha ta' bintu fil-kamra mortwarja twasslu biex "Infexx jolfoq bla difiża, bħal tifel żgħir" (*Rota* 16). L-omm, tinħass bħala mara li f'dawn iċ-ċirkustanzi jkollha tirreżisti l-emozzjonijiet kollha tagħha minħabba fih. Dan il-missier ma juri ebda Stojċiżmu li, skont hooks, jimplika li raġel jitqies aktar raġel meta ma jħoss xejn, jew jekk ikun imweġġa', jaħbi, jinsa, u jittama li dawk il-ħsus jitilqu (20). Dan ir-raġel ma jaħbix l-emozzjonijiet tiegħu u ma jidhirx kapaċi juri reżiljenza biex jidher aktar maskili. Jista' jingħad li huwa missier li għandu nuqqas ta' kburija maskili li, skont Perry,

għal ħafna rġiel tfisser li taġixxi b'mod maskili u li għalihom, din l-attitudni hija parti mill-psike tagħhom daqskemm huma l-fallu, it-testikoli u l-vuċi soda tagħhom (4). Perry iżid li waħda mill-ideat fundamentali tal-ġeneru hija li l-persuna tieħu l-irwol mistenni skont il-ġeneru tagħha (45). Dan il-missier jonqos minn dan imma, fl-istess ħin, jidher ħafna aktar uman.

Din il-vulnerabbiltà tinħass aktar akuta minħabba l-fatt li bħala missier pjuttost konservattiv, ċertament li huwa konxju mill-irwol mistenni minnu. Huwa raġel li jħoss li "Post it-tfal mal-omm" u, tabilħaqq, martu tieqaf taħdem mat-twelid tal-ewwel wild (*Rota* 104). Huwa wkoll raġel li "jemmen wisq fil-Knisja, u li l-liġijiet tagħha kienu sagrosanti għalih" (*Rota* 110).

Minkejja dan il-konservattiviżmu tiegħu, ir-raġel ma jinħassx bħala l-kap tal-familja u l-awtorità tiegħu tidher imminata kontinwament. Għad li għalih il-liġijiet tal-knisja huma sagrosanti, martu hija espliċitament favur l-abort u tistqarr li, kieku bintha stqarret magħha li ħarġet tqila u tħossha mhix lesta trabbi, kienet tkun hija li saħansitra ssiefer magħha biex tabortixxi. Dan juri li l-omm hija indifferenti mill-prinċipji tiegħu u li lesta tagħmel għal uliedhom dak li huwa ċertament ma japprovax. Daqskemm l-omm tieqaf taħdem mat-twelid tal-ewwel wild għax, skont il-missier, postha huwa ma' wliedha, daqstant ieħor l-omm taċċetta li tieqaf mix-xogħol minħabba li trid tkun qrib ta' wliedha kemm jista' jkun u għax mhix lesta tħallihom ma' ħaddieħor. Aktar minn hekk, fit-tqala tagħha tal-ewwel bint tagħhom, tidher tinjora lill-missier għalkollox. L-omm tmur għall-viżta tat-tabib waħedha u tiddeċiedi li tiled b'mod naturali minkejja l-parir tat-tabib biex tiled permezz ta' ċesarja ħalli jiġu evitati r-riskji. Saħansitra tinjora t-

telefonati mit-tobba li preżumibilment qed iċemplulha biex tmur l-isptar mill-iktar fis u tgħaddi mill-proċess u fl-aħħar, tiled b'mod naturali kif tkun ilha tinsisti. L-omm qatt ma taqsam mal-missier il-pariri li ngħatat mit-tobba u d-deċiżjoni tagħha li tmur kontrihom, li seta' kellhom konsegwenzi gravi. Il-missier jinħass maqtugħ minn kull deċiżjoni dwar it-twelid tal-ewwel bint tiegħu. Mhijiex sorpriża li l-isem tal-ewwel bint tagħhom huwa deċiżjoni waħdanija tal-omm u l-fatt li l-missier ma jogħġbux dan l-isem aktar juri kemm ma għandu ebda sehem f'deċiżjonijiet importanti. L-omm ma turi ebda ħjiel ta' rikonoxximent tal-opinjoni tal-missier fl-għażla ta' dan l-element li se jibqa' jidentifika lil bintha għall-bqija ta' ħajjitha:

> Semmejtha Abigail. Kien isem jogħġobni dak iż-żmien. Lil Vince qatt m'għoġbu, ngħid id-dritt. Imma Vince qatt ma kien xi wieħed li jħobb jargumenta. Dejjem qisu ċapsa nafu, u allura ma kellix bżonn nisħaq wisq. Abigail ridt, u Abigail ġiet. (*Rota* 19)

It-turija ta' awtorità tal-missier permezz tal-vuċi għolja u anki bl-użu ta' vjolenza, x'aktarx minima, tinħass sporadika u l-omm taħfer lill-missier għal din l-attitudni immedjatament minħabba li hija ħatja ta' tali attitudni, ħafna drabi aktar minnu, tant li tistqarr, "kont ngħid bejni u bejn ruħi, mela allura mhux jien biss, mhux jien il-ħażina" (*Rota* 125). Għall-omm, dan it-temperament tal-missier jinħass bħala solljev, li jnaqqas mill-ħtija tagħha. Fil-fatt, ir-rumanz jiftaħ bl-omm frustrata bl-attitudni ta' bintha u tispiċċa turi l-awtorità tagħha billi tuża l-forza superjuri fuqha.

Għad li, kif jiġri fin-novelli, xi drabi l-missier jiġi ppreżentat f'rabta mal-omm, bħallikieku parti minn somma, (bħal meta kull sena jieħdu qatgħa flimkien bil-wasla tal-Milied minħabba l-eżigenzi ta' Abigail; meta fi tfulitha jużaw diversi tattiki fuqha biex tinħasel; u meta jqumu flimkien biex ifarrġuha minħabba xi ħolma kerha), fl-aħħar mill-aħħar l-omm tiddikjara lilha nnifisha ħafna eqreb ta' wliedha mill-missier. Mal-wasla tal-ewwel menstruwazzjoni ta' bintha l-kbira, hija biss issir taf u meta, bħala ġenituri, iqumu flimkien biex ifarrġu lil binthom minħabba ħolma kerha, tkun hija li tibqa' magħha biex twennisha. Dan il-missier mhuwiex figura ta' sfurzar, iżda pjuttost komdu jkun fl-isfond ta' kollox u li ftit li xejn jieħu azzjoni. It-tweġiba tiegħu għat-tluq ta' bintu mid-dar hija li jqatta' l-lejl bilqiegħda fuq pultruna jistenna, huwa missier li ftit li xejn jieħu azzjoni.

Fl-aħħar mill-aħħar, huwa missier li minbarra li ftit li xejn għandu awtorità, huwa x'aktarx ukoll missier li mhux ifittex li jkollu din l-awtorità f'idejh. Jinħass ukoll bħala missier li jħalli t-trobbija ta' wliedu wisq f'idejn l-omm u konsegwentement ma jaqsamx it-toqol ta' kompitu bħal dan. Huwa missier li jaħseb li dmiru huwa biss li jġib il-ħobża ta' kuljum id-dar. Iżda kif jikkummenta Edley, mid-disgħinijiet tas-seklu l-ieħor beda jinħass li dan mhux biżżejjed u issa qed isir enfażi li l-missier iridu ikun preżenti għal uliedu (12-13). Bħal ħafna rġiel oħra, dan il-missier mhux jirnexxilu jwieġeb għal din it-talba u, fl-aħħar mill-aħħar, huwa missier assenti ieħor. Bħal kull missier ieħor fil-korp ta' N. Mifsud, dan il-missier jiddiżappunta.

## 5.4. Lara Calleja

Lara Calleja hija l-ewwel u sa issa l-unika kittieba mara Maltija li kisbet il-Premju Letterarju tal-Unjoni Ewropea. Hija wkoll l-iżgħar mill-awturi preċedenti u xogħolha joffri lenti aktar żagħżugħa.

Bħall-kittieba nisa l-oħrajn, in-nisa jinsabu fil-qalba ta' xogħolha. Ir-rumanzett tagħha *Lucy Min?* huwa rrakkontat fl-ewwel persuna minn mara, u f'*Kissirtu Kullimkien,* huma biss in-novelli "Konkos Griż. Jemal Iswed" u "Kieku Jista', Isoddok," li għandhom protagonisti rġiel, li mhumiex Maltin imma immigranti mill-Afrika. Il-bqija tan-novelli jew għandhom narratriċi u naturalment iffokalizzati minn lenti femminili, jew il-protagonisti tagħhom huma nisa. Il-biċċa l-kbira tal-karattri rġiel huma limitati għall-isfond u, fin-novelli li fihom in-narratriċi tirrakkonta dwar relazzjonijiet amorużi bħal fi "Tfakkarni fir-Riħa tal-Larinġ" u "L-Imħabba li Qatt Ma Ħabbejt Bħalha," il-karattri rġiel huma anonimi. Karattri rġiel oħrajn huma fil-mira tar-rabja tan-narratriċi bħal ħu Rożina, f'"Rożi tax-Xgħajra," li jibgħat 'il oħtu l-Imgieret u jibdel darha fi blokka appartamenti, jew il-kuntrattur li, sforz ir-regħba u t-traskuraġni tiegħu tinqatel tifla tal-iskola f'"Geġwiġija". Bħal fil-każ ta' Azzopardi, kemm in-novelli kif ukoll ir-rumanzett għandhom għeruqhom f'Malta u, *Kissirtu Kullimkien* jista' jitqies bħala xogħol politiku li jiddokumenta x'qed jiġri fil-gżira, bit-titlu tiegħu jikxef ir-rabja tal-kittieba lejn it-tkissir tal-ambjent rurali u l-komunitajiet f'Malta f'isem l-iżvilupp.

F'*Kissirtu Kullimkien*, il-familja hija ħafna inqas fl-isfond mix-xogħlijiet ta' Azzopardi u N. Mifsud. Ħafna drabi n-novelli jippreżentaw nisa li jew jgħixu waħedhom, bħalma huma l-protagonisti ta' "Rożi tax-Xgħajra," "Ix-Xufier u Fransina li Kienet Taqbad

il-135," kif ukoll in-narratriċi ta' "Geġwiġija;" jew nisa li qegħdin jirrakkontaw relazzjonijiet ta' mħabba li fl-aħħar mill-aħħar ma jirnexxux, bħal fi "Tfakkarni fir-Riħa tal-Larinġ" u "L-imħabba li Qatt Ma Ħabbejt Bħalha." Jekk f'N. Mifsud jissemmew ħafna qraba, f'Calleja dawn huma rari. Minflok, tinħass ċelebrazzjoni ta' ħbiberiji, għal darba oħra femminili, u, ħafna minn dawn jidhru jgħixu waħedhom, f'ċelebrazzjoni ta' awtonomija, bl-effett tal-familja fuqhom ftit li xejn diskuss. La l-familja hija nieqsa daqstant, il-missier huwa daqstant ieħor nieqes u ħafna drabi, aktar milli jiġi ppreżentat, isiru sempliċiment referenzi għalih. F'"Rożi tax-Xgħajra," il-missier jissemma biss bħala wieħed li darba tah attakk tal-qalb ikrah u din l-unika referenza għalih tikkonferma biss in-nuqqas tiegħu. F'"Ix-Xufier u Fransina li Kienet Taqbad il-135," Fransina tiftakru bħala dar-raġel li kienet titla' kukkużejt fuqu biex taqta' t-tut, kif ukoll bħala raġel tad-dixxiplina, li ma jħallihiex tinnamra għax għalih l-unur tal-familja jiġi l-ewwel u qabel kollox. Hija ma tħoss ebda rabja lejh u tistqarr li dan il-missier kien sempliċiment tipiku ta' żmienu, "Dak iż-żmien hekk, ħi" (*Kissirtu* 47).

Huwa f'"Meta t-Tfal Jitilqu Qabel" li l-familja tinsab fil-qalba tar-rakkont. L-omm, bħala l-protagonista, tingħata importanza kbira, bil-missier jibqa' fl-isfond. Saħansitra fit-tilwim bejn il-konjugi, l-omm hija l-instigatriċi u l-missier jinħass sempliċiment persuna li jinqabad fih, "Bħal meta Lora kienet tiġġieled waħda minn dawk il-ġlidiet ma' Manwel" (*Kissirtu* 125). Aktar minn hekk, il-missier jinħass li ma għandux dritt iħoss in-nuqqas ta' bintu li tmut bil-kankru f'età pjuttost żgħira, "Kemm kienet werżqet meta darba ssib lil Manwel mitluq jibki fuq dik li kienet is-sodda ta' Francesca. Terġax tidħol 'l hawn ġew. Jien biss nidħol biex infarfrilha. Hekk qaltlu" (*Kissirtu* 128). L-omm timplika li hija tħoss l-akbar uġigħ għall-mewt ta' bintha u għalhekk tissuġġerixxi li hija ġenitur ħafna eqreb ta'

wliedha mill-missier. B'hekk, l-omm tirrelega lill-missier fil-ġerarkija familjali u daqstant ieħor tnaqqas mill-importanza tiegħu, element li jidher diversi drabi fix-xogħlijiet ta' kittieba nisa.

Novella oħra bil-familja fil-qalba tagħha hija "Frawli u Ward, Dlam u Ħajja." Din id-darba l-missier mhuwiex daqstant fl-isfond u r-rakkont jiftaħ bih. Għall-bidu, il-missier jidher differenti minn martu u wliedu, raġel li jaħdem l-għelieqi tiegħu waħdu, u l-membri l-oħrajn tal-familja huma indifferenti għal xogħlu; li daqskemm fl-imgħoddi fisser l-introjtu tiegħu, huwa daqstant ieħor parti minnu u fi xjuħitu jibqa' jaħdem ir-raba' anki jekk ma jbigħ xejn mill-frott li jieħu minnu. Huwa missier li, għad li bħala karattru jinsab fil-qalba tar-rakkont, fil-familja jinħass pjuttost marġinali. Hija l-omm li tinħass li għandha l-akbar influwenza fuq uliedhom:

> Ara Karmen imbagħad, dejjem ħeġġithom jistudjaw. Fredu qatt ma ndaħal, u forsi b'hekk ma tantx ħass li kellu għalfejn jikkritika wisq lil uliedu. Ma tantx uriehom id-dinja tiegħu. Kien joqgħod lura. Kien iħossu ġej minn dinja oħra xi kultant. Mur għidlu li wliedu setgħu kienu interessati (*Kissirtu* 133).

Dan il-missier ċertament ma għandux awra awtoritarja, anzi pjuttost jinħass ibati minn kumpless ta' inferjorità. Jinħass persuna li s-siwi tagħha huwa biss li taqla' l-għajxien għall-familja. Minn naħa, jista' jitqies bħala wieħed li ma jinvolvix ruħu biżżejjed fil-familja, minn naħa oħra jista' jitqies li jagħti l-ispazju lil martu u lil uliedu. Madankollu, huwa wkoll missier li jinkwieta dwar il-legat li se jħalli warajh. Jixtieq li ibnu jieħu l-għelieqi f'idejh u jaħdimhom imma d-differenza bejniethom tinħass kbira wisq, tant li

dwaru jistqarr, "qisu ġej minn dinja oħra xi kultant" (*Kissirtu* 134). Din id-differenza bejn il-missier u l-ulied tfakkar f'Ernaux li, f'*A Man's Place* tistqarr li fl-adolexxenza tagħha, tbiegħdet ħafna minn missierha sforz li hija daħlet b'ruħha u ġisimha fl-istudji tagħha, f'kuntrast ma' missierha, raġel illitterat u minħabba f'dan bdew iħossuhom jappartjenu għal dinjiet differenti. Għad li hija tammetti li parti minn dan kien dovut għal appartenenza għal klassijiet differenti, din id-distanza bejniethom ma setgħetx tiddefinixxiha u bejniethom inħolqot dik li hija ssejjaħ, "imħabba mxaqqa" (18). Fil-qalba ta' dan jinħass ukoll nuqqas ta' komunikazzjoni bejn il-missier u wliedu. Forsi huwa veru li l-iben qatt ma kellu interess li jaħdem ir-raba', iżda bintu kellha interess u huwa kellu ħjiel tiegħu: "Naħseb iż-żgħira tħobbha l-għalqa kieku. Ftit ġiet 'l haw, imma dejjem interessat ruħha miskina" (*Kissirtu* 134). Fil-fatt, ftit snin wara mewtu, Melissa tiddeċiedi li tibda taħdem ir-raba' ta' missierha. Sforz il-ħajt li kien jeżisti bejnu u wliedu, il-missier, minkejja l-ħjiel li kellu, qatt ma jindenja ruħu jistaqsi lil bintu dwar l-interessi tagħha. Kellha tkun il-mewt li tqarreb lill-missier ma' bintu u forsi dan huwa dovut għall-punt li talludi għalih hooks, meta tikkummenta li f'kultura patrijarkali l-irġiel huma mistennija li jkunu lesti jissagrifikaw rabtiet emozzjonali ħalli jagħmlu dak li għandhom jagħmlu li, f'dan il-każ, bħala missier jaqla' l-għajxien għall-familja (86). Id-distanza bejn il-missier u l-ulied hija riflessa fin-nuqqas ta' komunikazzjoni bejniethom li jaċċenna l-assenza tiegħu.

Missier ieħor rari f'din il-ġabra jidher f'"Irwejjaħ u Rwoli." In-novella tiftaħ bis-separazzjoni bejn il-missier u l-omm u għalhekk, bħal ta' qablu, il-missier huwa assenti. Għad li n-narratriċi tammetti li, "dan kien żmien ta' qtigħ il-qalb," ftit wara tiddikjara li s-separazzjoni kienet l-aħjar għażla fiċ-ċirkustanzi, "kulħadd ħa nifs fuqha l-ħaġa" (*Kissirtu*

99). Dwaru n-narratriċi tikkummenta, "Missieri mhuwiex bniedem li jikkonfronta l-emozzjonijiet, la negattivi u lanqas pożittivi. U meta ma joħroġhomx jispiċċa f'balla dagħa u tkissir" (*Kissirtu* 99). Aktarx li bell hooks tidentifika lil dan ir-raġel bħala vittma tipika tal-patrijarkat, emozzjonalment magħtub, mhux kapaċi joħroġ l-emozzjonijiet tiegħu (36-37). Konsegwentement huwa missier li joħloq atmosfera disturbanti fid-dar. Il-ġlied bejn il-missier u l-omm jiddisturba biżżejjed lin-narratriċi biex hija tikkonvinċi ruħha li ż-żwieġ huwa ħela ta' enerġija u turi wkoll sfiduċja fil-familja (*Kissirtu* 101). Hija wkoll konvinta li tippreferi dar nieqsa minn missier milli waħda b'wieħed bħal missierha. Dan jidher fl-isqarrija tagħha li ż-żmien ta' wara s-separazzjoni kien ħafna aktar trankwill. Għaliha, it-tluq u konsegwentement l-assenza tal-missier huma providenzjali.

Ir-relazzjoni bejn Lucy u missierha f'*Lucy Min?* tinħass parallela għal dik f'"Irwejjaħ u Rwoli." Missier Lucy ukoll jitlaq mid-dar u hija tiddikjara li t-tluq tiegħu ma ħassitux, l-istess bħall-protagonista tan-novella (*Lucy* 18). Hija tistqarr li lanqas rabja ma ħasset għal dan it-tluq, imma indifferenza biss. Lill-missier iġġibu irrelevanti, dwaru tgħid li lanqas biss kienet tafu u tqabblu ma' ziju li żżur darba fil-ġimgħa (*Lucy* 18). Madankollu, fit-tfulija bikrija ta' Lucy jidher li kien missier differenti – missier li jilgħab magħha u ħutha fil-bajja, jibnu l-kastelli flimkien. Huwa missier li xi darba wliedu kellhom daqstant fiduċja fih li kien jikkonvinċihom li qed imexxu l-karozza huma mis-sit ta' wara. Imma din il-qrubija bejn il-missier u l-ulied ikollha ħajja qasira. Wara ftit żmien, dan ir-raġel jaqa' fis-sikta, u għal darba oħra, jidher raġel li mhux kapaċi jesprimi l-emozzjonijiet tiegħu. Fiż-żmien li jqatta' d-dar huwa xorta waħda assenti, u l-bint tħossha mweġġgħa li qatt ma ġie jaraha fl-attivitajiet tal-iskola. Huwa missier li jaħdem ħafna: "Niftakru jaħdem. Jaħdem daqs bagħal. Niftakar ommi tipprova minn kollox biex qatt ma ġġiegħlu jaħseb li

l-flus li qiegħed jaqla' ma kinux qegħdin iservuha biex tkampa" (*Kissirtu* 18). Anki dan il-missier jidher it-tip li jħoss li l-kompitu tiegħu huwa limitat għall-ħobża ta' kuljum, mingħajr ma għandu għalfejn jinvolvi ruħu wisq fil-ħajja familjali. hooks tikkummenta wkoll li x-xogħol jista' jintuża mir-raġel biex jaljena ruħu mill-ħsus tiegħu (135). Hija tirreferi għal Zukav u Francis li jiddeskrivu x-xogħol eċċessiv bħala "raqda profonda" – ikkawżata mill-persuna nnifisha – biex iżżomm l-emozzjonijiet iebsa 'l bogħod, u għalhekk, fid-dawl ta' dan, jista' jkun li l-missier fix-xogħol jara ħarba mir-responsabbiltajiet tal-ħajja familjali (87).

Darba fost l-oħrajn, dan il-missier jirritorna lejn id-dar u jibqa' hemm. Imma minkejja din il-preżenza, l-assenza tiegħu tibqa' tinħass, tant li matul in-narrazzjoni tal-avventuri fil-ħajja żagħżugħa tagħha, Lucy ma ssemmih qatt. L-omm tibqa' tidher minn ħin għal ieħor, imqar biex teqred ma' bintha għax tagħmel iljieli sħaħ barra, iżda l-missier qisu ma jeżistix. Huwa ċar li lanqas l-irwol dixxiplinarju ma jieħu f'idejh. Il-fatt li dan jinsab id-dar jagħmel l-assenza tiegħu aktar akuta, bħallikieku persuna injorata minkejja li tinsab fil-wiċċ. Għad li Lucy ma tistqarrx bħan-narratriċi ta' "Irwejjaħ u Rwoli" li l-ġlied bejn missierha u ommha trawmatizzaha biżżejjed biex tibża' miż-żwieġ, din it-trawma xorta tinħass fl-isfond ta' ħajjitha. Waqt li tgħaddi minn relazzjoni għal oħra, Lucy tidher li tibża' mill-impenn u minflok, tiżvoga f'ħajja mingħajr irbit.

Fil-korp letterarju ta' Calleja, il-missier ħafna drabi jitħalla barra għalkollox, jew, meta jidher, il-preżenza tiegħu hija limitata għal wara l-kwinti. Meta jissemma, hija l-assenza tiegħu li l-aktar tispikka. Kultant, bħal fil-każ ta' Fredu fi "Frawli u Ward, Dlam u Ħajja" ikollha tkun mewtu li tqarrbu lejn bintu permezz tal-għelieqi li jħalli warajh. Matul

ħajtu l-missier jinħass kważi inkompatibbli għal ħajja familjali, u l-assenza fiżika tiegħu, aktar milli ġġib uġigħ, tidher li ġġib serħan. Il-preżenza tal-missier fil-ħajja familjali tinħass intrussiva, tant li l-assenza tiegħu tiġi ppreżentata bħala duwa għal din l-intrużjoni.

# 6. Il-Missier fil-Poeżija tal-Kittieba Nisa

F'dan il-kapitlu, qed inkompli nindaga r-rappreżentazzjoni tal-missier mill-kittieba nisa, din id-darba fost il-poeti li, bħal fil-każ tal-prożaturi nisa, dan is-seklu huma numerużi u għal darba oħra joffru l-opportunità ta' paragun bejnhom u l-kontemporanji nisa tagħhom.

## 6.1. Maria Grech Ganado

Maria Grech Ganado hija l-ewwel poeta li ġiet iddikjarata Poeta Lawreata f'Malta. Għad li hija pijuniera għal ħafna nisa, ma tassoċjax ruħha daqstant mal-moviment Femminista. Hija tiddikjara lilha nnifisha bħala individwalista, mara indipendenti li ma tikkonforma mal-ebda moviment (*Skond Eva* 10). Madankollu, bħala mara, u bħala waħda mill-ewwel poeti li tikteb il-mara tippreżenta lill-familja b'mod differenti minn ħafna poeti rġiel. Fil-korp poetiku tagħha li jiena nirriċerka, li jinkludi xogħlijiet kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż, minn ħin għal ieħor tirreferi għaż-żwieġ li ma rnexxiex, tesprimi rabja lejn il-patrijarkalità u fi "Trijanglu," mill-ġabra *Taħt il-Kpiepel t'Għajnejja,* tfakkar li teżisti ħajja barra miż-żwieġ, tfakkira li timplika li l-familja mhix kollox. Fl-istess poeżija tiċċelebra d-dinjità tagħha mhux mimsusa bħala mara. Għad li ma tqisx ruħha Femminista, fir-rendikont tagħha ta' żwieġ li jfalli, tiftaħ tieqa fuq il-privatezza tad-dar u tperreċ fil-pubbliku dak li xi wħud setgħu kienu qed jostru u dak li huwa privat isir pubbliku u eventwalment politiku.

Min-naħa l-oħra, fil-preżentazzjoni tagħha bħala bint, il-poeta tippreżenta kwadrett ta' tfulija idillika, u familja li tikkonforma mal-fil tad-diversi poeti Romantiċi

rġiel fis-seklu preċedenti. Hija ma tiddikjara ebda konfront mal-membri tal-familja u tippreżenta familja ta' klassi għolja li minn żmien għal ieħor tivvjaġġa lil hinn mix-xtut Maltin biex tattendi għal kunċerti u żżur il-mużewijiet:

> music and art museums were
> our travelling's staple fare – it was good
> for our minds, my parents agreed,
> to feed on culture's variety – of course
> that included food ("Spaghetti Bolognese," vv. 1-5).

Għall-familja tagħha s-safar jippermetti esperjenzi kulturali u huwa meqjus bħala parti mill-edukazzjoni tagħha u ta' oħtha, fi żmien meta, skont Abela, ħafna drabi l-bniet kienu jiġu mrawma għal irwoli domestiċi, b'fokus fuq it-tisjir, il-kura u l-iġjene (196). Din is-soċjalizzazzjoni kienu jgħaddu minnha anki l-bniet ta' familji borġiżi, iżda dawn kellhom privileġġi li tfajliet minn klassijiet aktar umli ma kellhomx. F'"The Legacy" mill-ġabra *Cracked Canvas,* pereżempju, hija tippreżenta familja li saħansitra tixtri u tesebixxi pittura ta' Mattia Preti f'darha u għalhekk tikkonferma familja b'kapital ekonomiku u kulturali b'saħħtu.

F'*Ribcage*, il-missier jidher għall-ewwel darba fil-poeżija bl-istess isem, li fiha l-poeta tirreferi għall-istorja fil-Ġenesi dwar il-ħolqien tal-mara mill-kustilji tar-raġel, rakkont li storikament ħafna jinterpretaw bħala prova tas-superjorità maskili fuq il-mara. Madankollu, il-missier jidher 'il bogħod minn din l-interpretazzjoni. Huwa missier li qabelxejn jidħaq dwar l-istorja, implikazzjoni ta' raġel dħuli u li ma japprovax l-

interpretazzjoni maskili u jiddikjara li Adam ntefa' f'nagħsa tqila biex żgur ma jwaqqafx lil Alla milli joħloq lill-mara. L-omm, min-naħa tagħha, tinsisti li kieku Adam kien imqajjem, kien jitlob għal żewġ nisa u l-missier ma jirribattix lura. Fid-dawl ta' dan, il-poeta tippreżenta missier mingħajr konvinzjonijiet maskilisti, li jirrispetta lill-mara u b'hekk timplika li għexet f'familja mingħajr diskriminazzjoni sesswali. Il-fatt li bħala tifla u tfajla, kellha l-opportunità li tesperjenza l-kultura u tistudja, bħalma jidher fi "Spaghetti Bolognese," fi żmien meta, skont Said, mhux ħafna nisa kellhom din l-opportunità, isaħħaħ dan l-argument. Id-djalogu bejn il-missier u l-omm jippreżenta xenarju li fih l-omm u l-missier huma fuq l-istess livell, missier mingħajr sens ta' awtokrazija u familja mingħajr ġerarkija bejn is-sessi.

Din id-dħulija tal-missier terġa' tidher f'"Der Rosenkavalier" mill-istess ġabra. Il-missier ippreżentat b'warda f'idejh, xi ftit taħt l-effett tax-xorb, ifittex l-affezzjoni ta' martu, waqt li l-poeta u oħtha jsegwu fl-isfond, mogħxijin bid-daħq. Il-missier, aktar milli persuna ta' sudizzjoni jinħass persuna li wliedu jħossuhom komdi fil-preżenza tiegħu, sal-punt li jittrattawh b'umoriżmu. Fl-istess poeżija, turi wkoll faċċata oħra tal-missier, bħala anzjan, abjad karti, jisma' l-mużika ta' Strauss u maqtugħ mid-dinja. Għal darba oħra, is-sens ta' awtorità jibqa' nieqes.

In-nuqqas ta' ġerarkija bejn l-omm u l-missier hija konsistenti u terġa' tidher fil-ġabra *Cracked Canvas* permezz ta' "The Legacy." Anzi, jista' jingħad li l-missier saħansitra jinsab fid-dell ta' martu u li huwa meqjus aktar bħala wieħed mit-tfal aktar milli bħala żewġha:

> I don't remember when we got it –

all I remember is his delight and my mother's smile,
glad for his joy, but observing as if he weren't her husband
but her child (vv. 1-4).

Għall-poeta għadha tifla, ma tistax tifhem għaliex missierha qed joqmos quddiem sempliċiment pittura ta' xiħ. L-aġir ta' missierha huwa kważi barra minn postu għaliha, bħal qisha qed tistenna minn raġel li jkun aktar serju, imma dan huwa missier li l-entużjażmu lejn l-arti jagħmel bih u fil-versi ta' wara tippreżenta raġel li jistieden tant nies f'daru biex juri din il-pittura, li l-omm tissuġġerixxi li jintalab ħlas, implikazzjoni oħra ta' mara li tiġbed saqajn żewġha mingħajr konsegwenzi. Huwa biss f'"Tin Can" mill-istess ġabra, li l-missier aktar milli jidher dħuli, jidher protettiv għal uliedu, imbeżża' mid-deni rqiq.

Il-preżentazzjoni tal-missier f'dawn il-qagħdiet, 'il bogħod mill-awtorità, jimplikaw raġel li, skont Recalcati, ma jidentifikax ruħu mal-Liġi Paterna u li għalih huwa r-rispett tiegħu lejn il-Liġi li jagħmlu missier (*Telemachus* 27). Lanqas ma jidher bħala dak il-missier li fi kliem Recalcati wkoll, din id-darba f'*The Son's Secret*, jistqarr li jinkorpora l-Liġi, li jidentifika magħha u jafferma lilu nnifsu bħala l-protettur u r-rappreżentant infallibbli tal-Liġi, minkejja li, f'dan il-każ, huwa l-uniku raġel f'familja mimlija nisa. Lanqas mhuwa missier li jrendi l-Liġi bħala xi piż oppressiv jew miżura sadistika biex jasserixxi poter dixxiplinarju (55).

B'mod ġenerali, il-missier huwa ppreżentat ukoll f'dawl nostalġiku. F'"Bun" mill-ġabra *Framed*, huwa ppreżentat bħala wieħed li ma jistax ma jitqanqalx mid-dehra ta'

martu, fi kwadrett li ma jkunx barra minn postu f'xi ħrafa tal-maħbubin. Huwa wkoll raġel li jħobb iderri l-qamħ fuq il-qiegħa biex inaddfu, azzjoni, skont il-poeta, ta' frivolità, li tikkuntrasta mal-omm li hija mara li dejjem ċerta minnha nnifisha. Din in-nostalġija tkompli fi "Spaghetti Bolognese," mill-istess ġabra, f'reminixxenza ta' raġel li jlaqqat sal-aħħar farka kull platt speċjalment jekk ikun eżotiku, imma li, fl-aħħar mill-aħħar, jistqarr li ma hemm xejn aħjar mill-għaġin biz-zalza bolognese. Dan huwa suġġeriment ta' raġel li jħobb fuq kollox dak li huwa sempliċi. L-istess jiġri f'"Lineage," fejn il-poeta tiftakar f'missierha jżommilha idha fl-istess kappella fejn aktar tard kellu jindifen flimkien ma' ommha. F'"Pushchair," mill-aħħar ġabra *The Bell,* nerġgħu nsibu n-nostalġija bit-tifkira tal-missier jgħolliha fuq spallejh biex tara lil hinn mix-xefaq, sinjal ieħor, li minn dejjem riedha tesperjenza d-dinja kemm jista' jkun, kif jidher fl-edukazzjoni li jinvesti fiha.

Huwa biss f'"Nightcap" li l-missier jidher fuq livell ogħla minn martu, bi xbieha tiegħu jirritorna d-dar mix-xogħol u l-mara tlestilu l-ikel. Iżda xorta jinħass element idilliku f'din il-familja, tant li l-poeta tħossha xxurtjata li tista' tiftakar f'dawn ix-xbihat, ħafna snin wara. F'"That Night," hija tippreżentah fl-aħħar lejl tiegħu, fejn tirrenja atmosfera ta' kalma aktar milli ta' telfa, "I remember muted sounds around / almost soothing and shadows flitting / as in a lantern show" (vv. 1-3). Fl-istess ħin, f'mewtu, il-missier ma jidhirx daqstant vulnerabbli, "I'd never before seen toes stand to attention / as stubborn, defiant, as my father's did" (vv. 9-10). Għad li l-mewta mhix ta' patrijarka, hija waħda ta' raġel rispettabbli.

Meta jitqies il-korp poetiku pjuttost vast ta' Grech Ganado, għall-inqas bir-riga lokali, il-preżentazzjoni tal-missier hija pjuttost sporadika. Mhuwiex figura li jiddomina l-

kitba tal-poeta minkejja l-ħsus konfessjonali fiha u lanqas mhuwa xi muża għaliha. Ċertament li mhuwiex figura li jirrappreżenta emblema ta' tradizzjoni jew storja, passat li trid tikkonfronta bħalma, skont John Rietz, dan kien għal Sylvia Plath, speċjalment bil-każ tal-poeżija "Daddy" mill-ġabra tagħha *Ariel* (418). Il-missier, fil-poeżija ta' Grech Ganado, mhuwiex xi kolossus li ma tistax tevita. Minbarra li jidher pjuttost figura doċili, huwa wkoll figura li ma tħalli ebda sens ta' antagoniżmu fuqha. Mhuwiex mit li, bħal fil-każ ta' Plath, jeħtiġilha tkisser (Rietz 426). Huwa sempliċiment raġel li għad li tirrikonoxxi s-sehem tiegħu f'ħajjitha, it-timbru tiegħu fuqha huwa minimu. Daqskemm ma tinħassx rabja lejh, daqstant ieħor mhuwa mtella' fuq ebda pedestall.

Il-missier l-ieħor preżenti f'ħajjitha — missier uliedha — huwa għalkollox differenti minn dan il-missier. Għad li paradossalment tilmenta li huwa assenti, huwa raġel li jiddomina ħafna mill-ħsibijiet tagħha u f'kuntrast ma' missierha, iqanqal emozzjonijiet qawwija, fuq kollox ta' antagoniżmu. Dan il-missier jista' jitqies bħala figura li din id-darba l-poeta tattakka l-mit imdawwar miegħu. Fi *Skond Eva*, mill-ewwel jinħass dan kollu. F'"Kienet Tibża'," il-poeta tinħass bħala mara inċerta minnha nnifisha, bid-dubji jikluha. Id-dubju li r-raġel ma jħobbhiex li tippreżenta f'nofs il-poeżija, jiġi kkonfermat lejn tmiemha meta tistqarr li kien jiżvojta r-rabja tiegħu fuqha, f'suġġeriment li jqisha inferjuri. Aktar minn hekk hija talludi għalih bħala "missierhom," il-missier tagħhom aktar milli, pereżempju, "żewġi" u konsegwentement tirrapporta distanza bejnha u bejnu. Hija terġa' tuża l-pronom mehmuż mal-missier f'"L-Għanja tal-Omm li Ġġennet": "U għax missierek ma kienx jaf iħobbok, jien / kelli nilbes ruħ ta' raġel, ibni, f'di' l-art" (vv. 1-2). Hija tippreżenta raġel li ma jafx kif iħobb u li dan in-nuqqas iħalli effett mhux biss fuq uliedha imma anki fuqha stess, għax ikollha tagħmel tajjeb għalih.

L-assenza tal-missier trendi l-maternità għall-poeta bħala toqol li kultant ma tħossx li tiflaħ għalih. Grech Ganado, f'xi poeżiji, tiċċelebra l-imħabba bejnha u wliedha, iżda drabi oħrajn tippreżenta lilha nnifisha mgħattna bit-toqol tal-irwol matern. Jidher ċar li dan it-toqol ikiddha daqstant minħabba n-nuqqas ta' missier u li qed tassumi l-irwol ta' żewġ ġenituri f'daqqa, bħalma jidher fil-poeżija preċedenti. Ngħidu aħna f'"Day by Day" minn *Ribcage*, waqt li telenka l-qadjiet ma jaqtgħu qatt li jkollha tagħmel bħala l-mara u l-omm, hija tippreżenta missier li bħas-soltu jasal tard b'riħa ta' xorb fuqu, ġenitur f'kuntrast sħiħ magħha. F'"Zebra Crossing," terġa' telenka l-qadjiet kollha marbuta mal-irwol matern, u tkun tbissima ta' stranġier biss li ttaffilha ftit mit-toqol ta' dawn il-qadjiet, imma qatt ta' missier uliedha. F'"Board and Lodging" tippreżenta lilha nnifisha bħala mara li ma tiflaħx għat-tliet uliedha u tistqarr li hija t-togħma ta' wġigħ u ħtija li tispikka fi mħabbitha. Imbagħad, f'"Father Christimas" mill-istess ġabra, tippreżenta raġel li ma għandux ħin għaliha u li, minkejja t-twemmin tagħha, li se jġibilha r-rigali, fl-aħħar mill-aħħar dawn "ir-rigali" jkunu fil-forma ta' trabi, inkwiet, u lożor maħmuġa. It-trabi, uliedha, jinħassu bħala parti minn lista ta' ħwejjeġ li jġibu magħhom ħafna xogħol u mhumiex daqstant mixtieqa. Aktar milli rigali, il-Father Christmas iġib diżappunti. F'"Mara" tilmenta li t-tfal telqu mid-dar, iżda tieħu l-okkażjoni biex tfakkar li dawn telqu ħafna wara li telaq il-missier u għalhekk terġa' talludi għall-assenza tiegħu. It-toqol tal-maternità jerġa' joħroġ fis-simpatija tagħha lejn omm li toqtol lilha nnifisha u ż-żewġ uliedha f'"Post-Natal Post-Mortem" fi *Cracked Canvas,* li fiha tiddikjara li tifhem ir-raġuni li twassal għal din l-azzjoni.

L-unika darba li l-missier jinħass f'dawl inqas negattiv huwa f'"Bolero" mill-istess ġabra. Għal darba, il-poeta tuża l-pronom "we" f'referenza għalih u għaliha, "We danced,

made love and raised our children" (v. 20) imma, fl-aħħar mill-aħħar, tibqa' d-distanza bejniethom, "our hands limp on a cushion almost touching – not quite" (v. 24). Din il-poeżija hija eċċezzjoni, tant li ftit wara, f'"Dolls," tistqarr li kienet pupa f'idejn raġel.

F'poeżiji aktar riċenti, tibqa' tiddomina r-rabja tal-poeta lejn żewġha. F'"Id-Differenza," hija terġa' talludi għad-differenza bejnha, bħala mara u omm, u huwa bħala raġel u missier. Il-missier ipprezentat bħala raġel li għandu l-awtorità kollha, kollox isir skont il-gosti tiegħu, u hija teżisti biss biex taqdih. It-tfal għal darba oħra, jitqiesu bħala toqol u r-responsabbiltà esklużiva tagħha, "Xogħolha jintiżen skont persuntu / imħawwad doża tfal / li tieħu ħsiebhom hi" (vv. 9-11). Fi "Profanity" minn *Framed*, tferra' r-rabja tagħha fuq qassis li, fl-omelija tiegħu jippreżenta s-sitwazzjoni ta' mara li tieħu ħsieb lit-tfal id-dar u r-raġel imur ix-xogħol bħala l-ideal u tispiċċa toħroġ mill-knisja.

Din ir-rabja tikkulmina ruħha f'"Pater" għal darba oħra fi *Framed*. Id-differenza bejn l-omm u l-missier terġa' tiġi indirizzata. Il-missier jakkumula l-flus fil-bank, l-omm takkumula biss l-għeja. Madankollu huwa l-missier li huwa rispettat, l-omm tagħmel biss dak li huwa mistenni minnha. Fid-dawl tal-korp kollu tagħha, għad li t-titlu "Pater" jista' qed jirreferi għal missierha, għal missier uliedha, jew għat-tnejn, fid-dawl tat-trattament differenti ta' missierha u missier uliedha, ma hemm ebda dubju li din il-poeżija hija indirizz dirett lejn tal-aħħar.

Minkejja li f'xi studji dwar il-poetika ta' Grech Ganado, jiġi mistqarr li l-poeta tippreżenta mara individwali 'l bogħod minn entità konvenzjonali u Olivia Borg tistqarr li

l-poeta "twarrab it-tradizzjoni patrijarkali tar-raġel li jmur jaħdem għall-familja u l-mara bħala dik li tieħu ħsieb id-dar," f'ħafna mill-poeżiji, għall-inqas f'dawk li fihom tippreżenta d-dar familjali, hija tipproġetta lilha nnifisha bħala mara maqbuda f'din it-tradizzjoni (2). Għad li hija toħroġ mid-dar biex taħdem, ix-xogħol domestiku xorta jibqa' jaqa' fuqha. Fil-fatt, diversi drabi telenka l-ħafna qadi marbut mal-irwol matern tagħha li ftit iħallilha nifs. Hija tfakkar f'Arlie Hochschild li, f'*The Second Shift* tistqarr li ħafna nisa llum daħlu fid-dinja tax-xogħol u, naturalment, qegħdin iqattgħu ħafna ħin barra mid-dar bħar-raġel, iżda, fil-biċċa l-kbira tad-drabi, jibqgħu jassorbu ħafna mix-xogħol domestiku u tal-familja (21). Hochshild tikkonkludi li dan iwassal biex ħafna ommijiet iħossuhom urtati u dan iħalli effett negattiv fuq iż-żwieġ u l-familja (198-199). Dan huwa pjuttost evidenti fil-każ ta' Grech Ganado u jinħass li l-poeta bħala omm tinqala' minn din is-sitwazzjoni biss meta t-tfal jikbru u meta, fl-aħħar mill-aħħar, hija, bħala l-omm, u żewġha bħala l-missier, ma jibqgħux jgħixu taħt l-istess saqaf. Huwa biss fi "Trijanglu" li tistqarr li tinsab bilqiegħda komda, tiċċelebra d-dinjità tagħha ta' mara u dan kollu jinħass riżultat tal-fatt li t-tfal telqu mid-dar, u r-raġel assenti għax "għosfor."

Fil-familja li Grech Ganado tippreżenta, il-patrijarkat jinħass ħaj ħafna u għalhekk tfakkar ukoll f'Kate Millett li tistqarr li l-istituzzjoni ewlenija tal-patrijarkat hija l-familja. Il-familja mhux biss tinkoraġġixxi lill-membri tagħha biex jaġġustaw u jikkonformaw imma tintuża wkoll mill-istat biex jiggverna ċ-ċittadini tiegħu permezz tal-kapijiet tal-familja (33). Millett iżżid li l-pożizzjonijiet u t-tqassim tax-xogħol skont is-sess għandhom irwol importanti fl-infurzar tal-psikoloġija taż-żewġ sessi. Pereżempju, il-pożizzjoni ekonomika superjuri tar-raġel għandha implikazzjonijiet gravi u Grech Ganado tirreferi għal dan direttament fil-poeżija "Pater." Il-mara hija kontinwament obbligata tfittex li

tissopravivi jew li tavvanza permezz tal-approvazzjoni tar-raġel u fil-proċess ta' dan, hija tiċċaħħad mid-dinjità u r-rispett lejha nnifisha (54). It-tqassim tax-xogħol skont is-sessi joħroġ l-aktar ċar fl-irwol matern tagħha. Bħala l-omm, il-poeta tippreżenta ruħha bħala waħda li tieħu ħsieb lil uliedha mill-bidu sal-aħħar, saħansitra jkollha tassumi l-irwol ta' missier minħabba li dan tal-aħħar ma jafx kif iħobb, jew għax forsi ma jħossx li dan l-irwol huwa kompatibbli mal-maskulinità tiegħu. Dwar dan, Millett tistqarr li huwa intellettwalment mifhum li l-assenjament tal-kura tat-tfal lin-nisa huwa wieħed kulturali u mhux bijoloġiku. Hemm differenza bejn li tiled u li trabbi. Millett tistqarr li huwa mit li kull mara hija omm. Hija żżid li l-karatteristiċi umani bħall-affezzjoni, is-simpatija, u l-ħniena huma assenjati lill-klassi l-baxxa. Huwa minħabba f'hekk li dawn huma ħafna drabi attribwiti lin-nisa għaliex ir-raġel ma jarax valur u utilità fihom u jippreferi li jeżistu fl-oppost tiegħu ħalli, minflok, jaqdulu l-ħtiġijiet tiegħu (230-231).

Fid-dawl ta' dan, fil-poeżija ta' Grech Ganado, joħroġ kwadrett ta' familja li ilha ppreżentata mill-Femministi sa mis-sittinijiet tas-seklu l-ieħor. Fih, il-missier, minbarra li huwa assenti huwa ppreżentat bħala figura pprivileġġjata u fl-isfond ta' dan, jiġi ppreżentat prototip ta' familja patrijarkali. L-omm tidher bħala l-figura mtaqqla mir-responsabbiltajiet marbuta magħha u tkun hija li, fl-aħħar mill-aħħar, qed tħallas għall-privileġġi tal-missier. L-uniku rispons tal-poeta huwa li tiddokumenta dan kollu waqt li tesprimi r-rabja tagħha għal din l-inġustizzja.

## 6.2. Nadia Mifsud

Nadia Mifsud hija l-Poeta Lawreata ta' Malta. L-element Femminista huwa evidenti f'xogħol N. Mifsud u matul il-korp poetiku tagħha, hija tiddikjara aktar minn

darba li hija mara, permezz ta' poeżiji bħal "jiena Hi" u "Daqsek Naf," fejn jinħass ċertu antagoniżmu lejn ir-raġel, partikolarment fl-aħħar poeżija li fiha tiddikjara:

raġel
jiena mara
mara jien
daqsek naf
jew forsi iktar minnek ukoll
għax anki mill-iżbalji tiegħek
tgħallimt
– għażiż – (vv. 52-59).

Madankollu, b'differenza minn uħud mill-poetessi oħrajn Maltin, hija tirrikonoxxi l-irwol tal-missier fl-esperjenza materna tagħha. Pereżempju fl-istudju ta' Solana Mangion, joħroġ ċar li fil-korp poetiku ta' Simone Galea, "il-missier jitħalla barra mid-diskors u ma jiġix involut fil-kitba li tittratta r-relazzjoni omm-bint" (13). Mangion tosserva kurrent simili fix-xogħol ta' Claudia Gauci u dwaru tikkummenta hekk: "il-poetessa qed tieħu l-esperjenza tat-tqala u tat-twelid u tagħmilha kollha tagħha, daqslikieku għexitha hija biss waħedha" (54).

Iżda għad li ma teskludix lill-missier, ir-rikonoxximent ta' N. Mifsud lejn il-missier huwa pjuttost inkonsistenti u mhux dejjem pożittiv. Huwa biss f'"Fuq Wiċċek," li r-rikonoxximent tagħha lejn il-missier huwa pożittiv. Dwar dan, I. Mifsud jikkummenta li "Ir-raġel, kif wara kollox huwa ddettat min-natura, huwa parti mill-istorja u dan jiġi

rikonoxxut" ("Jiena Mara" 16). F'indirizz lil bintha, hija tistqarr magħha li għajnejha huma tal-missier daqskemm huma tagħha bħala ommha, "għajnejk? / għajnejja-għajnejh" (vv. 22-23) u saħansitra tirreferi għall-proċess ta' fekondità li permezz tiegħu aktar issaħħaħ is-sehem tal-missier fil-ħolqien ta' bintha u, b'hekk, tinnega lilha nnifisha l-irwol ta' ġenitur esklużiv. Jerġa' hija tistqarr li permezz tal-wild ta' bejniethom, hija tibqa' ġġorr lill-missier magħha, "u bqajt inġorru miegħi / fik" u timplika li jiġri x'jiġri fir-relazzjoni ta' bejnha u dan il-missier, dejjem se jkun hemm ħolqa li torbothom flimkien.

F'"Bintek" li tinsab fil-ġabra preċedenti, ir-rikonoxximent li turi lejn missier bintha huwa pjuttost differenti minn dak li turi fil-poeżija msemmija preċedentement. Qabelxejn huwa wieħed mimli rabja. Permezz tat-titlu tal-poeżija, speċifikament bil-pronom mehmuż "ek," hija timplika li l-ħlejqa li hija wildet hija aktar meqjusa tal-missier milli tagħha. Minkejja li hija l-omm, ma tirreferix għall-bint li ħarġet minn ġufha mqar bħala "bintna." Dwar din l-inġustizzja li N. Mifsud tirreferi għaliha, Barbara Katz Rothman tikkummenta li skont il-parentela patrijarkali, li hija fil-qalba tal-patrijarkat, il-paternità hija r-relazzjoni soċjali ewlenija. F'tali parentela, l-ulied jitqiesu li jitwieldu għall-irġiel permezz tan-nisa u, essenzjalment, in-nisa sempliċiment iġorru l-ulied għall-irġiel. Hija żżid li f'sistema patrijarkali, l-essenza ta' persuna tinsab fiż-żerriegħa miżrugħa, li l-poeta tirreferi għaliha permezz tal-vers, "din dik li żrajt ġo fija," u għalhekk il-maternità tiġi mċekkna għal sempliċiment servizz li permezz tiegħu jiġi pprovdut spazju għal fejn tinżera' din iż-żerriegħa. Katz Rothman tirreferi għall-Ġenesi (5:3) bħala eżempju ta' dan (1244-1245). F'dan il-vers, "U Adam kellu mija u tletin sena meta wiled iben fis-sura u x-xbieha tiegħu, u semmieh Set" jinħass implikat li qabelxejn Set huwa ibnu biss u l-omm lanqas biss hija msemmija. L-għażla tal-verb "wiled" tagħti l-impressjoni li ibnu ħareġ

minn ġufu. F'dan il-kapitlu, bit-titlu "In-nisel ta' Adam," hemm rendikont ġenealoġiku, iżda ebda mara jew omm ma tissemma, bħallikieku dawn ma kellhom ebda rwol fit-twelid ta' dawn l-ulied kollha. F'din il-poeżija, il-poeta tinħass tirribella kontra dan il-ħsieb li qed jaffettwa lilha personalment. Hija tfakkar li din il-ħlejqa hekk meqjusa tal-missier, kibret ġo fiha u li bejnha u din il-ħlejqa teżisti rabta li l-missier huwa eskluż minnha. Din ir-rabta tant hija intensa li l-bint hija "iggranfata ma' djuli;" sidirha sħun jippermetti lill-bint "togħxa tisker;" leħinha jwennes lill-bint; u ġisimha jservi ta' kannizzata li miegħu l-bint tixxeblek; kollha konfermi ta' qrubija li jippermettu lill-omm u l-bint isiru saħansitra ħaġa waħda bħalma darba kienu qabel it-twelid. Fuq kollox, il-poeta tagħlaq il-poeżija billi tfakkar lill-missier li, din bintu, hija "laħam minn laħmi" u, minkejja li jista' jkun huwa li żera' ż-żerriegħa, bejnha u bintu hemm unità irrevokabbli li huwa qatt ma' jista' jgawdi minnha. Il-vers "laħam minn laħmi" tinħass ukoll ironija tal-vers mill-Ġenesi:

> Imbagħad il-bniedem qal:
> 'Din id-darba din hi
> għadma minn għadmi,
> u laħam minn laħmi,
> għalhekk tissejjaħ mara,
> għax mir-raġel ittieħdet hi' (Ġen. 2.23).

li fih implikat li l-mara ġejja mir-raġel u mhux viċiversa.

Dawn huma l-uniċi żewġ poeżiji li fihom N. Mifsud tirrikonoxxi lill-missier u, għad li tinqata' mill-kontemporanji nisa tagħha billi tirrikonoxxih, dan ir-rikonoxximent huwa pjuttost limitat. Barra minn hekk, f'"Fuq Wiċċek," minkejja li dan ir-rikonoxximent huwa meqjus pożittiv, il-missier huwa msejjaħ sempliċiment bħala "ir-raġel ta' wara l-kantuniera," bħala raġel kwalunkwe, bl-identità tiegħu limitata għal psewdonimu u miżmuma minn bintha. L-individwalità tiegħu hija miċħuda, daqslikieku huwa xi arketip mingħajr ebda kumplessità marbuta miegħu.

F'"Bintek," il-missier huwa indirizzat bħala "ja sieħeb." Għad li f'din il-poeżija l-poeta spiss tuża l-pronom mehmuż, fil-każ ta' missier bintha, ma tużahx, u b'dan in-nuqqas jispikka aktar l-element ta' distanza bejnha u bejnu. L-għażla ta' "sieħeb" tindika wkoll nuqqas ta' intimità, bħallikieku sempliċiment kumpann u mhux maħbub. Fil-fatt, tuża l-istess indirizz fil-poeżija "jiena Hi" li fiha tindirizza lil kwalunkwe raġel u teħodha kontra l-falluċentriżmu. Il-kelma "missier" hija eskluża fil-poeżiji li fihom hija tirrikonoxxi lil din il-figura. Il-missier jiġi rikonoxxut f'dawn iż-żewġ poeżiji biss u għalhekk huwa rari li l-poeta tirrikonoxxi lill-missier. Dan in-nuqqas ta' rikonoxximent jerġa' jinħass aktar meta f'poeżiji oħrajn li fihom tippreżenta lilha nnifisha bħala omm, hija teskludi lill-missier għalkollox. Ir-rikonoxximent tal-missier minbarra li huwa inkonsistenti, huwa wkoll okkażjonali. Barra minn hekk, f'"Kuntratt," hija tistqarr ma' bintha li tgħożż il-punti li kellha tagħmel wara l-ħlas u daqstant ieħor tirringrazzjaha li bħala bintha wilditha omm, u b'hekk timplika li hija l-bint li għamlitha omm u mhux il-missier. F'"Manifest għal Binti" hija terġa' teskludi lill-missier u tiddikjara li se tkun hija waħedha li ħa taċċerta li bintha tkun ħielsa. F'"Omm Titkejjel" daqstant ieħor tesprimi relazzjoni esklużiva bejnha u wildha, waqt li wkoll timplika li tħossha ġġudikata hijiex omm tajba biżżejjed jew le,

argument li dwaru, Adrienne Rich tikkummenta li bħala omm kienet ippersegwitata mill-isterjotip li l-imħabba tal-omm hija "inkondizzjonali," kif ukoll mix-xbihat viżivi u letterarji li l-maternità hija identità li teħtieġ dedikazzjoni assoluta u qatt ma rrealizzat li dan kollu ma kienx fenomenu naturali (23). B'hekk, il-poeta timplika li hija bħala omm iġġorr toqol ħafna akbar mill-missier, minħabba dipendenza li, fl-aħħar mill-aħħar, hija kostrutt soċjali.

L-anonimat tal-missier u d-distanza ta' bejn l-omm u l-missier jimplikaw żewġ ġenituri awtonomi minn xulxin. L-omm ma tidher qatt li tara fil-missier koġenitur li miegħu trabbi lil uliedha, anki jekk tirrikonoxxi l-irwol tiegħu fil-fekondità. Il-bint jew hija "binti" jew "bintek" imma qatt "bintna." Fl-indirizzi tagħha lil uliedha qatt ma tippreżenta ruħha bħala spalla ma' spalla mal-missier. Il-missier, lil hinn miż-żerriegħa li jiżra', u li hija tirribella kontra l-politika marbuta ma' dan l-att, ftit li xejn jingħata sinifikat. Fit-trobbija ta' wliedha, tinħass li tgħaddi mingħajru u b'hekk, il-poeta bħala omm tiddikjara indipendenza mill-missier. F'din l-indipendenza, hija tfakkar ukoll fil-poter matern tagħha, anki jekk, kif jidher f'"Bintek," il-patrijarkat jipprova jeliminah. Recalcati jikkummenta li wild jiddependi għalkollox mill-eżistenza ta' ommu u li dan it-tip ta' dipendenza ma jeżisti f'ebda relazzjoni umana oħra. Ebda relazzjoni umana mhi disproporzjonata, żbilanċjata u dominanti daqs ta' wild għadu jitwieled li jinsab f'ħoġor ommu. Ħadd daqs l-omm ma għandu dik li Recalcati jsejħilha, "omnipotenza," fuq l-ieħor. Bħala omm, ir-rinunzja tas-sjieda tagħha ta' wildha jew, f'dan il-każ, il-qsim tas-sjieda tagħha mal-missier, jista' jkun diffiċilissimu minħabba li wara l-esperjenza ta' sjieda assoluta u t-tgawdija marbuta ma' tali sjieda, kull ċediment isir diffiċli (*Mother's*

*Hands* 135). Il-poeta bħala omm hija konxja li sa mill-bidu nett il-missier kien esklużminn din is-sjieda, anki jekk jista' jgawdi minn waħda politika u dan kollu tiċċelebrah.

N. Mifsud tinħass li daqskemm qiegħda tiċċelebra lilha nnifisha bħala omm, qiegħda wkoll tiċċelebra maternità indipendenti u, f'dan il-proċess, qiegħda tinfilza lilha nnifisha f'kultura matrifokali. F'din il-kultura, skont Andrea O'Reilly, il-mara ċċekken l-importanza tal-irwol tagħha bħala mart jew sieħba ta' xi ħadd u tenfasizza l-irwol tagħha ta' omm (39). F'rabta ma' dan, Johnson li tgħid li f'din it-tip ta' kultura, il-mara tieħu sinifikat kulturali u soċjali billi tiddefinixxi lilha nnifisha qabel kollox bħala omm u mhux bħala mart xi ħadd, kif fil-fatt tagħmel N. Mifsud permezz tad-distanza li toħloq minn missier uliedha u l-indipendenza li tiddikjara minnu (226). Ukoll, f'dawn iċ-ċelebrazzjonijiet tagħha ta' omm tfakkar li l-irwol matern mhuwiex inevitabbilment oppressiv kif kienu jarawh ċerti Femministi tat-tieni mewġa imma hija esperjenza li tista' temanċipaha u twassalha għal bidla soċjali, kif jidher f'"Manifest għal Binti" li fiha tistqarr li trid taċċerta ruħha li bintha tgħix ħajja ħielsa u li bħala mara ma tiġix imċaħħda minn ħolm u opportunitajiet (O'Reilly 20). Fid-dawl ta' dan kollu, permezz ta' f'"Ibażwruni Għajnejkom," poeżija ddedikata lil uliedha, hija xorta tippreżenta ruħha bħala omm mhux perfetta u daqskemm turi l-umanità tagħha, daqstant ieħor tkisser il-mit patrijarkali li l-omm hija mara perfetta u li l-irwol tagħha huwa naturali.

L-unika darba li N. Mifsud tuża l-kelma "missier" hija f'"Mhux Veru Li d-Dinja Tonda" mit-tieni ġabra tagħha. F'din il-poeżija, hija tiftaħ tieqa fuq x'jiġri fis-segretezza tad-dar u tippreżenta sitwazzjoni ta' vjolenza domestika. F'din l-unika darba li l-missier huwa msemmi b'"ismu," huwa ppreżentat bħala aggressiv, jattakka lill-omm verbalment,

bil-konsegwenza li l-bint tibqa' trawmatizzata b'din il-vjolenza u, sussegwentement, fl-adultezza tagħha, tieħu l-eżempju ta' ommha li ssib l-uniku solljev tagħha fil-pirmli.

Barra minn hekk, imżewġa mar-relazzjoni stramba bejn il-poeta bħala omm u missier uliedha, hemm ir-relazzjoni ineżistenti bejnha u missierha. Il-poeta f'ebda ħin u f'ebda vers ma talludi għal missierha direttament. L-unika darba li hija tista' tkun qed talludi għalih b'mod indirett huwa f'"Ċanfira" meta, f'indirizz lil ommha, tistqarr li "jien dik li jien / -skuntrata- / mhux dik li dejjem xtaqtuni." F'dan il-każ, il-missier jinħass li, bħal ommha, bħala koġenitur, jixtieqha timxi skont in-normi tas-soċjetà, irrispettivament mill-individwalità tagħha. Madankollu, anki r-relazzjoni tagħha ma' ommha, għad li mhijiex ineżistenti, hija negattiva. Fl-indirizzi lejha, l-omm qatt ma tiġi ppreżentata f'dawl pożittiv. Ngħidu aħna f'"Ċanfira" l-omm hija ppreżentata bħala waħda li ma toffrilhiex eżempju, u f'"Fil-gradenza ta' Moħħi," hija tqabbel kliem ommha mal-boċċi tal-kamla u bihom tissuġġerixxi antikwità. Hija n-nanna, bħala membru familjali, li tirreferi għaliha bi mħabba u rispett diversi drabi. Fil-poeżija msemmija preċedentement tistqarr li wiċċ nannitha jinsab fil-gradenza ta' moħħha. F'"Hekk Tħobbni l-Iżjed," indirizz ieħor lil bintha, tgħid li fiha għandha mkebbin il-ħrejjef kull kulur li nannitha kienet tinseġ speċifikament għaliha u fil-poeżija saħansitra talludi għall-bużnanna tagħha, iżda teskludi lil ommha. F'"Manifest għal Binti" wkoll issemmi lil nannitha u 'l bużnannitha, bħala nies li għandhom ġo fihom rabja u qilla minħabba d-diskriminazzjoni bejn is-sessi u li dawn għaddewhom lilha u, għal darba oħra, issemmi dawn iż-żewġ ġenerazzjonijiet ta' ommijiet u teskludi espliċitament lil ommha. Waqt li n-nanna tista' titqies li qiegħda tagħmel tajjeb għan-nuqqas ta' ommha u b'hekk tiċċelebra membru fil-linja materna tagħha, ebda nannu, ebda persuna maskili ma tagħmel tajjeb għan-nuqqas tal-missier.

F'din l-esklużjoni tal-missier u kważi kważi stmerrija lejn l-omm, kif ukoll fid-dawl ta' nuqqas ta' rikonoxximent tal-missier ta' wliedha, il-poeta tinħass tisfiduċja lill-familja nukleari.

Din l-esklużjoni sħiħa ta' missierha, li jerġa' hija aktar akuta minn dik ta' missier uliedha, tista' tkun risposta għall-fatt li f'missierha l-poeta tara persuna li, kif tgħid Miriam Johnson, iħarreġ lil uliedu bniet biex isiru n-nisa ta' xi ħadd u f'dan l-irwol tagħhom irendu ruħhom sekondarji għal żwieġhom (8). Fiċ-ċelebrazzjoni tal-awtonomija femminili tagħha, il-missier ma għandu l-ebda post.

Għaldaqstant, N. Mifsud, fil-korp poetiku tagħha, terġa' timmina lill-missier. Ir-rikonoxximent tiegħu jinħass sfurzat min-natura aktar milli minn xi stima lejh jew sħubija ideali. Fil-korp prożajku tagħha, il-missier jidher nieqes mill-protagoniżmu billi ħafna drabi ssir referenza għalih bħala parti minn koppja u, fil-korp poetiku, daqskemm kultant tirribella kontra l-poter tiegħu sforz il-patrijarkat, bħalma tagħmel f'"Bintek," daqstant ieħor l-awtorità tiegħu tinħass li hija aktar simbolika milli reali. Il-fatt li hija tiċċelebra l-maternità tagħha jagħmilha aktar mara indipendenti mill-missier minħabba li fl-aħħar mill-aħħar hija tinħass li qed trabbi lil uliedha għaliha nnifisha u għalihom stess, f'matrifokalità, mhux f'servizz lejn il-missier. F'"Varjazzjonijiet tas-Skiet," it-tielet ġabra tagħha, l-elementi familjali mhumiex temi daqstant preżenti, bħalma huma fl-ewwel żewġ ġabriet tagħha. Madankollu, fil-poeżija partikolari "+31" li hija tiddedika lil uliedha, minbarra li tiċċelebra l-fatt li wliedha jsejħulha "mammina," li jindika ċerta għożża, hija tagħlaq il-poeżija billi tiddikjara li:

taf m'hemmx bżonn ngħidlek,

jekk qatt hekk ikun jeħtieġ

'qas l-eqqel mewġ mhu se jnaffarni

'qas l-iktar baħar iswed ħanini (vv. 35-38).

Għal darba oħra tiċċelebra l-maternità tagħha u tpoġġi lilha nnifisha fid-difiża ta' wliedha, bħala l-omm, mingħajr il-bżonn ta' ħaddieħor, inkluż il-missier.

## 6.3. Leanne Ellul

Leanne Ellul hija l-iżgħar kittieba fost dawk irriċerkati f'dan l-istudju u tirrapppreżenta vuċi minn ġenerazzjoni oħra mill-poeti nisa preċedenti. Il-familja u l-weġgħat marbuta magħha jidhru fil-proża u l-poeżija ta' Ellul. Titwila lejn ir-rumanz *Gramma* tikxef protagonista li hija bint unika u li tinsab f'kunflitt kemm ma' ommha kif ukoll ma' missierha. Il-missier, l-istess bħall-omm, huwa ppreżentat bħala assenti u dwaru l-protagonista tiddikjara li miegħu "dejjem kelli relazzjoni stramba ħafna" (*Gramma* 23). Marta Cachia tikkummenta li inizjalment, din ir-relazzjoni hija ppreżentata permezz tal-analessi, memorji li jqanqlu fil-protagonista skumdità, minħabba li dan huwa missier li fit-tfulija ta' bintu l-idea tiegħu ta' ħin ta' kwalità mqatta' flimkien hija li jeħodha miegħu l-każin, fejn, minkejja l-preżenza tagħha, ma jkunx kapaċi jrażżan lilu nnifsu minn xorb eċċessiv li jwasslu jispiċċa figura taż-żuffjett mal-persuni l-oħrajn taħt l-istess saqaf (60). Maż-żmien, din ir-relazzjoni tiżviluppa f'dak li Cachia ssejjaħ, "kunflitt kontinwu," imma minkejja l-iskumdità tal-imgħoddi, "tinħass xewqa kbira li missierha jkun aktar involut f'ħajjitha" (61). In-nuqqas tal-missier jibqa' jinħass sal-aħħar, tant li fil-konklużjonijiet tagħha l-protagonista tirringrazzjah sarkastikament tan-nuqqas tal-

preżenza tiegħu, implikazzjoni, skont Cachia, li din l-assenza hija l-akbar weġgħa għall-protagonista (62). Tabilħaqq, fil-lista ta' persuni li tindirizza, hija tibda mill-missier.

Jekk fi *Gramma* tinħass xenqa għall-preżenza tal-missier, f'*L-Inventarju tal-Kamra l-Kaħla,* din tinbidel f'rabja li toħroġ mill-ewwel referenza diretta għalih permezz taż-żewġ poeżiji "Fuq Qatel[1]" u "Fuq Qatel[2]," li huma kontinwazzjoni ta' xulxin. Fihom, l-intertestwalità ma' "Daddy" ta' Sylvia Plath hija ċara tant li l-ewwel poeżija hija ddikjarata "wara Sylvia Plath." John Rietz jikkummenta li Plath kienet tant ossessjonata b'missierha li dan sar il-muża tagħha. Bħala poeta konfessjonali, ftit hemm dubju li l-missier li hija tindirizza f'"Daddy" huwa missierha bijoloġiku, Otto Plath, li skont Steiner, hija tiddeskrivi bħala awtokratiku u li daqskemm kienet tħobbu bħala tifla, kienet daqstant ieħor toboghdu u f'mewtu immaġinat li kienet hija li qatlitu (417). Madankollu, id-"daddy" li hija tindirizza huwa wkoll il-missier, l-emblema konvenjenti ta' tradizzjoni u storja, il-passat letterarju li ħafna mill-kittieba jridu jikkonfrontaw u, li daqskemm iservi ta' sors ta' ispirazzjoni daqstant ieħor iservi ta' oppressjoni, b'mod li jagħmel is-sejba tal-vuċi personali, speċjalment fil-każ tan-nisa, diffiċli immens (418). Rietz iżid li permezz tan-natura ritwalistika tal-versi "I have had to kill you. / You died before I had time" hija toħloq immaġni ta' missier tant mistkerrha li tippermettilha tirrinunzjah għalkollox u permezz ta' dawn il-versi toqtol il-mit li baqa' preżenti anki wara li l-missier miet. Permezz tal-mit, il-missier isir figura brutali u sadistika. Id-dominazzjoni tiegħu ssir intenzjonata tant li jaqsmilha qalbha fi tnejn u, meta tgħid li huwa mhux alla imma sempliċiment swastika (b'referenza għall-għeruq Ġermaniżi tiegħu), hija tneżżgħu mid-dimensjoni sopranaturali li kienet tistħajjel li għandu. Dan iwassalha biex tirrikonoxxi li l-poter tiegħu huwa sempliċiment politiku u fiżiku u konsegwentement mhux

sopranaturali. Madankollu, minkejja r-rabja, il-poeżija ta' Plath tibqa' ambivalenti ħafna, hija aktar tentattiv ta' ħarba mill-influwenza paterna milli *fait accompli* (426-428). Dwar dan, I. Mifsud, f'kumment tiegħu dwar l-istess poeżija fil-poddata tiegħu mis-sensiela *Post90,* jistqarr li daqskemm "Daddy" ta' Plath hija innu tar-rifjut tal-awtorità paterna, daqstant ieħor il-poeta ma jirnexxilhiex toqtol simbolikament lil missierha minħabba li tibqa' ossessjonata bil-preżenza u l-istatura tiegħu ("Post 90 – Fuq Qatel" 07:00-08:30).

F'"Fuq Qatel[1]," Ellul ukoll tippreżenta missier mejjet, imma, f'dan il-każ, il-mewt tiegħu dovuta għal suwiċidju, b'suġġeriment li għamel hekk biex jevita l-umiljazzjoni li jinqatel minn bintu. Il-mewta tiegħu ma teliċita ebda diqa f'bintu. Fil-fatt, fis-sejba tiegħu mejjet, ma telenkax elementi nostalġiċi dwaru. Minflok telenka atti tiegħu li jdarrsuha, "il-laħam li jomgħod u jobżoq / fit-te jiggargarizza bih/ fl-inbid li jtajjar mal-art" (vv. 10-12). Fihom infushom dawn kollha atti li jissuġġerixxu raġel li juża xi ħaġa u wara li jixba' minnha jarmiha, forsi wkoll lilha stess. Tippreżenta wkoll raġel li jrid juri rġulitu permezz ta' abbundanza u indulġenza lil hinn minn dak li huwa xieraq. Għalhekk, dan huwa missier li jirrappreżenta l-eċċessi tal-patrijarkalità u fil-bint iqanqal rabja enormi. Il-missier, bl-attitudni tiegħu, saħansitra joqtol lil bintu, bl-implikazzjoni ta' mara li tinża' t-titlu ta' bint meta tirrinunzjah:

Qatel lilu nnifsu d-daddy
bl-inkwiet,
u miegħu qatel 'il-bint
li kien kapaċi jkollu
u li kien kapaċi jitlef, ukoll. (vv. 17-21)

Jekk fi Plath, skont Rietz, il-missier jieħu forma brutali u sadistika, f'dan il-każ il-missier huwa aktar minn kollox tellief, raġel li joqtol lilu nnifsu qabel jinqatel u raġel li darba kellu bint, li kienet tagħmlu missier, imma li sforz l-attitudni tiegħu jitlifha wkoll.

Madankollu, f'"Fuq Qatel[2]," għad li l-poeta tiftaħ billi tistqarr li saret mara, eżatt wara talludi għal missierha bħala d-"daddy" u b'hekk timplika li, kif jirrimarka I. Mifsud fl-istess poddata, ikun huwa li jiddikjaraha mara. Huwa l-isem tal-missier li jagħmel mara minnha ("Post 90 – Fuq Qatel" 13:00–14:00). Għalhekk, il-mewta tal-missier fil-poeżija ta' qabel hija temporanja. Din id-darba l-intertestwalità hija ma' Simone de Beauvoir li, f'*The Second Sex* tistqarr, "One is not born, but becomes a woman" (273). Madankollu, kuntrarju għal de Beauvoir li tilmenta li persuna ssir mara, fis-sens li ssir persuna subordinata minħabba raġunijiet soċjali u politiċi aktar milli għal dawk naturali, il-poeta tiċċelebra l-fatt li ssir mara, minħabba li kif jirrimarka I. Mifsud, hija mara li se tgħix il-verżjoni femminili tal-mara u mhux il-verżjoni ddettata mill-missier ("Post 90 – Fuq Qatel" 14:00-14:20). Bħalma N. Mifsud tiċċelebra l-maternità tagħha, minkejja li xi Femministi tat-tieni mewġa rawha bħala xkiel, Ellul tiċċelebra l-istat ta' mara tagħha u b'hekk, taqleb ta' taħt fuq l-istatus quo. Il-missier qed jingħeleb bl-armi tiegħu stess. Meta bħala d-"daddy" jiddikjara lil bintu bħala mara, minflok jimminaha, jarmaha b'titlu li tagħmel tagħha, li tadatta skont xewqitha, u li tiddikjara bħala "Din hija l-viżjoni ġdida" (v. 13). Jekk il-missier mhuwiex mejjet għalkollox, huwa ċertament megħlub. Dan l-element antipatrijarkali jkompli f'"Fuq Raġel" meta l-poeta tistqarr li ma għadx għandha aktar bżonn raġel:

L-ewwel darba

li għedtlek li m'għandix bżonnok, raġel
kont qed nigdeb.
It-tieni darba,
kelli raġun. (vv. 2-5)

Il-poeta tikkonferma l-indipendenza tagħha mill-missier u kull raġel ieħor. F'"Fuq Tqil," waqt li l-missier mhux indirizzat direttament, talludi għal din il-figura bħala waħda eżorbitanti imma li, fl-aħħar mill-aħħar, tfalli, tfakkira oħra kemm il-missier huwa ħafna inqas potenti milli jitpinġa.

Fil-poeżiji "Fuq Welled[1]" u "Fuq Welled[2]," il-poeta tadotta ton aktar konfessjonali, permezz ta' xbihat ta' missier personali aktar milli universali. L-attakki fuq il-missier jibqgħu, anzi jinbnew fuq dak li ntqal qabel u jsiru aktar diretti. Il-missier ippreżentat bħala vjolenti u eċċessiv, simili għal dak li jomgħod u jobżoq il-laħam. Huwa missier li jwettaq vjolenza verbali bid-dagħa tiegħu u, fl-istess ħin, raġel mingħajr elokwenza, li jibqa' primittiv. Bħala wieħed li jilbes il-libsa ta' Eketus, huwa tiranniku u l-attitudni tiegħu hija konformi mal-libsa tiegħu. Il-bint ma tippreżentax ruħha bħala vittma diretta tal-vjolenza domestika imma ta' waħda li tesperjenzaha permezz ta' ommha li hija gravi biżżejjed sal-punt li fl-aħħar xi ħadd imut u huwa jgħosfor. Fuq kollox, f'"Fuq Welled[2]" il-bint tippreżenta ruħha bħala wild li missierha ma jridx fil-verżjoni li tagħżel għaliha nnifisha – "Taf li qatt ma xtaqt tifla bħali. / U la qatt xtaqt tifla u lanqas bħali" (vv. 10-11) u għalhekk ta' diżappunt għalih. Fiha tagħti żvolta oħra lill-versi aħħarija ta' "Fuq Qatel[2]," li permezz tagħhom tiddikjara li l-missier daqskemm kien kapaċi jkollu bint, kien kapaċi jitlifha wkoll. Bħala bint mhix mixtieqa, huwa faċli għaliha li

tirrinunzjah bħala missier u fl-aħħar vers ta' "Fuq Welled[2]" turi nuqqas ta' apprezzament għall-fatt li kkonċepiha, sinjal li wara kollox it-twelid kien sempliċiment aċċidentali u mingħajr imħabba.

Waqt li fl-ewwel ġabra, l-omm rarament tissemma għajr f'"Fuq Welled[1]" li fiha ppreżentata bħala vittma ta' vjolenza domestika, fl-aħħar ġabra, *Bjuda*, l-omm tfeġġ aktar minn darba. F'"Il-Preċett ta' Darba Biss," il-poeta tistqarr li "darba kienet għadha tmur m'ommha u titqarben" (v. 2), indikazzjoni li kienet tagħmel dan ma' ommha biss, il-missier huwa eskluż. Il-qrubija titla' livell ieħor f'"Il-Ġir Jaqa' f'Għajnejk" meta l-poeta tirrakkonta kif bħala tifla ta' tliet snin kienet għadha "torqod fil-fil ta' bejn sidirha" (v. 1), u kif l-imperfezzjonijiet ta' ġisem ommha jservu biex torqod fihom kif trid hi. Il-qrubija hija tant intensa li, ġisem ommha jsir kutra, konnotazzjoni ta' wens u protezzjoni. F'"Il-Ġnien fix-Xemx ta' Mejju," l-omm tippreżentalha l-fjuri, "darba ommi għallmitni nikteb il-fjuri fil-plural" (v. 1). Il-fjuri miktuba jieħdu l-ħajja u fl-aħħar strofa, "dawn il-fjuri ta' ommi li tgħallmet tkabbarhom / qabel kbirt jien u wara li kabbret lili / sabet ġnien qed jistejqer fix-xemx ta' mejju" (vv. 13-15). Dan l-aħħar vers huwa interpretat minn Azzopardi bħala ħolqien ta' spazju li fih il-poeta tħossha komda tirrakkonta lilha nnifisha: mingħajr ġudizzju u inibizzjoni ("Encoding/Decoding White"). Għalhekk, hija l-omm li tgħaddi lill-poeta l-aktar ħaġa importanti għaliha: il-kelma f'forma ta' fjura, il-materja prima biex tirrakkonta lilha nnifisha. Fid-dawl ta' dan kollu, il-versi f'"Fuq Welled[1]" jieħdu xejra oħra:

> Lgħabna l-logħba tat-tifla li tgħallmet issuq
>
> il-karozza

biex jekk missierha – dejjem missierha – idejh

jiħfifulu xi ftit twasal 'l ommha l-isptar kif taf hi. (vv. 17-20)

Ir-rabta li teżisti bejn l-omm u l-bint tippermetti għaqda kontra antagonist komuni – il-missier.

Jekk fi *Gramma*, l-omm u l-missier huma t-tnejn mixħuta f'keffa waħda bħala żewġ ġenituri assenti, fix-xogħol poetiku ta' Ellul, l-omm hija ċċelebrata, f'kuntrast mal-missier li huwa mixli b'attitudni mill-agħar. Il-missier huwa kkuntrastat mal-omm. L-omm twennes u tagħti l-kelma lill-poeta, il-missier jaf biss jhedded u jidgħi, "Kont fajjart dagħa fuq dagħa u kif ġie u laqat u / ħabat" ("Fuq Welled[1]" vv. 1-2). Il-kelma tal-omm hija fjura li tikber fi ġnien, il-kelma tal-missier hija diskors "żgumbranti." Il-missier huwa figura li jkisser mit-tajjeb li tgħaddi l-omm. Il-missier mhux parti minn koppja ta' żewġ ġenituri imma wieħed li jaqsam din il-koppja f'żewġ individwi u li l-bint tikkategorizza f'kompartamenti differenti. Għall-bint, it-terminu ġenitur għandu żewġ konnotazzjonijiet li huma opposti għal xulxin.

Fi *Bjuda*, il-poeta tkompli toħroġ ir-rabja tagħha lejn il-missier. Fuq livell figurattiv, permezz ta' "Il-Bjuda tal-Abjad" hija turi l-animożità tagħha lejn Dun Karm, bħala l-"missier" letterarju. Azzopardi tikkummenta li Ellul tikkonfronta lil Dun Karm minħabba li huwa jidealizza lill-mara bħala bajda, safja u verġni ("Encoding/Decoding White"). Waqt li Dun Karm jidealizza lil "ta' min iħoss tal-għoli x-xewqa rżina," Ellul tirribatti billi tfakkar f'nisa li f'ħajjithom ikollhom jgħaddu minn dan kollu:

ta' min iħokk għajnejh wara li jnaddaf

ta' min ma rabbiex il-qoxra ħoxna

ta' min jinsatar wara velu bizzillat

ta' min ibaxxi rasu iva u le (vv. 11-14).

L-attakk fuq il-missier isir aktar dirett f'"Id-Distanza tal-Abjad," poeżija oħra fi djalogu ma' poeżija minn żmien ieħor, din id-darba ma' "Qed Naqta' Ħafna Fjuri minn Qalbi" ta' Doreen Micallef, iddedikata lil missierha u li permezz tagħha ttellgħu fuq pedestall. F'konfront ma' dan, Ellul tistqarr li l-esperjenzi tagħha tal-irġiel huma ħafna differenti minn tagħha. Għaliha "ebda raġel li naf ma kien sieket" (v. 8), wara kollox missierha huwa ppreżentat bħala wieħed li jfajjar id-dagħa u tikkonkludi li l-irġiel kollha li taf weġġgħuha bil-kbir.

Fl-attakk il-kbir fuq il-missier, permezz ta' "Il-Ġilda Fina Fetu," Ellul ma tirrikorrix għall-intertestwalità, imma tikkonferma dak li tgħid f'"Fuq Welled[2]". Lill-missier ma tindirizzahx fit-tieni persuna imma permezz tat-tielet persuna u, instintivament, tinħass aktar distanza bejn it-tnejn. Hija tirrepeti li missierha xtaqha tifel u li aktar minn hekk, xtaq ipartatha:

ried jixtieq li kont tifel, dakinhar li twelidt;

ried jista' jaqbad iċarrat kemm-il plaċenta jsib

ħa jpartat dat-twelid tad-demm u l-ilma

ma' demm u ilma ieħor (vv. 1-4).

Il-poeta tafferma ruħha bħala bint li l-missier qatt ma xtaq u essenzjalment tħossha ttraduta minnu. Bħal Ifiġenja, hija bint li missierha lest li jissagrifika għal raġunijiet personali, f'dan il-każ biex ikollu iben u sussegwentement eredi għat-tron tiegħu. Għad li l-missier huwa preżenti f'ħajjet il-poeta, teżisti tant distanza bejniethom li l-missier irendi ruħu assenti. Schwartz tikkummenta li huwa mistenni mill-missier li jrawwem ħajja u valur emozzjonali imma, missier il-poeta ċertament li ma jirnexxilux jagħmel dan. Minflok imħabba, il-bint tirċievi r-rifjut. Schwartz iżżid li din id-disturbanza tista' twassal lill-bint biex mhux biss titbiegħed minnu imma anki minn irġiel oħra (3). Fil-fatt f'diversi poeżiji tinħass ir-rabja lejn irġiel oħra bħal, ngħidu aħna, f'"Fuq Raġel" u "Dakinhar li Żverġajtni," kif ukoll f'"Id-Distanza tal-Abjad" li fiha tiddikjara diżappunt f'kull raġel li hija ltaqgħet miegħu u tistqarr "għax l-irġiel li aft kollha qasmuni bl-uġigħ" (v. 14). Fid-dawl ta' dan, dan huwa missier li minkejja, id-distanza bejnu u bintu, xorta jħalli l-marka tiegħu u daqstant ieħor huwa kawża ta' danni psikoloġiċi fuqha. Aktar minn hekk, il-missier fix-xogħlijiet poetiċi ta' Ellul, jinħass f'paralleliżmu ma' dak ippreżentat fi *Gramma*. Bħalu huwa assenti u daqstant ieħor sors ta' weġgħa. Il-missier huwa figura tant importanti għal Ellul li huwa wieħed konsistenti f'forom diversi.

Għalhekk, bħal kif I. Mifsud jikkummenta dwar "Daddy" ta' Plath, li daqskemm hija innu ta' rifjut patern, il-poeta tidher li tibqa' ossessjonata b'din il-figura, l-istess jista' jingħad għal Ellul. Minkejja li hija tinħass tirrifjuta lil missierha wara li dan jiċħadha, paradossalment, l-assenza tiegħu tagħmlu aktar preżenti u dan isir kemm fuq livell universali u daqstant ieħor fuq livell personali.

# 7. Konklużjoni: Minn Missier Prepotenti għal Pops Impotenti?

L-arketip tal-missier, kif rajna fil-mitoloġija Griega u Nordika, u l-Bibbja, huwa ta' prepotenza. Fil-familja, il-poter huwa esklużivament tiegħu u huwa l-kap indiskutibbli tagħha. Lanqas l-assenza tiegħu ma tipprekludih mill-awtorità li jgawdi minnha, anzi xi drabi din twasslu biex jiġi idealizzat. Huwa marbut mal-poter u jgħożżu tant, li jibża' li jitilfu. L-iben il-kbir jippersonifika t-theddida għal din it-telfa, u din twassal għal relazzjoni skomda bejn it-tnejn. Fl-iben, daqskemm jara l-possibbiltà ta' kontinwazzjoni, il-persuna li għada pitgħada se ġġorr ix-xettru tiegħu, il-persuna li se tieħu f'idejha l-legat, il-persuna li se tħallih jgħix wara mewtu, jara wkoll persuna li tista' tfisser it-tmiem prematur tiegħu. Meta t-theddida jħossha kbira wisq jeħles minnu kemm jista' jkun malajr, imqar fi twelidu: eżempju klassiku ta' dan ikun ir-Re Laius. Drabi oħra, iħallih jikber u meta jasal iż-żmien jissagrifikah, bħalma naraw fil-Bibbja meta Alla l-missier jgħaddi lil ibnu Ġesù mill-Kalvarju. Min-naħa l-oħra, Żews jirnexxilu jqarraq b'missieru, jattakkah u jużurpa dak kollu li darba kien tiegħu. Bħala missier isir prepotenti bħalma kien missieru qablu u iżjed, saħansitra jwelled lil bintu Atene minn rasu u lil Dijonisju minn koxxtu biex b'hekk isir patrijarka assolut. Fid-dawl ta' dan kollu, il-missier mhuwiex wisq eroj, għall-inqas skont Franco et al. li jistqarru li l-erojiżmu huwa attitundi li toffri għajnuna lil min hu fil-bżonn, li tieħu ħsieb lil ħaddieħor b'kompassjoni, kif ukoll ir-rieda li tissagrifika lilek innifsek jew tieħu riskji għal ħaddieħor biex tiddefendi kawża morali (111). Il-missier, aktar milli qiegħed hemm għal uliedu, qiegħed hemm għalih innifsu. Odin, bħala missier kulħadd fil-mitoloġija Nordika, huwa xempju ta' dan – jitgħallaq ma' siġra għal disat ijiem u jistqarr li jgħaddi minn dan kollu għalih innifsu u għal ħadd iżjed. Xi drabi l-missier mhux talli ma jipproteġix lil uliedu, talli joffrihom fuq platt, bħall-każ ta'

Lot fil-Bibbja. Għad li l-bint hija wild tiegħu, bħal ibnu, din la toffri probabbiltà ta' kontinwità u lanqas kunflitt, hija meqjusa biss bħala suddita tiegħu.

## 7.1. Qabel Dan is-Seklu

Fil-letteratura Maltija ta' qabel dan is-seklu, dan l-arketip jibqa' evidenti. Għar-Romantiċi, partikolarment fil-poeżija, għad li l-omm tiġi eżaltata, speċjalment minn Dun Karm, huwa l-missier il-kap indiskutibbli tal-familja. Madankollu, fir-rumanzi storiċi, din l-awtorità diġà tibda tixxaqqaq. Il-missier jibqa' jiddeċiedi għal bintu speċjalment fi kwistjonijiet ta' żwieġ, bħalma naraw f'*Susanna* ta' Muscat Azzopardi u, sa ċertu punt, f'*Ineż Farruġ* ta' Caruana. Iżda l-awtorità tal-missier fuq ibnu ma tibqax assoluta. Karattri erojċi bħal Toni Bajjada u Don Matt, it-tnejn jagħmlu fattihom minkejja li missirijiethom ma japprovawx id-deċiżjonijiet tagħhom u jkollhom ibaxxu rashom b'dinjità quddiem id-deċiżjonijiet ta' wliedhom. Għar-Realisti, l-arketip ifisser ħafna aktar pressjoni fuq il-missier. Fin-novella, fi sfond ta' sitwazzjoni ekonomika miżera, il-missier jidher mgħattan bir-responsabbiltà li jipprovdi għall-familja. Il-qgħad, li huwa sħaba kontinwa fuq rasu, isir l-akbar biża' tiegħu u meta fl-aħħar jiġi l-maltemp, daqskemm huwa daqqa ta' ħarta ekonomika, huwa daqstant ieħor umiljazzjoni li twassal għal alkoħoliżmu u vjolenza domestika. Fir-rumanz, il-missier jerġa' jinżel targa oħra kif jidher f'*Leli ta' Ħaż-Żgħir* u f'*Ħelsien*. F'tal-ewwel huwa adulteru, mhuwiex kapaċi jipprovdi għall-familja u qatt ma jikseb ir-rispett ta' wliedu. Fit-tieni, biex jirnexxilu jtejjeb il-qagħda tal-familja jispiċċa jabbanduna lill-iben li tant kellu bżonn l-attenzjoni tiegħu u allura s-suċċess ekonomiku jsir qares.

Ebda protagonist tar-rumanz Modern mhu missier u dan huwa fattur li jaf jitfa' lil din il-figura fl-isfond. Madankollu, bil-kwalitajiet awtoritarji li jerġgħu jingħatawlu, xorta jħalli impatt. L-unur tal-familja, li fil-verità jirrifletti unuru aktar minn kollox, jieħu preċedenza fuq il-kuntentizza tal-ulied. Il-vjolenza hija normalizzata u huwa jinsab fuq binarji differenti minn ta' ibnu, l-antieroj. Huwa konvint minn fehmtu daqskemm il-poeti Romantiċi konvinti mill-qasma bejn dak li huwa tajjeb u dak ħażin. Għaldaqstant, huwa wieħed li jissimplifika kollox. Jista' jingħad li jirrappreżenta l-ġenerazzjoni tal-imgħoddi u minħabba f'dan jinsab f'kunflitt ma' ibnu, anki jekk dan ma jridx ix-xettru tiegħu. Huwa missier differenti ħafna minn dak li l-poeti tal-istess moviment jippreżentaw. Tabilħaqq, huma dawn il-poeti li jkomplu fejn ħallew ir-Realisti u jattakkaw l-arketip tal-missier. Meta l-missier jippreżenta lilu nnifsu f'dan l-irwol, il-poter ma jiċċelebrahx, anzi, iqisu bħala toqol żejjed fuq spallejh li jrendih vulnerabbli. Dan ma jfissirx li r-raġel u l-mara qegħdin fuq l-istess livell imma li l-missier, għall-ewwel darba, qed iberraħ id-dubji tiegħu minn taħt l-għata tas-simplifikazzjoni ta' kollox.

Sa dan iż-żmien, il-letteratura Maltija għadha ddominata minn kittieba rġiel. Lil hinn mix-xtut Maltin, fit-tieni mewġa tal-Femminiżmu, il-missier jidher bħala simbolu ewlieni tal-patrijarkat u figura fil-mira ta' attakki femminili. De Beauvoir tistqarr li huwa fl-esperjenza familjali li t-tifla tiskopri l-ġerarkija tas-sessi u, bil-mod il-mod, tibda tifhem li, minkejja li ma tħossx l-awtorità tal-missier fil-ħajja ta' kuljum, hija din l-awtorità li hija sovrana (290-291). Għad li l-omm tmexxi d-dar, it-talbiet, il-premjijiet u l-kastigi kollha jsiru f'ismu. Min-naħa tagħha, Kate Millett, fil-ġlieda tagħha kontra l-patrijarkat, tara l-familja bħala l-istituzzjoni ewlenija ta' din is-sistema u tindividwa lill-missier bħala wieħed li għandu sjieda sħiħa ta' martu u wliedu, li twassal għal abbuż fiżiku (33-35). Fil-

missier tara wkoll persuna bil-poter ekonomiku kollu f'idejh, sal-punt li l-membri l-oħra tal-familja jsiru dipendenti fuqu u b'hekk iniżżlu lilhom infushom bħala sudditi tiegħu. Iżda hawn Malta dan il-ħsieb jibqa' 'l bogħod. Il-ftit kittieba nisa ma joffru ebda attakk fuq din il-figura anzi, kemm Mary Meylak kif ukoll Doreen Micallef, fid-drabi rari li jindirizzawha, jagħmlu hekk fuq livell personali u lil missierhom pjuttost jeżaltawh. In-nixfa ta' kittieba nisa tfisser ukoll li qajla jista' jsir paragun bejn ir-rappreżentazzjoni tal-missier mill-kittieba rġiel u dawk nisa. Huwa wara l-qlib tas-seklu li l-letteratura Maltija ma tibqax iddominata minn kittieba rġiel u dan il-paragun isir possibbli.

## 7.2. Il-Missier Skont il-Prożaturi Rġiel Wara l-Qlib tas-Seklu

Fost il-prożaturi rġiel kontemporanji, il-missier huwa ħafna drabi assenti. Mal-ewwel daqqa t'għajn, dan huwa simili għal dak li naraw fil-mitoloġiji u l-Bibbja. F'*L-Odissea*, il-missier huwa assenti u, fid-dramm *Edipu s-Sultan*, il-missier lanqas biss huwa wieħed mill-personaġġi u qatt ma jinstema' leħnu direttament. Madankollu, id-dell tagħhom tqil u jfeġġ il-ħin kollu. F'*L-Odissea,* l-iben huwa tant ossessjonat b'missieru li jaqbad ġifen u jmur ifittxu u, meta sa fl-aħħar jiltaqgħu, jagħmel minn kollox biex jikseb l-approvazzjoni tiegħu. Fid-dramm ta' Sofokli, il-punt kruċjali huwa l-parriċidju li jħalli impatt irriversibbli fuq Edipu. Madankollu, fil-proża mill-kittieba rġiel tal-lum, din hija assenza differenti. Ngħidu aħna fin-novelli ta' P. Mejlak, il-missier huwa assenti billi sempliċiment ma jissemmiex, f'kuntrast mad-diversi membri tal-familji l-oħra li jissemmew qatigħ. Id-dell tiegħu huwa xi minn daqqiet dgħajjef, xi minn daqqiet ineżistenti. Fid-diversi kwadretti ta' familji bl-omm bħala l-uniku ġenitur li P. Mejlak joffri, realtà tas-soċjetà Maltija ta' dan is-seklu, il-familja tidher tibqa' għaddejja qisha mhix hi. Aktar minn hekk, meta tifel bla missier tinfetaħlu l-possibbiltà li jidħol missier

f'ħajtu, jew għall-inqas raġel fid-dar, din ma teċitahx u meta kollox jieqaf ħesrem ma jiddispjaċih xejn. L-impatt ekonomiku fuq il-familja meta l-missier huwa nieqes huwa minimu. Ma jeżisti ebda faqar bħalma naraw fin-novelli tar-Realisti, kawża tan-nuqqas tal-missier. L-omm hija kapaċi taqla' l-għajxien waħedha u dan jimmina l-importanza li l-missier kien igawdi minnha fl-imgħoddi u li, sussegwentement, kienet trendilu daqstant poter. F'Nabhan, il-missier jinsab saħansitra fid-dell tal-oħt il-kbira. Meta l-omm tkun nieqsa, il-missier, bħala l-ġenitur uniku, xorta ma jirnexxilux isir il-punt ta' referenza għall-ulied. Ħafna drabi, il-missier jinsab jaħdem 'il bogħod mid-dar daqskemm 'il bogħod mill-kwistjonijiet familjali ta' kuljum. Xogħlu limitat li jġib il-ħobża d-dar. Xi jseħħ id-dar, huwa sekondarju. Bħal fil-korp ta' P. Mejlak, kuntrarjament għal diversi membri tal-familja li jissemmew qatigħ, huwa ftit li xejn jissemma. Fir-rumanzi ta' I. Mifsud bħal *Jutta Heim, Fid-Dlam tal-Lejl Ħarisna* u *Filli Ma Tcun Xein, Filli Tithol Fl'Esistenza*, daqstant ieħor hemm missier assenti. F'*Jutta Heim,* il-missier isir l-uniku ġenitur ta' bintu fl-istess pajjiż imma dan jabdika mill-irwol patern tiegħu u jħalli lil bintu f'idejn oħtu. F'*Fid-Dlam tal-Lejl Ħarisna*, waħda mill-ommijiet lanqas biss jinteressaha min huwa missier bintha u tiddeċiedi li trabbiha waħedha f'indipendenza sħiħa minnu. F'*Filli Ma Tcun Xein*, il-missier huwa daqstant ieħor assenti. Bħal f'ħafna min-novelli ta' Nabhan, l-impatt tiegħu limitat għall-fatt li sempliċiment jaħdem biex jipprovdi għall-familja, imma kull tmiem il-ġimgħa, meta l-familja mistennija li tkun flimkien, huwa jippreferi joħroġ waħdu. Fi kliem martu huwa "raġel tajjeb," imma daqstant ieħor huwa "stramb," u bħal kif iqanqal ħsus kuntrastanti fiha, min-naħa tagħha mhijiex fidila għalkollox lejh. Huwa missier distanti, għall-inqas fir-relazzjoni ma' ibnu, li huwa n-narratur, u aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar jitbiegħdu minn xulxin.

Madankollu, jeżistu każi, partikolarment f'rumanzi ta' Nabhan u Vella Gera, li fihom l-assenza tal-missier għandha konsegwenzi gravi. F'*L-Eżodu taċ-Ċikonji*, l-iben iħoss dan in-nuqqas bħal xewka f'sidru u l-protagonista Nabil jitkellem dwarha kontinwament. Is-skiet tal-missier iqisu "velenu." Għalih, il-fatt li l-missier iqatta' ħafna ħin fil-ġnien, tant li jiddeċiedi li jibni gabuba fih biex jorqod fiha, huwa tradiment. Bħala iben, iħossu mibdul mas-siġar ta' missieru u fih jara wieħed li jaħrab mid-dover. Madankollu, ma jħossux awtonomu minnu u jara fih fatat li jidhirlu minn ħin għal ieħor. Minkejja d-distanza ta' bejniethom, bħal ħafna wlied bniet fix-xogħlijiet ta' awturi nisa, huwa jitlaq mid-dar u minn pajjiż missieru, iżda xorta jibqa' jħossu ġugarell f'idejh u jfakkar fil-filosofija tad-Determiniżmu. Minkejja li qatt ma jirfes fil-Palestina, jiret mingħand missieru t-telfa tagħha. F'*Is-Sriep Reġgħu Saru Velenużi* ta' Vella Gera, il-protagonista jġorr it-trawma tal-għajbien tal-missier tul ħajtu. Dwar dan l-għajbien, il-protagonista jistqarr, "Xokk bħal dak jibqa', tikber kemm tikber u tgħix kemm tgħix" (*Sriep* 161). Min-naħa tiegħu, bħala missier, waqt li għall-bidu jkun kemxejn assenti, maż-żmien jibda jimponi ruħu fuq ibnu, qisu biex jaċċerta ruħu li ma jkunx l-istess fatat li missieru kien għalih u fl-aħħar jaħrab miegħu lejn il-Marokk. Fin-novella "Zerafa," ta' I. Mifsud, in-nuqqas tal-għarfien tal-protagonista dwar missieru jinħass imħawwel fl-għeruq tad-diżordni tiegħu.

Dawn iżda huma eċċezzjonijiet. L-assenza tal-missier ma tinħassx daqshekk u dan iwitti t-triq biex l-awtorità xi darba assoluta tiegħu tiġi kkanċellata. Il-poter tal-missier ma għadux jittraxxendi l-ispazju u ż-żmien. Ħarsa mill-qrib tikxef li anki meta, mal-ewwel daqqa t'għajn, il-missier jidher awtorevoli, l-awtorità tiegħu hija superfiċjali. Ngħidu aħna f'I. Mifsud, missier Sara Sue Sammut jidher li għandu l-awtorità kollha f'idejh. Huwa

missier li jgħajjat, jhedded u, b'mod ġenerali, vjolenti. Imma fil-verità, ħafna drabi tgħaddi tal-omm, bħal meta irrelevantement mit-theddid tiegħu, xorta waħda tibgħat lil bintha l-iskola f'jum ta' żjara minn ministru Laburist. Il-fatt li, minkejja l-konservattiviżmu tiegħu, bintu ssir membru attiv tal-Partit Komunista, huwa daqstant ieħor tfakkira ta' kemm l-awtorità tiegħu hija biss mistħajla u kemm l-influwenza tiegħu fuq bintu hija negliġibbli. F'I. Mifsud, naraw ukoll il-ħarba mid-dar ta' Sonia, fin-novella bl-istess isem u, tal-wild f'"In-nies ta' maċ-ċint," li fihom infushom huma sfida diretta għall-awtorità tal-missier li, partikolarment f'tal-ewwel, iridhom jaħdmu għalih. Fil-memoir tal-istess awtur, l-iben jippreżenta missier patrijarkali, iżda l-awtorità tiegħu hija limitata għal ma' martu u ma tirnexxix ma' ibnu, tant li dan jitla' l-oppost tiegħu. Jekk il-missier jesiġi li ma jibkix, l-iben jibki fil-miftuħ. Fir-rumanzi tal-istess awtur, il-missier huwa dejjem assenti b'ulied li aktar milli affettwati min-nuqqas tiegħu f'ħajjithom, jgħixu f'dinja oħra minn tiegħu. F'Nabhan, għad li n-narratur darba jistqarr dwar il-missier li, "Għandu l-kultura u l-liġi u s-smewwiet u l-fildiferru u r-riħ u x-xemx kollha favurih," il-fatti juru xorta oħra (*L-Iżvijati* 242). Minkejja li f'dan l-awtur is-sens ta' determiniżmu huwa b'saħħtu, il-missier huwa ħafna drabi umiljat u jġorr it-tagħbija tat-telfa ta' niesu fuq dahru. Lil hinn mill-assenza tiegħu, li xi drabi tittraxxendi l-ispazju u ż-żmien, dan il-missier ikattar l-influwenza tiegħu fuq ibnu inkonxjament. Madankollu, din l-influwenza hija pjuttost negattiva u li x'aktarx ma jixtieqx jgħaddi fuq uliedu. Hija l-ġibda lejn il-Palestina mitlufa li jiżra' f'ibnu, it-telfa ta' ħajtu u mhux il-vittorja, telfa li la lilu u lanqas lil ibnu mhi tħallihom jgħixu b'mod sħiħ. Daqskemm ibnu jara lilu nnifsu ġugarell f'idejn missieru, jista' jingħad li huma sempliċiment żewġt irġiel maqbudin fl-istess kurrent. L-awtorità tal-missier f'Vella Gera hija daqstant ieħor suxxettibbli. Fir-rumanzi kollha tiegħu, din tidher konsistentement mistħajla. *F'Lil Hinn Mill-Jien*, il-missier qatt ma jirnexxilu jsolvi l-

każ li jqajjem plejtu fuqu u l-konklużjoni ewlenija hija missier li ma jafx lil uliedu. F'*Is-Sriep Reġgħu Saru Velenużi*, il-missier jimponi ruħu fuq ibnu u jaħrab bih lejn il-Marokk, imma ibnu jidher aljenat għalkollox minnu. Fi *Trojan*, waqt li l-missier jidher il-missier klassiku ta' dixxiplina, huwa sempliċiment deluż bħat-tnejn l-oħra fir-rumanzi preċedenti. L-iben jisfida l-awtorità tiegħu u l-uniku sentiment li jħoss lejh huwa l-istmerrija. Għalih, huwa saħanistra antimudell.

## 7.3. Il-Missier Skont il-Prożaturi Nisa Wara l-Qlib tas-Seklu

Fost il-prożaturi nisa, l-assenza tal-missier daqstant ieħor hija preżenti u, għal darba oħra, id-dell ta' din l-assenza huwa limitat. Id-differenza mill-prożaturi rġiel hija li, ħafna drabi, din l-assenza, aktar milli konsegwenza ta' tluq min-naħa tal-missier jew traġedja li twassal għal mewt bikrija, hija instigata mill-ulied, dejjem femminili, infushom. Huma l-ulied li jiddeċiedu li jitilqu mid-dar jew saħansitra mill-pajjiż. Fin-novelli ta' N. Mifsud, it-tluq tal-ulied mid-dar u saħansitra lil hinn mix-xtut Maltin jidher kemm-il darba. Daqskemm dan jista' jkun dovut għas-sens ta' avventura tal-protagonisti nisa fl-isfond hemm suġġerit li huwa xprunat mill-ħsieb li permezz tiegħu, sa fl-aħħar, se joħolqu distanza sostanzjali mid-dar familjali tagħhom. Daqskemm dan jista' jissuġġerixxi li l-ulied qed jagħtu daharhom lil familthom kollha kemm hija u mhux lill-missier biss, ifisser ukoll li l-ulied (bniet jew nisa) qegħdin jimminaw l-istituzzjoni li, kif tgħid Millett, hija l-ewlenija tal-patrijarkat. Fit-tluq tagħhom, hija partikolarment l-awtorità tal-missier li tiġi imminata. Pereżempju, f'"Requiem" ta' N. Mifsud, il-protagonista talludi għal kemm ma tiflaħx tara lil missierha jeżerċita poter assolut fuq ommha. It-tradizzjoni li l-bint tinfired mid-dar tal-ġenituri permezz ta' żwieġ approvat mill-missier biss hija sfidata. Barra minn hekk, fin-novelli tagħha, tneżża' lill-missier mill-protagoniżmu tiegħu meta,

ħafna drabi, tirreferi għalih f'rabta mal-omm, bħala parti minn koppja jew aggregazzjoni ta' somma. Is-sens ta' qtugħ jidher diversi drabi f'Vella wkoll. Ħafna novelli huma ambjentati fi bliet tat-Tramuntana tal-Ewropa u l-protagonisti, simili għal dawk ta' N. Mifsud jinħassu li jridu jitbiegħdu minn Malta u dak kollu li tirrappreżenta, fosthom id-dar familjali. Waqt li f'"Bewl u Ostji," novella ambjentata fl-imgħoddi, il-missier huwa qrib l-arketip, f'dawk ambjentati f'dan is-seklu, l-influwenza tal-missier fuq uliedu hija minima. Vella bħal tinfilza novella li permezz tal-analessi żżur l-imgħoddi biex permezz tagħha tikkuntrasta d-differenza fiż-żminijiet u kemm, maż-żmien, il-missier tilef mill-influwenza tiegħu. Imbagħad, fir-rumanz tagħha *Rokit*, li huwa ambjentat fil-futur, in-nuqqas tal-missier f'ħajjet il-protagonista jiġi relegat għall-irrelevanza. Petrel, il-protagonist, jistqarr li kulma jaf dwar missieru huwa li twieled Moska u jieqaf hemm. Qatt ma jidher jindenja ruħu jfittex dwar min huwa li jiżra' l-ewwel żerriegħa li wasslet għalih. F'*Marta Marta* naraw dar esklużiva għan-nisa mmexxija minn matrijarka. Id-dar tieħu rwol ċentrali tant li hija antropomorfizzata u lejn l-aħħar tingħata l-ispazju biex tirrakkonta ġrajjitha. Il-missier preċedenti li kien imexxi l-istess dar b'mod dittatorjali huwa ridott għal għadam midfun, simbolu tal-waqgħa tiegħu. Għalhekk, dan il-beginaġġ isir possibbli biss sforz l-eliminazzjoni tal-missier bis-saħħa ta' azzjoni meħuda minn uliedu li kienu meqjusa sudditi tiegħu.

Azzopardi, permezz tan-novelli tagħha tippreżenta kemm-il darba missier li huwa ġenitur uniku imma dan huwa antimudell għal uliedu, li kważi dejjem huma bniet. Uliedu ma jsejħulux bit-titlu tiegħu "pa" imma b'ismu u b'hekk jikkanċellawlu x-xettru li xi darba kien imprezzabbli. Xi drabi t-tluq tal-ulied mid-dell tal-missier huwa espliċitu bħal fin-novella "/No adjective describe story/," meta l-bint taqbad u titlaq mid-dar b'ta' fuqha

senduqha. Drabi oħra jkun impliċitu bħal fin-novella "Rita," li fiha l-protagonista tiddeċiedi li temigra wara li l-missier jittradiha fil-wirt u terġa' tagħtih daharha meta dan imut billi ma tattendix għall-funeral tiegħu. F'Calleja, il-protagonisti kemm-il darba jistqarru li t-tluq tal-missier permezz ta' separazzjoni jkun providenzjali għalihom. Dawn il-protagonisti jeliminaw it-tabù li xi darba kien marbut mas-separazzjoni minħabba li ż-żwieġ kien meqjus bħala sagrament perpetwu akkost ta' kważi kollox u, fil-proċess, daqstant ieħor jimminaw l-importanza tal-missier. Meta darba, f'*Lucy Min?,* il-missier jerġa' lura, ir-ritorn tiegħu ma jbiddel xejn, tant li kważi qatt ma jissemma u b'hekk jiġi kkonfermat mill-ġdid in-nuqqas tal-importanza tiegħu.

Fir-rumanz ta' N. Mifsud, il-missier huwa għalkollox fid-dell tal-omm. L-irwol tal-missier huwa limitat għal dak ekonomiku, imma kuntrarju għall-passat, dan ma jagħtihx wisq awtorità, għall-inqas fid-dawl ta' rumanz irrakkontat minn omm. L-omm tagħżel li tibqa' d-dar biex tkun qrib uliedha u hija ssir il-punt ta' referenza għalihom. Fir-rumanz ta' Azzopardi, il-missier jidher f'dawl ieħor. Huwa missier li jtella' lil bintu waħdu wara l-abbandun ta' martu u li din issejjaħlu "pops." Minkejja li dan il-missier irabbi lil bintu waħdu, mhijiex l-awtorità tiegħu li tispikka, imma l-mod kif jirnexxilu jrabbiha u jagħtiha dak kollu li s-soltu huwa mistenni esklużivament mill-omm. Huwa jinżel minn fuq it-tron u, minkejja n-nuqqasijiet tiegħu, jagħti lil bintu tfulija diċenti.

B'mod ġenerali, għad li fil-prożaturi rġiel, l-assenza tal-missier għandha sinifikat limitat, xorta jeżistu eċċezzjonijiet. Hija wkoll assenza li ħafna drabi mhix mibdija mill-ulied. Min-naħa l-oħra, fost il-prożaturi nisa, is-sinifikat tal-assenza tal-missier huwa saħansitra negliġibbli. Huma l-ulied – dejjem bniet – li jagħżlu li jitbiegħdu mill-missier

biex jaċċertaw l-assenza tiegħu f'ħajjithom, jew aħjar, biex jiddikjaraw indipendenza minnu. Kuntrarju għall-imgħoddi, meta l-ulied bniet kienu meqjusa sudditi tiegħu, illum qegħdin jeliminawh mingħajr konsegwenzi.

## 7.4. Il-Missier Skont il-Poeti Wara l-Qlib tas-Seklu

Fil-poeżija, il-poeti rġiel li jippreżentaw ruħhom bħala missirijiet ma jagħtu ebda ħjiel ta' awtorità. Anzi, jidhru jagħmlu minn kollox biex jippreżentaw ruħhom 'il bogħod minnha u saħansitra jirrifjutawha. Bħala missirijiet, I. Mifsud u Grima jippreżentaw ruħhom mingħajr ebda pretensjoni ta' sjieda fuq uliedhom, pjuttost imċekknin quddiem il-faxxinu tagħhom (li kollha subien), f'mixja biex ir-relazzjoni tagħhom ma' wliedhom tkun ekwa. L-uniku missier mis-sorsi storiċi li jidher iħalli marka fuqhom huwa missier l-iben il-ħali. Bħala missirijiet, bil-bastun proverbjali f'idejhom, kemm Grima kif ukoll I. Mifsud jidhru jridu jimxu fuq il-passi ta' M. Azzopardi, li jkun wieħed minn tal-ewwel li f'poeżiji bħal, "Lullaby lil Yevgeny," jippreżenta ruħu bħala missier fraġli u, bħalu, jaqilbu ta' taħt fuq l-arketip tal-missier. Għalihom, dak il-missier huwa antitetiku mal-valuri tagħhom. Min-naħa tiegħu, I. Mifsud jippreżenta ruħu f'kuntrast ma' missieru, kemm kif ippreżentat fil-memoir tiegħu u anki fil-ftit drabi li huwa jippreżentah fil-korp poetiku, għajr għad-difett fiżiku tiegħu. B'hekk ixejjen l-influwenza li l-missier jista' jkollu fuqu, l-akbar legat li jista' jħalli missier fuq ibnu u, min-naħa tiegħu, huwa wkoll mingħajr ebda interess li jħalli xi forma ta' influwenza fuq ibnu, anzi jibża' li din tista' ttaqqlu inġustament u jsejħilha "kalvarju" mhux mistħoqqa fuqu. Grima, bħala iben, jippreżenta missier vulnerabbli, dejjem f'sitwazzjoni prekarja f'sodda fi sptar. Huwa jagħti daqqa ta' ħarta oħra lill-awtorità tal-missier meta jikkonkretizza l-patrimonju tiegħu permezz tal-karta r-roża, il-karta tal-pazjenti b'mard kroniku.

Huwa biss Cassar li jippreżenta missier awtoritarju u b'saħħtu, simili għall-arketip. Huwa aggressiv u vjolenti, raġel mill-aktar abbużiv. Il-kburija tiegħu hija s-sors ta' dan kollu u f'għeruqha għandha n-narċissiżmu. Għad li dan il-missier jikseb id-dominanza, ma jiksibx ir-rispett ta' ibnu. Għal ibnu, huwa antimudell u dan jimmina l-influwenza tiegħu fuqu. F'ibnu jħalli legat ta' problemi psikoloġiċi, tant kbar li l-iben jiddikjara li ma jistax jaħfirlu. Il-qasma bejn it-tnejn tibqa' għaddejja anki meta l-iben jikber u, fuq kollox, ibnu jneżżagħlu t-titlu ta' missier meta jsejjaħ lil nannuh il-veru missier tiegħu.

Min-naħa tal-poeti nisa, il-missier huwa ppreżentat f'dawl differenti. Grech Ganado tippreżenta lil missierha f'dawl pjuttost pożittiv, iżda missier uliedha huwa l-kuntrarju. Hija tara fih figura li għadha b'saħħitha u li, bħala omm, tħallas għall-privileġġi li jgawdi minnhom. N. Mifsud tinjora lil missierha, qatt ma tindirizzah, qatt ma tippreżentah u f'dan is-silenzju timplika figura insinifikanti f'ħajjitha. Kuntrarjament għal diversi poeti oħra nisa tirrikonoxxi lil missier uliedha, imma tirriżerva rikonoxximent pożittiv lejh darba biss permezz ta' "Fuq Wiċċek." Barra minn hekk, bl-indifferenza lejn missierha, bħal Grech Ganado, ħafna drabi tferra' r-rabja fuq missier uliedha. Hija tiċċelebra l-maternità, bħala omm tħossha superjuri għall-missier u ma tarax fih koġenitur. Is-sehem tal-missier f'uliedha limitat għal dak iddettat min-natura. Fit-trobbija ta' wliedha, hija ġenitur indipendenti mill-missier u b'hekk ma tirrikonoxxix l-awtorità tiegħu. Ellul tqis lil missierha bħala l-antagonist tagħha. B'differenza għaż-żewġ poeti nisa oħrajn, li lil missierhom iħalluh għal riħu; Ellul, fil-missier tara figura li għadha b'saħħitha, li trid tiġġildilha. Bħalma Grech Ganado tiċċelebra l-kisba lura tad-dinjità tagħha mat-tluq ta' żewġha, Ellul tara t-telfa tiegħu bħala kisba tal-indipendenza. Hija terġa' tisqi lill-missier il-mediċina tiegħu darba oħra – meta waqt li huwa jiddikjaraha

mara b'sens ta' disprezz – tiċċelebra l-femminilità tagħha skont it-termini miktuba minnha.

Il-poeti rġiel, bħal dawk nisa, jiddikjaraw reżistenza għall-arketip tal-missier. L-irġiel jiċħdu l-awtorità marbuta mal-irwol, anke jekk tista' tinħass bħala karrotta mdendla quddiemhom. In-nisa, min-naħa tagħhom, qed ixammru l-kmiem u jopponuh bil-modi diversi tagħhom – l-indifferenza, il-konfront u, fl-aħħar mill-aħħar, permezz ta' ċelebrazzjoni tal-femminilità tagħhom li għal żmien twil kienet meqjusa bħala l-antiteżi tal-patrijarkalità.

## 7.5. Għeluq

Kollox ma' kollox, daqskemm tinħass differenza fil-preżentazzjoni tal-missier bejn il-kittieba rġiel u nisa, iż-żewġ preżentazzjonijiet mhumiex f'konfront ma' xulxin. Ma teżistix sitwazzjoni ta' naħa tiċċelebra figura u naħa oħra iżżeblaħha. Huwa veru li l-kittieba nisa huma aktar aggressivi fil-konfront tal-arketip tal-missier, imma daqstant ieħor il-kittieba rġiel qed jitbiegħdu minnu u, b'mod ġenerali, dan it-tip ta' missier jew ma għadux jeżisti, jew meta jfeġġ, jiġi attakkat. Fil-materjal analizzat f'dan l-istudju, il-missier huwa figura imminata, ma għadhiex indispensabbli bħal xi darba. Hija wkoll vulnerabbli u, waqt li tilfet ħafna mill-awtorità tagħha, hija wkoll aktar umana. Xi poeti rġiel saħansitra jagħmlu eloġju lil din il-vulnerabbiltà. Il-patrijarkalità mhijiex biss attakkata mill-forzi femminili imma saħansitra miċħuda minn dawk maskili. L-arketip qed jinbidel f'mudell antikwat li qed jitkisser u minfloku qed jinħoloq ieħor.

# Biblijografija


Abela, Josienne. "A.V. Laferla and Education: A Post-Colonial Approach." *Yesterday's Schools: Readings in Maltese Educational History,* editjat minn Ronald G. Sultana, 2001, Xirocco Publications, 2017, pp. 199-224.

Agius, Beverly. *L-Alterità fis-Sensibilità Lirika ta' Immanuel Mifsud.* 2020, L-Università ta' Malta, Teżi tal-Maġisteru.

Akcan, Gizem, et al. "Growing Up with a Cheating Father: A Qualitative Analysis of Adult Daughters' Family and Romantic Relationships." *International Journal of Systemic Therapy*, vol. 34, no. 4, 279–294. https://doi-org.ejournals.um.edu.mt/10.1080/2692398X.2023.2224715

Aloisio, David. "L-Isfidi tan-Narrattiva Kontemporanja fil-Kuntest tad-Dibattitu Kanoniku: Leli ta' Brussell." *Jiena [X'] Jien?: Is-Suġġett fin-Narrattiva Kontemporanja Maltija*, editjat minn Stephen Bonanno, Klabb Kotba Maltin, 2018, pp. 209-235.

Azzopardi, Clare. *Castillo*. Merlin Publishers, 2018.

---. "Encoding/Decoding White." *Versopolis*, 27 Aww. 2024, versopolis.com/articles/author-of-the-week/1586/encoding-decoding-white#_ftn3. Aċċessat 12 Fra. 2025.

---. *Il-Linja l-Ħadra.* Merlin Publishers, 2006.

---. *Kulħadd Ħalla Isem Warajh.* Merlin Publishers, 2014.

Azzopardi, Mario. *Demgħat tas-Silġ: 1971-1976*. Lux Press, 1975.

---. *Monokordi*. Publishers Enterprises Group, 1984.

Azzopardi, Mario, et al. *Antenni: It-Tieni Kwartett*. L-awturi, 1968.

Bacalexi, Dina. "Personal, Paternal, Patriotic: The Threefold Sacrifice of Iphigenia in Euripides' *Iphigenia in Aulis*." *Hvmanitas (Coimbra)*, vol. 68, 2016, pp. 51-76.

Badinter, Elisabeth. *The Myth of Motherhood: An Historical View of the Maternal Instinct.* Tradott minn Roger DeGaris, Souvenir Press, 1981.

Barthes, Roland. *Camera Lucida: Reflections on Photography.* Tradott minn Richard Howard, Hill and Wang, 1982.

Bergmann, Martin S. *In the Shadow of Moloch: The Sacrifice of Children and Its Impact on Western Religions.* Columbia University Press, 1992.

Bergsma, John Sietze u Scott Walker Hahn. "Noah's Nakedness and the Curse on Canaan." *Journal of Biblical Literature*, vol. 124, no. 1, 2005, pp. 25-40.

"Bible." *Encyclopædia Britannica*, Encyclopædia Britannica, inc., 28 Diċ. 2025, www.britannica.com/topic/Bible.

Bonanno, Stephen. "Inkompatibbiltà Kompatibbli?: Minn Essri-Msawwar Għal Essri-Li-Jibqa'-Jissawwar f'*L-Eżodu taċ-Ċikonji* ta' Walid Nabhan." *Jiena [X'] Jien?: Is-Suġġett fin-Narrattiva Kontemporanja Maltija*, editjat minn Stephen Bonanno, Klabb Kotba Maltin, 2018, pp. 29-56.

Bonnici, Ġużè. *Ħelsien*. 1939. Sensiela Kotba Soċjalisti, 2019.

---. *In-Novelli*. Għaqda tal-Malti – Università. 2007

Bordo, Susan. *The Male Body.* Farrar, Straus and Giroux, 2000.

Borg, Jean Paul. *Ma' Kull Qatra Semm li Sqejtna mal-Mejda: Il-Piż tal-Familja fil-Poeżija ta' Antoine Cassar*. 2021, L-Università ta' Malta, Teżi tal-Baċellerat.

Borg, Olivia. "Il-Poeżija ta' Maria Grech Ganado: Diwi ta' Leħen Femminili." *Il-Malti*, 2011, pp. 119-140.

Borg Caruana, Joanna. "Women in the Labour Market." *Quarterly Review,* 2023:2, pp. 78-92.

Briffa, Rużar. *Il-Poeżiji Miġbura*, editjat minn Oliver Friggieri. Klabb Kotba Maltin, 1983.

Buttigieg, Anton. *Anton Buttigieg, President ta' Malta, Politiku, Poeta, 1912-1983. Il-Versi Tiegħu Miġbura*. www.antonbuttigieg.com. Aċċessat 12 ta' Frar 2024.

Cachia, Marta. *Il-Manipulazzjoni tal-Lingwa f'*Gramma. 2019, L-Università ta' Malta, Teżi tal-Baċellerat.

Calleja, Lara. *Kissirtu Kullimkien.* Merlin Publishers, 2020.

---. *Lucy Min?* Merlin Publishers, 2016.

Caruana, Anton Manwel. *Ineż Farruġ*. Klabb Kotba Maltin, 2001.

Cassar, Antoine. *Bejn/Between*. Edizzjoni Skarta, 2011.

---. *Erbgħin Jum.* Ede Books, 2017.

---. *Nannu at the Kitchen Table*. Ede Books, 2020.

Cheng, Joey T., et al. "Pride, Personality, and the Evolutionary Foundations of Human Social Status." *Evolution and Human Behaviour,* vol. 31, 2010, pp. 334-347.

Chetcuti, Ġużè. *L-Isqaq.* 1971. Merlin Publishers, 1990.

Cobb, Kirsi. "Did Lot Get His Just Desserts? Trauma, Revenge, and Re-enactment in Genesis 19.30-38." *Journal for the study of the Old Testament*, vol. 47, no. 2, 2022, pp. 189-205.

Coleridge, Samuel Taylor. *Specimens of the Table Talk of the Late Samuel Taylor Coleridge*. Editjat minn Henry Nelson Coleridge, vol. 2. John Murray, 1835.

Connell, R.W. *Masculinities.* 1995. University of California Press, 2005.

De Beauvoir, Simone. *The Second Sex*. Tradott minn H.M. Parshley. 1953. Vintage, 1997.

Delaney, Carol. "The Meaning of Paternity and the Virginity Debate." *Man,* vol. 21, no. 3 (Set. 1986), pp. 494-513.

Demarco, Mattea. "*Stajna Għażilna l-Kapriċċ tal-Imħabba:" Il-Poeżija Soċjopolitika ta' Adrian Grima*. 2022, L-Università ta' Malta, Teżi tal-Baċellerat.

Edley, Nigel. *Men and Masculinity: The Basics*. Routledge, 2017.

Ellul, Leanne. *Gramma*, Merlin Publishers, 2015.

---. *L-Inventarju tal-Kamra l-Kaħla*. Merlin Publishers, 2020.

Ellul, Leanne, et al. *Bjuda.* Aġenzija Żgħażagħ, 2022.

Ellul Mercer, Ġużè. *Leli ta' Ħaż-Żgħir*. 1938. Klabb Kotba Maltin, 2010.

---. *Il-Kitbiet Miġbura: L-Ewwel Ktieb: Novelli Soċjali u Kitbiet Oħra*, editjat minn Ġużè Cassar Pullicino. Klabb Kotba Maltin, 1985.

Engels, Freidrich. *The Origin of the Family, Private Property and the State*. 1884. Penguin, 2010.

Ernaux, Annie. *A Man's Place*. Tradott minn Tanya Leslie, 1992. Fitzcarraldo Editions, 2022.

---. *Shame.* Tradott minn Tanya Leslie, 1998. Fitzcarraldo Editions, 2023.

Farley, Melissa. "Preface: Prostitution, Trafficking, and Traumatic Stress." *Prostitution, Trafficking, and Traumatic Stres*s, editjat minn Melissa Farley, Routledge, 2004, pp. xi-xxii.

Fenech, Victor. *Il-Poeżiji*. Klabb Kotba Maltin, 2011.

Franco, Zeno E., et al. "Heroism: A Conceptual Analysis and Differentiation Between Heroic Action and Altruism." *Review of General Psychology*, vol. 15, no. 2, 2011, pp. 99–113.

Friggieri, Oliver. *Dun Karm: Studji ta' Oliver Friggieri*, editjat minn Toni Cortis. 1989, L-editur, 1993.

---. *Il-Gidba.* 1984. Klabb Kotba Maltin, 2019.

---. "Il-Mixja Poetika ta' Achille Mizzi." *Poeżiji: Achille Mizzi,* editjat minn Toni Cortis, Mireva Publications, 1993.

---. *L-Istramb.* 1980. Merlin Library, 1993.

---*. Poeżiji.* Mireva Publications, 1998.

Gilmore, David D. "Introduction: The Shame of Dishonour." *Honor and Shame and the Unity of the Mediterranean*, editjat minn David D. Gilmore, American Anthropological Association, 1987, pp. 2-21.

Grech Ganado, Maria. *Cracked Canvas.* Edizzjonijiet Emma Delezio, 2005.

---. *Framed.* Merlin Publishers, 2018.

---. *Iżda Mhux Biss.* L-awtriċi, 1999.

---. *Ribcage.* Minima Publishers, 2003.

---. *Skond Eva.* L-awtriċi, 2001.

---. *Taħt il-Kpiepel t'Għajnejja.* Klabb Kotba Maltin, 2014.

---. *The Bell.* Kotba Calleja, 2023.

Green, André. "The Construction of the Lost Father." *The Dead Father: A Psychoanalytic Inquiry,* editjat minn Lila J. Kalinich u Stuart W. Taylor, Routledge, 2009.

Grima, Adrian. "A Village for an Island: Malta in Frans Sammut's novel *Samuraj.*" *Humanitas*, vol. 1, 1999, pp. 65-78.

---. *Daħlet ix-Xilep: Kontralimerikki tal-Pandemija*. Klabb Kotba Maltin, 2023.

---. "Dark Sides – Censorship in Malta." adriangrima.org, 31 Mar 2011, https://adriangrima.org/2011/03/31/dark-sides-censorship-in-malta/. Aċċessat 26 Ġun. 2024.

---. "*Il-Linja l-Ħadra,* Jew il-Konfini tar-Rakkont Tagħha." *Il-Linja l-Ħadra,* minn Clare Azzopardi, Merlin Publishers, 2006, pp. 7-12.

---. *Klin u Kapriċċi Oħra*. Klabb Kotba Maltin, 2015.

---. *Rakkmu*. 2006. Klabb Kotba Maltin, 2007.

---. "Skizzi għal Ibni." adriangrima.org, 25 Nov. 2021, https://adriangrima.org/2021/11/25/skizzi-ghal-ibni/. Aċċessat 16 Ott. 2024.

---. "The Idealized Nation-Mother of the Romantics and the Status Quo." *Symposia Melitensia*, vol. 5, 2008, pp. 126-138.

Gupte, Manisha. "The Concept of Honour: Caste Ideology and Patriarchy in Rural Maharashtra." *Economic and political weekly*, vol. 48 (18), 2013, pp. 72-81.

Gvern ta' Malta. *Census of the Maltese Islands*. 1932.

Għaqda Biblika Maltija. *Il-Bibbja bil-Malti.* https://bible.mt/. Aċċessat 2 ta' Jannar 2024.

Henrich, Joseph, u Francisco Gil-White. "The Evolution of Prestige." *Evolution and Human Behaviour*, vol. 22, 2022, pp. 165-196.

Hesiod. *Theogony, Works and Days, Shield.* Tradott minn Apostolos N. Athanassakis. The John Hopkins University Press, 2004.

Hochschild, Arlie. *The Second Shift: Working Families and the Revolution at Home.* 1989. Penguin Books, 2012.

hooks, bell. *The Will to Change. Washington Square Press, 2004.*

Johnson, Miriam. *Strong Mothers, Weak Wives: The Search for Gender Equality*. University of California Press, 1988.

Jorgensen Itnyre, Cathy. "The Emotional Universe of Medieval Icelandic Fathers and Sons." *Medieval Family Roles: A Book of Essays*, editjat minn Cathy Jorgensen Itnyre, Garland Publishing, 1996, pp. 173-196.

Juffer, Jane. *The Emergence of the Domestic Intellectual.* New York University Press, 2006.

Kabesh, Amal Treacher. *Postcolonial Masculinities: Emotions, Histories and Ethics*. Routledge, 2013.

Katz Rothman, Barbara. "Daddy Plants a Seed: Personhood Under Patriarchy." *Hastings Law Journal,* vol. 47, no. 4, 1996, pp. 1241-1248.

Kennedy, David. *Elegy*. Routledge, 2007.

Knighthen, S.R. "*Like Father, Like Son*? Reading & Rereading Homer's *Odyssey* in Daniel Mendelsohn's *An Odyssey*." *Classical World*, vol. 116, no. 1, 2022, John Hopkins University Press, pp. 51-73.

Koning, Hugo. "Hesiod." *Studies in Ancient Greek Narrative*, vol. 411, editjat minn Koen De Temmerman u Evert van Emde Boas, Brill, 2017, pp. 46-63.

Larkin, Maurice. *Men and Society in Nineteenth Century Realism: Determinism and Literature.* The Macmillan Press Limited, 1977.

Lakoff, George. "Metaphor, Morality and Politics, Or, Why Conservatives Have Left Liberals in the Dust." *Social Research,* vol. 62, no. 2, 1995, pp. 178-213.

"Life Expectancy." *Worldometer*, 2024, www.worldometers.info/demographics/life-expectancy/. Aċċessat 20 ta' Frar 2024.

Lenhof, Kent R. "Kinship and Twinship in Jacob and Esau." *Medieval & Renaissance drama in England*, vol. 32, 2019, pp. 115-141.

Levenson, Jon D. *The Death and Resurrection of the Beloved Son: The Transformation of Child Sacrifice in Judaism and Christianity*. Yale University Press, 1995.

Matar, Hisham. *The Return*. Penguin, 2017.

Mangion, Solana. *"Dirgħajk rotob dejjem wennsuni": L-Esperjenza Materna Skont Poetessi Maltin*. 2024, L-Università ta' Malta, Teżi tal-Baċellerat.

McMahon, James V. "Atli the Dog in the Atlakviða." *Scandinavian Studies*, Spring 1991, vol. 63, no. 2, pp. 187-198.

McCarthy, Gerard, u Alan Taylor. "Avoidant Ambivalent Attachment Style as a Mediator between Abusive Childhood Experiences and Adult Relationship Difficulties." *Journal of Child Psychology and Psychiatry*, vol. 40, no. 3, 1999, pp. 465-477

Mejlak, Pierre J. *Dak Li l-Lejl Iħallik Tgħid.* Merlin Publishers, 2011.

---. Qed Nistenniek Nieżla max-Xita. Merlin Publishers, 2009.

Meylak, Mary. *Villa Meylak: Ġonna ta' Kulħadd*. L-awtriċi. 1947.

Micallef, Bernard. "Ir-Ritmi tal-Interruzzjoni fil-Lirika ta' Oliver Friggieri." *Mill-Petali ta' Ħajtek: Kitbiet f'Ġieħ Oliver Friggieri,* editjat minn John P. Borg, Klabb Kotba Maltin, 2018, pp. 385-407.

---. "It-Tiswir Reċiproku tal-Jien u d-Dinja fir-Rakkonti ta' Pierre J. Mejlak." *Jiena [X'] Jien?: Is-Suġġett fin-Narrattiva Kontemporanja Maltija*, editjat minn Stephen Bonanno, Klabb Kotba Maltin, 2018, pp. 93-118.

Micallef, Doreen. *Doreen Micallef: Il-Poeżiji*, editjat minn Victor Fenech. L-Akkademja tal-Malti, 2015.

Mifsud, Immanuel. *Fid-Dlam tal-Lejl Ħarisna.* Klabb Kotba Maltin, 2016.

---. *Filli Ma Tcun Xein, Filli Tithol Fl'Esistenza.* Klabb Kotba Maltin, 2024.

---. *Fl-Isem tal-Missier (u tal-Iben).* 2010. Klabb Kotba Maltin, 2022.

---. *Għażiż Ġismi*. Klabb Kotba Maltin, 2023.

---. *Ħuta*. Klabb Kotba Maltin, 2016.

---. "Jien, Ir-Raġel: Kumment dwar il-Maskulinità u l-Imħabba Romantika fix-Xogħol ta' Louis Briffa." *Leħen il-Malti,* vol. 38, 2019, pp. 75-83.

---. "'Jien Mara": Il-Poeżija bħala Stqarrija Politika." *Kantuniera 'l Bogħod*, minn Nadia Mifsud, Skarta, 2015, pp. 12-17.

---. *Jutta Heim*. Klabb Kotba Maltin, 2014.

---. *Kimika.* Klabb Kotba Maltin, 2005.

---. *L-Aqwa Żmien.* Klabb Kotba Maltin, 2019.

---. *Madwar Sagħtejn u Nofs 'Il Bogħod mill-Ġenna.* Klabb Kotba Maltin, 2019.

---. *Penelopi Tistenna.* Klabb Kotba Maltin, 2013.

---. "Post 90 – Fuq Qatel – Leanne Ellul." *Post 90*, 8 Mar 2022, https://soundcloud.com/immanuel-mifsud/03-post90-fuq-qatel-leanne-ellul. Aċċessat 1 ta' Frar 2025.

---. "Post 90 – Mostar – Adrian Grima." *Post 90*, 20 Mar 2022, https://soundcloud.com/immanuel-mifsud/05-post-90-mostar-adrian-grima. Aċċessat 15 Ott. 2024.

---. *Qabel il-Klabb.* Klabb Kotba Maltin, 2022.

---. *Stejjer li Ma Kellhomx Jinkitbu.* Klabb Kotba Maltin, 2008.

Mifsud, Nadia. *Ir-Rota Daret Dawra (Kważi) Sħiħa*. Merlin Publishers, 2017.

---. *Kantuniera 'L Bogħod*. Edizzjoni Skarta, 2015.

---. *Varjazzjonijiet tas-Skiet.* Ede Books, 2021.

---. *Żifna f'Xifer l-Irdum.* Merlin Publishers, 2021.

---. *Żugraga.* L-awtriċi, 2019.

Millett, Kate. *Sexual Politics.* Avon Books, 1971.

Morgan, April, u Paul Schrodt. "Person-Centered Messages, Attributions of Responsibility, and the Willingness to Forgive Parental Infidelity." *Communication Studies,* vol. 1, no. 1, 2019, pp. 79-98.

Murnaghan, Shiela. *Disguise and Recognition in the Odyssey.* 2ni ed., Lexington Books, 2011.

Muscat Azzopardi, Ġużè. *Toni Bajjada*. Klabb Kotba Maltin, 2001.

---. *Viku Mason* u *Susanna*. Klabb Kotba Maltin, 2004.

Nabhan, Walid. *L-Eżodu taċ-Ċikonji.* Klabb Kotba Maltin, 2013.

---. *L-Iżvijati.* Klabb Kotba Maltin, 2017.

---. *Lura d-Dar u Ġrajjiet Oħra li Ma Ġrawx.* Klabb Kotba Maltin, 2009.

---. *Leħen tal-Fuħħar u Stejjer Oħra.* Klabb Kotba Maltin, 2012.

Olley, Katherine Marie. "Co-Presence and Consumption: Eating Kin(ship) In Old Norse." *JEGP, Journal of English and Germanic Philology*, vol. 120, no. 4, 2021, pp. 490-515.

---. *Kinship in Old Norse Myth and Legend*. D.S. Brewer, 2022.

Omeru. *L-Odissea.* Tradott minn Victor Xuereb. Ministeru tal-Edukazzjoni, 1989.

O'Reilly, Andrea. *Matricentric Feminism: Theory, Activism, and Practice.* Demeter Press, 2016.

Papa Ljun XIII. *Rerum Novarum – Ittra Enċiklika*. laikos.org/Lxiii_rerum-novarum_15051891.htm Aċċessat 1 ta' Frar 2024.

Patton, Kimberly Christine. *Religion of the Gods: Ritual, Paradox, and Reflexivity*. Oxford University Press, 2009.

Power, Nina. *What Do Men Want: Masculinity and its Discontents.* Penguin, 2023.

Perry, Grayson. *The Descent of Man*. Penguin, 2017.

Psaila, Dun Karm. *Dun Karm: Il-Poeżiji Miġbura*, editjat minn Oliver Friggieri. Klabb Kotba Maltin, 1980.

Recalcati, Massimo. *The Mother's Hands: Desire, Fantasy and the Inheritance of the Maternal.* Tradott minn Alice Kilgarriff. Polity, 2019.

---. *The Night in Gethsemane: On Solitude and Betrayal.* Tradott minn Ann Goldstein. Europa Compass, 2020.

---. *The Son's Secret: From Oedipus to the Prodigal Son.* Tradott minn Alice Kilgarriff. Polity, 2020.

---. *The Telemachus Complex: Parents and Children after the Decline of the Father.* Tradott minn Alice Kilgarriff. Polity, 2019.

Repeckaite, Daiva. "Love (in) letters." *THINK Magazine*, 21 Ott. 2019, thinkmagazine.mt/love-in-letters/. Aċċessat 20 Set. 2024.

Rich, Adrienne. *Of Woman Born: Motherhood as Experience and Institution.* 1986. W.W. Norton & Company, 1995.

Rietz, John. "The Father as Muse in Sylvia Plath's Poetry." *Women's Studies*, vol. 36, no. 6, 2007, pp. 417-430.

Risman, Barbara J. "'Can Men 'Mother'? Life As A Single Father." *Family Relations*, vol. 35, no. 1, 1986, pp. 95-102.

Ross, John Munder. "Oedipus Revisited: Laius and the 'Laius Complex.'" *The Psychoanalytic Study of the Child*, vol. 37, 1982, pp. 169-200.

Sacco, Francesca. "*O mħabba!" Il-Poeżiji ta' Victor Fenech Dwar l-Imħabba*. 2021, L-Università ta' Malta, Teżi tal-Baċellerat.

Saliba, Kelly. *Il-Kwalitajiet Emerġenti fin-Novella Maltija tal-Bidu tas-Seklu Wieħed u Għoxrin*. 2023, L-Università ta' Malta, Teżi ta' Maġisteru.

Sammut, Frans. *Il-Gaġġa.* 1971. Klabb Kotba Maltin, 2003.

---. *Samuraj.* 1975. Merlin Library, 1991.

Schwartz, Susan E. *The Absent Father Effect on Daughters: Father Desire, Father Wounds.* Routledge, 2021.

Sciberras, Philip. *Mandala*. 1984. L-awtur, 1989.

Serracino-Inglott, Erin. *Il-Miklem Malti*, vol. 6, M-O. Klabb Kotba Maltin, 1979.

Silverman, Kaja. *Male Subjectivity at the Margins.* Routledge, 1992.

Sofokli. *Oedipus Rex*. Tradott minn David Mulroy. The University of Winsconsin Press, 2011.

Spiteri, Rebecca. *Doreen Micallef: Il-Mara, Il-Kittieba.* 2010, L-Università ta' Malta, Teżi tal-Baċellerat.

Sprinchorn, Evert. "Syphilis in Ibsen's *Ghosts*." *Ibsen Studies*, *4*(2), pp. 191–204.

Stark, Christine u Carol Hogdson. "Sister Oppressions: A Comparison of Wife Battering and Prostitution." *Prostitution, Trafficking, and Traumatic Stres*s, editjat minn Melissa Farley, Routledge, 2004, pp. 17-32.

Tabone, Carmel. "The Maltese Family in the Context of Social Change*." Maltese Society: A Sociological Inquiry*, editjat minn Ronald G. Sultana u Godfrey Baldacchino, Mireva, 1994, pp. 229-252.

The Edda of Saemund the Learned. *The Poetic Edda*. Tradott minn Benjamin Thorpe. The Northvegr Foundation Press, 2004.

Trible, Phyllis. *Texts of Terror: Literary-Feminist Readings of Biblical Narratives.* Fortress Press, 2022.

Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, Malta. *Census of Population and Housing 2021: Final Report.* 2024, nso.gov.mt, https://nso.gov.mt/wp-content/uploads/volume3-Census-of-Population-2021.pdf.

---. *Census of Population and Housing 2021: Volume 1.* 2023, nso.gov.mt, https://nso.gov.mt/wp-content/uploads/Census-of-Population-2021-volume1.pdf.

Vassallo, Karmenu. *Tnemnim: Ġabra ta' Versi.* Empire P., 1970.

Vella, Loranne. "Il-Prezz tat-Tkissir." *L-Antoloġija tal-Letteratura Mqarba*, editjat minn Mark Camilleri, Dar Camilleri, 2022, pp. 201-213.

---. *Marta Marta*. Ede Books, 2022.

---. *Mill-Bieb 'il Ġewwa.* Ede Books, 2019.

---. *Rokit.* Merlin Publishers, 2017.

Vella, Mark. "'Jista' Jmur Jiffonda': Ultras u d-Dlamijiet tas-Soċjetà Maltija mal-Millenju." *L-Antoloġija tal-Letteratura Mqarba*, editjat minn Mark Camilleri, Dar Camilleri, 2022, pp. 137-151.

---. *L-Ideoloġija tan-Novella Maltija*. 2001, L-Università ta' Malta, Teżi tal-Maġisteru.

Vella Gera, Alex. *Is-Sriep Reġgħu Saru Velenużi.* Merlin Publishers, 2012.

---. "Li Tkisser Sewwi." *L-Antoloġija tal-Letteratura Mqarba*, editjat minn Mark Camilleri, Dar Camilleri, 2022, pp. 195-199.

---. *Lil Hinn mill-Jien: Kummiedja għall-Familja Kollha.* L-awtur, 2009.

---. "My Side of the (Obscene) Story." *Times of Malta*, 17 Fra. 2012, https://timesofmalta.com/article/My-side-of-the-obscene-story.407170#cta_comments. Aċċessat 26 Ġun. 2024.

---. *Trojan*. Klabb Kotba Maltin, 2015.

Weineck, Maria-Silke. "The Laius Syndrome or the Ends of Political Fatherhood." *Cultural Critique*, vol. 74, 2010, pp. 131-146.

---. *The Tragedy of Fatherhood.* Bloomsbury, 2014.

Wettinger, Godfrey. "The Arabs in Malta." *Malta: Studies of its Heritage and History,* editjat minn Peter Serracino Inglott, Mid-Med Bank, 1986, pp. 87-104.

Zammit, Anna. "L-Aspett Femminista, l-Aspett Femminili u l-Femminilità *f'Kulħadd Ħalla Isem Warajh*." *Jiena [X'] Jien?: Is-Suġġett fin-Narrattiva Kontemporanja Maltija*, editjat minn Stephen Bonanno, Klabb Kotba Maltin.

Zukav, Gary, u Linda Francis. *The Heart of the Soul: Emotional Awareness.* Free Press, 2002.